# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 374

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

16 ta' Settembru 2021


Werrej


I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

**Il-562 Sessjoni Plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Interactio, 7.7.2021–8.7.2021**

2021/C 374/01 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Trasport intermodali u loġistika multimodali — il-modi tat-trasport isiru komplementari għall-ekoloġizzazzjoni tat-trasport" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . . . 1

2021/C 374/02 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Nisfruttaw l-opportunitajiet ekonomiċi u soċjali tad-diġitalizzazzjoni u ntejbu t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija, speċjalment tal-SMEs, b'enfasi fuq l-intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem u d-*data*" (Opinjoni esploratorja) . . . . . 6

2021/C 374/03 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Intejbu l-livell tal-inklużività, is-sigurtà u l-affidabbiltà tad-diġitalizzazzjoni għal kulħadd" (Opinjoni esploratorja) . . . . . 11

2021/C 374/04 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Tagħlim għall-adulti" (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Slovena) . . . . . 16

III *Atti preparatorji*

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

**Il-562 Sessjoni Plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Interactio, 7.7.2021–8.7.2021**

2021/C 374/05 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" *(COM(2021) 118 final)* . . . . . 22

2021/C 374/06 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (riformulazzjoni)" *(COM(2021) 85 final — 2021/0045 (COD))* . . . . . 28


MT

| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 374/07 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar strateġija ta' finanzjament ġdida għall-finanzjament tan-NextGenerationEU" *(COM(2021) 250 final)* | 33 |
| 2021/C 374/08 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il- "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" *(COM(2021)102 final)* | 38 |
| 2021/C 374/09 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030" *(COM(2021) 101 final)* | 50 |
| 2021/C 374/10 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill — L-istabbiliment ta' Garanzija Ewropea għat-Tfal *(COM(2021) 137 final)* — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal *(COM(2021) 142 final)* | 58 |
| 2021/C 374/11 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta' Azzjoni għas-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża, u spazjali" *(COM(2021) 70 final)* | 66 |
| 2021/C 374/12 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva" *(COM(2021) 66 final)* | 73 |
| 2021/C 374/13 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar — Aġenda Ġdida għall-Mediterran)" *(JOIN/2021/2 final)* | 79 |
| 2021/C 374/14 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima — L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima" *(COM(2021) 82 final)* | 84 |

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## IL-562 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW — INTERACTIO, 7.7.2021–8.7.2021

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Trasport intermodali u loġistika multimodali — il-modi tat-trasport isiru komplementari għall-ekoloġizzazzjoni tat-trasport"

**(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2021/C 374/01)

Relatur: **Stefan BACK**

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 25.3.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura |
| | Opinjoni fuq inizjattiva proprja |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 24.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 7.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni | |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | 230/0/6 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Soluzzjoni vijabbli fit-tul għall-iżvilupp ta' trasport u loġistika multimodali effiċjenti u sostenibbli tista' tinkiseb biss billi jiġu indirizzati l-problemi li jagħmlu t-trasport multimodali aktar għali, aktar bil-mod u inqas affidabbli minn trasport unimodali bit-triq, b'mod partikolari. Hija ma tistax tinbena bil-promozzjoni finanzjarja jew bl-appoġġ regolatorju.

1.2. Dan it-tip ta' approċċ ikun ukoll effiċjenti fir-riżorsi minn perspettiva regolatorja, peress li ma jkun meħtieġ l-ebda qafas regolatorju ddedikat.

1.3. Sabiex jittejjeb it-traffiku multimodali, il-KESE jirrakkomanda wkoll, minbarra l-innovazzjoni teknika u soluzzjoni għall-problemi ta' kompetittività, internalizzazzjoni sħiħa tal-ispejjeż esterni tal-modi kollha tat-trasport sabiex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi. Il-KESE jappella wkoll għal miżuri serji għas-salvagwardja u/jew it-tnedija mill-ġdid ta' sistema Ewropea ta' tagħbija ta' vaguni singoli, rabta tal-infrastruttura strateġika (eż. portijiet) mas-soluzzjonijiet ferrovjarji, investimenti fis-sidings industrijali, u l-involviment ta' kumpaniji kbar tal-loġistika f'riorjentazzjoni modali tal-flussi tagħhom.

1.4. Sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta bejn il-modi tat-trasport, il-KESE jirrakkomanda mġiba soċjalment eżemplari mill-modi kollha tat-trasport sabiex jiġu żgurati servizzi tat-trasport ta' kwalità għolja, impjiegi ta' kwalità għolja u kundizzjonijiet soċjali tajbin bil-għan li jinkisbu kundizzjonijiet ekwi għall-atturi kollha tas-suq.

1.5. Il-problemi ta' bħalissa marbuta mat-trasport multimodali huma – minbarra l-ispejjeż addizzjonali minħabba t-trasbord u l-ispejjeż addizzjonali tat-tranżazzjoni – żvantaġġi bħal żminijiet twal ta' konsenja, kumplessità, riskju ogħla u affidabbiltà aktar baxxa, li jagħmluha aktar diffiċli biex tiġi żviluppata l-multimodalità.

1.6. Għalhekk, huma meħtieġa miżuri biex it-trasport tal-merkanzija multimodali jsir kompetittiv minnu nnifsu, sabiex jinkisbu flussi ta' trasport tal-merkanzija multimodali effiċjenti u bla xkiel bl-istess prezz tat-trasport unimodali.

1.7. Hemm ukoll il-ħtieġa li s-settur ferrovjarju jiġi adattat aħjar għall-kuntest ta' suq miftuħ u jindirizza l-problemi minħabba n-nuqqas ta' puntwalità, affidabbiltà, prevedibbiltà u flessibbiltà, li għandhom impatt negattiv fuq soluzzjonijiet multimodali li jinvolvu l-ferroviji.

1.8. Fir-rigward tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma intern, jidher li huwa meħtieġ titjib fir-rigward tal-kapaċità tat-trasport transfruntier.

1.9. Infrastruttura tat-terminals adegwata hija essenzjali biex l-intermodalità tkun ta' suċċess. Bħala kwistjoni ta' effiċjenza fir-riżorsi, ikun utli wkoll jekk l-Istati Membri jaqblu li jikkollaboraw dwar l-ippjanar ta' infrastruttura tat-terminals fir-reġjuni tal-fruntiera. Id-distanza bejn it-terminals għandha tiġi adattata għad-domanda, id-densità tan-network u kundizzjonijiet lokali oħra.

1.10. Fir-rigward tad-dejn pubbliku, il-KESE jirrakkomanda li l-investiment pubbliku fl-infrastruttura intermodali jkun eżentat mid-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir lil hinn mill-kriżi tal-COVID-19.

1.11. Huwa importanti għal multimodalità li tiffunzjona tajjeb li r-regolamenti dwar, pereżempju, l-immaniġġjar ta' merkanzija perikoluża bejn il-modi differenti jkunu konsistenti, u li jiġu solvuti kwistjonijiet regolatorji u prattiċi oħra li jistgħu jikkawżaw diffikultajiet fl-interfaċċa bejn il-modi jew fit-trasport bejn l-Istati Membri.

1.12. Għadd ta' problemi li jfixklu t-trasport intermodali jistgħu jiġu solvuti permezz ta' soluzzjonijiet diġitali intelliġenti bħal possibbiltajiet ta' traċċar u rintraċċar u soluzzjonijiet diġitali oħra li jiffaċilitaw il-ġestjoni effettiva tal-flussi tat-trasport multimodali.

1.13. Ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija se jiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni regolatorja bejn l-operaturi u l-awtoritajiet fuq pjattaformi diġitali minn Awwissu 2024 'il quddiem u se jtejjeb il-fluss tat-trasport intermodali.

1.14. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tqis is-suġġerimenti ta' hawn fuq meta tfassal ir-rieżami li jmiss tal-qafas regolatorju għat-trasport intermodali u tippermetti li t-trasport multimodali jaqdi r-rwol sħiħ tiegħu fis-sistema tat-trasport, mingħajr miżuri ta' appoġġ dedikati.

## 2. **Kuntest**

2.1. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti (COM(2020) 789) tindika li, biex tiġi appoġġjata l-ekoloġizzazzjoni tal-operazzjonijiet tal-merkanzija fl-Ewropa, il-qafas eżistenti għat-trasport intermodali jeħtieġ tiġdid sostanzjali u jrid jinbidel f'għodda effettiva. Hija tidentifika l-ħtieġa li jiġi rieżaminat il-qafas regolatorju, inkluża d-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat (id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE [2], minn hawn 'il quddiem id-Direttiva), u l-għażla li jiġu introdotti inċentivi ekonomiċi kemm għall-operazzjonijiet kif ukoll għall-infrastruttura. L-inċentivi għandhom ikunu bbażati fuq il-monitoraġġ tal-emissjonijiet.

---

(1) Ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33).

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

2.2. Il-qofol tal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti hija tnaqqis ta’ 90 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett ta’ serra sal-2050. It-trasport multimodali jaqdi rwol importanti fl-istrateġija, li għandha l-għan li tiżgura interazzjoni ottimizzata tal-modi mil-lat ambjentali, inkluż it-tnaqqis tal-predominanza tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

2.3. L-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tenfasizza wkoll l-importanza tal-loġistika multimodali, inkluż f’żoni urban, tissottolinja l-ħtieġa għal ippjanar effiċjenti biex jiġu evitati vjaġġi vojta, u tindika l-ħtieġa li l-merkanzija tiġi inkluża fl-ippjanar tal-mobbiltà urbana.

2.4. L-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tindika wkoll il-problema tan-nuqqas ta’ infrastruttura tat-trasbord, inklużi terminals multimodali interni, u l-ħtieġa li jittejbu t-teknoloġiji tat-trasbord, inkluż l-iskambju multimodali tad-data u s-sistemi intelliġenti tal-ġestjoni tat-traffiku fil-modi kollha. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tagħmel il-finanzjament disponibbli u li torjenta l-politiki, inklużi dawk dwar ir-riċerka u l-iżvilupp, biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet. Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ferroviji jistgħu wkoll ikunu utli f’dan ir-rigward.

2.5. Fil-Pjan ta’ Azzjoni li jakkumpanja l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, il-Kummissjoni tippjana li fl-2022 twettaq rieżami tal-qafas regolatorju għat-trasport intermodali, inkluża d-Direttiva.

2.6. Fi proposta tal-2017, (COM(2017) 648), il-Kummissjoni pproponiet emendi għad-Direttiva li jenfasizzaw il-ħtieġa għal koordinazzjoni aħjar tal-Istati Membri fil-qasam tal-bini ta’ terminals intermodali u diversi semplifikazzjonijiet amministrattivi, iżda wkoll li tinżamm il-ħtieġa għal approċċ promozzjonali li jinkludi regoli dedikati dwar l-aċċess għas-suq, b’mod partikolari fir-rigward tal-parti tal-vjaġġ li ssir bit-triq. Matul il-proċess leġiżlattiv saru bidliet konsiderevoli għall-proposta u għalhekk il-Kummissjoni għażlet li tirtiraha.

2.7. Madankollu, permezz tar-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li emenda r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), l-Istati Membri ngħataw il-possibbiltà li jiddevjaw mir-regoli ddedikati dwar l-aċċess għas-suq għall-parti tal-vjaġġ li ssir bit-triq u japplikaw regoli ordinarji dwar il-kabotaġġ.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Soluzzjoni vijabbli fit-tul għall-iżvilupp ta’ trasport u loġistika multimodali effiċjenti u sostenibbli tista’ tinkiseb biss billi jiġu indirizzati l-problemi li jagħmlu t-trasport multimodali aktar għali, aktar bil-mod u inqas affidabbli minn trasport unimodali bit-triq, b’mod partikolari. Hija ma tistax tinbena bil-promozzjoni finanzjarja jew bl-appoġġ regolatorju.

3.2. Dan it-tip ta’ approċċ jagħmilha possibbli wkoll li ma jkunx hemm regoli kumplessi li jiddefinixxu t-trasport ikkombinat jew multimodali, u li jiżguraw li l-operaturi jkunu intitolati għal appoġġ finanzjarju u regoli dedikati dwar l-aċċess għas-suq. Għalhekk dan ikun ukoll effiċjenti fir-riżorsi minn perspettiva regolatorja.

3.3. Sabiex jittejjeb it-traffiku multimodali, il-KESE jirrakkomanda, minbarra l-innovazzjoni teknika u soluzzjoni għall-kompetittività, internalizzazzjoni sħiħa tal-ispejjeż esterni tal-modi kollha tat-trasport sabiex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi. Il-KESE jappella wkoll għal miżuri serji għas-salvagwardja u/jew it-tnedija mill-ġdid ta’ sistema Ewropea ta’ tagħbija ta’ vaguni singoli, rabta tal-infrastruttura strateġika (eż. portijiet) mas-soluzzjonijiet ferrovjarji, investimenti fis-sidings industrijali, u l-involviment ta’ kumpaniji kbar tal-loġistika f’riorjentazzjoni modali tal-flussi tagħhom.

3.4. Sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta bejn il-modi tat-trasport, il-KESE jirrakkomanda mġiba soċjalment eżemplari mill-modi kollha tat-trasport sabiex jiġu żgurati servizzi tat-trasport ta’ kwalità għolja, impjiegi ta’ kwalità għolja u kundizzjonijiet soċjali tajbin bil-għan li jinkisbu kundizzjonijiet ekwi għall-atturi kollha tas-suq.

(3) Ir-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 17).

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

3.5. Il-KESE jenfasizza li ħaddiema tas-sengħa u motivati u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin huma prerekwiżit importanti għall-evoluzzjoni b'suċċess tat-trasport multimodali. Il-KESE jappella għal rieżami tar-regoli dwar l-istazzjonar sabiex titqies is-sitwazzjoni ta' persunal ferrovjarju mobbli ħafna. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda regolamenti sempliċi, ċari u verifikabbli u sistema adegwata ta' monitoraġġ tal-konformità biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti (taħriġ, sigħat tax-xogħol u perjodi ta' mistrieħ, livell tal-lingwa, paga, saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, faċilitajiet sanitarji moderni, akkomodazzjoni għal billejl adegwata, eċċ.) għall-ħaddiema kollha tat-trasport biex jiġu żgurati s-saħħa u l-kompetizzjoni ġusta.

3.6. Il-problemi marbuta mat-trasport multimodali huma – minbarra l-ispejjeż addizzjonali minħabba t-trasbord u l-ispejjeż addizzjonali tat-tranżazzjonijiet – żvantaġġi bħal żmien twil ta' konsenja, kumplessità, riskju ogħla u affidabbiltà aktar baxxa. Dawn jagħmluha aktar diffiċli biex tiġi żviluppata l-multimodalità.

3.7. Studju reċenti ([5]) juri differenza konsiderevoli fl-ispejjeż bejn soluzzjonijiet unimodali (triq biss) u dawk intermodali. L-ispejjeż addizzjonali jirriżultaw mix-xogħol addizzjonali involut fl-organizzazzjoni tat-trasport multimodali (EUR 50-EUR 100 għal kull konsenja), ħinijiet itwal ta' tranżitu (li jvarjaw minn 4 sigħat sa 120 siegħa) b'medja ta' 25 siegħa, li jirriżultaw fi spiża addizzjonali ta' EUR 75-EUR 100 għal kull konsenja, u nuqqas ta' proċeduri armonizzati ta' dokumenti, li jikkawżaw telf għal kull konsenja ta' EUR 5-EUR 150.

3.8. Madankollu, l-istudju jikkonkludi li jista' jinstab punt ta' ekwilibriju finanzjarju fuq distanzi twal, u jikkwota, mingħajr ma jingħaddu l-miżuri ta' appoġġ – 595 km għal taħlita ta' ferrovija/triq, 266 km għal taħlita ta' passaġġi fuq l-ilma intern/triq, u 736 km għal taħlita ta' trasport marittimu fuq distanzi qosra/triq.

3.9. B'mod partikolari, l-istudju jiddeplora n-nuqqas frekwenti ta' faċilitajiet ta' traċċar u rintraċċar, u problemi u l-fatt li huwa impossibbli li jintużaw dokumenti f'forma elettronika.

3.10. Valutazzjoni tal-impatt tal-proposta leġiżlattiva tal-2017 dwar id-Direttiva turi spiża addizzjonali globali għal soluzzjonijiet tat-trasport intermodali ta' kważi 60 %, dovut l-aktar għall-implimentazzjoni, id-dewmien, l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, eċċ ([6]).

3.11. Huwa għalhekk li jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex it-trasport multimodali tal-merkanzija jsir kompetittiv minnu nnifsu biex jissolvew il-problemi msemmija hawn fuq u jinkisbu flussi tat-trasport tal-merkanzija multimodali effiċjenti u bla xkiel bl-istess prezz tat-trasport unimodali.

3.12. F'dan il-kuntest, jista' jiġi rrimarkat ukoll li jeħtieġ li s-settur ferrovjarju jiġi adattat aħjar għall-kuntest ta' suq miftuħ, u jindirizza l-problemi minħabba n-nuqqas ta' puntwalità, affidabbiltà, prevedibbiltà u flessibbiltà, li evidentement għandhom effett negattiv fuq soluzzjonijiet multimodali li jinvolvu l-ferroviji.

3.13. Fir-rigward tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma intern, jidher li huwa meħtieġ titjib fir-rigward tal-kapaċità tat-trasport transfruntier.

3.14. Punti ta' konġestjoni minħabba nuqqas ta' kapaċità fit-terminals multimodali u fiċ-ċentri loġistiċi joħolqu aktar problemi. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti ([7]) jistma li d-distanzi 'l fuq minn 300 km bejn it-terminals, bħal fil-Finlandja, pereżempju, u f'partijiet tal-Iżvezja, huma twal wisq, peress li jillimitaw il-possibbiltà ta' vjaġġi qosra bit-triq ta' madwar 150 km. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza vitali ta' kapaċità tat-terminals adegwata, b'mod partikolari tul il-Kurituri tan-Network Ewlieni tat-TEN-T, madankollu għandu jiġi kkunsidrat li d-distanza bejn it-terminals trid tkun marbuta wkoll mal-volumi tat-trasport f'reġjun partikolari u mad-differenzi fid-densità tan-network f'partijiet differenti tal-Ewropa.

3.15. Il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri kontigwi dwar l-ippjanar tat-terminals fir-reġjuni tal-fruntiera hija min-naħa l-oħra essenzjali bħala kwistjoni ta' effiċjenza fir-riżorsi.

([5]) TRT (2017) – Gathering additional data on EU combined transport [Il-ġbir ta' data addizzjonali dwar it-trasport ikkombinat tal-UE] — Rapport finali.
([6]) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-Impatt (SWD(2017) 362 final) (mhux disponibbli bil-Malti).
([7]) SWD(2020) 331.

3.16. F'dan il-kuntest ta' min jinnota li studju reċenti ([8]) janalizza l-effetti tar-restrizzjonijiet tal-kabotaġġ fuq partijiet bit-triq tal-vjaġġ ikkombinat, ikkonkluda li l-użu tal-"kabotaġġ ikkombinat" huwa pjuttost frekwenti, minħabba problemi bid-disponibbiltà tas-sewwieqa u flessibbiltà u differenzi fil-livell tal-ispejjeż, u li r-restrizzjonijiet fuq dan it-tip ta' kabotaġġ jistgħu għalhekk jikkawżaw ċerti effetti negattivi immedjati fir-rigward ta' dawk ikkonċernati, inkluż bidla fid-direzzjoni opposta għal trasport bit-triq unimodali u tnaqqis tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, filwaqt li, fuq terminu twil, l-operaturi tat-terminals jemmnu li produttività u servizzi mtejba tat-terminals jistgħu jikkumpensaw żieda possibbli fl-ispejjeż tat-trasport.

3.17. Huwa importanti wkoll li titqies il-konsistenza tar-regolamenti dwar pereżempju l-immaniġġjar ta' merkanzija perikoluża bejn il-modi differenti u l-kwistjonijiet prattiċi u regolatorji oħra li jistgħu jikkawżaw diffikultajiet fl-interfaċċa bejn il-modi jew fit-trasport bejn l-Istati Membri.

3.18. Għadd tal-problemi indikati hawn fuq jistgħu jiġu solvuti permezz ta' soluzzjonijiet diġitali intelliġenti. Eżempji ta' dan huma l-possibbiltajiet ta' traċċar u rintraċċar u soluzzjonijiet diġitali oħra li jiffaċilitaw il-ġestjoni effettiva tal-flussi tat-trasport multimodali.

3.19. Ir-Regolament (UE) 2020/1056 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija se jiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni regolatorja bejn l-operaturi u l-awtoritajiet fuq pjattaformi diġitali minn Awwissu 2024 'il quddiem, u se jsolvi mill-inqas parti mill-kwistjoni tad-dokumentazzjoni standard u l-iskambju elettroniku tad-dokumenti deskritt hawn fuq.

3.20. Għalhekk, jidher li hemm possibbiltajiet biex jiġu solvuti l-biċċa l-kbira tal-problemi msemmija hawn fuq li jagħmluha diffiċli biex il-merkanzija multimodali tiżviluppa sew.

3.21. Madankollu, biex dan iseħħ, jeħtieġ li tiġi pprovduta infrastruttura adegwata tat-terminals. Bħala kwistjoni ta' effiċjenza fir-riżorsi, ikun utli wkoll jekk l-Istati Membri jaqblu li jikkollaboraw dwar l-ippjanar ta' infrastruttura tat-terminals fir-reġjuni tal-fruntiera.

3.22. Il-KESE jirrakkomanda, fir-rigward tad-dejn pubbliku, li l-investiment pubbliku fl-infrastruttura multimodali jkun eżentat mid-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir lil hinn mill-kriżi tal-COVID-19.

3.23. Kif diġà ġie indikat, hija meħtieġa mġiba aktar iffukata fuq is-suq b'mod partikolari min-naħa tal-ferroviji u t-terminals tal-passaġġi fuq l-ilma intern.

3.24. Jekk il-problemi stabbiliti hawn fuq jiġu solvuti b'mod adegwat, it-trasport multimodali se jkun jista' jaqdi r-rwol sħiħ tiegħu fis-sistema tat-trasport, mingħajr miżuri ta' appoġġ dedikati.

Brussell, is-7 ta' Lulju 2021

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

---

([8]) TRT Trasporti e Territorio SRL, Pakkett dwar il-Mobbiltà 1 — Il-ġbir ta' data dwar analiżi tal-impatti tar-restrizzjonijiet fuq il-kabotaġġ fuq il-partijiet bit-triq tal-vjaġġ ikkombinat.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Nisfruttaw l-opportunitajiet ekonomiċi u soċjali tad-diġitalizzazzjoni u ntejbu t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija, speċjalment tal-SMEs, b'enfasi fuq l-intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem u d-*data*"**

**(Opinjoni esploratorja)**

(2021/C 374/02)

Relatur: **Antje GERSTEIN**


| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Presidenza Slovena, 19.3.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 15.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 7.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni | |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | 217/0/1 |


1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Filwaqt li mill-pandemija attwali tgħallimna li x-xogħol mill-bogħod, l-uffiċċju fid-dar u l-iskemi ta' xogħol flessibbli, tal-inqas sa ċertu punt, se jibqgħu "n-Normalità l-Ġdida", irridu nifhmu wkoll li l-mudelli ta' negozju diġitali se jinfluwenzaw dejjem aktar id-dinja tax-xogħol tagħna. Dawn il-mudelli jeħtieġ li jitfasslu b'mod orjentat lejn il-persuni u l-valuri. F'sens soċjetali usa', l-isfida hija li niggarantixxu l-inklużjoni diġitali ta' gruppi partikolarment vulnerabbli.

1.2. Il-benefiċċji ta' Suq Uniku Diġitali komplet fl-UE huma previsti li jikkontribwixxu EUR 415 biljun fis-sena għall-produzzjoni ekonomika tal-UE. Filwaqt li t-trasformazzjoni diġitali ġġib magħha opportunitajiet sinifikanti għall-kumpaniji madwar l-UE, ħafna intrapriżi mhux biss jiffaċċjaw livell kbir ta' inċertezza legali fl-attivitajiet transfruntiera tagħhom, iżda huma wkoll f'riskju sinifikanti li jibqgħu lura minħabba nuqqas ta' aċċess jew riżorsi ta' investiment, kif ukoll nuqqas ta' ħiliet, li ġeneralment huwa l-każ għal ħafna SMEs u jaffettwa lill-mikrointrapriżi b'mod partikolari.

1.3. Wieħed mill-elementi ewlenin biex is-Suq Uniku Diġitali Ewropew jirnexxi se jkun il-ftuħ għat-teknoloġija fir-regolazzjoni ta' mudelli u applikazzjonijiet ġodda ta' negozju diġitali bħall-intelliġenza artifiċjali (IA) u l-aċċess għall-finanzjament tal-innovazzjoni sabiex l-SMEs ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-vantaġġi ta' tali applikazzjonijiet diġitali ġodda. Il-KESE wettaq studju dwar l-IA fl-SMEs li jista' jipprovdi għarfien utli. ([1])

1.4. Il-KESE ilu fuq quddiem fit-tmexxija tad-dibattitu dwar l-IA sa mill-ewwel Opinjoni tiegħu dwar l-IA fl-2017, u matul dawn l-aħħar snin ippubblika għadd ta' Opinjonijiet dwar is-suġġett. Il-KESE bħalissa qed jabbozza l-Opinjoni formali tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali. Din l-Opinjoni se titressaq quddiem il-plenarja tal-KESE f'Settembru u, fost affarijiet oħra, ser tindirizza b'mod partikolari d-definizzjoni tal-IA, peress li din hija element importanti tal-proposta dwar l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

2. **Kuntest**

2.1. Fid-dawl tal-prijoritajiet previsti għall-Presidenza tagħha, il-Presidenza Slovena li jmiss tal-Kunsill tal-UE fasslet proposti u, permezz ta' ittra tat-18 ta' Marzu 2021, talbet lill-Kumitat jipprovdi Opinjonijiet esploratorji dwarhom. Dawn l-oqsma tal-politika tal-UE huma ta' importanza partikolari għall-Presidenza.

([1]) Studju dwar "Boosting the use of Artificial Intelligence in Europe's micro, small and medium-sized enterprises" [Nagħtu spinta lill-użu tal-intelliġenza artifiċjali fl-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju tal-Ewropa] (mhux disponibbli bil-Malti).

2.2. Din l-Opinjoni hija għalhekk rispons għat-talba tal-Presidenza Slovena tal-Kunsill tal-UE biex tithejja Opinjoni esploratorja dwar l-opportunitajiet ekonomiċi u soċjali tad-diġitalizzazzjoni.

2.3. Din l-Opinjoni esploratorja tiġbor fil-qosor diversi temi relatati mad-diġitalizzazzjoni li huma indirizzati f'Opinjonijiet reċenti jew li qed jithejjew bħalissa mill-KESE. Din twieġeb għal erba' mistoqsijiet imressqa mill-Presidenza, relatati mal-Att dwar il-Governanza tad-Data, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali. L-informazzjoni rilevanti l-oħra kollha dwar dawn it-temi tinsab fl-Opinjonijiet korrispondenti tal-KESE ([2]).

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat kemm id-distakk diġitali tal-UE kif ukoll il-potenzjal enormi tagħha. Issa aktar minn qatt qabel, jeħtieġ li nifhmu li l-UE teħtieġ Suq Uniku Diġitali b'saħħtu. Dan jinvolvi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħha f'oqsma bħall-cloud computing, il-5G, u l-użu sigur tad-data. Sabiex jinżamm il-pass mal-Istati Uniti u ċ-Ċina bħala atturi globali, jeħtieġ li jsir investiment f'Ewropa diġitali b'saħħitha.

3.2. Il-benefiċċji ta' Suq Uniku Diġitali komplet fl-UE huma previsti li jikkontribwixxu EUR 415 biljun fis-sena għall-produzzjoni ekonomika tal-UE. Il-manutenzjoni predittiva, il-pjattaformi diġitali u l-computing kwantistiku huma biss tliet eżempji ta' kif it-teknoloġiji diġitali se jkollhom impatt sinifikanti fuq id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea. Filwaqt li t-trasformazzjoni diġitali tinvolvi opportunitajiet sinifikanti għall-kumpaniji madwar l-UE, ħafna intrapriżi mhux biss jiffaċċjaw livell kbir ta' inċertezza legali fl-attivitajiet transfruntiera tagħhom, iżda huma wkoll f'riskju sinifikanti li jibqgħu lura minħabba nuqqas ta' aċċess jew riżorsi ta' investiment, kif ukoll nuqqas ta' ħiliet, li ġeneralment huwa l-każ għal ħafna SMEs u jaffettwa lill-mikrointrapriżi b'mod partikolari.

3.3. Filwaqt li mill-pandemija attwali tgħallimna li x-xogħol mill-bogħod, l-uffiċċju fid-dar u l-iskemi ta' xogħol flessibbli, tal-inqas sa ċertu punt se jibqgħu "n-Normalità l-Ġdida", irridu nifhmu wkoll li l-mudelli ta' negozju diġitali se jinfluwenzaw dejjem aktar id-dinja tax-xogħol tagħna. Dawn il-mudelli jeħtieġ li jitfasslu b'mod orjentat lejn il-persuni u l-valuri.

3.4. F'ekonomija postpandemika jeħtieġ li niżguraw li l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju f'ċerti setturi li ntlaqtu ħażin b'mod partikolari (setturi tas-servizzi, bħall-bejgħ bl-imnut u t-turiżmu) ma jitilfux il-vijabbiltà tagħhom minħabba li l-ħtiġijiet ta' investiment huma għoljin wisq (u t-tfaddil intuża kollu wara aktar minn sena f'sitwazzjoni pandemika). Dawn il-kumpaniji jeħtieġu appoġġ speċjali għat-trasformazzjoni diġitali u għall-iżvilupp ulterjuri tal-mudelli tan-negozju, li jeħtieġ li jiġi rifless fil-programmi nazzjonali ta' rkupru marbutin mal-Fond ta' Rkupru tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea jeħtieġ li jkollha rwol ta' koordinazzjoni sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni bejn il-fondi Ewropej differenti u jiġi żgurat li l-attivitajiet u l-proġetti f'dan il-qasam partikolari (trasformazzjoni diġitali għall-SMEs) jiġu ssemplifikati.

3.5. Il-qafas politiku jrid ikun adatt, biex jiġi żgurat li l-SMEs ikunu jistgħu jisfruttaw l-opportunitajiet li toffri d-diġitalizzazzjoni. Ir-regolamentazzjoni għandha tiġi kkunsidrata biss f'każijiet fejn huwa previst b'mod ċar żvilupp mhux mixtieq. L-innovazzjoni u l-mudelli ta' negozju ġodda jeħtieġu ċertu spazju biex jiżviluppaw. Regolamenti Ewropej li jsiru ta' malajr jew li huma stretti jpoġġu lill-kumpaniji Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs, fi żvantaġġ meta mqabbla ma' korporazzjonijiet attivi f'livell internazzjonali fil-bqija tad-dinja.

3.6. Madankollu, f'ċerti ferghat, b'mod partikolari fis-settur tas-servizzi (jiġifieri l-bejgħ bl-imnut, it-turiżmu, il-caterinhg), hemm ħtieġa urġenti għal qafas regolatorju li jgħin fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni fl-ispazju diġitali u jagħmilha possibbli li tittieħed azzjoni, pereżempju, kontra **reċensjonijiet foloz** li jistgħu jkunu ta' ħsara kbira għan-negozji. Dwar dawn il-kwistjonijiet, li huma partikolarment prevalenti fuq il-pjattaformi diġitali, il-KESE tkellem fl-Opinjoni reċenti ħafna tiegħu dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali ([3]).

3.7. Sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-iżvilupp tekniku u tat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija għandhom jitqiesu wkoll ċerti riskji li jġibu magħhom. Għalhekk, jeħtieġ jiġi żgurat li, flimkien mal-progress teknoloġiku u d-diġitalizzazzjoni, ikun hemm mekkaniżmi li jindirizzaw l-esklużjoni diġitali ta' gruppi partikolarment vulnerabbli.

([2]) L-Att dwar il-Governanza tad-*Data* (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 38); L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 70); L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

([3]) L-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

3.8. Il-KESE ilu fuq quddiem fit-tmexxija tad-dibattitu dwar l-IA sa mill-ewwel Opinjoni tiegħu dwar l-IA fl-2017 ([4]), u ppubblika għadd ta' Opinjonijiet dwar is-suġġett matul dawn l-aħħar snin ([5]). Il-KESE ilu jippromovi approċċ ta' "human-in-command" għall-IA, fejn il-bnedmin ikollhom f'idejhom it-tmexxija tal-IA f'sens tekniku, u jżommu wkoll il-kapaċità li jiddeċiedu jekk, meta u kif jużawha fis-soċjetà tagħna inġenerali. Il-KESE laqa' l-Istrateġija Ewropea għall-IA li ġiet ippubblikata fl-2018, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-linji gwida dwar l-etika għal IA affidabbli, u l-approvazzjoni tagħha tas-7 rekwiżiti għal IA affidabbli. Barra minn hekk, il-KESE ġibed l-attenzjoni dwar l-impatt tal-IA fuq l-impjiegi, l-importanza li jinstab bilanċ tajjeb bejn ir-regolamentazzjoni, l-awtoregolamentazzjoni u l-gwida etika, u l-impatt tal-IA fuq il-konsumaturi, fost elementi oħra.

3.9. Il-KESE bħalissa qed jabbozza l-Opinjoni formali tiegħu dwar il-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali ([6]); din l-Opinjoni se titressaq quddiem il-plenarja tal-KESE f'Settembru. Il-KESE għadu ma jistax jipprovdi l-pożizzjoni formali tiegħu dwar l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, iżda jista' joffri xi riflessjonijiet dwar il-mistoqsija speċifika mressqa mill-Presidenza Slovena dwar id-definizzjoni tal-IA stabbilita fil-Proposta dwar l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

3.10. Fir-rigward tal-post tax-xogħol, bħala prinċipju bażiku fl-era tad-diġitalizzazzjoni, għandu jiġi garantit xogħol deċenti għall-impjegati kollha. Fil-kumpaniji, l-impjegati u r-rappreżentanti tagħhom jeħtieġ ikunu involuti fi stadju bikri fl-implimentazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali (IA) li taffettwa direttament lill-impjegati, u jkunu involuti meta jiġi stabbilit kif għandha tintuża l-IA inkwistjoni. L-impjegati jeħtieġ jitħarrġu għall-impjiegi l-ġodda fid-dinja diġitali tax-xogħol bi prospettiva u fil-ħin.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Il-Presidenza tqis l-intelliġenza artifiċjali bħala l-aktar aspett importanti tad-diġitalizzazzjoni. Kwistjonijiet oħra ta' importanza partikolari jinkludu l-integrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati fis-soċjetà, u t-tranżizzjoni lejn soċjetà tal-gigabits. B'teknoloġiji emerġenti bħall-IA u l-ekonomija tad-data, l-UE tista' tirkupra malajr mill-kriżi u ssir is-soċjetà diġitali ewlenija fid-dinja.

4.2. Il-Presidenza talbet lill-KESE biex iwieġeb għal erba' mistoqsijiet speċifiċi:

— L-Att dwar il-Governanza tad-Data jintroduċi mudelli kummerċjali ġodda, bħalma huma fornituri ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-data, li se jħeġġu l-użu tad-data. X'inhi l-fehma tal-KESE dwar l-effetti ekonomiċi ta' dawn is-servizzi?

— L-Att dwar il-Governanza tad-Data jintroduċi l-organizzazzjonijiet li joperaw fil-qasam tal-ġestjoni altruwistika fir-rigward tad-data, li se jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid tad-data li ssir disponibbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi. Dan se jippermetti wkoll il-forniment ta' servizzi ġodda, inkluż il-ġbir ta' data ġġenerata minn persuni fiżiċi għal għanijiet ta' interess ġenerali. X'inhi l-fehma tal-KESE f'dan ir-rigward?

— X'inhi l-pożizzjoni tal-KESE dwar il-proposta għal definizzjoni adatta tal-intelliġenza artifiċjali (inkluża fl-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali adottat f'April 2021)?

— X'inhi l-fehma tal-KESE dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali?

4.3. L-Att dwar il-Governanza tad-Data jintroduċi mudelli kummerċjali ġodda, bħalma huma fornituri ta' servizzi ta' kondiviżjoni tad-data, li se jħeġġu l-użu tad-data. X'inhi l-fehma tal-KESE dwar l-effetti ekonomiċi ta' dawn is-servizzi? ([7])

4.3.1. Il-KESE jemmen li l-Att dwar il-Governanza tad-Data huwa adatt u meħtieġ fid-dawl tal-fatt li l-ipproċessar, il-ħżin u l-kondiviżjoni tad-data diġitali qed isiru dejjem aktar importanti kemm għal raġunijiet ekonomiċi kif ukoll għal raġunijiet soċjali u ċiviċi: l-individwi, l-amministrazzjonijiet u n-negozji huma soġġetti għal qafas regolatorju kumpless u interkonness.

---

([4]) ĠU C 288, 31.8.2017, p. 1.

([5]) ĠU C 440, 6.12.2018, p.1; ĠU C 440, 6.12.2018, p.51; ĠU C 240, 16.7.2019, p. 51; ĠU C 47, 11.2.2020, p. 64; ĠU C 364, 28.10.2020, p. 87.

([6]) Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

([7]) Att dwar il-Governanza tad-Data.

4.3.2. Il-KESE jirrikonoxxi l-utilità ta' mudell kooperattiv għall-istabbiliment tal-ġestjoni u l-iskambju tad-data u bħala għodda utli ħafna għall-ġestjoni newtrali tad-data kondiviża. F'dan ir-rigward, huwa jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw lill-SMEs biex jieħdu inizjattivi bl-għan li jiżviluppaw organizzazzjonijiet ta' għajnuna reċiproka għall-ġestjoni u l-iskambju tad-data.

4.3.3. Il-kooperattivi u strutturi oħra bbażati fuq il-kooperazzjoni jidhru partikolarment adatti għall-ġestjoni tal-attivitajiet intermedjarji u l-iskambju jew il-kondiviżjoni tad-data bejn iċ-ċittadini (ħaddiema, konsumaturi, imprendituri) u l-kumpaniji. Il-kooperattivi b'mod partikolari jippermettu li l-interessi tal-ġestjoni tad-data tas-suġġetti tad-data u tad-detentur tad-data kooperattiv – li f'dan il-każ ikunu proprjetà tal-istess suġġetti tad-data – jikkoinċidu, u b'hekk tali strutturi jippermettu governanza parteċipattiva kondiviża bejn iċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-imprendituri li jipprovdu kif ukoll jużaw id-data. Dan il-mekkaniżmu jista' jappoġġja l-klima ta' fiduċja u ta' ftuħ li hija prerekwiżit għal governanza tajba tad-data fis-suq uniku diġitali tal-UE.

4.4. L-Att dwar il-Governanza tad-Data jintroduċi organizzazzjonijiet li joperaw fil-qasam tal-ġestjoni altruwistika fir-rigward tad-data, li se jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid tad-data li ssir disponibbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi. Dan se jippermetti wkoll il-forniment ta' servizzi ġodda, inkluż il-ġbir ta' data ġġenerata minn persuni fiżiċi għal għanijiet ta' interess ġenerali. X'inhi l-fehma tal-KESE f'dan ir-rigward? ([8])

4.4.1. Il-KESE jilqa' l-proposta li jiġi stabbilit Regolament għall-organizzazzjonijiet li joperaw fil-qasam tal-ġestjoni altruwistika fir-rigward tad-data. Huwa jappoġġja l-fatt li l-proposta tipprevedi li dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu entitajiet legali li joperaw mingħajr skop ta' qligħ u fl-interess ġenerali, u fuq kollox li għandhom ikunu awtonomi u indipendenti, b'mod partikolari minn organizzazzjonijiet oħra li jsegwu objettivi ta' ġestjoni tad-data bi skop kummerċjali jew għall-profitt.

4.4.2. Dawn id-dispożizzjonijiet, flimkien mal-istabbiliment ta' reġistru pubbliku speċifiku ta' organizzazzjonijiet li joperaw fil-qasam tal-ġestjoni altruistika fir-rigward tad-data, jindirizzaw b'mod adatt il-ħtieġa għat-trasparenza, il-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini u n-negozji li jikkaratterizzaw l-iskambju altruwist tad-data. Dan iwassal għal tisħiħ tal-livell ta' fiduċja tal-partijiet ikkonċernati kollha.

4.5. X'inhi l-pożizzjoni tal-KESE dwar il-proposta għal definizzjoni adatta tal-intelliġenza artifiċjali (inkluża fl-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali adottat f'April 2021)?

4.5.1. Il-KESE jilqa' l-messaġġ ċar tal-Kummissjoni Ewropea fil-Proposta leġiżlattiva reċenti tagħha dwar l-IA, li d-drittijiet fundamentali u l-valuri Ewropej huma fil-qalba tal-approċċ tal-Ewropa għall-IA. Ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-KESE matul dawn l-aħħar ftit snin huma riflessi f'din il-proposta.

4.5.2. Il-KESE bħalissa qed jaħdem fuq Opinjoni separata b'rispons għall-Proposta, li fiha ser jindirizza b'mod partikolari d-definizzjoni tal-IA kif stabbilita fil-Proposta, peress li hija element importanti tal-proposta tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

4.5.3. Bħala kumment tal-bidu, il-KESE jenfasizza li l-IA tibqa' kunċett essenzjalment ikkontestat, peress li ma hemm l-ebda definizzjoni aċċettata b'mod universali. Fattur wieħed li jikkomplika huwa li d-definizzjonijiet legali huma differenti minn definizzjonijiet purament xjentifiċi, fis-sens li għandhom jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti inklużi l-inklużività, il-preċiżjoni, il-komprensività, il-prattikabbiltà u l-permanenza), li wħud minnhom huma legalment vinkolanti u xi wħud minnhom huma meqjusa bħala prattika regolatorja tajba.

4.5.4. Minn naħa, il-Proposta dwar l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali tanalizza mhux biss it-teknoloġija nnifisha, iżda wkoll għal liema skop tintuża u kif tintuża. Min-naħa l-oħra, fiha definizzjoni speċifika tal-IA li tinkludi lista ta' tekniki tal-IA li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Bħala tali, il-Proposta dwar l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali tidher li sserraħ fuq żewġ ideat. Fl-Opinjoni li jmiss tal-KESE dwar il-proposta għal Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali ser jiġi diskuss f'aktar dettall dwar jekk dan l-approċċ kemxejn ambivalenti hux se jkun adegwat biex jindirizza sew l-isfidi speċifiċi tal-IA u jrawwem l-opportunitajiet tagħha.

([8]) Att dwar il-Governanza tad-Data.

4.6. **X'inhi l-fehma tal-KESE dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali?** ([9])

4.6.1. Il-KESE jilqa' l-Proposta għal suq uniku għas-Servizzi Diġitali fi żmien meta tfaċċaw servizzi diġitali ġodda u innovattivi tas-soċjetà tal-informazzjoni, li qed jibdlu l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-UE u jsawru u jittrasformaw kif jikkomunikaw, jikkollegaw, jikkunsmaw u jagħmlu n-negozju.

4.6.2. Il-KESE jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex tevita li s-suq intern jiġi frammentat minn proliferazzjoni ta' regoli u regolamenti nazzjonali, u jitlob dikjarazzjoni ċara dwar in-natura eżawrjenti tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Din hija opportunità biex jiġu stabbiliti standards globali għas-swieq diġitali li jistgħu jiggwidaw lill-Ewropa f'din l-era ġdida, u fl-istess ħin jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni tal-konsumatur online.

4.6.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiddefinixxu skeda raġonevoli sabiex jinbdew id-diskussjoni u l-konsultazzjoni pubblika inklużiva u sabiex jiġu implimentati r-Regolament u l-istrateġija. Huwa fundamentali li l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaqdu rwol f'dan il-proċess sabiex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi għall-atturi kollha.

4.6.4. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon it-trasparenza akbar għas-sistemi ta' rakkomandazzjoni u r-reklamar, u b'hekk jiġi żgurat li l-konsumaturi jirċievu biss ir-reklamar li jridu.

4.6.5. Il-KESE jinnota li hemm ħafna nuqqasijiet fir-rigward tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini u jappella li jiġu kkunsidrati bir-reqqa metodi alternattivi, bħall-prinċipju tal-pajjiż ta' destinazzjoni, l-iżjed fil-kwistjonijiet tat-taxxa, tax-xogħol u tal-konsumatur sakemm ma jkunx hemm regolamentazzjoni aktar b'saħħitha fil-livell tal-UE sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

4.6.6. Il-KESE jitlob li jiġi żviluppat qafas adegwat li jippermetti lill-kumpaniji jasserixxu ġustizzja, affidabbiltà u sigurtà għas-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali tagħhom, filwaqt li jitqies l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ħaddiema.

4.6.7. L-eżenzjoni mir-responsabbiltà għas-servizzi ta' hosting għandha ma tibqax tapplika biss fir-rigward ta' kontenut li huwa illegali biċ-ċar, jew li ġie stabbilit hekk minn deċiżjoni tal-qorti. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi stabbilita sistema ta' responsabbiltà pożittiva għas-swieq online, li għandha tiġi applikata f'ċerti ċirkostanzi.

4.6.8. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-kompitu enormi sabiex tinkiseb koordinazzjoni adatta bejn l-istrumenti u l-inizjattivi rilevanti kollha fil-kuntest ta' approċċ regolatorju usa' għall-ekonomija tal-pjattaformi. Hija meħtieġa ħarsa ġenerali kif imiss ta' kif jistgħu jiġu integrati dawn il-perspettivi differenti li jaffettwaw l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

4.6.9. Għall-KESE, it-tassazzjoni ([10]), il-governanza tad-data, l-istatus tal-impjieg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-konsumatur huma fatturi sinifikanti għall-kompetizzjoni, xi drabi inġusta, fl-ekonomiji diġitali li jistħoqqilhom attenzjoni speċjali.

Brussell, is-7 ta' Lulju 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

---

([9]) L-Att dwar is-Servizzi Diġitali.
([10]) ĠU C 367, 10.10.2018, p. 73.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Intejbu l-livell tal-inklużività, is-sigurtà u l-affidabbiltà tad-diġitalizzazzjoni għal kulħadd"**

**(Opinjoni esploratorja)**

(2021/C 374/03)

Relatur: **Philip VON BROCKDORFF**

Korelatur: **Violeta JELIĆ**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Presidenza Slovena, 19.3.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 15.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 7.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 221/0/3 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jirrakkomanda l-adozzjoni rapida ta' politika inklużiva tal-gvern diġitali tal-UE, li tibni fuq il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern Elettroniku għall-2016–2020, id-Dikjarazzjoni ta' Tallinn dwar il-Gvern Elettroniku, id-Dikjarazzjoni ta' Berlin dwar is-Soċjetà Diġitali u l-gvern diġitali bbażat fuq il-valur. [1] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill jirrikonoxxu li l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom ir-responsabbiltà miżjuda li jiżguraw li ċ-ċittadini jiġu ttrattati bl-istess mod u li jkunu intitolati għall-istess drittijiet ta' aċċess għall-gvern diġitali.

1.2. Il-KESE jirrakkomanda li fit-tfittxija tal-inklużività, il-gvernijiet jistabbilixxu strateġiji komprensivi, jappoġġjaw miżuri u leġiżlazzjoni li jkunu adegwati u proporzjonati, biex jiżguraw l-interoperabbiltà, il-kwalità, l-iffukar fuq il-bniedem, it-trasparenza, is-sigurtà, is-sikurezza u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u tal-prodotti pubbliċi diġitali, kif ukoll l-aħjar aċċess għas-saħħa, għall-edukazzjoni u għall-opportunitajiet ekonomiċi u kulturali. Il-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali jeħtieġ li jiddiġitalizzaw malajr kemm jista' jkun u jaċċelleraw l-implimentazzjoni ta' infrastrutturi diġitali ġodda, inkluż il-5G.

1.3. Il-KESE jirrikonoxxi li hemm bżonn ta' investiment kbir min-naħa tal-gvernijiet sabiex tinkiseb l-inklużività. Barra minn hekk, huwa preżunt li, fil-pjani għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri, l-inklużività se tidher b'mod prominenti ħafna fit-trasformazzjoni diġitali ppjanata, bl-użu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għalkemm limitat tal-UE bħala parti min-Next Generation EU, kif ukoll il-Programm Ewropa Diġitali u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)).

1.4. Il-KESE jirrikonoxxi li d-diġitalizzazzjoni tista' tipprovdi kemm opportunitajiet kif ukoll theddid għan-negozji. Għalhekk, il-ħtieġa li l-gvernijiet jipprovdu appoġġ finanzjarju adegwat, inkluż permezz ta' fondi tal-UE lin-negozji ta' kull daqs, speċjalment lill-SMEs. Dan jgħinhom jadattaw b'suċċess għat-tranżizzjoni.

1.5. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-prattiki tax-xogħol bħal xogħol mill-bogħod jiġu implimentati b'kunsiderazzjoni sħiħa għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Id-djalogu soċjali, l-appoġġ lill-SMEs u lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, u r-rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema, inkluż in-negozjar kollettiv, huma ta' importanza kbira biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel.

[1] Dan huwa konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa (id-9 ta' Ġunju 2020), li fihom il-Kunsill "jappella lill-Kummissjoni biex tipproponi politika msaħħa tal-UE dwar il-gvernijiet diġitali, b'kont meħud tal-inklużjoni elettronika taċ-ċittadini u l-atturi privati kollha, biex tiżgura koordinazzjoni u appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri kollha tal-UE, inkluż interoperabbiltà u standards komuni għal flussi u servizzi tad-data tas-settur pubbliku li jkunu sikuri u mingħajr fruntieri".

1.6. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jaħdmu aktar mill-qrib flimkien fuq l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali, li jwasslu għal network għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda wkoll rieżami mal-UE kollha tal-politiki u tal-miżuri tal-gvern biex jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proposta ta' miżuri effettivi bbażati fuq il-ġustizzja soċjali. Dan għandu jinkludi politiki u riżorsi finanzjarji bil-għan li tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni diġitali. Il-KESE jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiżdiedu b'mod sinifikanti r-rati ta' reġistrazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni relatati mal-iSTEM matul is-snin li ġejjin.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda t-tisħiħ tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u tal-Att dwar is-Swieq Diġitali, bħala prekundizzjoni għal trasformazzjoni diġitali li hija affidabbli u fejn il-konsumaturi jistgħu jagħmlu għażliet f'suq verament miftuħ u kompetittiv. Fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali, ir-responsabbiltajiet u l-obbligazzjonijiet għall-pjattaformi għandhom isiru aktar ċari u infurzabbli aħjar milli qed jiġi propost bħalissa. Fl-Att dwar is-Swieq Diġitali, l-użu ta' "dark patterns" u ta' arkitettura oħra tal-għażla "mhux newtrali", li bil-moħbi tinfluwenza l-imġiba tal-konsumaturi, għandu jiġi pprojbit.

1.9. Fl-aħħar nett, il-KESE jirrikonoxxi li d-diġitalizzazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomiji tal-UE u l-miri tan-newtralità karbonika tal-UE b'mod partikolari, jimxu id f'id. Il-fatt li wieħed isir "diġitali u ekoloġiku" huwa ta' importanza vitali, iżda għal darb'oħra l-KESE jenfasizza li l-ekwità u d-djalogu soċjali dejjem għandhom ikunu l-prinċipji gwida għall-implimentazzjoni ta' teknoloġiji diġitali u ekoloġiċi.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Is-soċjetajiet Ewropej qed jagħmlu t-tranżizzjoni għall-online. Il-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat il-ħtieġa li s-soċjetà tiddiġitalizza, peress li l-kanali diġitali ħafna drabi matul il-lockdowns kienu l-uniċi kanali disponibbli għaċ-ċittadini u għan-negozji.

2.2. Min-naħa tagħhom, ħafna sidien ta' negozji jirrikonoxxu l-fatt li huwa meħtieġ li jagħmlu tranżizzjoni diġitali biex jiżguraw is-suċċess fit-tul tan-negozji tagħhom. Bl-istess mod, il-ħaddiema u l-pubbliku jeħtieġ li jifhmu x'inhi d-diġitalizzazzjoni, kif taffettwa l-ħajja tax-xogħol u ta' kuljum tagħhom bħala membri ta' organizzazzjoni tan-negozju jew ta' entità tas-settur pubbliku, jew sempliċiment bħala membri ta' komunità. Kif stipulat fl-Aġenda l-Ġdida għall-Konsumatur, il-konsumaturi Ewropej għandhom ikunu fil-qalba tat-tranżizzjonijiet diġitali u għandhom jingħataw protezzjoni adegwata u rwol attiv fil-proċess tal-bidla.

2.3. Fir-rigward tal-gvernijiet fl-UE kollha, id-diġitalizzazzjoni rapida hija inevitabbli u din tista' ssir biss possibbli permezz tal-infiq pubbliku fuq l-infrastruttura diġitali. L-awtoritajiet pubbliċi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew jeħtieġ li jevolvu f'organizzazzjonijiet flessibbli, reżiljenti u innovattivi, billi jisfruttaw il-benefiċċji tat-trasformazzjoni diġitali u tat-teknoloġiji emerġenti u l-kapaċitajiet avvanzati sabiex jipprovdu liċ-ċittadini u lin-negozji b'servizzi diġitali inklużivi, kontinwi, konvenjenti, trasparenti, sikuri u affidabbli ffukati fuq il-bniedem.

2.4. L-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji, il-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali jeħtieġ li jadattaw (filwaqt li jiġu pprovduti b'appoġġ u, fejn meħtieġ, soluzzjonijiet analoġiċi bħala alternattiva) għad-dinja ffukata fuq it-teknoloġija li qed ngħixu fiha, u huwa importanti li wieħed jifhem x'inhi d-differenza bejn id-diġitalizzazzjoni, il-bidla diġitali u t-trasformazzjoni diġitali.

2.5. Id-diġitalizzazzjoni tirreferi għall-verżjoni diġitali ta' oġġetti fiżiċi jew analoġiċi u għandha rwol importanti fil-kuntest tan-negozji u tal-gvernijiet, u n-numru ta' sigħat maħduma. Il-proċess tad-diġitalizzazzjoni jistabbilixxi katina ta' avvenimenti li jistgħu jottimizzaw drastikament il-fluss tax-xogħol ta' kwalunkwe negozju u gvern, li jirriżulta fi proċessi awtomatizzati tan-negozju u tal-gvern. Dan jirrappreżenta sfida kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegati taċ-ċivil.

2.6. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tan-negozji u tal-gvernijiet jużaw metodi ta' diġitalizzazzjoni bażiċi fil-proċessi tagħhom ta' kuljum, hemm ħafna aktar x'jista' jsir biex id-diġitalizzazzjoni tiġi applikata b'mod effettiv. L-isfida hawnhekk tinsab fil-bini tal-fiduċja fost il-ħaddiema, l-impjegati taċ-ċivil u l-pubbliku ġenerali jekk iridu jadattaw b'suċċess għal flussi u proċessi tax-xogħol diġitalizzati ġodda. Fuq il-post tax-xogħol, din it-tranżizzjoni tirrikjedi djalogu soċjali, kif ukoll rispett għan-negozjar kollettiv. It-tranżizzjoni tista' taffettwa ħafna l-ħajja tal-ħaddiema u għalhekk il-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni u li jsiru konsultazzjonijiet fi stadju bikri tal-proċess. Bl-istess mod, il-pubbliku jeħtieġ li jkun konxju tal-konsegwenzi mhux intenzjonati tat-trasformazzjoni.

2.7. Billi d-diġitalizzazzjoni tidher li żżid l-effiċjenza fin-negozji u fil-gvernijiet (il-benefiċċji potenzjali minn dejjem kienu sopravalutati), dejjem hemm xi konsegwenza negattiva, kif inhu l-każ meta l-ħaddiema jew l-impjegati taċ-ċivil jingħataw is-sensja, jew meta l-pubbliku, speċjalment l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, ma jadattax malajr biżżejjed, jew xejn affattu, għad-diġitalizzazzjoni. Din hija r-raġuni għaliex huwa tant importanti li d-diġitalizzazzjoni ssir aċċessibbli għal kulħadd irrispettivament mill-età, mill-ġeneru, mill-istatus soċjoekonomiku u mid-diżabilità. Bl-istess mod, l-SMEs jistgħu jsibu ruħhom fi żvantaġġ kompetittiv jekk ma jkunux jistgħu jlaħħqu mal-pass tad-diġitalizzazzjoni fl-industrija tagħhom, b'mod partikolari jekk tali proċessi jkunu jirrikjedu spiża għolja inizjali bil-quddiem.

2.8. Id-diġitalizzazzjoni hija t-tieni terminu li n-negozji, il-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali jeħtieġ li jifhmu. Din tinkludi firxa wiesgħa ta' elementi. Id-diġitalizzazzjoni tgħin fit-trasformazzjoni ta' kif in-negozji joperaw permezz tal-applikazzjoni tat-teknoloġiji diġitali. Dan jaffettwa l-mudelli tan-negozju, il-flussi ta' komunikazzjoni fi ħdan u barra n-negozju kkonċernat, u tabilħaqq il-katina tal-valur kollha.

2.9. Id-diġitalizzazzjoni tiftaħ bibien ġodda ta' opportunità għan-negozji billi toħloq flussi ta' dħul b'bażi diġitali li qatt ma kienu disponibbli fil-passat. Mill-integrazzjoni tal-midja soċjali sal-kapaċità li jiġu offruti servizzi tad-data bbażati fuq l-abbonament lill-klijenti, l-applikazzjonijiet kummerċjali mibnija apposta jistgħu jkunu ċ-ċavetta għall-innovazzjoni, it-tkabbir u l-espansjoni għan-negozji fil-futur. Teknoloġiji diġitali ġodda, speċjalment dawk indikati bl-akronimu SMACIT (soċjali, mobbli, analitiċi, cloud u Internet tal-oġġetti), huma opportunità kbira għall-SMEs minħabba li dawn it-teknoloġiji għal organizzazzjonijiet kbar u antiki jirrappreżentaw fl-istess ħin opportunitajiet u theddidiet eżistenzjali.

2.10. Snin ta' riċerka dwar l-eżiti tat-trasformazzjonijiet diġitali wrew li r-rata ta' suċċess ta' dawn l-isforzi hija konsistentement baxxa: anqas minn 30 fil-mija tal-eżiti ppjanati. Ir-riżultati reċenti ta' McKinsey fuq kampjun ta' 263 rispondent juru li 16 fil-mija biss tar-rispondenti qalu li t-trasformazzjonijiet diġitali tal-organizzazzjonijiet tagħhom kienu tejbu b'suċċess il-prestazzjoni. Dawn l-isfidi jhabbtu wiċċhom magħhom ukoll "industriji intelliġenti" bħat-teknoloġija avvanzata, il-midja u t-telekomunikazzjoni, li fosthom ir-rata ta' eżiti ta' suċċess ma taqbiżx is-26 fil-mija. Min-naħa l-oħra, f'organizzazzjonijiet b'anqas minn 100 impjegat, hemm 2,7 darbiet aktar ċans li r-rispondenti jgawdu minn trasformazzjoni diġitali aktar ta' suċċess milli huwa l-każ f'organizzazzjonijiet kbar b'aktar minn 50 000 impjegat.

2.11. Madankollu, irrispettivament mid-daqs, in-negozji li għadhom l-għeruq tagħhom fi proċessi aktar tradizzjonali huma f'riskju li jitilfu l-kompetittività u huwa żbaljat li wieħed jassumi a priori li n-negozji kollha jistgħu jiksbu d-diġitalizzazzjoni b'suċċess. L-istess jgħodd għall-ħaddiema, speċjalment dawk li jaħdmu f'attivitajiet tradizzjonali.

2.12. It-tranżizzjoni għad-diġitalizzazzjoni tista' tgħin biex tixpruna l-effiċjenza tan-negozju u tiftaħ opportunitajiet ġodda għan-negozji biex jiġġeneraw l-introjtu, minbarra li tgħin biex titnaqqas il-marka tal-karbonju. Dan jista' jappoġġja wkoll aktar mobbiltà fis-suq tax-xogħol, itejjeb il-produttività u l-flessibbiltà fuq il-post tax-xogħol u jippermetti l-integrazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata meta l-ħaddiema jaħdmu mill-bogħod mid-dar, kif seħħ matul il-pandemija tal-COVID-19.

2.13. Madankollu, ir-realtà tista' tkun differenti ħafna u wieħed għandu jieqaf u jistaqsi jekk id-diġitalizzazzjoni u x-xogħol mill-bogħod b'mod partikolari fil-fatt irriżultawx f'bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Għalkemm ħafna ħaddiema jiffavorixxu x-xogħol mill-bogħod, ħafna drabi dan ġie implimentat b'mod ħażin, li jkollu impatt fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, speċjalment fil-każ ta' ommijiet li jaħdmu u ħaddiema b'ħiliet diġitali inadegwati. Għalhekk, huwa leġittimu li wieħed jistaqsi jekk id-diġitalizzazzjoni għamlitx il-konfini bejn il-ħajja privata u professjonali anqas ċari. Filwaqt li d-diġitalizzazzjoni tista' tagħti spinta lill-prestazzjoni tal-ħaddiema u tan-negozji, l-implikazzjonijiet għall-ħajja tal-familja u possibbilment għas-saħħa jistgħu jkunu kompletament differenti. L-għodod tal-intelliġenza artifiċjali, applikati b'mod mgħaġġel matul il-pandemija, kellhom it-tendenza li jżidu l-istress u r-riskji għas-saħħa u s-sikurezza fost il-ħaddiema.

2.14. Hemm ukoll tendenza dejjem tikber li l-individwi ma "jiskonnettjawx" mill-proċessi tax-xogħol diġitali. Hekk kif ix-xogħol mill-bogħod qed isir in-norma fin-negozji u fis-servizzi pubbliċi, huwa ta' importanza vitali li dan iseħħ fil-kuntest tad-djalogu soċjali u tan-negozjar kollettiv. Id-dritt ta' skonnessjoni jeħtieġ li jiġi rikonoxxut ukoll permezz ta' strument għall-UE kollha.

2.15. L-aspett finali tad-diġitalizzazzjoni jaffettwa mhux biss lis-sidien tan-negozju, iżda lis-soċjetà b'mod ġenerali. Matul l-aħħar tliet deċennji, u l-aktar b'mod partikolari f'dawn l-aħħar għaxar snin, kien hemm bidla drammatika lejn l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali fl-ambjenti soċjali u fl-attivitajiet umani kollha. Dan żviluppa essenzjalment dawk li huma magħrufa bħala "klijenti diġitali", b'għadd dejjem akbar ta' persuni li jiddependu mid-diġitalizzazzjoni prattikament fl-aspetti kollha tal-ħajja ta' kuljum tagħhom. Id-diġitalizzazzjoni bil-mod qed issir il-bażi għall-mod kif l-organizzazzjonijiet ta' kull forma u daqs jikkomunikaw mal-klijenti iżda jkun żbaljat li wieħed jassumi li l-persuni kollha, irrispettivament mill-età tagħhom, ikunu jistgħu jlaħħqu ma' żviluppi diġitali ġodda.

2.16. Dan iwassalna għad-distinzjoni bejn id-diġitalizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali. Din tal-aħħar hija kollha dwar it-trasformazzjoni tal-operazzjonijiet kummerċjali u soċjali f'elementi tad-dinja diġitali, kif ilkoll esperjenzajna b'ħafna modi matul il-pandemija, pereżempju b'żieda fix-xogħol mill-bogħod.

## 3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. Id-diġitalizzazzjoni kontinwa tas-soċjetà u tal-ekonomija tagħna sempliċiment se tkompli tikber u tapprofondixxi, u filwaqt li d-diġitalizzazzjoni twiegħed aktar vantaġġi soċjali u ekonomiċi, hemm ukoll tħassib dwar l-impatt ta' diviżjoni tagħha fuq is-soċjetà u jekk għadd dejjem akbar ta' persuni għandhomx verament il-ħiliet diġitali neċessarji. Fit-teorija, it-teknoloġiji trasformattivi jidhru li jagħtu spinta lill-inklużjoni soċjali minflok iżidu d-differenzi bejn dawk li għandhom il-ħiliet diġitali u dawk żvantaġġjati, iżda għal darb'oħra r-realtà fil-prattika tista' tkun xi ftit differenti. Ħafna nies sempliċiment mhumiex qed jirnexxilhom jadattaw għar-ritmu rapidu tat-trasformazzjoni diġitali. Dan japplika b'mod speċjali għall-anzjani, għall-persuni b'diżabilità, u għall-persuni li jgħixu f'reġjuni rurali u mbiegħda.

3.2. Filwaqt li d-diġitalizzazzjoni għal kulħadd hija meħtieġa biex jittejbu l-effiċjenza u l-produttività, kif ukoll biex jitħaffef l-iżvilupp soċjoekonomiku f'dinja wara pandemija, it-trasformazzjoni diġitali għandha titwettaq bl-aħjar mod. B'dan qed nifhmu li l-politika dwar it-trasformazzjoni diġitali, kemm għas-settur pubbliku kif ukoll privat, trid tkun inklużiva, tevita l-ispejjeż kollha tal-esklużjoni ta' gruppi fis-soċjetà bħall-anzjani, il-persuni soċjoekonomikament żvantaġġati, il-persuni b'diżabilità, u dawk fiż-żoni rurali.

3.3. Sabiex tinkiseb l-inklużività, il-gvernijiet jeħtieġ li jistabbilixxu strateġiji komprensivi u miżuri ta' appoġġ biex jiżguraw l-interoperabbiltà, il-kwalità, l-iffukar fuq il-bniedem, it-trasparenza, is-sigurtà, is-sikurezza, u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u tal-prodotti pubbliċi diġitali, kif ukoll l-aħjar aċċess għas-saħħa, għall-edukazzjoni u għall-opportunitajiet ekonomiċi u kulturali. F'dan il-kuntest, l-għodod diġitali jistgħu jintużaw mill-amministrazzjonijiet pubbliċi biex jinvolvu liċ-ċittadini fil-ħolqien ta' servizzi pubbliċi diġitali, filwaqt li jiżguraw li tali servizzi jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-preferenzi taċ-ċittadini li jużawhom.

3.4. Fuq kollox, il-kisba tal-inklużività tirrikjedi investiment kbir min-naħa tal-gvernijiet u huwa preżunt li, fil-pjani ta' rkupru u reżiljenza tal-Istati Membri, l-inklużività se tidher b'mod prominenti ħafna fit-trasformazzjoni diġitali ppjanata, bl-użu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE bħala parti min-Next Generation EU, kif ukoll il-Programm Ewropa Diġitali u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (b'mod partikolari l-FEŻR u l-FSE+). Madankollu, fil-każ tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, ġew espressi riżervi dwar l-adegwatezza tiegħu biex jissodisfa l-isfidi ta' tranżizzjoni kemm tad-diġitalizzazzjoni kif ukoll tat-tibdil fil-klima ([2]). Il-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali jeħtieġ ukoll li jiddiġitalizzaw u jaċċelleraw l-implimentazzjoni ta' infrastrutturi diġitali ġodda, inkluż il-5G.

3.5. Il-mewġa ta' trasformazzjoni diġitali hija mingħajr preċedent f'termini ta' veloċità, kamp ta' applikazzjoni u daqs. Li wieħed jistenna li n-negozji, l-SMEs u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali kollha jadattaw malajr u b'suċċess għal din il-mewġa ta' bidla mingħajr preċedent mhuwiex realistiku. It-trasformazzjoni tista' tiġġenera vittmi daqskemm suċċessi sakemm in-negozji ma jingħatawx biżżejjed żmien biex jadattaw u jkunu appoġġjati minn miżuri rilevanti.

3.6. Tali miżuri għandhom jinkludu l-għoti tal-infrastruttura meħtieġa lin-negozji biex jappoġġjaw it-trasformazzjoni diġitali u l-qafas leġiżlattiv ta' akkumpanjament li huwa proporzjonat u adegwat għall-użu tiegħu. Rilevanti wkoll hija l-ħtieġa li l-Istati Membri jaħdmu mill-qrib fuq l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali li jwasslu għal network għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki. Miżuri oħra jistgħu jinkludu krediti tat-taxxa biex jiġi appoġġjat aktar l-investiment meħtieġ min-negozji fit-trasformazzjoni diġitali tal-operazzjonijiet u l-proċessi ta' ħidma tagħhom.

3.7. Is-swieq fejn il-konsumaturi jistgħu jafdaw, ikunu ħielsa mill-manipulazzjoni u jagħmlu għażliet f'ambjent verament miftuħ u kompetittiv huma prekundizzjoni għal diġitalizzazzjoni affidabbli. Dan spiss ma jkunx il-każ, jekk inħarsu lejn kemm huma kkonċentrati ċerti swieq (midja soċjali, apps ta' komunikazzjoni, tiftix, OS eċċ.) u kemm ħafna drabi d-drittijiet tal-konsumatur qed jiġu miksura. Fl-Opinjoni tiegħu dwar l-Aġenda l-Ġdida għall-Konsumatur (INT/922 ([3])), il-KESE enfasizza li r-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur jeħtieġ li jiġu adattati wkoll għad-dinja diġitalizzata. L-isfidi l-ġodda maħluqa mit-teknoloġiji diġitali emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali (IA), l-Internet tal-Oġġetti (IoT) u r-robotika jitolbu tisħiħ tal-protezzjoni attwali.

---

([2]) https://www.epsu.org/article/proposed-transition-fund-really-just

([3]) ĠU C 286, 16.7.2021, p. 45.

3.8. Prekundizzjoni oħra għall-kisba tal-eżiti mixtieqa tat-trasformazzjoni diġitali hija t-tħejjija tan-negozju tad-daqsijiet kollha, inklużi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, għat-trasformazzjoni diġitali. Dan jinkludi appoġġ minn riżorsi finanzjarji eliġibbli u programmi ta' taħriġ għas-sidien ta' negozji żgħar u għall-persunal biex isiru familjari mal-aħħar teknoloġiji u l-opportunitajiet li jirriżultaw minnhom. It-tieni nett, l-aspetti kollha tal-introduzzjoni ta' din il-bidla profonda jeħtieġ li jiġu kkomunikati fil-livelli kollha fuq il-post tax-xogħol. It-tielet nett, jeħtieġ ukoll li titqajjem kuxjenza dwar il-ħtieġa li jiġu introdotti modi ġodda ta' ħidma, ta' tħejjija u ta' komunikazzjoni f'konformità mal-bidla mingħajr preċedent fil-kultura organizzazzjonali.

3.9. It-trasformazzjoni diġitali wasslet għal żieda sinifikanti fid-domanda għall-ħiliet diġitali fi prattikament l-industriji kollha, mill-manifattura għas-servizzi finanzjarji u lil hinn minnhom, bid-domanda mistennija tiżdied aktar fil-futur prevedibbli. Għalhekk, huwa essenzjali li l-gvernijiet u n-negozji jkomplu jinvestu fl-edukazzjoni u fit-taħriġ għal kulħadd, inkluża l-edukazzjoni vokazzjonali, biex jiżguraw li t-trasformazzjoni diġitali sseħħ mingħajr xkiel u bl-użu tat-talent xieraq biex l-individwi u n-negozji jkunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji ta' din it-tranżizzjoni. Dan għandu jinkludi wkoll l-edukazzjoni dwar il-parteċipazzjoni fi pjattaformi diġitali.

3.10. Hekk kif it-trasformazzjoni diġitali qed isseħħ aktar malajr, dan jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn żieda sinifikanti fir-rati ta' reġistrazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni relatati mal-iSTEM matul is-snin li ġejjin. L-iżvilupp ta' ħiliet STEM huwa meħtieġ biex tiġi appoġġjata t-trasformazzjoni, biex titnaqqas id-disparità bejn il-ġeneri, u biex tinħoloq il-ġenerazzjoni ta' innovaturi li jmiss. L-edukazzjoni STEM tgħin biex tingħata spinta lill-ekonomija u jinħolqu l-impjiegi.

3.11. It-trasformazzjoni diġitali rriżultat f'żieda fl-intensifikazzjoni tax-xogħol u fin-nuqqas ta' sigurtà fl-impjiegi, u b'hekk ħolqot sfidi serji għall-protezzjoni, ir-rappreżentanza u t-trattament ġust tal-ħaddiema. Id-Dikjarazzjoni taċ-Ċentenarju tal-ILO għall-Futur tax-Xogħol, adottata fl-2019, ipproponiet approċċ iffukat fuq il-bniedem għal teknoloġija ġdida fid-dinja tax-xogħol. Madankollu, l-isfida hija kif dan jista' jissarraf f'politiki, f'leġiżlazzjoni u f'miżuri effettivi li jipproteġu lill-ħaddiema u li jippermettu rappreżentanza adegwata. Din hija r-raġuni għaliex rieżami tal-politiki fl-UE kollha (u possibbilment leġiżlazzjoni li hija proporzjonata u adatta għall-iskop tagħha) u l-miżuri jitqiesu meħtieġa, mhux biss għal finijiet ta' koerenza tal-politika iżda wkoll biex il-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu involutifl-iżvilupp ta' politika bbażata fuq l-objettiv fundamentali li tinkiseb il-ġustizzja soċjali.

3.12. Fl-aħħar nett, kwalunkwe diskussjoni dwar id-diġitalizzazzjoni għal kulħadd ma tistax tinjora r-rabta tagħha mal-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomiji tal-UE u l-miri tan-newtralità karbonika tal-UE, kif ukoll l-enfasi li qed titqiegħed fil-Pjani għall-Irkupru u r-Reżiljenza fuq inizjattivi li jappoġġjaw dawn il-miri.

3.13. "Diġitali u ekoloġiku" mhux biss għandhom jimxu id f'id, iżda huma essenzjali għall-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-UE kollha. L-eżempji jinkludu teknoloġiji blockchain għall-ottimizzazzjoni tal-katina ta' provvista u t-titjib tal-effiċjenza, li jgħinu fit-tnaqqis tal-konsum tar-riżorsi filwaqt li jżommu rendikont tal-komponenti, tal-prodotti u l-materjali, u b'hekk jikkontribwixxu għall-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, it-teknoloġiji diġitali jistgħu jgħinu biex jinnewtralizzaw jew jikkumpensaw għall-emissjonijiet li huma teknikament ta' sfida jew għaljin. Il-fatt li wieħed isir "diġitali u ekoloġiku" huwa ta' importanza vitali, iżda kif ġie enfasizzat f'din l-Opinjoni, il-ġustizzja fis-soċjetà għandha dejjem tkun il-prinċipju gwida għall-implimentazzjoni ta' dan il-kunċett. Fi kliem ieħor, il-benefiċċji tat-trasformazzjoni diġitali, pereżempju, fl-applikazzjoni tal-aktar teknoloġiji reċenti użati biex jiġu pprovduti servizzi intelliġenti, kontinwi u mhux intrużivi fl-oqsma tal-enerġija, is-sigurtà, il-mobbiltà, il-benesseri u l-komunità li jgħinu biex tinkiseb in-newtralità karbonika, għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

3.14. Aħna nirrikonoxxu li dan ma jinkisibx faċilment iżda huwa preċiżament għaliex il-pjani ta' diġitalizzazzjoni marbuta mal-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomiji tal-UE għandhom jinvolvu proċess ta' konsultazzjoni u analiżi ta' diversi partijiet ikkonċernati, ibbażati fuq id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, fejn l-enfasi tkun fuq miri fuq perjodu ta' żmien medju u twil li effettivament jagħmlu differenza fil-ħajja tal-Ewropej.

Brussell, is-7 ta' Lulju 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Tagħlim għall-adulti"**

**(Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Slovena)**

(2021/C 374/04)

Relatur: **Tatjana BABRAUSKIENĖ**

| | |
|---|---|
| Talba mill-Presidenza Slovena tal-Kunsill | Ittra, 19.3.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Deċiżjoni tal-Bureau | 23.3.2021 |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 21.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 8.7.2021 |
| Plenary session No | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni | |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | 233/3/5 |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE japprezza l-enfasi akbar fuq it-tagħlim għall-adulti, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet imtennija fl-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni Ewropea, prinċipalment fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa. Il-KESE jappella sabiex jitfasslu u jiġu implimentati miżuri ta' politika mmirati tajjeb u immedjati, akkumpanjati minn inċentivi li jappoġġjaw lill-Istati Membri, kif diġà ġie indikat fl-Opinjoni tal-KESE dwar "Sistemi edukattivi ta' appoġġ sabiex jiġi evitat spariġġ fil-ħiliet — liema tranżizzjoni hija meħtieġa?" [1].

1.2. Il-KESE jirrimarka li l-invenzjoni rapida u t-tixrid ta' teknoloġiji ġodda jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid effettivi. Il-KESE jenfasizza li l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-soċjetà u l-ekonomija tal-Ewropa kompla jenfasizza l-importanza ta' politiki effettivi dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ u impjiegi ta' kwalità għolja fl-appoġġ għal irkupru u reżiljenza soċjali u ekonomiċi ġusti u sostenibbli, li huma kruċjali biex jgħinu lill-Ewropa tegħleb il-konsegwenzi tal-pandemija. L-investiment fit-tagħlim għall-adulti u fl-iżvilupp tal-ħiliet jista' jkollu rwol kruċjali fl-irkupru ekonomiku u f'Ewropa soċjali.

1.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jtejbu l-politiki dwar it-tagħlim għall-adulti billi jieħdu perspettiva olistika u jtejbu l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-inklużività tiegħu filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi nazzjonali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-KESE jappella sabiex il-politiki dwar it-tagħlim għall-adulti jittejbu f'sens wiesa', billi jitqiesu strateġiji effettivi biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti l-ġodda tal-ħiliet, imfassla apposta għall-ħtiġijiet lokali. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jittejbu l-pedagoġija u l-andragoġija fit-tagħlim għall-adulti b'edukazzjoni inizjali ta' kwalità tajba, l-iżvilupp professjonali kontinwu u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba u ġusti, u ambjent tax-xogħol ta' appoġġ għall-edukaturi fil-qasam tat-tagħlim għall-adulti.

1.4. Il-KESE jisħaq li t-tagħlim għall-adulti huwa essenzjali biex l-adulti jingħataw l-għajnuna biex itejbu u jiksbu l-ħiliet għaċ-ċittadinanza u jaqdu rwol attiv fis-soċjetà. It-tagħlim tul il-ħajja għandu jsir stil ta' ħajja għal kulħadd biex jingħelbu d-disparitajiet u l-inugwaljanzi fis-soċjetà u għandu wkoll isir realtà fuq il-post tax-xogħol. F'dan ir-rigward, l-użu ta' "ħiliet" huwa ferm importanti fis-sens u l-fehim usa' tiegħu rigward il-post tax-xogħol, fis-sens li għandna nqisu wkoll il-ħajja soċjali u personali bħala perċezzjoni olistika tal-proċess tal-iżvilupp tal-ħiliet.

(1) ĠU C 228, 5.7.2019, p. 16.

1.5. Il-KESE jenfasizza l-importanza tat-tagħlim għall-adulti, u jiddispjaċih li l-istituzzjonijiet tal-UE u diversi Stati Membri ma jqisuhx bħala prijorità politika, minkejja li t-tagħlim għall-adulti huwa essenzjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-impjieg u l-inklużjoni soċjali u biex l-adulti jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq tax-xogħol u jkunu ċittadini demokratiċi. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jsaħħu l-politika, il-governanza u l-finanzjament għat-tagħlim għall-adulti skont il-prinċipji tal-Erba' Pilastri tal-Edukazzjoni ([2]) tal-Unesco: it-tagħlim biex insiru nafu, biex nitgħallmu nagħmlu, biex nitgħallmu nisfruttaw għalkollox il-potenzjal tagħna, u biex nitgħallmu ngħixu flimkien. Sabiex jiġi implimentat l-SDG 4, jeħtieġ li jkun hemm appoġġ effettiv għas-soċjetà ċivili sabiex tinbena sħubija dwar l-għoti ta' tagħlim għall-adulti f'kuntesti informali u mhux formali, u biex jiġi żgurat li n-nies jintlaħqu b'mod effettiv.

1.6. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jistabbilixxu għanijiet fit-tul li jistgħu jintlaħqu u jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ kontinwu għall-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja u aċċessibbli, inkluż it-taħriġ għall-impjegati, għal kull Stat Membru, filwaqt li jitqiesu d-differenzi reġjonali. Din is-sistema għandu jkollha l-għan li tiżgura li kulħadd ikollu l-għarfien, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudni meħtieġa biex l-Ewropa tistabbilixxi soċjetà ġusta, koeżiva, sostenibbli, diġitali u għanja. Huwa importanti wkoll li tittejjeb l-informazzjoni dwar ir-riċerka u l-ħiliet fil-livell settorjali u nazzjonali dwar il-ħiliet meħtieġa u l-previżjonijiet tal-ħiliet biex jiġi aġġornat it-tagħlim għall-adulti għal dawk l-adulti li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet, u biex tittejjeb id-data dwar l-investiment tal-Istati Membri fit-tagħlim għall-adulti u biex jiġi żgurat li jsir monitoraġġ u ġbir tad-data frekwenti dwar it-tagħlim u l-korsijiet ta' taħriġ li l-impjegati jkunu kisbu. L-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili għandhom ikunu involuti b'mod attiv fit-titjib tal-intelliġenza nazzjonali dwar il-ħiliet, inklużi l-analiżi, it-tbassir u l-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet.

1.7. L-Istati Membri jeħtieġ li jħaffu l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti ([3]) biex jiżguraw li l-adulti kollha b'livell baxx ta' ħiliet u b'livell baxx ta' kwalifiki jiżviluppaw il-ħiliet bażiċi tagħhom u jkunu ggwidati u motivati biex jipparteċipaw f'taħriġ biex itejbu ħajjithom u l-impjegabbiltà tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li 80 % tal-adulti jkollhom ħiliet diġitali bażiċi, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-adulti biex jiksbu b'xejn livell minimu ta' ħiliet diġitali bażiċi li jkunu utli biex jakkwistaw aktar ħiliet għax-xogħol u għal ħajjithom ta' kuljum.

1.8. Il-KESE jirrimarka li l-adulti kollha, irrispettivament mill-kwalifiki u l-kuntest soċjoekonomiku tagħhom, jeħtieġu appoġġ biex jaċċessaw tagħlim tul il-ħajja inklużiv u ta' kwalità tajba u biex il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom jiġu vvalidati. Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi għandhom iżidu u jiffaċilitaw aktar l-aċċess għal gwida u konsulenza ġusti u mingħajr ħlas, u għandhom jiżguraw li l-adulti kollha jkunu infurmati dwar il-possibbiltajiet ta' tagħlim tul il-ħajja u li l-ħaddiema jkunu konxji ta' kif l-impjiegi se jinbidlu u tal-ħiliet li huma meħtieġa għal impjiegi u kompiti ġodda.

1.9. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jniedu kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mal-imsieħba soċjali għall-adulti u l-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali biex jgħinu lill-forza tax-xogħol tikseb il-ħiliet meħtieġa. Il-Kummissjoni Ewropea għandha torganizza avvenimenti annwali fuq l-eżempju tal-Ġimgħa tal-Ħiliet tal-VET biex tinforma u timmotiva lill-adulti dwar it-tagħlim għall-adulti u tagħlim ulterjuri u biex tassisti 'l-politiki nazzjonali.

1.10. Il-KESE jissottolinja l-importanza tas-sussidjarjetà fir-rigward tal-politiki dwar it-tagħlim għall-adulti sabiex jiġi rrispettat ir-rwol tal-imsieħba soċjali nazzjonali u settorjali fl-identifikazzjoni tar-rekwiżiti tal-ħiliet u fil-ġestjoni tas-sistemi nazzjonali biex jiġi ffinanzjat u żgurat l-aċċess għat-tagħlim għall-adulti u t-taħriġ għall-impjegati. Il-KESE jinnota li l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandha tiżgura li l-kumpaniji kollha jkollhom id-dritt u l-kapaċità li jistabbilixxu strateġiji ta' ħiliet għall-ħtiġijiet tal-innovazzjoni u li jappoġġjaw it-tranżizzjoni ġusta tal-ħaddiema u l-apprendistati ta' kwalità għaż-żgħażagħ u għall-adulti fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi tal-Kunsill ([4]) (2020) jagħmlu distinzjoni ċara bejn l-iżgurar tad-drittijiet/tal-intitolamenti għat-taħriġ u l-għoti ta' kontijiet ta' tagħlim individwali bħala waħda mill-għodod possibbli, li jippermettu lill-pajjiżi jiddeċiedu kif jiżguraw intitolamenti bħal dawn. Kontijiet individwali ta' tagħlim huma għodod li jistgħu jiżguraw id-dritt/l-intitolament għat-taħriġ. L-adulti u l-ħaddiema kollha għandu jkollhom id-dritt — f'konformità mal-ftehimiet kollettivi u l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali — li jaċċessaw taħriġ ta' kwalità tajba għall-impjegati, liv bi ħlas għall-edukazzjoni, kwalifiki, validazzjoni tat-tagħlim informali u mhux formali, u gwida u konsulenza ggarantiti mill-kwalità u flessibbli.

([2]) https://en.unesco.org/themes/education/research-foresight/revisiting-learning
([3]) ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1.
([4]) Linji gwida dwar l-impjiegi.

L-Istati Membri tal-UE jeħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi u għodod finanzjarji biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-adulti — b'mod partikolari l-ħaddiema — għat-tagħlim u t-taħriġ, bl-involviment tal-imsieħba soċjali.

1.11. Il-KESE jfakkar lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-adulti kollha, speċjalment dawk li ġejjin minn kuntesti soċjoekonomiċi żvantaġġati, ikollhom aċċess ugwali għal tagħlim tul il-ħajja li jservi l-interessi personali jew tal-iżvilupp tal-karriera tagħhom. Jeħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ immirat lill-NEETs (barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ), lill-migranti u lir-refuġjati, lill-gruppi żvantaġġati u vulnerabbli, kif ukoll lill-persuni akbar fl-età biex jiġi żgurat tixjiħ attiv u b'saħħtu. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tiffoka fuq l-edukazzjoni għal studenti ta' kull età, u tiffoka sabiex tagħmel it-tagħlim għall-adulti aċċessibbli u mingħajr ħlas għall-istudenti kollha b'diżabilità u diffikultajiet fit-tagħlim f'ambjenti fiżikament aċċessibbli, u tiżgura li jingħata taħriġ lill-għalliema dwar kif jadattaw il-lezzjonijiet tagħhom u kif jagħmlu t-tagħlim online aċċessibbli wkoll.

1.12. Il-KESE jissottolinja li l-governanza demokratika hija kruċjali għas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż djalogu soċjali effettiv u konsultazzjoni sinifikanti mas-soċjetà ċivili, biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-ħiliet għall-adulti kollha, b'mod partikolari l-ħaddiema u l-persuni qiegħda, filwaqt li jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti kif definit mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u d-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück, u jingħata kontribut għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill li jmiss dwar l-aġenda għat-tagħlim għall-adulti. Il-KESE jirrimarka li d-djalogu soċjali u l-interazzjoni bejn it-trade unions u min iħaddem huma strumentali biex jiżdied l-aċċess għat-tagħlim għall-adulti għall-kulħadd, biex jiġu promossi l-fessibbiltà u l-gwida, biex it-taħriġ jiġi allinjat mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, tiġi żgurata l-kwalità tat-taħriġ u jiġi ffinanzjat it-taħriġ.

1.13. Il-KESE jenfasizza li l-adulti kollha, speċjalment il-ħaddiema, għandu jkollhom aċċess aħjar għal informazzjoni aġġornata dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni. Dan jista' jinkiseb billi tiġi implimentata b'mod effettiv ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ([5]), u billi jiġi żgurat li s-sistemi ta' validazzjoni jirċievu finanzjament pubbliku suffiċjenti f'kull pajjiż tal-UE. Billi jiżguraw li t-taħriġ jiġi rikonoxxut, l-impjegaturi u l-unions jistgħu jappoġġjaw iż-żieda fil-livelli ta' kwalifiki tal-ħaddiema u jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-karriera tagħhom, u għal tranżizzjoni ġusta fis-suq tax-xogħol. L-involviment tal-imsieħba soċjali fil-governanza tat-tagħlim għall-adulti, it-taħriġ għall-impjegati u s-sistemi tal-liv bi ħlas għall-edukazzjoni huwa essenzjali, inkluż il-promozzjoni ta' azzjonijiet konġunti bejn l-imsieħba soċjali.

1.14. Il-KESE jissottolinja li t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid huma tal-akbar importanza għall-appoġġ tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tal-industriji, u jeħtieġ li dawn jitqiesu bħala responsabbiltà soċjali u ekonomika sabiex jiġi żgurat taħriġ inklużiv għal impjiegi ta' kwalità tajba, u tranżizzjoni ġusta għal kulħadd. Huma meħtieġa strateġiji industrijali li jħarsu 'l quddiem, inklużi politiki effettivi dwar il-ħiliet, biex jappoġġjaw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol. Dawn jistgħu jgħinu biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u soċjalment ġusta lejn ekonomija newtrali għall-klima permezz tal-ibbilanċjar tas-suq tax-xogħol li jikkontribwixxi għal diġitalizzazzjoni inklużiva u impjiegi ta' kwalità għolja. Il-kumpaniji jeħtieġu appoġġ effettiv biex isaħħu u jiffinanzjaw l-istrateġiji tagħhom għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forzi tax-xogħol tagħhom biex iħeġġu l-innovazzjoni. Fl-istess ħin, l-interess ekonomiku u soċjali ġenerali għandu jiġi rrispettat. Il-ftehimiet kollettivi għandhom jiddeterminaw l-aċċess għal tipi differenti ta' liv bi ħlas għall-edukazzjoni għall-ħtiġijiet personali u professjonali tal-ħaddiema. Il-KESE jfakkar lill-Istati Membri tal-UE jallinjaw l-aċċess għall-ħaddiema għal-liv bi ħlas għall-edukazzjoni mal-Konvenzjoni 140 tal-ILO dwar il-Liv bi Ħlas għall-Edukazzjoni malajr kemm jista' jkun permezz ta' azzjonijiet nazzjonali u ftehimiet kollettivi u jiżguraw, bl-appoġġ tal-imsieħba soċjali, li l-użu tiegħu jkun effettiv.

1.15. Il-KESE jirrakkomanda finanzjament nazzjonali sostenibbli għat-tagħlim għall-adulti, ikkomplementat bl-użu effettiv tal-fondi tal-UE, inkluża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, biex jiġi appoġġjat it-tkabbir ekonomiku u soċjetà reżiljenti fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tal-ekonomija, billi jiġi żgurat tagħlim għall-adulti ta' kwalità tajba u inklużiv għal kulħadd, inklużi l-persuni qiegħda u persuni oħra barra mis-suq tax-xogħol, u tingħata attenzjoni speċjali sabiex it-taħriġ ikun disponibbli u aċċessibbli għall-ħaddiema kollha. Dan jirrikjedi impenn ċar fil-livelli Ewropej u nazzjonali biex jiġi ddedikat sehem adatt mir-riżorsi disponibbli għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' sistemi sistematiċi u kkoordinati tat-tagħlim għall-adulti bħala parti ewlenija mill-pjani nazzjonali.

([5]) ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1

1.16. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-kwalità, ir-rilevanza, l-effettività u l-inklużività fit-tagħlim għall-adulti u t-taħriġ. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jiżguraw li l-programmi u l-kurrikuli kollha tat-tagħlim edukattiv u tat-taħriġ għall-impjegati jiddefinixxu b'mod ċar l-eżiti tat-tagħlim u l-kompetenzi ewlenin, u l-Kummissjoni Ewropea għandha tkompli taħdem fuq l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ([6]) u l-appoġġ għal azzjonijiet konġunti bejn l-imsieħba soċjali. Huwa importanti li jittejbu s-sistemi tal-iżgurar tal-kwalità tat-tagħlim għall-adulti u li jiġi żviluppat aktar in-Network EQAVET tal-Kummissjoni Ewropea biex japplika għat-tagħlim għall-adulti, għall-VET kontinwu, għall-apprendistati u għat-taħriġ għall-impjegati. Dan għandu jqis li l-ħtiġijiet tal-ekonomija, l-impjegaturi u l-ħaddiema jissarrfu fi programmi u kurrikuli tat-tagħlim għall-adulti.

1.17. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri jinvolvu lill-kumpaniji u lit-trade unions kemm jista' jkun fl-istabbiliment ta' strateġiji għall-iżvilupp tal-ħiliet għat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tal-industriji. Il-KESE jissuġġerixxi li l-politiki ambjentali jintrabtu mal-politiki tal-edukazzjoni u li jiġu stabbiliti strateġiji nazzjonali dwar il-ħiliet ekoloġiċi u l-kompetenza biex kull adult ikun konxju mit-tibdil fil-klima, mir-responsabbiltà ambjentali u mill-iżvilupp sostenibbli, bħala parti mit-tagħlim tul il-ħajja billi jinħatru koordinaturi nazzjonali.

1.18. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jsaħħu l-politiki dwar it-tagħlim għall-adulti biex jagħmlu tali tagħlim inklużiv u ta' kwalità tajba, bil-għan li jinkisbu l-ħiliet għall-ħajja, dritt għall-adulti kollha, u biex jilħqu u jżidu l-mira ta' 60 % tal-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti kull sena billi jiġu indirizzati l-ispariġġi fil-ħiliet, u jittejbu l-governanza u l-finanzjament għat-tagħlim għall-adulti, inkluż it-taħriġ għall-impjegati. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea terġa' tistabbilixxi metodi miftuħa ta' koordinazzjoni bejn il-ministeri rilevanti li jittrattaw it-tagħlim għall-adulti fl-Istati Membri tal-UE, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili bħala parti minn grupp ta' ħidma u biex jiġi żgurat li titkompla l-ħidma produttiva mwettqa minn gruppi ta' ħidma preċedenti dwar it-tagħlim għall-adulti. Il-KESE jitlob ukoll li tiġi stabbilita pjattaforma għall-koordinaturi nazzjonali tat-tagħlim għall-adulti, għall-imsieħba soċjali u għall-partijiet ikkonċernati, separata mill-Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti fl-Ewropa (EPALE) ([7]), u biex dawn id-diversi atturi jiltaqgħu regolarment bħala network.

## 2. **Kuntest**

2.1. Il-kriżi tal-COVID-19, it-tibdil demografiku, id-diġitalizzazzjoni tas-suq tax-xogħol u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija qed jikkawżaw bidliet enormi fl-impjiegi u fil-kompiti. Anke qabel il-pandemija, kien previst li fi 2 minn kull 5 impjiegi xi kompiti jinbidlu u li 14 % tal-impjiegi jinbidlu minħabba d-diġitalizzazzjoni (Cedefop). Sal-2030, jistgħu jinħolqu sa 20 miljun impjieg madwar id-dinja minħabba t-tranżizzjoni ekoloġika tal-industriji (OECD). Madwar 128 miljun adult ([8]) — 46,1 % tal-popolazzjoni adulta tal-Ewropa — jeħtieġu titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid. L-effett tad-diġitalizzazzjoni, ir-robotizzazzjoni, mudelli ekonomiċi ġodda bħall-Industrija 4.0 u l-ekonomija ċirkolari u kollaborattiva fuq rekwiżiti ġodda ta' ħiliet jeħtieġu azzjoni kkoordinata biex jiġi stimulat aktar it-tagħlim għall-adulti fl-Ewropa.

2.2. Il-mexxejja tal-pajjiżi tal-UE ltaqgħu fis-Summit Soċjali ta' Porto fis-7 ta' Mejju 2021 biex isaħħu l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-miżuri proposti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandhom l-għan li: joħolqu "aktar impjiegi u impjiegi aħjar", jippromovu "kwalifiki u ugwaljanza", u jtejbu l-"protezzjoni u l-inklużjoni soċjali". Il-mexxejja stabbilew miri għall-2030, pereżempju tal-inqas 60 % tal-adulti għandhom jipparteċipaw fit-tagħlim għall-adulti kull sena u 80 % tal-adulti għandu jkollhom tal-inqas ħiliet diġitali bażiċi. Dawn il-miri huma relatati mal-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jistipula li "[k]ulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklussivi sabiex iżomm u jakkwista ħiliet li jippermettulu jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol"; kif ukoll għad-drittijiet imsemmija fir-raba' prinċipju, inkluż l-appoġġ għat-taħriġ u l-kwalifikazzjoni mill-ġdid, speċjalment l-aċċess taż-żgħażagħ għal edukazzjoni kontinwa, apprendistati u traineeships.

([6]) ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1, https://ec.europa.eu/education/education-in-the-eu/council-recommendation-on-key-competences-for-lifelong-learning_mt

([7]) https://epale.ec.europa.eu/mt

([8]) Cedefop: Empowering adults through upskilling and reskilling pathways. Volume 1: adult population with potential for upskilling and reskilling (Tisħiħ tal-pożizzjoni tal-adulti permezz ta' perkorsi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid. Volum 1: il-popolazzjoni adulta b'potenzjal għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid), Frar 2020.

2.3. L-implimentazzjoni ta’ inizjattivi ta’ politika reċenti tal-Kummissjoni Ewropea ([9]) relatati mat-tagħlim tul il-ħajja, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid jeħtieġ li jgħinu jissodisfaw il-miri tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għat-tagħlim għall-adulti permezz ta’ djalogu effettiv mal-imsieħba soċjali u konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili. Wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 ([10]), is-sistemi tat-tagħlim għall-adulti jeħtieġ li jiġu kkomplementati bl-istabbiliment ta’ sistemi effettivi ta’ gwida tul il-ħajja, u attivitajiet ta’ konsulenza u sensibilizzazzjoni, l-integrazzjoni ta’ gruppi vulnerabbli u l-introduzzjoni ta’ sistemi effettivi ta’ validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali għal kulħadd.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Governanza demokratika msaħħa fil-livell Ewropew u l-livell nazzjonali u l-isfruttar tal-potenzjal tal-imsieħba soċjali sabiex jiġu identifikati l-ħtiġijiet b’rabta mal-ħiliet u jkunu ta’ kontribut għat-titjib tal-inklużjoni fis-suq tax-xogħol huma essenzjali għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta’ sistemi ta’ tagħlim għall-adulti aktar aċċessibbli u ta’ kwalità tajba sabiex jittejbu l-ħiliet għall-ħajja u dawk soċjali tal-adulti kollha, inklużi s-sensibilizzazzjoni dwar żvilupp sostenibbli, ir-responsabbiltà ambjentali, iċ-ċittadinanza demokratika, it-tolleranza u l-valuri Ewropej. Huwa importanti li jissaħħu l-politiki dwar it-tagħlim għall-adulti f’sens wiesa’ u li jitqiesu strateġiji effettivi biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti għall-ħiliet il-ġodda.

3.2. Djalogu soċjali effettiv mal-imsieħba soċjali u l-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-politiki dwar it-tagħlim għall-adulti jiġu mfassla u implimentati b’suċċess. L-imsieħba soċjali jaqdu rwol vitali fid-definizzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet u l-aġġornament tal-profili tal-kwalifiki peress li l-kumpaniji u l-ħaddiema jesperjenzaw l-evoluzzjoni tal-impjiegi u tal-kompiti kuljum. Il-kumpaniji u l-ħaddiema għandhom ikunu involuti bis-sħiħ fl-istabbiliment ta’ strateġiji għall-iżvilupp ta’ ħiliet għat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika tal-industrija.

3.3. Biex is-sistemi tat-tagħlim għall-adulti jsiru aktar aċċessibbli għal kulħadd, dan jirrikjedi strateġiji nazzjonali b’saħħithom u kooperazzjoni politika ulterjuri fost il-pajjiżi tal-UE, b’mod partikolari fost il-ministeri, l-imsieħba soċjali tal-edukazzjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti fis-soċjetà ċivili. Huwa importanti li jingħaqdu flimkien il-politiki tal-UE u dawk nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jinkiseb aċċess effettiv għat-tagħlim għall-adulti u t-taħriġ għall-impjegati u li jingħaqdu flimkien diversi oqsma ta’ politika sabiex il-politiki soċjali, ambjentali, ta’ diġitalizzazzjoni u finanzjarji jkunu jistgħu jtejbu t-tagħlim għall-adulti.

3.4. Il-mira ambizzjuża tal-parteċipazzjoni tat-tagħlim għall-adulti stabbilita mill-Pjan ta’ Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tista’ tinkiseb jekk inizjattiva tal-UE appoġġjata minn Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tħeġġeġ lill-gvernijiet jiżguraw aċċess aħjar u finanzjament biżżejjed għat-tagħlim għall-adulti u t-taħriġ għall-impjegati permezz ta’ diversi għodod finanzjarji. Il-KESE jirreferi għall-Opinjoni tiegħu dwar *Il-finanzjament sostenibbli għat-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-ħiliet, fil-kuntest tal-għadd insuffiċjenti ta’ ħaddiema b’ħiliet speċjalizzati* ([11]), u jissottolinja li l-investiment pubbliku sostenibbli fit-tagħlim għall-adulti u l-investiment privat effettiv fit-taħriġ għall-impjegati huma prerekwiżiti għas-suċċess ta’ miżuri ta’ politika għall-inklużjoni soċjali u ekonomika tal-istudenti ta’ kull età u għall-appoġġ lill-kumpaniji. Għalhekk, il-Pjan ta’ Rkupru, Next Generation EU u fondi oħra tal-UE (eż. il-FSE+, il-Fondi għal Tranżizzjoni Ġusta) għandhom jintużaw b’mod effiċjenti u konsistenti biex jiġu appoġġjati l-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ fir-rigward tas-Semestru Ewropew.

3.5. Il-KESE jinnota ([12]) l-importanza li jittejbu l-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudnijiet ta’ kulħadd fl-Ewropa fir-rigward tal-ambjent u sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet b’rabta mal-ħiliet. L-Istati Membri tal-UE jeħtieġ li jgħaqqdu l-politiki ambjentali mal-politiki tal-edukazzjoni u jistabbilixxu strateġiji nazzjonali ta’ ħiliet ekoloġiċi u ta’ kompetenza biex kull adult ikun konxju mit-tibdil fil-klima, ir-responsabbiltà ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli bħala parti mit-tagħlim tul il-ħajja, u biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu attrezzati wkoll bil-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ġusti tal-industrija.

---

([9]) Dawn l-inizjattivi huma l-Komunikazzjoni dwar Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1), il-Komunikazzjoni dwar l-Appoġġ għall-Impjieg taż-Żgħażagħ: Pont għall-Impjiegi għall-Ġenerazzjoni li Jmiss, il-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjiegi — Tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażagħ, u l-Pjan ta’ Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027.

([10]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 tal-4 ta’ Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) (ĠU L 80, 8.3.2021, p. 1).

([11]) ĠU C 232, 14.7.2020, p. 8.

([12]) ĠU C 56, 16.2.2021, p. 1.

3.6. L-appoġġ għat-taħriġ jeħtieġ li jkun disponibbli għal dawk li għandhom bżonnu l-aktar, bħal ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u dawk atipiċi. It-taħriġ għall-impjegati u t-taħriġ barra mill-kumpaniji iżda ffinanzjat minnhom jeħtieġ li jappoġġjaw l-iżvilupp tal-ħiliet biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-kumpaniji u tal-ħaddiema. Sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha, irrispettivament mil-livell ta' ħiliet u mis-sitwazzjoni kuntrattwali tagħhom, ikollhom aċċess għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid, jeħtieġ li jsiru ftehimiet settorjali, nazzjonali u fil-livell tal-kumpaniji biex jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet u d-dispożizzjonijiet b'rabta mat-taħriġ. Jeħtieġ li jiġu konklużi ftehimiet kollettivi biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkollhom aċċess, permezz ta' diversi inċentivi, għal tipi differenti ta' liv bi ħlas għall-edukazzjoni.

3.7. Il-KESE jirreferi għar-*Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea mġedda għat-tagħlim għall-adulti* ([13]), u jisħaq li l-Istati Membri jeħtieġ li jagħmlu aktar biex itejbu l-kwalità tat-tagħlim fis-settur tal-edukazzjoni għall-adulti billi jtejbu l-edukazzjoni inizjali u l-iżvilupp professjonali kontinwu bl-involviment tal-għalliema, billi tiġi ffaċilitata l-mobilità tal-għalliema, tal-ħarrieġa u ta' persunal ieħor tal-edukazzjoni għall-adulti, u billi jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u ambjent tax-xogħol ta' appoġġ għall-persunal fil-qasam tat-tagħlim għall-adulti. Huwa meħtieġ djalogu soċjali effettiv mat-trade unions tagħhom sabiex ikun jista' jintlaħaq qbil dwar miżuri biex il-professjoni ssir aktar attraenti u biex jittejbu r-reklutaġġ u ż-żamma.

3.8. L-istabbiliment ta' pjattaforma Ewropea ta' skambju għall-materjali u l-korsijiet diġitali fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 u l-istandards Ewropej dwar il-mikrokredenzjali jista' jkun utli biex jittejbu l-aċċess għall-korsijiet tat-tagħlim għall-adulti u l-fiduċja fihom. L-istudenti jeħtieġu informazzjoni komprensiva dwar jekk il-korsijiet iwasslux għal kwalifiki sħaħ jew parzjali jew għal mikrokredenzjali, min jivvalida u jiżgura l-kwalità tal-korsijiet online, jekk humiex rikonoxxuti u kif jiġu rikonoxxuti, u kif jistgħu jinqalbu fi kwalifiki sħaħ.

Brussell, it-8 ta' Lulju 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

([13]) ĠU C 372, 20.12.2011, p. 1.

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## IL-562 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW — INTERACTIO, 7.7.2021–8.7.2021

### Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali"

*(COM(2021) 118 final)*

(2021/C 374/05)

Relatur: **Gonçalo LOBO XAVIER**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 21.4.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 15.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 7.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 207/0/3 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-pjan tal-Kummissjoni Ewropea għall-Kumpass Diġitali tal-2030 jasal f'mument kritiku għall-Unjoni u għad-dinja kollha. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva u l-għan li jintużaw it-teknoloġiji diġitali biex tittejjeb il-ħajja taċ-ċittadini, jinħolqu aktar impjiegi, jiġi ffaċilitat il-progress u tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea. Il-pandemija enfasizzat l-importanza u l-possibbiltajiet ta' żviluppi diġitali, enfasizzat il-ħtieġa ta' aġġustamenti u biddlet il-mod kif nissoċjalizzaw u naħdmu. Jeħtieġ li l-UE tindirizza dawn l-isfidi b'mod adatt. Huwa essenzjali li jkun hemm strateġija, pjan b'għanijiet speċifiċi u mod kif jitkejjel il-progress biex l-intenzjonijiet jissarrfu f'riżultati.

1.2. Il-KESE jemmen li l-innovazzjoni diġitali trid dejjem tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali, tiżgura s-saħħa, is-sikurezza u l-privatezza ta' kulħadd (protezzjoni tad-data personali). Huwa kruċjali li ċ-ċittadini jqisu li l-iżviluppi u t-tkabbir għandhom impatt pożittiv fuq il-kwalità ta' ħajjithom. L-effetti ta' teknoloġiji ġodda li jappoġġjaw il-ħajja tagħna ta' kuljum jridu jkunu tajbin u distribwiti b'mod ġust sabiex verament ikunu ta' benefiċċju għas-soċjetà u d-dritt għas-saħħa dejjem irid jieħu preċedenza u jkun rikonoxxut fil-lista tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadinanza diġitali.

1.3. Il-KESE jappella għall-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-pubbliku u li tittejjeb iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza ċibernetika permezz tas-"sigurtà sa mit-tfassil" tul il-katina kollha tal-valur diġitali, biex in-nies jinghataw għażla u kontroll aħjar fuq id-data tagħhom ("Etika tad-Data"), u li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-intermedjarji biex jiġġieldu l-kontenut illegali u ta' ħsara.

1.4. L-aċċessibbiltà online tas-servizzi pubbliċi Ewropej u nazzjonali ewlenin kollha hija objettiv ġustifikat. Madankollu, il-KESE jwissi li ħadd ma għandu jitħalla jibqa' lura u li huwa essenzjali li jiġu appoġġjati dawk li ma jistgħux jibbenefikaw immedjatament mill-proċess ta' diġitalizzazzjoni. Għad hemm grupp sinifikanti ta' ċittadini li ma għandhomx l-għarfien u l-ħiliet u anke l-hardware u s-software meħtieġa biex jibbenefikaw minn dawn il-faċilitajiet. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lil dawk li jinsabu fi proċess ta' tranżizzjoni.

1.5. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għar-riskju enormi ta' żvantaġġi fit-tagħlim li jistgħu jirriżultaw minn investiment żbilanċjat. Mit-tfal sal-anzjani, l-effetti tal-faqar diġitali jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni u għalhekk huwa ta' prijorità li tingħata attenzjoni mill-qrib lir-riskji reali. L-investiment fl-infrastruttura jrid isir fl-istess ħin mal-investiment fit-taħriġ sabiex jitnaqqsu d-distakki.

1.6. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li n-nies jingħataw għajnuna biex itejbu l-ħiliet tagħhom u biex jitħarrġu mill-ġdid billi jkun hemm opportunitajiet indaqs, tingħata spinta lis-sħubijiet pubbliċi-privati għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid (kemm għall-forza tax-xogħol attwali kif ukoll għall-istudenti adulti), u tiġi promossa attitudni ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd.

1.7. Il-KESE jqis il-ħtieġa li tiġi mmodernizzata l-edukazzjoni għal soċjetà diġitali. Huwa essenzjali li titmexxa 'l quddiem id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi edukattivi billi jiġi aġġornat il-kontenut edukattiv għall-era diġitali u jinħolqu ekosistemi pubbliċi-privati biex jiġu implimentati metodoloġiji ġodda ta' edukazzjoni li huma miftuħa u aċċessibbli biex jipprovdu l-istess opportunitajiet għal kulħadd.

1.8. L-iżviluppi diġitali jinkludu riskji bħall-frodi, il-ksur tal-privatezza u nuqqas ta' trasparenza, li jistgħu jikkompromettu l-għanijiet stipulati fid-dokument. Il-KESE jemmen li jridu jinħolqu l-kundizzjonijiet biex jiġu evitati riskji bħal dawn u biex jiġu rregolati r-responsabbiltajiet fil-livell tal-UE.

1.9. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati strateġiji li jindirizzaw il-possibbiltà ta' spostamenti tal-impjiegi li jirriżultaw minn spostament teknoloġiku. Kif intqal f'Opinjonijiet preċedenti, huwa rikonoxxut li l-intelliġenża artifiċjali (IA) u r-robotika se jieħdu post u jittrasformaw l-impjiegi, jeliminaw xi wħud minnhom u joħolqu oħrajn. Fi kwalunkwe każ, l-UE trid tiżgura li l-ħaddiema kollha kemm jekk ikunu impjegati, jaħdmu għal rashom jew dawk li taparsi jaħdmu għal rashom, ikollhom aċċess għall-protezzjoni soċjali, f'konformità mas-sett ta' drittijiet soċjali tal-Ewropa. Id-djalogu soċjali dwar dawn il-kwistjonijiet irid jiġi promoss fil-livelli kollha u jeħtieġ li jiġi żgurat li l-obbligi u d-drittijiet ikunu adatti għall-ekonomija diġitali bbażata fuq il-pjattaformi attwali.

1.10. Il-KESE jemmen li, sabiex it-tranżizzjoni diġitali tiġi ġestita b'mod inklużiv u soċjalment responsabbli u biex wieħed ikampa mat-telf tal-impjiegi, speċjalment fil-perjodu ta' wara l-COVID, prijorità waħda trid tkun fond Ewropew, appoġġjat l-aktar billi jiġu ntaxxati l-akbar kumpaniji tat-teknoloġija, bil-għan li dan ikun ta' benefiċċju għall-ħaddiema li jitilfu l-impjieg u n-negozju tagħhom minħabba d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, permezz ta' taħriġ adatt, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid.

1.11. Il-KESE jitlob ukoll li jkun hemm politika kkoordinata li tindirizza b'mod effettiv il-punt tat-tluq tal-Ewropa u li taqbel kemm mal-bidliet teknoloġiċi kif ukoll dawk soċjali li rajna f'dawn l-aħħar snin u li bdew iseħħu aktar malajr minħabba l-pandemija: strateġija industrijali — li tinkludi l-politika tal-kompetizzjoni u r-regolamentazzjoni speċifika għas-settur, b'mod partikolari għal konnettività sikura, hija ta' importanza kbira.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Il-KESE jappoġġja l-pjan tal-Kummissjoni Ewropea għall-Kumpass Diġitali 2030: it-triq Ewropea għad-Deċennju Diġitali, bħala parti minn pjan ta' azzjoni usa' biex tingħata spinta lill-ekonomija u l-irkupru soċjali tal-Ewropa.

2.2. Il-kriżi tal-COVID-19 uriet livell għoli ta' dipendenza esterna fir-rigward tat-teknoloġija u l-proċessi tad-data, kwistjoni litrid tiġindirizzata b'effiċjenza u ħeffa. L-assi tal-Ewropa f'dawn l-oqsma jridu jiġu sfruttati aħjar u ċ-ċittadini Ewropej iridu jiġu involuti aktar mill-qrib.

2.3. Il-KESE jisħaq fuq il-kunċett li l-ebda ċittadin ma għandu jitħalla jibqa' lura. L-illitteriżmu diġitali għadu għoli fl-Ewropa — 35 % skont il-Kummissjoni — u n-nuqqas ta' aċċess għar-riżorsi diġitali jrid jiġi mmitigat. Madankollu, il-possibbiltà li wieħed jinteraġġixxi ma' bnedmin fir-relazzjonijiet ekonomiċi u amministrattivi trid tiġi ggarantita. Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni ma jiġux sfruttati biss minn ftit nies. Id-Deċennju Diġitali jrid ikun għall-benefiċċju ta' kulħadd.

2.4. Il-kumpaniji Ewropej, speċjalment l-SMEs, iridu jiġu appoġġjati fl-isforzi tagħhom tad-diġitalizzazzjoni u jingħataw is-setgħa li jikkompetu fuq skala globali. Fejn l-UE għandha jew tiffinanzja riżorsi tal-informatika, bħall-kompjuters għall-aċċellerazzjoni kwantum, l-aċċess għalihom irid jitqassam b'mod ġust, abbażi ta' kriterji oġġettivi.

2.5. Madankollu, l-ambizzjonijiet u l-flus pubbliċi waħedhom mhux se jwasslu għall-eżiti li qed infittxu. Għandna bżonn ukoll politika kkoordinata li tindirizza b'mod effettiv il-punt tat-tluq tal-Ewropa u li taqbel kemm mal-bidliet teknoloġiċi u soċjali li rajna matul dawn l-aħħar ftit snin u li aċċelleraw b'riżultat tal-pandemija: strateġija industrijali – li tinkludi l-politika tal-kompetizzjoni u r-regolamentazzjoni speċifika għas-settur, b'mod partikolari għal konnettività sikura, hija ta' importanza kbira.

2.6. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-viżjoni tal-iżvilupp ta' ekosistema tal-edukazzjoni u l-innovazzjoni diġitali u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mobilizzati l-istituzzjonijiet xjentifiċi u akkademiċi Ewropej tal-ogħla livell biex jintlaħaq dan l-għan.

2.7. Hemm bżonn li tingħata spinta lill-kooperazzjoni pubblika u privata eżistenti u li jinħolqu aktar sinerġiji biex jiġi żgurat Ftehim Diġitali ġdid ibbażat fuq mudell ta' governanza li jgħaqqad aspetti soċjali, ambjentali u ekonomiċi, biex tinkiseb tranżizzjoni diġitali sostenibbli, ġusta u inklużiva fit-tul.

2.8. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati strateġiji li jindirizzaw il-possibbiltà ta' spostamenti tal-impjiegi li jirriżultaw minn spostament teknoloġiku. Kif intqal f'Opinjonijiet preċedenti [1], huwa rikonoxxut li l-IA u r-robotika se jieħdu post u jittrasformaw l-impjiegi, jeliminaw xi wħud minnhom u joħolqu oħrajn. Fi kwalunkwe każ, l-UE trid tiżgura li l-ħaddiema kollha kemm jekk ikunu impjegati, jaħdmu għal rashom jew dawk li taparsi jaħdmu għal rashom, ikollhom aċċess għall-protezzjoni soċjali, f'konformità mas-sett ta' drittijiet soċjali tal-Ewropa. Id-djalogu soċjali dwar dawn il-kwistjonijiet, fil-livelli kollha, irid jiġi promoss. Għandhom jiġu adottati u kkoordinati miżuri li jappoġġjaw lill-persuni spostati, possibbilment iffinanzjati minn taxxa tal-UE fuq il-kumpaniji li jibbenefikaw l-aktar fl-ekonomija diġitali.

2.9. Ir-rwol tal-kapital ta' riskju, tas-swieq tal-ishma u tal-investiment privat b'mod ġenerali ma jridx jiġi injorat. L-iżvilupp teknoloġiku fl-Ewropa se jkun immexxi minn kumpaniji privati u l-UE se tkun tista' tikkompeti biss fuq skala globali jekk tibqa' post li jilqa' dawn l-investimenti. Dan kollu jrid isir b'kunsiderazzjoni xierqa għall-istandards soċjali.

2.10. Il-miri ambizzjużi tal-konnettività għandhom jimxu id f'id ma' impenn lejn qafas regolatorju aktar favorevoli li jappoġġja l-investiment privat fl-infrastruttura tan-network. Se jkun ta' importanza vitali li l-istrateġija industrijali tal-UE u l-viżjoni għat-tmexxija Ewropea fil-konnettività diġitali jiġu allinjati mal-politika tal-kompetizzjoni u l-prattika regolatorja għas-settur tat-telekomunikazzjoni.

2.11. Il-pjan direzzjonali għad-Deċennju Diġitali jistabbilixxi pjani għall-iżvilupp ta' "infrastruttura u l-kapaċitajiet tal-cloud [tal-Ewropa] stess" biex jiġi evitat li d-data prodotta fl-Ewropa tiġi spostata barra minnha, li huwa fejn aktar minn 90 % tad-data Ewropea attwalment tispiċċa. L-Ewropa trid tkun għaqlija u tkompli bil-għieda tagħha biex issir aktar indipendenti u biex iżżomm id-data taċ-ċittadini tagħha, speċjalment id-data sensittiva, fil-fruntieri tagħha. F'dan ir-rigward, l-għan segwit fil-pjan għad-Deċennju Diġitali li jkun hemm 10 000 nodi tad-data-edge u tal-cloud siguri ħafna u newtrali għall-klima huwa pass fid-direzzjoni t-tajba. Il-proġett GAIA X irid jitħaffef u jsir operazzjonali malajr.

2.12. Il-KESE jappoġġja l-idea li jiġi promoss settur Ewropew tat-teknoloġija biex titnaqqas id-dipendenza mill-ġganti tat-teknoloġija Amerikani u Ċiniżi u biex inlaħħqu foqsma bħall-introduzzjoni tal-5G, il-manifattura taċ-ċipep u t-trattament tad-data, iżda jwissi kontra l-approċċ ta' ekonomija tad-data protezzjonista fl-Ewropa. Għandhom jiġu promossi s-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali.

2.13. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, is-setturi kkonċernati għandhom jimpjegaw 20 miljun espert fil-qasam tat-teknoloġija sal-2030 – b'paragun mas-7,8 miljun impjegati llum il-ġurnata. Fl-2019, 18 % biss mis-7,8 miljun ħaddiem fil-qasam tal-ICT kienu nisa. Id-diversità fis-setturi diġitali hija essenzjali u se tgħin biex tifforma l-viżjoni tad-dinja u l-isfidi tagħha, jiġifieri biex jitnaqqsu r-riskji ta' preġudizzju. Il-mira li tinkiseb kompożizzjoni aktar ibbilanċjata bejn il-ġeneri trid tiġi mmonitorjata mill-qrib u jrid jiġi mħeġġeġ l-aċċess tan-nisa għad-dixxiplini STEM. Id-djalogu soċjali għandu jiġi promoss fil-livelli kollha (kumpaniji, industrija u nazzjonali) peress li jista' jikkontribwixxi għal dan il-għan. Fl-Istati Membri għandhom jiġu promossi kampanji b'saħħithom, li jibdew fl-iskejjel primarji, biex jinkoraġġixxu lill-bniet jagħżlu dixxiplini

---

[1] ĠU C 440, 6.12.2018, p. 1.

xjentifiċi u teknoloġiċi. Id-distakk diġitali huwa sfida kbira. F'ħafna żoni rurali, lanqas it-teknoloġija 3G għadha mhi disponibbli. L-Ewropa u l-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentivi biex jinkoraġġixxu l-investiment fiż-żoni rurali ħalli jiżguraw li l-ebda ċittadin ma jitħalla jibqa' lura.

2.14. Dawn l-investimenti jistgħu jippromovu l-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp reġjonali, u jistgħu jippermettu lin-nies, jekk jixtiequ, li jgħixu ħajja li tagħtihom aktar sodisfazzjon barra miċ-ċentri urbani l-kbar (l-"irħula intelliġenti" imsemmija fil-Komunikazzjoni). Ix-xogħol mill-bogħod irid jiġi żviluppat permezz tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv fil-livelli kollha, sabiex jiġu salvagwardjati s-saħħa u l-benesseri tal-ħaddiema.

2.15. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi inċentivi biex in-nies imorru jgħixu barra miż-żoni urbani l-kbar, filwaqt li jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku u soċjali taż-żoni rurali. Dan jista' jsir biss jekk tiġi stabbilita l-infrastruttura adatta, b'mod speċifiku fit-telekomunikazzjoni u t-trasport.

2.16. Hemm sfidi ambjentali kbar li jridu jiġu indirizzati fid-deċennju li ġej u l-azzjonijiet kollha meħuda f'dan il-kuntest għandhom iqisu wkoll l-aspett ambjentali. Barra minn hekk, il-Kumpass Diġitali għandu jintuża bħala għodda oħra biex jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u jitnaqqsu l-impatti ambjentali.

2.17. Bl-istess mod, it-teknoloġiji diġitali jridu jkunu trasparenti, inklużivi, mhux diskriminatorji, ġusti u imparzjali. Dan huwa saħansitra aktar essenzjali hekk kif is-servizzi pubbliċi qed isiru dejjem aktar diġitali. Illum, skont il-Kummissjoni, 65 % taċ-ċittadini Ewropej għandhom ħiliet diġitali bażiċi. Il-mira hija li dan jiżdied għal 80 % sal-2030. Il-kwistjoni tal-inklużjoni u tal-appoġġ tal-20 % li jifdal tal-persuni (madwar 90 miljun ċittadin fl-UE) hija kruċjali biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni. Dawn iċ-ċittadini huma normalment fost l-ifqar, l-akbar fl-età u jgħixu f'żoni rurali. Dawn jistgħu jsiru aktar vulnerabbli meta jiġu biex jagħmlu użu mis-servizzi pubbliċi u privati, li qed isiru dejjem aktar diġitalizzati. Il-KESE jisħaq li l-possibbiltà li wieħed jinteraġġixxi ma' bnedmin fir-relazzjonijiet ekonomiċi u amministrattivi trid tiġi ggarantita.

2.18. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-għan li s-servizzi pubbliċi Ewropej ewlenin kollha jkunu disponibbli online u jeħtieġ ukoll li r-rekords mediċi taċ-ċittadini Ewropej jkunu kompletament diġitali, peress li huwa mistenni li 80 % taċ-ċittadini se jużaw identità diġitali. Madankollu, dan se jirrikjedi wkoll sforzi kkoordinati u rieda politika mill-Istati Membri kollha. Il-KESE jappella għall-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jinkiseb dan l-għan. Il-faċilitajiet diġitali bażiċi għas-servizzi pubbliċi għandhom, fil-prinċipju, ikunu bla ħlas. Fi kwalunkwe każ, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi ma tridx twassal għal ostakli finanzjarji ogħla għall-utenti.

3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. Iż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-ħajja tirrikjedi li tingħata attenzjoni partikolari liċ-ċibersigurtà u s-suxxettibbiltà għall-frodi u huwa essenzjali li ċ-ċittadini jiġu edukati f'dan ir-rigward. Ir-regolamentazzjoni tat-teknoloġija li tintlibes hija ta' tħassib partikolari u għandha tingħata attenzjoni speċjali.

3.2. Il-liġijiet Ewropej relatati mal-ekonomija diġitali qed jevolvu b'rata mgħaġġla. Iċ-ċittadini u l-kumpaniji jridu jkunu konxji tad-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom fil-qasam diġitali. Għandu jkun hemm sforz kontinwu biex jiġu kkonsolidati l-inizjattivi leġiżlattivi u biex il-liġi tkun aktar faċli biex tinftiehem u tiġi applikata għaċ-ċittadini u l-kumpaniji.

3.3. Il-KESE jilqa' l-monitoraġġ regolari tal-miri u tas-sistema ta' governanza mressqa fil-Komunikazzjoni u l-proġetti multinazzjonali huma essenzjali biex tinkiseb il-viżjoni li tistabbilixxi.

3.4. Il-KESE jissuġġerixxi li jitwettqu studji tal-każijiet ta' ċerti setturi fl-Istati Membri u f'pajjiżi mhux tal-UE, sabiex jiġu adottati jew promossi l-aħjar prattiki fil-livell Ewropew. Għandhom jiġu promossi ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji li jipprovdu spazju sikur għall-ittestjar ta' mudelli u ideat ġodda ta' negozju. Ekonomija diġitali ambizzjuża trid tistabbilixxi oqsma ta' ttestjar aġli u permissivi.

4. **Popolazzjoni b'ħiliet diġitali u professjonisti diġitali b'livell għoli ta' ħiliet**

4.1. Il-KESE jappoġġja l-objettiv li jkun hemm 20 miljun speċjalist tal-ICT impjegati, b'konverġenza bejn in-nisa u l-irġiel [2] (xenarju bażi tal-2019: 7,8 miljun). Dan ovvjament jirrikjedi investiment f'sistemi edukattivi xierqa li jistgħu jappoġġjaw dan l-objettiv.

4.2. Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi provduti mill-professjonijiet liberi li huma relatati mill-qrib mal-interessi pubbliċi bħas-saħħa, is-sikurezza, il-liġi u l-istandards tal-għajxien għandha impatt kbir fuq is-soċjetà u tirrikjedi approċċi professjonali u etiċi ġodda. [3] Is-suċċess tagħha jiddependi kemm minn professjonisti b'livell għoli ta' ħiliet kif ukoll mill-ħiliet diġitali u l-fehim tal-utenti, il-pazjenti, il-klijenti u l-konsumaturi.

4.3. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa dejjem tikber li n-nies itejbu l-ħiliet tagħhom u jitħarrġu mill-ġdid, filwaqt li tiġi promossa attitudni ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd.

4.4. Il-pandemija tat spinta lit-tagħlim mill-bogħod. Fl-istess ħin, ħareġ biċ-ċar li dan jinvolvi riskju għoli ta' dewmien fit-tagħlim għal tfal minn klassijiet soċjali aktar baxxi. Fit-twettiq tal-pjan ta' azzjoni tal-Miri Diġitali għall-2030, il-faqar diġitali jrid jingħata attenzjoni speċifika.

5. **Ir-Rwol Globali tal-UE fid-Deċennju Diġitali u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-SMEs**

5.1. Fir-rigward tal-SMEs, naturalment huwa essenzjali li jiġu appoġġjati l-isforzi tad-diġitalizzazzjoni tagħhom permezz ta' approċċi differenti iżda huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat ir-rwol tal-SMEs bħala xprunaturi tal-innovazzjoni fit-teknoloġiji diġitali.

5.2. L-iżvilupp tas-software huwa sottosettur li qed jikber b'rata mgħaġġla fil-proċess diġitali. L-appoġġ għall-SMEs innovattivi jisthoqqlu attenzjoni speċifika. Il-KESE japprova l-mekkaniżmi finanzjarji li jistgħu jiżguraw appoġġ adatt lill-SMEs biex tiġi ggarantita tranżizzjoni mingħajr xkiel. Fl-istess ħin, trid tiġi żgurata l-kontinwità, li jfisser li jiġu pprovduti aġġornamenti għal verżjonijiet aktar ġodda sabiex l-utenti ma jkollhomx għalfejn jinvestu b'mod kostanti fi programmi ġodda.

5.3. Il-kumpaniji kollha, kemm jekk huma SMEs, negozji ġodda jew negozji li qed jespandu, jeħtieġu l-kapital. L-għanijiet stabbiliti fid-dokument jenfasizzaw l-urġenza li tinkiseb Unjoni tas-Swieq Kapitali, li tqis is-soluzzjonijiet tas-suq u tnaqqas id-dipendenza mill-finanzjament bankarju u l-appoġġ bil-quddiem, u li tiffavorixxi t-trasferiment tat-tfaddil bejn Stati Membri differenti li jfittxu l-aħjar redditu; jeħtieġ ukoll li tiġi eliminata l-predispożizzjoni favur id-dejn. Il-kumpaniji innovattivi jeħtieġu ekwità u skema tat-taxxa li ma tippenalizzax wisq lill-intraprendituri b'rati marġinali tat-taxxa fuq il-gwadanji kapitali tagħhom.

6. **Riskji u salvagwardji**

6.1. Il-ħtieġa ta' sikurezza, prevedibbiltà, u saħħa fiżika kif ukoll mentali trid tkun ukoll prijorità f'din l-aġenda. Huwa importanti li ċ-ċittadini jiġu sensibilizzati aktar dwar is-sigurtà, kif ukoll dwar it-teknoloġija bħala mezz biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja u tal-impjiegi. Skont dan il-prinċipju, il-KESE jemmen li l-Kummissjoni Ewropea għandha tieħu l-opportunità offruta mill-eżerċizzju annwali ta' monitoraġġ ippjanat biex tara kif jaħsbuha ċ-ċittadini Ewropej dwar il-konformità mad-drittijiet u l-valuri tagħhom biex jiġi żgurat li d-dritt għas-saħħa jiġi salvagwardjat b'mod adatt.

6.2. Fuq nota simili, il-KESE jirrakkomanda li l-UE tfassal strateġija ta' monitoraġġ speċifika li tkopri t-tniġġis elettromanjetiku kollu ġġenerat mid-diversi teknoloġiji attwalment disponibbli biex takkumpanja din ir-rivoluzzjoni industrijali ġdida. Dan jagħmilha possibbli li jiġu traċċati l-effetti elettromanjetiċi fl-Ewropa kollha sabiex tiġi żviluppata letteratura speċifika dwar is-suġġett sabiex tiġi żgurata l-qagħda tas-saħħa tan-nies ladarba tkun fis-seħħ is-sistema Ewropea ta' rekords elettroniċi tas-saħħa u tkun tista' ssir kontroreferenza tad-data. Kull Stat Membru għandu jimmonitorja din il-kwistjoni u s-sejbiet għandhom jiddaħħlu f'bażi tad-data unika Ewropea. Għandha tiġi żviluppata politika Ewropea biex ittejjeb il-fiduċja tan-nies f'dan il-qasam.

---

(2) Indikatur tad-DESI "2b1". Bħalissa s-sehem tan-nisa fost l-ispeċjalisti impjegati fl-ICT huwa biss ta' 18 %.

(3) ĠU C 286, 16.7.2021, p. 8.

6.3. It-teknoloġiji diġitali għandhom ikunu għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej, li qatt ma għandhom jiġu ttrattati bħala oġġetti jew sempliċiment sorsi tad-data. Għandhom jitqiesu l-linji gwida etiċi u tekniċi eżistenti, bħal-Linji Gwida dwar l-Etika għal Intelliġenza Artifiċjali Affidabbli mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

6.4. Il-KESE jirrakkomanda li, fid-dawl tar-riskji ppreżentati mill-ipproċessar tad-data, iridu jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li ma tinżamm l-ebda data aktar milli fil-fatt ikun meħtieġ minn negozju, u li d-data ma tinżammx għal aktar milli jkun meħtieġ. Fl-istess ħin, l-innovazzjoni xprunata mid-data hija fattur ewlienigħall-kompetittività fl-ambjent diġitali u l-awtoritajiet għandhom jagħmlu pressjoni għal qafas regolatorju għall-kondiviżjoni tad-data transsettorjali sabiex jippermetti l-kondiviżjoni tad-data ffukata fuq l-utent. Il-qafas applikabbli jrid jippromovi l-aċċess għad-data u jiffoka fuq l-interoperabbiltà.

6.5. 20 % tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huma allokati għall-konnettività diġitali u 37 % għat-tranżizzjoni ekoloġika. Dan jirrikjedi viżjoni ambizzjuża u koerenti għall-industrija Ewropea tat-telekomunikazzjoni u impenn għal qafas regolatorju aktar favorevoli li jappoġġja l-investiment privat fl-infrastruttura tan-network, kif ukoll l-iżvilupp ta' servizzi sovrani integrati tat-telekomunikazzjoni bit-teknoloġiji tal-cloud, tal-edge, tad-data u tal-IA.

6.6. Il-KESE jqis li t-tranżizzjoni diġitali trid tiġi allinjata mat-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika u tqis l-impatt ambjentali. L-użu tar-riżorsi (inklużi r-riżorsi skarsi) u l-konsum tal-enerġija tagħhom iridu jkunu raġonevoli. It-trasparenza dwar il-marka tal-karbonju tas-servizzi tal-cloud għandha tkun meħtieġa fil-livell Ewropew biex kwalunkwe organizzazzjoni tkun tista' tikkalkula l-marka diġitali tal-karbonju tagħha u tiżviluppa pjani biex tnaqqasha.

6.7. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li nlaħħqu mal-evoluzzjoni mgħaġġla tat-teknoloġija u l-mudelli tan-negozju, filwaqt li jsir sforz biex jiġu eliminati kwalunkwe lakuni regolatorji, speċjalment dawk li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-konsumaturi u ċ-ċittadini l-aktar vulnerabbli.

Brussell, is-7 ta' Lulju 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (riformulazzjoni)"**

*(COM(2021) 85 final — 2021/0045 (COD))*

(2021/C 374/06)

Relatur: **Christophe LEFÈVRE**



| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 24.3.2021 |
| | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 11.3.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 15.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 7.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni | |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | 204/0/1 |



1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni tintegra fil-qafas:

— l-iskjerament ta' infrastrutturi relatati mat-tneħħija ta' żoni bojod u mal-konnettività tal-broadband, u l-iskjerament ta' teknoloġiji tal-ġenerazzjoni l-ġdida (5G);

— l-objettiv li jikkonsisti fl-ilħiq ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u li jkun hemm kompetizzjoni bejn l-operaturi tan-networks mobbli;

— il-ħolqien ta' "Ewropa Lesta għall-Era Diġitali", sabiex jiġi evitat li jerġgħu jitfaċċaw l-ostakli għas-suq uniku.

1.2. Il-Kumitat jinnota li l-proposta se żżid it-trasparenza fil-livell tas-suq bl-imnut billi tipprovdi informazzjoni, b'mod partikolari fil-kundizzjonijiet kuntrattwali, dwar:

— il-kwalità tas-servizzi li jistgħu jintużaw bir-roaming fl-UE;

— il-komunikazzjoni fuq is-servizzi ta' valur miżjud, fuq it-tip ta' servizzi li x'aktarx ikollhom prezzijiet ogħla u fuq informazzjoni simili permezz tal-"SMS ta' merħba" mibgħut mad-dħul f'pajjiż ġdid;

— il-mezzi differenti ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza differenti bir-roaming.

B'mod aktar ġenerali, din il-proposta se żżid il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur.

1.3. Hekk kif studju wera disponibbiltà mnaqqsa tan-network lokali użat bir-roaming, il-proposta għandha l-għan li tiżgura li s-servizzi tar-roaming (roaming daqslikieku f'pajjiżek) jiġu fornuti taħt l-istess kundizzjonijiet bħal fil-qafas tal-konsum nazzjonali ta' dawn is-servizzi, b'aċċess mingħajr restrizzjoni għan-networks tal-aħħar ġenerazzjonijiet u t-teknoloġiji tan-network disponibbli bir-roaming. Meta l-problema tkun minħabba difett ta' kwalità fl-infrastruttura lokali, il-KESE jirrakkomanda li jiżdied l-investiment f'din l-infrastruttura, b'mod partikolari sabiex titjieb il-kopertura taż-żoni bojod, iżda wkoll sabiex jiġu introdotti kriterji minimi li l-operaturi għandhom jiksbu gradwalment sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ minn dawn is-servizzi.

1.4. It-tnaqqis fit-tariffi massimi (*pricecaps*) li n-networks miżjura jistgħu jimponu fuq operaturi barranin huwa milqugħ ukoll, iżda l-estent tat-tnaqqis mhuwiex biżżejjed fid-dawl tad-differenza bejn it-tariffi imponuti u l-ispejjeż reali tar-roaming fin-network miżjur. Ir-riżultat huwa żieda fl-ispiża tal-abbonament bażiku għall-konsumaturi u tnaqqis fil-kompetittività tal-operaturi tan-networks virtwali mobbli (*mobile virtual network operator* – MVNO) li jridu jixtru s-servizzi tar-roaming mingħand l-operaturi mobbli prinċipali. Il-konsum tad-data b'mod partikolari qiegħed jiżdied b'rata għolja. Sabiex jiġu evitati effetti negattivi ta' skalar għall-MVNOs u għall-operaturi żgħar tan-network mobbli (MNOs), il-limiti fuq l-ingrossa jeħtieġ li jonqsu bl-istess rata taż-żidiet fil-konsum.

1.5. Il-KESE għandu jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-għażla ppreferuta fil-proposta, "L-Għażla 3 – RLAH (Roam-Like-At-Home) sostenibbli u ġenwina (għażla ppreferuta)" u jiżgura tnaqqis akbar fit-tariffi massimi minn dak indikat fil-proposta.

1.6. Għalkemm il-proposta għal Regolament ittejjeb it-trasparenza tat-tariffi ta' valur miżjud permezz tal-ħolqien ta' meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud billi tinħoloq bażi tad-data ċentralizzata tal-UE li hija aċċessibbli għall-operaturi għal dawn il-meded tan-numri, il-Kumitat jirrakkomanda li tiġi integrata l-possibbiltà li jiġi interrott is-servizz meta dan jitwaqqaf b'mod frodulenti (*ping-call*) fuq avviż tal-awtoritajiet ġudizzjarji jew tal-pulizija, filwaqt li jiġu pprovduti mezzi ta' rimedju għall-utenti ta' dawn is-servizzi.

1.7. Għalkemm ir-Regolament isemmi "użu ġust" biex jiddeskrivi l-użu tar-roaming, il-Kumitat jesprimi dispjaċir li ma jispeċifikax b'mod assolut il-limiti, u lanqas ma jindirizza r-regoli tal-politika tal-użu ġust għall-pjani tariffarji mingħajr limiti, u lanqas it-tariffi tat-telefonati internazzjonali, kemm jekk min iċempel ikunx qiegħed juża r-roaming kif ukoll jekk le. Il-Kumitat jipproponi li jitħassar it-terminu "soġġett għal użu ġust" minħabba n-nuqqas ta' kjarifika dwar il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, peress li dan l-argument bħalissa qed jintuża mill-operaturi biex jillimitaw severament l-użu tal-pakketti fissi waqt ir-roaming.

1.8. Fir-rigward tat-twissijiet dwar li l-konsum qed joqrob lejn il-limitu massimu ddefinit jew mill-konsumatur jew mill-operatur, il-Kumitat jirrakkomanda li l-operaturi jkunu meħtieġa jwissu lill-konsumatur mill-ġdid kull darba li l-volum ddefinit fl-ewwel twissija ikun reġa' ġie kkunsmat, b'mod partikolari waqt l-istess telefonata jew sessjoni ta' użu tad-data.

1.9. B'mod partikolari, il-Kumitat huwa attent b'mod speċjali għal sitwazzjonijiet fejn l-apparati mobbli jintużaw f'żoni transfruntiera ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea, u jirrakkomanda:

— li tintalab artikolazzjoni speċifika mill-operaturi li joperaw f'żoni tal-Unjoni Ewropea biex it-tariffi tar-roaming tal-UE RLAH jiġu estiżi għal dawn il-pajjiżi jew għaż-żona ġeografika tal-madwar;

— li jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali bil-għan li jiġi estiż ir-roaming tal-UE RLAH għal dawn il-pajjiżi li jmissu ma' pajjiżi tal-UE.

1.10. Il-Kumitat jinnota li parti minn kull studju u konsultazzjoni għar-reviżjoni tar-Regolament Ewropew twettqet qabel il-kriżi tal-COVID-19. Din il-kriżi wasslet għal restrizzjonijiet drastiċi fuq l-ivvjaġġar intra-Ewropew, u użu enormi tal-għodod tat-telexogħol jew tat-teletrażmissjoni ta' korsijiet universitarji, b'mod partikolari għall-istudenti tal-Erasmus+.

1.11. Il-Kumitat jinnota l-persistenza ta' diversi żoni mingħajr broadband fil-livell taċ-ċirkwit lokali fl-Unjoni Ewropea, u jinnota fuq kollox il-veloċità insuffiċjenti biex tiġi ssodisfata d-domanda meħtieġa għal dawn il-vidjokonferenzi li jikkunsmaw ħafna data, kemm bir-roaming kif ukoll mingħajru.

1.12. Il-Kumitat jirrakkomanda li jissaħħu b'mod sinifikanti kemm l-istrateġija tal-kopertura tat-territorji bil-fibrottika ta' veloċità għolja kif ukoll il-kapaċità ta' provvista b'veloċità għolja, kemm fuq iċ-ċirkwit lokali kif ukoll fuq in-networks mobbli.

1.13. Il-KESE jirrakkomanda l-implimentazzjoni tar-Regolament Ewropew bil-għan li l-Unjoni Ewropea ssir żona tariffarja unika, f'suq uniku, li tippermetti t-telefonati u l-konsum tad-data b'tariffa "lokali" għall-apparati mobbli u fissi kollha tal-konsumaturi li għandhom abbonament telefoniku fl-Ewropa, u bl-istess veloċità u aċċess għall-infrastrutturi, irrispettivament mill-pajjiż minn fejn issir jew titwieġeb telefonata.

1.14. Il-Kumitat huwa imħasseb dwar l-emenda proposta għall-metodu ta' rieżami tat-tariffi massimi bl-ingrossa permezz ta' att delegat u jirrakkomanda skrutinju leġiżlattiv sħiħ fir-rigward tal-aspetti soċjali tal-iżvilupp tar-roaming.

## 2. **Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni**

2.1. L-objettiv tal-proposta huwa li tiġi estiża l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li jiskadi fit-30 ta’ Ġunju 2022. Il-proposta tipprevedi adattament tat-tariffi massimi bl-ingrossa sabiex tiżgura l-vijabbiltà tal-forniment bl-imnut ta’ servizzi tar-roaming bit-tariffi nazzjonali. Tintroduċi wkoll miżuri ġodda biex tiżdied it-trasparenza u tiżgura esperjenza ġenwina ta’ roaming bil-kundizzjonijiet nazzjonali fir-rigward tal-kwalità tas-servizz u l-aċċess għal servizzi ta’ emerġenza bir-roaming. Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 ġie emendat kemm-il darba u għalhekk il-proposta għandha l-għan li tirriformulah, biex ittejjeb iċ-ċarezza u tissostitwixxi l-bosta atti emendatorji li fih.

2.2. L-emendi ewlenin proposti għandhom l-għan li jippermettu lill-operaturi jipprovdu r-roaming bil-kundizzjonijiet nazzjonali u jirkupraw il-kostijiet b’mod sostenibbli fil-livell tas-suq bl-ingrossa. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi t-tariffi massimi tar-roaming bl-ingrossa fil-livell tal-UE għat-telefonati magħmula, għall-SMS mibgħuta u għad-data użata, f’livelli aktar baxxi minn dawk validi sat-30 ta’ Ġunju 2022.

2.3. Minbarra t-tnaqqis fit-tariffi massimi bl-ingrossa applikabbli, il-proposta tinkludi emendi mmirati biex joffru esperjenza ġenwina ta’ roaming bil-kundizzjonijiet nazzjonali lill-utenti finali u jiffaċilitaw l-innovazzjoni u l-aċċess għan-networks, filwaqt li jistabbilixxu qafas regolatorju li jibqa’ validu fil-futur fl-interess kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-operaturi.

2.4. Fi ftit kliem, il-proposta tikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ “Ewropa Lesta għall-Era Diġitali” u għall-ambizzjoni li jsir l-aqwa użu mit-tranżizzjoni diġitali ħalli ċ-ċittadini jkollhom opportunitajiet akbar li jikkollegaw, jikkomunikaw u jiffaċilitaw l-attività professjonali u kummerċjali fis-suq uniku. L-objettiv tagħha huwa li tiżgura li ma jerġgħux jinħolqu l-ostakli għas-suq uniku li kienu tneħħew meta twaqqfu t-tariffi supplimentari tar-roaming bl-imnut.

## 3. **Bażi legali**

3.1. Il-bażi legali ta’ din il-proposta hija l-Artikolu 114, il-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja bl-għan li jiġi stabbilit jew imtejjeb il-funzjonament tas-suq intern (l-Artikolu 26 tat-TFUE).

## 4. **Kummenti ġenerali**

4.1. Il-Kumitat jilqa’ bi pjaċir dan l-abbozz ta’ Regolament Ewropew u jemmen li huwa meħtieġ li l-proposta jkollha l-għan finali li tipprovdi lill-konsumaturi l-istess livell ta’ servizz barra minn pajjiżhom bħal f’pajjiżhom, u l-istess livell ta’ protezzjoni tal-konsumaturi. Madankollu, l-operaturi għandu jkollhom il-possibbiltà li jinnegozjaw il-ftehimiet tagħhom dwar ir-roaming bl-ingrossa skont il-ħtiġijiet kummerċjali tagħhom. Ir-Regolament ma għandux jillimita l-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet ta’ aċċess bl-ingrossa ma’ dawk l-operaturi biss li għandhom l-aktar networks avvanzati.

4.2. Il-Kumitat jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni tintegra fil-qafas:

— l-iskjerament ta’ infrastrutturi relatati mat-tneħħija ta’ żoni bojod u l-konnettività tal-broadband, u l-iskjerament ta’ teknoloġiji tal-ġenerazzjoni l-ġdida (5G);

— l-objettiv li jikkonsisti fl-ilħiq ta’ livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumaturi u li jkun hemm kompetizzjoni bejn l-operaturi tan-networks mobbli;

— il-ħolqien ta’ “Ewropa Lesta għall-Era Diġitali”, sabiex jiġi evitat li jerġgħu jitfaċċaw l-ostakli għas-suq uniku.

4.3. Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni ilha twettaq studji tal-impatt mill-2018, b’mod partikolari konsultazzjoni pubblika ta’ 12-il ġimgħa fl-2020, dwar 1) is-servizzi tar-roaming bl-imnut (kjarifiki u miżuri relatati mal-kwalità tas-servizz, mas-servizzi ta’ valur miżjud u mal-komunikazzjonijiet ta’ emerġenza f’kuntest ta’ roaming); 2) il-forniment ta’ servizzi tar-roaming bl-ingrossa; 3) il-piż amministrattiv marbut mar-Regolament (UE) Nru 531/2012 u l-impatt ta’ miżuri potenzjali ta’ semplifikazzjoni.

4.4. Il-KESE jinnota li l-proposta se żżid it-trasparenza fil-livell tas-suq bl-imnut billi tipprovdi informazzjoni, b’mod partikolari fil-kundizzjonijiet kuntrattwali, dwar:

— il-kwalità tas-servizzi li jistgħu jintużaw bir-roaming fl-UE;

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta’ komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjonia (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10).

— il-komunikazzjoni fuq is-servizzi ta' valur miżjud, fuq it-tip ta' servizzi li x'aktarx ikollhom prezzijiet ogħla u fuq informazzjoni simili permezz tal-"SMS ta' merħba" mibgħut mad-dħul f'pajjiż ġdid;

— il-mezzi differenti ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza differenti bir-roaming fl-"SMS ta' merħba".

4.5. L-istudju tal-2019 tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) wera d-disponibbiltà mnaqqsa tas-servizzi waqt ir-roaming, filwaqt li stateġija ta' titjib tekniku qed tiġi implimentata fit-territorju kollu. Il-proposta għandha l-għan li tiżgura li s-servizzi tar-roaming jiġu pprovduti taħt l-istess kundizzjonijiet u bl-istess kwalitá ta' servizz bħal fil-kuntest tal-konsum nazzjonali ta' dawn is-servizzi, u li l-operaturi ta' networks mobbli jkunu jistgħu jipprovdu aċċess għall-ġenerazzjonijiet u t-teknoloġiji tan-network kollha disponibbli.

4.6. Il-miżuri proposti huma għalhekk neċessarji sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-aspettattivi leġittimi tal-konsumaturi u li l-ambizzjonijiet inizjali tar-Regolament dwar ir-Roaming jintlaħqu. Meta l-problema tkun minħabba difett ta' kwalità fl-infrastruttura lokali, il-KESE jirrakkomanda li jiżdied l-investiment f'din l-infrastruttura, b'mod partikolari sabiex titjieb il-kopertura taż-żoni bojod, iżda wkoll sabiex jiġu introdotti kriterji minimi li l-operaturi għandhom jiksbu gradwalment sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ minn dawn is-servizzi.

4.7. It-tnaqqis fit-tariffi massimi (*pricecaps*) li n-networks miżjura jistgħu jimponu fuq l-operaturi barranin huwa milqugħ ukoll, iżda l-estent tat-tnaqqis mhuwiex biżżejjed fid-dawl tad-differenza bejn it-tariffi imponuti u l-ispejjeż reali tar-roaming fin-network miżjur. Ir-riżultat huwa żieda fl-ispiża tal-abbonament bażiku għall-konsumaturi u tnaqqis fil-kompetittività tal-MVNOs (operaturi ta' network mobbli virtwali) li jridu jixtru s-servizzi tar-roaming mingħand l-operaturi mobbli prinċipali.

4.8. Il-KESE għandu jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-għażla ppreferuta fil-proposta, "L-Għażla 3 – RLAH sostenibbli u ġenwina (għażla ppreferuta)" u jiżgura tnaqqis akbar fit-tariffi massimi minn dak indikat fil-proposta.

4.9. Il-proposta żżid il-livell tat-trasparenza fil-livell tas-suq tal-operaturi fir-rigward tal-meded tan-numri għas-servizzi ta' valur miżjud bil-ħolqien ta' bażi tad-data ċentralizzata tal-UE li tkun aċċessibbli għall-operaturi għall-meded ta' dawn in-numri.

4.10. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-proposta tintegra l-possibbiltà li jiġi interrott is-servizz meta dan jitwaqqaf b'mod frodulenti (*ping-call*) fuq avviż tal-awtoritajiet ġudizzjarji jew tal-pulizija, filwaqt li jiġu pprovduti mezzi ta' rimedju għall-utenti ta' dawn is-servizzi.

4.11. Il-proposta tiggarantixxi lill-klijenti tar-roaming aċċess b'xejn għas-servizzi ta' emerġenza bit-teħid ta' miżuri speċifiċi fil-livell tas-suq tal-operaturi, inkluż iċ-ċempil b'xejn u l-ġeolokalizzazzjoni.

4.12. Il-proposta ta' Regolament timmira fiċ-ċert li tneħħi l-anomaliji nnotati fl-aċċess għan-network tar-roaming (il-fluwidità tal-konnessjoni, aċċess imnaqqas għat-3G jew 4G…) meta mqabbla ma' konsumatur li għandu abbonament fil-pajjiż tar-roaming, iżda l-KESE jinnota li madankollu din ma tirregolax il-prattiki li tikkunsidra bħala anormali, bħal:

— il-limitazzjoni barra mill-pajjiż tal-volum f'megabytes inkluż fl-abbonament meta jiġi kkunsmat bir-roaming, u

— il-prattika ta' tariffi li huma xorta wisq għoljin għall-konsumatur li ma jkunx qiegħed roaming meta dan jikkuntattja lil persuna li għandha abbonament tal-mowbajl f'pajjiż differenti.

4.13. Għalkemm ir-Regolament isemmi "użu ġust" biex jiddeskrivi l-użu tar-roaming, il-Kumitat jesprimi dispjaċir li ma jispeċifikax b'mod assolut il-limiti, u lanqas ma jindirizza r-regoli tal-politika tal-użu ġust għall-pjani tariffarji mingħajr limiti, u lanqas it-tariffi tat-telefonati internazzjonali, kemm jekk min iċempel ikunx qiegħed juża r-roaming kif ukoll jekk le. Il-Kumitat jipproponi li jitħassar it-terminu "soġġett għal użu ġust" minħabba n-nuqqas ta' kjarifika dwar il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, peress li dan l-argument bħalissa qed jintuża mill-operaturi biex jillimitaw severament l-użu tal-pakketti fissi waqt ir-roaming.

4.14. B'mod partikolari, il-Kumitat huwa attent b'mod speċjali għal sitwazzjonijiet fejn l-apparat mobbli jintuża f'żoni transfruntiera ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea, u jirrakkomanda:

— li tintalab artikolazzjoni speċifika mill-operaturi li joperaw f'żoni tal-Unjoni Ewropea biex it-tariffi tar-roaming tal-UE RLAH jiġu estiżi għal dawn il-pajjiżi jew għaż-żona ġeografika tal-madwar;

— li jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali bil-għan li jiġi estiż ir-roaming tal-UE RLAH għal dawn il-pajjiżi li jmissu ma' pajjiżi tal-UE.

4.15. Il-Kumitat jinnota li parti minn kull studju u konsultazzjoni għar-reviżjoni tar-Regolament Ewropew twettqet qabel il-kriżi tal-COVID-19. Din il-kriżi wasslet għal restrizzjonijiet drastiċi fuq l-ivvjaġġar intra-Ewropew, u użu enormi tal-għodod tat-telexogħol jew tat-teletrażmissjoni ta' korsijiet universitarji, b'mod partikolari għall-istudenti tal-Erasmus+.

4.16. Il-Kumitat jinnota l-persistenza ta' diversi żoni mingħajr broadband fil-livell taċ-ċirkwit lokali fl-Unjoni Ewropea, u jinnota fuq kollox il-veloċità insuffiċjenti biex tiġi ssodisfata d-domanda meħtieġa għal dawn il-vidjokonferenzi li jikkunsmaw ħafna data, kemm bir-roaming kif ukoll mingħajru.

4.17. Il-Kumitat jirrakkomanda li jissaħħu b'mod sinifikanti u mil-lat ta' kwalità kemm l-istrateġija tal-kopertura tat-territorji bil-fibrottika ta' veloċità għolja kif ukoll il-kapaċità ta' provvista b'veloċità għolja, kemm fuq iċ-ċirkwit lokali kif ukoll fuq in-networks mobbli.

4.18. Fir-rigward tat-twissijiet dwar li l-konsum qed joqrob lejn il-limitu massimu ddefinit jew mill-konsumatur jew mill-operatur, il-Kumitat jirrakkomanda li l-operaturi jkunu meħtieġa jwissu lill-konsumatur mill-ġdid kull darba li l-volum ddefinit fl-ewwel twissija ikun reġa' ġie kkunsmat, b'mod partikolari waqt l-istess telefonata jew sessjoni ta' użu tad-data. Jekk it-twissijiet imsemmija ma jirnexxux jew ma jiġux implimentati, għandhom jiġu previsti mekkaniżmi għar-rimborż ta' tariffi abbużivi.

4.19. Fir-rigward tal-bażi tad-data ċentralizzata prevista għan-numri b'servizzi ta' valur miżjud, il-Kumitat jirrakkomanda li din tiġi stabbilita bl-integrazzjoni tal-possibbiltà li jiġi interrott is-servizz meta dan jitwaqqaf b'mod frodulenti (*ping-call*) fuq avviż tal-awtoritajiet ġudizzjarji jew tal-pulizija, filwaqt li jiġu pprovduti mezzi ta' rimedju għall-utenti ta' dawn is-servizzi.

4.20. Il-KESE jirrakkomanda li jiġi implimentat r-Regolament Ewropew bil-għan li l-Unjoni Ewropea toħloq suq uniku ġenwin, li jippermetti t-telefonati u l-konsum tad-data b'tariffa "lokali" għall-apparat mobbli u fiss kollu tal-konsumaturi li għandhom abbonament telefoniku fl-Ewropa, u bl-istess veloċità u aċċess għall-infrastruttura, irrispettivament mill-pajjiż minn fejn issir jew titwieġeb telefonata.

4.21. Il-Kumitat huwa mħasseb dwar l-emenda proposta għall-metodu ta' rieżami tat-tariffi massimi bl-ingrossa permezz ta' att delegat. It-triq magħżula għandha tkun skrutinju leġiżlattiv sħiħ, sabiex jitqiesu l-aspetti soċjali kollha tal-iżvilupp tar-roaming. Il-fehma tal-Parlament Ewropew u tas-soċjetà ċivili organizzata hija importanti hawnhekk.

Brussel, is-7 ta' Lulju 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar strateġija ta' finanzjament ġdida għall-finanzjament tan-NextGenerationEU"**

*(COM(2021) 250 final)*

(2021/C 374/07)

Relatur: **Judith VORBACH**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 31.5.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni | 22.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 8.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni | |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | 186/0/4 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha lestew ir-ratifika nazzjonali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 [1] (Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji) u li, għalhekk, fl-1 ta' Ġunju 2021 daħlet fis-seħħ id-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji il-ġdida, li ppermettiet lill-Kummissjoni tibda tissellef ir-riżorsi għall-istrument ta' rkupru. Il-KESE jistieden lill-partijiet interessati kollha biex jgħaddu malajr mill-passi li jmiss sabiex jibda l-fluss tal-finanzjament.

1.2. L-effett ta' żieda fil-kunfidenza li kellu n-Next Generation EU diġà għen jistabbilizza l-ekonomiji tal-Unjoni u tal-Istati Membri u l-kostijiet tas-self. Il-finanzjament tan-Next Generation EU se jżid il-volum tal-assi sikuri tal-UE u jsaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro. Il-KESE jinnota li l-istrateġija ta' finanzjament tan-Next Generation EU tiddependi mis-self fuq is-suq tal-kapital u l-investiment privat.

1.3. Meta mqabbel mad-dibattitu wiesa' dwar l-infiq fuq in-Next Generation EU, il-finanzjament huwa meqjus bħala kwistjoni teknika. Madankollu, strateġija ta' finanzjament li tiffunzjona tajjeb hija kruċjali għall-implimentazzjoni bla xkiel tan-Next Generation EU. Il-finanzjament sod, ġestjoni tar-riskju soda, kostijiet tas-self baxxi u finanzjament sostenibbli huma fl-interess tas-soċjetà ċivili, li fl-aħħar mill-aħħar iġġorr ir-riskji tas-suq. Il-ġestjoni tas-self u tad-dejn trid tkun ibbażata fuq il-kontroll demokratiku, il-leġittimità u t-trasparenza.

1.4. Il-ħtiġijiet ta' finanzjament tan-Next Generation EU jirrikjedu strateġija sofistikata biex jiġi żgurat li l-UE tkun tista' tissodisfa l-wegħdiet ta' pagament fil-ħin u f'kundizzjonijiet tas-suq favorevoli. Il-KESE jenfasizza kemm huwa importanti li l-Kummissjoni timmaniġġja l-istrateġija ta' finanzjament b'mod dirett u jilqa' ż-żieda fir-riżorsi umani tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. Madankollu, dan għandu jsir b'mod bilanċjat bejn il-ġeneri. Barra minn hekk, għandu jiġi stabbilit bord konsultattiv, li fih ikunu rappreżentati l-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili organizzata.

1.5. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza li jiġu ppreservati l-affidabbiltà kreditizja għolja u l-kostijiet baxxi tas-self tal-UE sabiex jiġu evitati effetti tar-ridistribuzzjoni mill-mutwatarji għas-selliefa. Barra minn hekk, dan – flimkien maż-żieda fir-rati ta' tkabbir ekonomiku – se jiffaċilita l-ħlas lura. L-affidabbiltà kreditizja se tiddependi fuq kollox mis-saħħa ekonomika, politika u soċjali tal-UE u tiġi kkonsolidata bl-approfondiment tal-UEM. Fi kwalunkwe każ, il-kriżijiet għandhom jiġu antiċipati, u dan jista' jinkludi wkoll li l-BĊE jaġixxi bħala xerrej tal-aħħar istanza.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

1.6. B'mod kumplessiv, parti kbira mill-istrateġija l-ġdida ta' finanzjament hija ddedikata għar-relazzjonijiet mal-investituri. Il-KESE jilqa' d-deċiżjoni ta' teħid ta' self u l-pjani ta' finanzjament, li huma primarjament mezzi biex tiġi pprovduta t-trasparenza għas-swieq finanzjarji. Madankollu, il-komunikazzjoni mal-pubbliku u mar-rappreżentanti tal-pubbliku qatt ma għandha ssir prijorità sekondarja. Ta' min jilqa' l-fatt li prekundizzjoni waħda għall-parteċipazzjoni fin-Network ta' Negozjanti Primarji hija, fost affarijiet oħra, is-superviżjoni minn awtorità kompetenti tal-Unjoni. Peress li l-konformità mar-regoli rilevanti hija tal-akbar importanza, il-KESE jappoġġja l-involviment possibbli tal-OLAF f'din is-superviżjoni u jilqa' l-fatt li jistgħu jinħatru wkoll awtoritajiet pubbliċi oħra biex jivverifikaw il-konformità tal-membri tan-Network ta' Negozjanti Primarji mar-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni.

1.7. L-impenn enormi fuq is-swieq kapitali se jkun akkumpanjat minn sett wiesa' ta' riskji. Il-KESE jappoġġja l-istabbiliment ta' sistemi sodi ta' ġestjoni tar-riskju u ż-żamma tal-"kont tan-Next Generation EU" mal-BĊE. Minħabba l-interess pubbliku fil-ġestjoni soda tar-riskju, l-Uffiċjal Kap tar-Riskju għandu jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill meta jfassal il-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità. Fl-aħħar nett, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-ġestjoni finanzjarja tajba mill-bidu nett tas-self tan-Next Generation EU u jwissi kontra s-self eċċessiv minn investituri barra mill-UE, filwaqt li jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

1.8. B'mod ġenerali, il-KESE jilqa' l-komponent imsaħħaħ tal-kondiviżjoni tar-riskji tan-Next Generation EU, iżda jisħaq ukoll dwar l-importanza li jitnaqqsu r-riskji biex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-suq finanzjarju u biex jiġu protetti kif xieraq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Sabiex jitqiesu kif xieraq l-interessi tas-soċjetà ċivili, il-KESE jilqa' l-"qafas tal-Bonds Ekoloġiċi tan-Next Generation EU" ippjanat u jipproponi li jiġi kkunsidrat il-ħruġ ta' bonds soċjali tan-Next Generation EU.

## 2. **Kuntest tal-Opinjoni**

2.1. In-Next Generation EU se jinjetta sa EUR 806 biljun – 5 % tal-PDG tal-UE – fl-ekonomija tal-UE fil-forma ta' għotjiet u self. F'isem l-UE, il-Kummissjoni se tissellef dawn l-ammonti permezz ta' operazzjonijiet ta' finanzjament fis-swieq kapitali internazzjonali. In-Next Generation EU huwa mfassal biex ikun strument temporanju. Is-self se jseħħ bejn nofs l-2021 u l-2026. F'dan il-perjodu, il-Kummissjoni se teżegwixxi operazzjonijiet ta' finanzjament ta' bejn EUR 150 biljun u EUR 200 biljun fis-sena. Il-finanzjament miġbur mill-UE huwa mistenni li jitħallas lura jew direttament mill-Istati Membri (għas-self) jew permezz tal-baġit tal-UE (għall-appoġġ mhux ripagabbli) sa mhux aktar tard minn Diċembru 2058.

2.2. Il-Komunikazzjoni dwar strateġija ta' finanzjament ġdida għall-finanzjament tan-Next Generation EU ([2]) hija adottata skont l-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053, li jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet mutwatarji u li tinforma b'mod regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-aspetti kollha tal-istrateġija ta' ġestjoni tad-dejn tagħha. Abbażi tal-approvazzjoni tad-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji mill-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni se timplimenta strateġija ta' finanzjament, kif deskritt fil-Komunikazzjoni u speċifikat fi tliet Deċiżjonijiet ([3]). L-istrumenti se jinkludu l-Bonds tal-UE u Titoli ta' Dejn tal-UE; it-tekniki użati se jikkonsistu f'sindakazzjonijiet u rkanti. Se jiġu stabbiliti deċiżjoni annwali li tiffissa l-ammonti massimi li għandhom jittieħdu b'self u pjani ta' finanzjament semiannwali. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-istrutturi tagħha u se tistabbilixxi Network ta' Negozjanti Primarji pan-Ewropew.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE appoġġa lin-Next Generation EU mill-bidu nett u ripetutament esprima l-approvazzjoni tiegħu ([4]). Fl-opinjoni tiegħu dwar l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021 ([5]), il-KESE jikkonferma li "*l-inizjattiva Next Generation EU ġiet żviluppata u adottata fil-forma t-tajba u fiż-żmien it-tajjeb*". Minħabba l-effett tiegħu ta' spinta fil-kunfidenza, in-Next Generation EU diġà qed ikollu impatt pożittiv fuq l-ekonomija tal-UE u naqqas il-probabbiltà ta' kriżi profonda f'xi pajjiżi. Fit-tul, in-Next Generation EU huwa mistenni li jżid l-output tal-UE b'mod konsiderevoli, li jfisser li, fl-aħħar mill-aħħar, l-Istati Membri kollha x'aktarx li jsiru l-benefiċjarji netti ([6]). Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Istati Membri kollha lestew ir-ratifika nazzjonali tad-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji, li tippermetti li jibda s-self, u jistieden lill-partijiet interessati kollha biex jgħaddu malajr mill-passi li jmiss sabiex jibda l-fluss tal-finanzjament.

---

([2]) COM(2021) 250 final.

([3]) C(2021) 2500 final (ĠU L 131, 16.4.2021, p. 170), C(2021) 2501 final, C(2021) 2502 final.

([4]) ĠU C 364, 28.10.2020, p. 124.

([5]) ĠU C 155, 30.4.2021, p. 45.

([6]) The nonsense of Next Generation EU net balance calculations (Bruegel). (L-assurdità tal-kalkoli tal-bilanċ nett tan-Next Generation EU | Bruegel – mhux disponibbli bil-Malti).

3.2. Kif xieraq, hemm dibattitu wiesa' dwar l-użu tal-fondi tan-Next Generation EU u – sa ċertu punt – dwar riżorsi proprji ġodda. Ikkomparat ma' dan, ftit ingħatat attenzjoni lill-finanzjament tan-Next Generation EU, li huwa meqjus bħala kwistjoni teknika aktar milli waħda politika. Madankollu, it-teħid b'self tan-Next Generation EU se jżid b'mod deċiżiv l-obbligi finanzjarji tal-Unjoni u jrid jitwettaq b'kontroll demokratiku, leġittimità u trasparenza. Il-KESE jisħaq li l-finanzjament sod u sostenibbli, ġestjoni tar-riskju soda u kostijiet tas-self baxxi huma fl-interess pubbliku. Is-soċjetà ċivili Ewropea fl-aħħar mill-aħħar se tkun responsabbli għad-djun imġarrba u kostijiet tat-teħid b'self miżjuda jkunu jikkostitwixxu effetti ta' ridistribuzzjoni mill-mutwatarji għas-selliefa. Strateġija ta' finanzjament li taħdem tajjeb hija kruċjali wkoll għall-implimentazzjoni bla xkiel tan-Next Generation EU.

3.3. Il-KESE jinnota li l-istrateġija proposta tiddependi mill-finanzjament permezz ta' swieq tal-kapital internazzjonali. Ma hemm l-ebda bafer ta' kapital implimentat, kif hemm fil-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) u ma hemm l-ebda pjan biex id-dejn jiġi estiż għal wara l-2058. Madankollu, ġew diskussi fil-pubbliku wkoll approċċi oħra, bħal bonds perpetwi ggarantiti u maħruġa b'mod konġunt mill-BĊE ([7]). Fit-tul, u b'mod partikolari fil-każ ta' ħruġ ta' dejn komuni permanenti, għandu jiġi kkunsidrat li l-BĊE jiġi fdat bir-rwol ta' sellief tal-aħħar istanza.

3.4. Minħabba l-ħtiġijiet kbar ta' finanzjament tan-Next Generation EU, l-iskeda kumplessa u potenzjalment inċerta tal-iżborż tiegħu u l-pakketti baġitarji mhux eżattament magħrufa, hija meħtieġa strateġija ta' finanzjament sofistikata biex jitwettaq it-teħid b'self fis-swieq. L-iżviluppi fis-swieq finanzjarji jridu jiġu antiċipati sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-wegħdiet ta' pagament fil-ħin mingħajr ma tkun imġiegħla tiġbor kapital f'kundizzjonijiet negattivi tas-suq. Dan jirrikjedi profiċjenza tas-swieq u flessibbiltà biex jiġi deċiż meta għandhom jiġu eżegwiti l-operazzjonijiet ta' finanzjament u liema tekniki ta' finanzjament għandhom jintużaw sabiex ikun hemm l-inqas riskju ta' eżekuzzjoni u kostijiet ta' finanzjament possibbli. Il-KESE jenfasizza kemm huwa importanti li l-Kummissjoni timmaniġġja l-istrateġija ta' finanzjament direttament u mhux testernalizzaha. L-istabbiliment ta' kapaċitajiet operazzjonali ġodda huwa meħtieġ u l-Kummissjoni ġustament qiegħda żżid ir-riżorsi umani u l-kompetenzi rispettivi tagħha. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni timplimenta approċċ ta' bilanċ bejn il-ġeneri hi u tagħmel dan.

3.5. Barra minn hekk, il-KESE jinnota li l-istrateġija ta' finanzjament tan-Next Generation EU hija akkumpanjata minn estensjoni tar-responsabbiltà lill-Kummissjoni u jilqa' l-obbligu li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinżammu infurmati b'mod regolari dwar l-aspetti kollha tal-istrateġija għall-ġestjoni tad-dejn flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali ([8]). L-għoti ta' aġġornamenti annwali se jibda mit-tielet trimestru tal-2021. Minħabba l-interess pubbliku qawwi fil-finanzjament sod tan-Next Generation EU, dan jidher li huwa livell ta' involviment minimu. Il-KESE jipproponi t-twaqqif ta' bord konsultattiv dwar il-finanzjament tan-Next Generation EU. Il-membri tal-Kumitat dwar ir-Riskju u l-Konformità tan-Next Generation EU għandhom jiltaqgħu fuq bażi semiannwali ma' rappreżentanti magħżula li huma kompetenti fi kwistjonijiet tas-swieq finanzjarji mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili organizzata.

3.6. Minħabba l-klassifikazzjoni tal-kreditu għolja u l-prospetti stabbli tal-UE, il-Kummissjoni se tkun tista' tissellef b'termini finanzjarji vantaġġjużi u tgħaddi l-benefiċċju lill-Istati Membri. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza li jinżammu l-kostijiet tas-self baxxi matul il-perjodu ta' finanzjament. Flimkien mar-rati ta' tkabbir ekonomiku imtejba previsti, dan se jiffaċilita b'mod konsiderevoli l-ħlas lura. Fuq kollox, l-affidabbiltà kreditizja tal-UE se tiddependi fuq is-saħħa ekonomika, politika u soċjali tagħha u tiġi kkonsolidata bl-approfondiment tal-UEM. Mil-lat negattiv, il-forzi ċentrifugi u l-kunflitti persistenti bejn l-Istati Membri x'aktarx li se jdgħajfuha, filwaqt li d-dħul fis-seħħ ta' garanziji ([9]) għad-detriment ta' xi Stati Membri jista' jwassal għal frizzjoni politika serja ([10]). Barra minn hekk, għandhom jiġu antiċipati kriżijiet ta' natura ekonomika jew relatati mas-suq finanzjarju, mas-saħħa jew ma' kwalunkwe ħaġa oħra. Għalhekk, huwa essenzjali li l-istrateġija ta' finanzjament tiġi stabbilita fuq l-aktar pedament reżiljenti u sostenibbli possibbli, li jista' jinkludi wkoll li l-BĊE jaġixxi bħala x-xerrej tal-aħħar istanza.

3.7. Filwaqt li l-attivitajiet ta' finanzjament tan-Next Generation EU diġà bdew, iż-żmien għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda huwa ħafna inqas konkret. Il-Kummissjoni se tipprovdi proposti għal riżorsi proprji ġodda bbażati fuq mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera, is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u imposta diġitali f'nofs l-2021. Proposti ulterjuri fl-2024 jistgħu jinkludu Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji jew kontribuzzjoni finanzjarja marbuta mas-settur korporattiv. Jekk ikunu disponibbli riżorsi proprji ġodda qabel Jannar 2028, dawn se

([7]) Covid Perpetual Eurobonds: Jointly guaranteed and supported by the ECB (Bonds Ewropej Perpetwi kontra l-COVID-19: Garantiti b'mod konġunt u sostnuti mill-BĊE – mhux disponibbli bil-Malti).
([8]) Ftehim interistituzzjonali tas-16.12.2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.
([9]) Minħabba l-adozzjoni tad-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji.
([10]) Ara l-Artikolu 9(5), Deċiżjoni (UE) Euratom 2020/2053.

jintużaw biex il-ħlas lura jinbeda aktar malajr. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tressaq il-proposti skedati għall-2024 aktar malajr u jirrakkomanda l-introduzzjoni rapida ta' riżorsi proprji ġodda. Jekk jiġu implimentati kif xieraq, dawn mhux biss iservu bħala kumpens meta t-taxxi ma jkunux jistgħu jiġu infurzati b'mod effettiv fil-livell nazzjonali minħabba l-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa, iżda jikkontribwixxu wkoll għal skema ġusta ta' ħlas lura u jgħinu fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Dawn se jgħinu wkoll biex tiġi evitata l-ħtieġa li jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali jew li jitnaqqas l-infiq mill-baġit tal-UE.

3.8. It-teħid b'self tan-Next Generation EU ta' madwar EUR 800 biljun se jżid il-volum ta' assi sikuri denominati fl-Euro għal madwar EUR 2 triljun, inkluż SURE ([11]) u EUR 800 biljun oħra f'assi maħruġa permezz tal-MES/SESF u l-BEI qabel il-pandemija ([12]). It-tisħiħ tal-assi sikuri Ewropej li jkopru l-maturitajiet kollha sa 30 sena se tipprovdi strumenti sikuri ġodda għall-investiment, tgħin lill-banek jiddiversifikaw il-portafolli ta' bonds sovrani tagħhom, iżżid l-attraenza taż-żona tal-Euro u ssaħħaħ r-rwol internazzjonali tal-Euro. Barra minn hekk, l-effett ta' spinta fil-kunfidenza tan-Next Generation EU x'aktarx li se jnaqqas ukoll il-kostijiet tat-teħid b'self tal-gvernijiet u tas-settur privat, b'mod partikolari fil-pajjiżi taż-żona tal-Euro b'firxiet kbar meta mqabbla mal-Ġermanja. L-għoti b'self tan-Next Generation EU se jipprovdi wkoll għażla għall-Istati Membri f'każ ta' taqlib fis-swieq li jaffettwa l-ħruġ ta' bonds nazzjonali. Il-KESE jilqa' t-tisħiħ tal-komponent ta' kondiviżjoni tar-riskju, iżda jisħaq ukoll fuq l-importanza tat-tnaqqis tar-riskju billi jiġu żgurati regolamentazzjoni soda tas-suq finanzjarju u konverġenza superviżorja.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li d-deċiżjoni qafas dwar it-teħid b'self annwali se tistabbilixxi limiti massimi, pereżempju, għall-finanzjament fuq terminu twil u qasir, u li t-teħid b'self se jiġi organizzat abbażi ta' pjani ta' finanzjament ta' sitt xhur ibbażati fuq informazzjoni dwar il-pagamenti li jkun imiss. Jidher li dawn huma maħsuba biex jipprovdu trasparenza lis-swieq billi jiżguraw il-prevedibbiltà tal-ħruġ għall-investituri u jiffaċilitaw il-koordinazzjoni ma' emittenti oħra, filwaqt li jservu wkoll bħala bażi għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Il-KESE huwa kompletament konxju tal-importanza tar-relazzjonijiet bejn l-investituri u l-emittenti, iżda jisħaq li l-komunikazzjoni mal-pubbliku u mar-rappreżentanti tiegħu qatt ma għandhom ikunu prijorità sekondarja u li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti b'attenzjoni.

4.2. L-ippjanar tal-likwidità kontinwu se jiżgura li r-riżervi ta' flus ikunu biżżejjed biex jiġu evitati nuqqasijiet ta' likwidità filwaqt li jiġu evitati bilanċi ta' flus għoljin mhux meħtieġa. Minħabba li l-kapaċità ta' assorbiment tas-swieq kapitali mhijiex infinita u li n-nuqqasijiet fil-likwidità jwasslu għal tfixkil fl-implimentazzjoni tan-Next Generation EU, il-KESE jappella li tingħata prijorità lil bafers ta' riskju sodi fuq il-minimizzazzjoni tal-ispejjeż eċċessivi u jappoġġja b'mod espliċitu li r-riżervi ta' flus prudenzjali jinżammu f'kont iddedikat mal-BĊE sabiex dawn ir-riżervi ma jkunu soġġetti għall-ebda riskju ta' xi kontroparti.

4.3. Is-sħubija fin-Network tan-Negozjanti Primarji tagħti d-dritt lill-istituzzjonijiet finanzjarji li jipparteċipaw fl-irkantijiet u tinkludi l-promozzjoni tal-likwidità tas-suq u l-għoti ta' pariri ġusti u informazzjoni dwar is-suq lill-Kummissjoni, filwaqt li hija konnessa ma' impenji ta' xiri u rapportar. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-applikanti diġà jridu jkunu membri attivi ta' Network tan-Negozjanti Primarji tal-UE u jridu jkunu ssorveljati minn awtorità kompetenti tal-Unjoni. In-negozjanti primarji se jkollhom rwol ewlieni fil-finanzjament tan-Next Generation EU u kwalunkwe negliġenza jew imġiba ħażina tista' twassal għal kostijiet ta' teħid b'self ogħla. Barra minn hekk, iridu jiġu kkunsidrati r-riskji tal-kontropartijiet, kif ukoll is-saħħa fis-suq u r-rilevanza sistemika tan-negozjanti primarji.

4.3.1. Minħabba r-responsabbiltajiet sinifikanti tal-membri tan-Network tan-Negozjanti Primarji, il-konformità tagħhom mar-regoli rilevanti hija imperattiva. Is-superviżjoni tal-konformità mar-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni ([13]) tiddependi fil-parti l-kbira mill-obbligi ta' rapportar tan-negozjanti primarji nfushom. Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja l-involviment possibbli tal-OLAF fis-superviżjoni u jilqa' l-fatt li minbarra l-Kummissjoni jistgħu jinħatru wkoll awtoritajiet pubbliċi oħra bħala partijiet terzi sabiex iwettqu verifiki biex tiġi vverifikata l-konformità tal-membri tan-network tan-negozjanti primarji mad-Deċiżjoni.

4.3.2. Il-Kummissjoni se tfassal ukoll metodu biex jiġi ddeterminat liema negozjanti primarji se jiġu kkunsidrati biex jipparteċipaw fi tranżazzjonijiet sindakati, li se jinħatru għall-finijiet ta' kull tranżazzjoni ta' teħid b'self. Il-membri li huma partikolarment attivi għandhom ikunu eliġibbli biex iservu bħala maniġers mexxejja u komexxejja fi tranżazzjonijiet sindakati u għandhom jiġu remunerati. Dan il-grupp għandu jinvolvi ruħu f'attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq, jippromovi

([11]) L-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza.
([12]) Klaus Regling, Webinar – *Deepening EMU and the role of ESM*, 5.5.2021 (*L-approfondiment tal-UEM u r-rwol tal-MES* – mhux disponibbli bil-Malti).
([13]) C(2021) 2500 final.

l-ħruġ mal-investituri u jipprovdi aktar pariri ġusti u informazzjoni dwar is-suq lill-Kummissjoni. Il-KESE jieħu nota tar-rwol kruċjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-finanzjament tal-attivitajiet u jiġbed l-attenzjoni lejn il-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess, b'mod partikolari fir-rigward tar-rwol konsultattiv. Fi kwalunkwe każ, l-iżgurar ta' kapaċità u informazzjoni ta' livell għoli dwar is-swieq finanzjarji fi ħdan l-awtoritajiet pubbliċi huwa milqugħ ħafna.

4.4. L-impenn enormi fuq is-swieq kapitali se jkun akkumpanjat minn sett wiesa' ta' riskji, li fl-aħħar mill-aħħar huma mġarrba mis-soċjetà ċivili Ewropea. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li "*Fid-dawl tal-volumi mingħajr preċedent tal-operazzjonijiet u s-sofistikazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament meħtieġa, huwa ta' importanza kbira li l-operazzjonijiet tan-NGEU jkunu soġġetti għal qafas robust u indipendenti ta' ġestjoni tar-riskju u ta' konformità*". Fil-fatt, għandu jiġi żgurat li l-operazzjonijiet tan-Next Generation EU jitwettqu b'mod konsistenti bl-ogħla standards ta' integrità, korrettezza u ġestjoni finanzjarja soda. Il-KESE jappoġġja l-istabbiliment ta' sistemi sodi ta' governanza u ġestjoni tar-riskju, inkluż l-istabbiliment ta' prinċipji u strutturi biex tiġi żgurata s-sorveljanza robusta u indipendenti tal-operazzjonijiet finanzjarji kollha tan-Next Generation EU.

4.4.1. Pilastru ċentrali ta' din is-sistema se jkun l-Uffiċjal Kap tar-Riskju, li se jkollu awtonomija sħiħa fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u se jirrapporta, fost l-oħrajn, lid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit u lill-Membru tal-Kulleġġ responsabbli għall-Baġit. Dan se jkun responsabbli għall-iżvilupp ta' Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità u jiżgura li l-operazzjonijiet kollha tan-Next Generation EU jikkonformaw magħha, filwaqt li jkun appoġġjat minn Uffiċjal tal-Konformità u minn Kumitat dwar ir-Riskju u l-Konformità. Minħabba l-importanza ta' ġestjoni soda tar-riskju u l-interess pubbliku assoċjat, għandu jiġu kkunsidrat li l-Uffiċjal Kap tar-Riskju jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill meta jfassal il-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità.

4.4.2. Għad hemm mistoqsijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju fil-bidu tal-attivitajiet ta' teħid b'self, b'mod partikolari matul il-perjodu ta' qabel il-ħatra tal-Uffiċjal Kap tar-Riskju u l-perjodu ta' tliet xhur previst għat-tfassil tal-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità. Sabiex jiġu paċuti d-diskrepanzi fil-maturità bejn is-self u l-istrumenti ta' finanzjament sottostanti, b'mod partikolari fl-2021, il-Kummissjoni se tapplika sett ta' strumenti tas-suq finanzjarju inklużi swaps u possibbilment karti kummerċjali, li huma partikolarment riskjużi. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-ġestjoni finanzjarja soda mill-bidu nett tat-teħid b'self tan-Next Generation EU.

4.5. Jidher li hija meħtieġa sistema kontabilistika elaborata u komprensiva biex l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata tiġi ġestita b'mod xieraq. Il-KESE jilqa' t-tisħiħ tal-funzjonijiet tal-back office u tal-kontabilità tal-Kummissjoni. Naturalment, l-użu ta' software li jkun ġie ppruvat u ttestjat għandu jkun standard. Il-KESE jinnota r-rwol importanti tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni responsabbli biex jiżgura l-kontabilità xierqa għall-operazzjonijiet kollha tan-Next Generation EU u biex jiftaħ il-"kont tan-Next Generation EU" mal-BĊE.

4.6. Il-KESE jirrikonoxxi li parti kbira mill-istrateġija l-ġdida ta' finanzjament hija l-iżvilupp ta' strateġija dwar ir-relazzjonijiet mal-investituri u l-għodod li jakkumpanjawha. Element wieħed se jkun bullettin dwar il-finanzjament tal-UE li jippermetti lill-Kummissjoni tikkomunika mal-komunità tal-investituri b'mod regolari u trasparenti. Il-Kummissjoni se tikkomunika wkoll b'mod attiv ma' "investituri importanti madwar id-dinja" permezz ta' programm sistematiku ta' żjarat strutturati. Madankollu, il-KESE jwissi kontra t-teħid b'self eċċessiv minn investituri barra mill-UE, li jista', b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi, jġib miegħu żieda fir-riskji bħal, pereżempju, waqfien f'daqqa ta' attivitajiet ta' self.

4.7. Il-Kummissjoni se tfittex li tiġbor 30 % tal-fondi tan-Next Generation EU permezz tal-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi, li jistgħu jammontaw għal total ta' ħruġ ta' bonds ekoloġiċi ta' EUR 250 biljun, li jistabbilixxi lill-UE bħala waħda mill-akbar emittenti ta' bonds ekoloġiċi madwar id-dinja u jsaħħaħ il-pożizzjoni ewlenija tal-UE fil-politika u s-suq fir-rigward tal-finanzi sostenibbli. Il-KESE jilqa' l-pjan ta' "Qafas tal-Bonds Ekoloġiċi tan-Next Generation EU", li jibni fuq l-obbligu li l-Istati Membri jiżguraw li 37 % tal-infiq iffinanzjat mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ikun iddedikat għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, il-ħruġ ta' bonds soċjali wkoll għandu jiżdied fi ħdan in-Next Generation EU u għandu jikkomplementa l-volum ta' EUR 100 biljun iddedikat għal SURE. Biex jirċievu l-appoġġ mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-pajjiżi tal-UE huma mitluba wkoll ifasslu proġetti, fost oħrajn, fl-oqsma ta' politika tat-tkabbir inklużiv u l-koeżjoni soċjali – bażi għall-iżvilupp ta' qafas għall-ħruġ ta' bonds soċjali. B'dan il-mod, l-interessi tas-soċjetà ċivili jistgħu jitqiesu bis-sħiħ fl-istrateġija ta' finanzjament.

Brussell, it-8 ta' Lulju 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il- "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali"**

*(COM(2021)102 final)*

(2021/C 374/08)

Relaturi: **Cristian PIRVULESCU**

**Carlos Manuel TRINDADE**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 26.3.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 21.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 8.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni | |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | 160/79/19 |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ("il-Pjan") u l-implimentazzjoni tiegħu fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, b'kont dovut tal-kompetenzi rispettivi, u jqis li huwa f'waqtu ħafna speċjalment peress li l-pandemija tal-COVID-19 fixklet kull aspett tal-ħajja tal-bniedem, aggravat il-kwistjonijiet soċjali li kienu jeżistu qabel, u poġġiet pressjoni enormi fuq l-istituzzjonijiet tal-Istat, il-komunitajiet, l-organizzazzjonijiet u n-negozji. Il-KESE jwissi li l-pandemija mhix se tintemm fi żmien qasir; għalhekk l-UE u l-Istati Membri għandhom jużaw u jiżviluppaw l-infrastruttura adatta biex jilqgħu l-isfidi tagħha, fil-qafas tal-Pjan fuq perjodu ta' żmien medju u twil, u għandu jitqies il-fatt li djalogu ċivili u soċjali li jiffunzjona u l-involviment attiv tal-imsieħba soċjali, bħala parti importanti minn ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva, għandhom rwol kruċjali f'dan ir-rigward.

1.2. Il-KESE jilqa' l-kunsens politiku li ntlaħaq rigward il-Pjan matul is-Summit Soċjali f'Porto bl-Impenn ta' Porto. Il-KESE jilqa' wkoll id-Dikjarazzjoni ta' Porto mill-Kunsill, kif iddikjarat fil-punt 4 tad-Dikjarazzjoni, li l-KESE japprova bis-sħiħ: "L-implimentazzjoni tiegħu ser issaħħaħ l-ispinta tal-Unjoni lejn tranżizzjoni diġitali, ekoloġika u ġusta u tikkontribwixxi għall-kisba ta' konverġenza soċjali u ekonomika 'l fuq u l-indirizzar tal-isfidi demografiċi. Id-dimensjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-involviment attiv tas-shab soċjali minn dejjem kienu fil-qalba ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna. L-impenn tagħna għall-għaqda u s-solidarjetà jfisser ukoll li niżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura".

1.3. Il-KESE jappoġġja l-viżjoni u l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan u jilqa' l-kunċett li fuqu huwa bbażat il-Pjan, jiġifieri li l-adozzjoni ta' miri soċjali rilevanti u konsenswali se tgħin biex l-isforzi politiċi jiffukaw fuq il-kisba tar-riżultati u jikkostitwixxu inċentiv importanti għar-riforma u l-investiment fl-Istati Membri. Il-KESE jissottolinja wkoll li l-Pjan ta' Azzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-konkretezza u riżultati tanġibbli, b'azzjonijiet li jistgħu jitkejlu u jkunu akkumpanjati minn oqfsa ta' monitoraġġ miftiehma b'mod konġunt fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti, oqfsa li jħaddnu l-kriterji soċjali, ambjentali u ekonomiċi ([1]).

([1]) Il-kontribut tal-KESE għas-Summit Soċjali ta' Porto (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 6).

1.4. Il-KESE jirrikonoxxi d-diversità tal-mudelli soċjali u l-bażi komuni tagħhom madwar l-UE. Dawn jagħmlu parti mill-istorja komuni tagħna u jikkostitwixxu elementi importanti għal impenn komuni favur mudell soċjali Ewropew li huwa parti integrali mis-suq komuni u l-politiki kollha tal-UE. Il-pajjiżi b'mudelli soċjali inqas robusti għandhom jiġu appoġġjati bis-sħiħ, permezz ta' inkoraġġiment għall-investiment, it-tagħlim u l-valutazzjoni komparattiva. Il-benesseri u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini għandhom jiġu żviluppati fuq mudell soċjali komuni u konsistenti, li jkun flessibbli biżżejjed biex jakkomoda tradizzjonijiet u esperjenzi nazzjonali differenti, f'konformità mal-valuri, il-prinċipji u l-għanijiet tat-Trattat, u mal-Pilastru u l-kunsens imġedded, u li jħares 'il quddiem, tiegħu.

1.5. Il-KESE jemmen li l-garanzija ta' standards soċjali minimi għal kull persuna li tgħix fl-UE hija ta' importanza kbira għall-bini ta' soċjetà ġusta u inklużiva. Fl-implimentazzjoni tal-pilastru soċjali, għandha tiġi mfittxija taħlita bbilanċjata ta' leġiżlazzjoni u liġi mhux vinkolanti. Il-leġiżlazzjoni għandha tkun konformi bis-sħiħ mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll mal-prinċipji tar-regolamentazzjoni aħjar, u tkun soġġetta għal konsultazzjoni bir-reqqa mal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

1.6. Kif iddikjarat qabel mill-KESE, il-kompetittività u produttività ogħla abbażi tal-ħiliet u l-għarfien huma riċetta tajba biex tinżamm il-benesseri tas-soċjetajiet Ewropej. Jeħtieġ li nsaħħu l-kwalitajiet pożittivi tas-sistema Ewropea tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna filwaqt li neliminaw id-dgħufijiet tagħha, u b'hekk nadattawha biex tiffaċċja l-isfidi tal-ġejjieni ([2]).

1.7. Il-KESE jqis li għandhom jiġu stabbiliti objettivi u miri speċifiċi għall-20 prinċipju kollha tal-Pilastru. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri biex ikunu ambizzjużi meta b'mod volontarju jistabbilixxu l-miri tagħhom stess sabiex huma lkoll flimkien mal-imsieħba soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri Ewropej. Il-kwalità u r-riżultati tad-djalogu relatat mal-Pilastru u mal-Pjan għandhom jiġu mmonitorjati, appoġġjati u kkomunikati mill-Kummissjoni Ewropea. L-objettivi u l-miri għandhom jiġu inklużi fil-mekkaniżmu ta' rappurtar ipprovdut mis-Semestru Ewropew u l-pjani nazzjonali ta' riforma.

1.8. Il-KESE jipproponi li sabiex ir-rieżami ta' nofs it-terminu ppjanat isir aktar effettiv, jistgħu jiġu definiti objettivi u miri intermedji għal dan il-Pjan għall-2025 mill-Istati Membri fi djalogu kostruttiv mal-imsieħba soċjali, sabiex ikun jista' jiġi vvalutat il-progress fl-ewwel nofs tal-implimentazzjoni tiegħu. Il-gwida fl-użu tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni eżistenti għandha tkun prijorità għall-Kummissjoni fir-rigward tal-Istati Membri.

1.9. Il-KESE jissuġġerixxi li bħala mekkaniżmu Ewropew ta' koordinazzjoni għall-applikazzjoni tal-Pjan għandu jintuża l-qafas tas-Semestru Ewropew. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni jista' jkun f'forma ta' forum interistituzzjonali tal-UE dwar il-pilastru soċjali, li jiltaqa' fuq bażi regolari biex jivvaluta l-progress u jagħti impetu ġdid lill-Pjan.

1.10. Il-KESE jappoġġja l-intenzjoni li tiġi aġġornata, meta jkun meħtieġ, it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, u li jsir sforz ta' allinjament mal-Aġenda 2030 tan-NU u mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

1.11. Il-KESE jqis li s-Semestru Ewropew huwa l-qafas adatt għall-monitoraġġ tal-Pjan — għandha tingħata l-istess attenzjoni lill-objettivi soċjali u ambjentali flimkien mal-istabbiltà makroekonomika u l-produttività. Huwa jilqa' l-affermazzjoni li saret fil-Pjan li l-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jirrappreżentaw opportunità unika biex jiġu ppjanati u ffinanzjati investimenti u riformi li jappoġġjaw irkupru soċjali u ffokat fuq l-impjiegi, filwaqt li jiġu adottati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew. Il-Pjan bir-raġun jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mis-Semestru Ewropew u jaħtfu l-opportunità bla preċedent li toffri l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

1.12. Il-KESE jinnota li l-Pjan ma stipulax b'mod ċar il-ħtieġa li jittawwal l-appoġġ ta' emerġenza attwali sakemm jibqa' jkun hemm bżonnu għall-ekonomija, u b'hekk mhux qed jagħraf biżżejjed il-ħtieġa li jiġu protetti l-impjiegi u l-kumpaniji matul il-kriżi. Il-KESE jinnota wkoll li filwaqt li l-istrument NextGenerationEU huwa għodda ta' emerġenza bbażata fuq l-Artikolu 122 tat-TFUE u se jkompli jiġi ttrattat bħala miżura ta' darba, huwa wkoll preċedent għal azzjoni kuraġġuża u kostruttiva.

([2]) Il-kontribut tal-KESE għas-Summit Soċjali ta' Porto (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 6), punt 7.

1.13. Il-KESE jinnota li l-Pjan jirrikonoxxi li reazzjonijiet ta' politika b'saħħithom fil-livell nazzjonali u tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 irnexxielhom jillimitaw il-konsegwenzi soċjali tagħha u dawk marbutin mal-impjieg, u kienu ta' appoġġ għall-kumpaniji u l-ħaddiema. Bl-istess mod, jinnota li l-pandemija kompliet tenfasizza l-inugwaljanzi eżistenti (b'mod partikolari fir-rigward ta' ħaddiema b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, nisa, żgħażagħ, migranti u gruppi vulnerabbli oħra), u li l-qgħad u l-inugwaljanzi x'aktarx li se jiżdiedu aktar b'riżultat ta' dan, jekk il-progress soċjali ma jkunx akkumpanjat minn tkabbir ekonomiku sostenibbli. Il-KESE jittama li l-Pjan jikkontribwixxi biex din it-tendenza titreġġa' lura u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi ekonomiji sostenibbli u kompetittivi, ibbażati fuq impjiegi ta' kwalità tajba u opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

1.14. Il-KESE jemmen li jistgħu jsiru sforzi akbar fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri fil-qasam tal-ġlieda kontra l-faqar, f'konformità mal-ewwel Għan ta' Żvilupp Sostenibbli taħt l-Aġenda 2030 tan-NU. B'mod partikolari, il-KESE jemmen li l-UE għandha tistabbilixxi l-objettiv li tnaqqas il-proporzjon ta' tfal f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali minn 22,8 % fl-2019 għal 10 % fl-2030, b'impenji volontarji simili f'kull Stat Membru.

1.15. Il-KESE jipproponi li l-Pjan għandu jinkludi miżuri li jwasslu biex jiġu indirizzati l-inugwaljanza fl-introjtu, minħabba l-prijorità definita sew tal-koeżjoni soċjali, bħala parti essenzjali tal-mudell soċjali Ewropew.

1.16. Il-KESE jqis li l-Pjan għandu jippromovi mhux biss il-ħolqien ta' impjiegi ġodda — objettiv ġustifikat — iżda wkoll il-kwalità tal-impjiegi, inkluża l-ġlieda kontra x-xogħol prekarju. Għandu jkun hemm kontrolli legali u amministrattivi adatti fil-livell nazzjonali biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri, paga adatta u prevedibbli u vuċi organizzata fuq il-post tax-xogħol. Il-KESE huwa partikolarment imħasseb dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol għal ħafna ħaddiema staġonali, ċittadini tal-UE u mhux tal-UE li jaħdmu fl-agrikoltura, is-servizzi u l-kostruzzjoni, u jappella għall-implimentazzjoni effiċjenti tad-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli li għandha l-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol billi tippromovi impjieg aktar trasparenti u prevedibbli filwaqt li tiżgura l-adattabbiltà tas-suq tax-xogħol. Il-KESE jqis li r-rata ta' faqar fost dawk li jaħdmu għandha titnaqqas b'mod sinifikanti. L-objettiv li jinqered il-faqar fost dawk li jaħdmu għandu jiġi segwit permezz tal-istabbiliment ta' standards komuni Ewropej minimi fil-livell tal-UE.

1.17. Il-KESE jilqa' l-intenzjoni li fi żmien għaxar snin jitnaqqsu d-differenzi bejn l-irġiel u n-nisa fl-impjieg u fil-paga, u l-intenzjoni li tiżdied — għalkemm din iż-żieda għadha ma ġietx ikkwantifikata — il-provvista ta' edukazzjoni u kura bikrija għat-tfal. Għal dan il-għan, il-KESE jappoġġja l-Garanzija Ewropea għat-Tfal. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tiġi segwita fl-aspetti kollha tal-ħajja ekonomika u soċjali.

1.18. Il-KESE jinnota li l-Pjan ma jinkludix proposta għal Direttiva dwar is-sigurtà tad-dħul minimu, li jqis li hija meħtieġa biex jiġu miġġielda l-aktar forom serji ta' faqar.

1.19. Il-KESE japprova l-inkoraġġiment tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jikkonkludu negozjati dwar ir-reviżjoni tar-regoli ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali sabiex tittejjeb il-mobbiltà tal-ħaddiema u tiġi pprovduta protezzjoni soċjali adatta fl-UE, mingħajr ma jinħolqu piżijiet eċċessivi għall-impjegati u l-kumpaniji.

1.20. Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġu promossi kemm il-kopertura tan-negozjar kollettiv kif ukoll is-sħubija u d-densità organizzattiva tal-imsieħba soċjali. Għalhekk jipproponi li jiġu kkunsidrati t-twaqqif u l-monitoraġġ ta' indikaturi rilevanti fil-livell nazzjonali u tal-UE, u li l-objettivi hawnhekk għandhom jiġu appoġġjati minn fondi delimitati għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u għal azzjonijiet konġunti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Pjan, filwaqt li tinżamm l-awtonomija tal-imsieħba soċjali. Il-KESE jappoġġja s-suġġeriment tal-Pjan biex jiġu nnegozjati aktar ftehimiet fil-livell tal-UE biex jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni b'suċċess tas-swieq tax-xogħol tal-Ewropa, kif ukoll is-sejħa tiegħu lill-Istati Membri biex iħeġġu u joħolqu l-kundizzjonijiet għal negozjar kollettiv u djalogu soċjali li jiffunzjonaw aħjar u li jkunu aktar effettivi, fil-livelli kollha.

1.21. Il-KESE jaqbel mal-konklużjonijiet tal-konsultazzjoni li saret b'appoġġ għall-Pjan li jenfasizzaw l-importanza ta' implimentazzjoni, applikazzjoni u infurzar aħjar tal-liġi eżistenti tax-xogħol u soċjali tal-UE. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha b'mod aktar attiv mal-Istati Membri sabiex tiffaċilita t-traspożizzjoni f'waqtha u ta' kwalità tal-istrumenti legali tal-UE u tippromovi l-konformità. Il-KESE jistenna li l-Kummissjoni tirrikorri għal proċeduri ta' ksur jekk l-Istati Membri ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni.

---

([3]) Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

1.22. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li l-finanzjament tal-politiki nazzjonali jiġi allinjat mal-objettivi u l-azzjonijiet tal-Pjan, u li jiġi żgurat li ma jkunx hemm ritorn għar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-forma oriġinali tagħhom, u li kwalunkwe verżjoni riveduta tagħhom tkun tiffaċilita bis-sħiħ l-implimentazzjoni tal-Pjan.

1.23. Il-KESE jħeġġeġ enfasi akbar fuq il-kontribut potenzjali tal-akkwist pubbliku bħala strument għat-twettiq tal-objettivi tal-Pjan.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. *It-tfassil tal-Pjan*

2.1.1. Sa mill-proklamazzjoni tal-Pilastru fl-2017, il-KESE sejjaħ għal pjan direzzjonali ċar għall-implimentazzjoni tiegħu ([4]) u għalhekk jilqa' l-Pjan. Il-Kumitat jappoġġja s-sejħa biex il-partijiet ikkonċernati kollha jimpenjaw ruħhom fi sforz kollettiv biex jimplimentaw il-Pilastru fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tagħhom. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, minbarra l-kontribut tal-istituzzjonijiet tal-UE, is-suċċess tal-Pjan se jiġi influwenzat ħafna mill-impenn tal-Istati Membri u tal-imsieħba soċjali tagħhom biex jimplimentaw il-prinċipji kollha tiegħu.

2.1.2. Fis-Summit Soċjali ta' Porto, li sar fis-7 u t-8 ta' Mejju, ittieħed impenn biex il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiġi implimentat fl-ogħla livell politiku permezz tal-Impenn Soċjali ta' Porto. Dan l-Impenn laqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ("il-Pjan") u talab lill-atturi rilevanti kollha biex jitgħallmu mill-pandemija u jingħaqdu flimkien.

2.1.3. Il-KESE jirrikonoxxi l-fatt li l-Pjan jgħaqqad l-azzjoni leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva mal-istabbiliment ta' objettivi komuni li għandhom jintlaħqu permezz tal-azzjoni konġunta tal-partijiet ikkonċernati, speċjalment l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili, organizzati fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew. Il-KESE jistenna li l-leġiżlazzjoni indikata fl-iskeda taż-żmien tal-Pjan tikkonforma bis-sħiħ mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tkun soġġetta għal valutazzjonijiet tal-impatt, u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' konsultazzjonijiet estensivi mal-imsieħba soċjali u mas-soċjetà ċivili. Kwalunkwe deċiżjoni leġiżlattiva għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza, u jeħtieġ li jitqiesu l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

2.1.4. Il-KESE jappoġġja l-miri stabbiliti fil-Pjan u l-idea li dawn se jgħinu biex l-isforzi politiċi jiffukaw fuq il-kisba tar-riżultati u jikkostitwixxu inċentiv importanti għar-riforma u l-investiment fl-Istati Membri bil-għan li jinkisbu konverġenza 'l fuq u benesseri. Il-KESE jissottolinja wkoll li l-Pjan għandu jkun ibbażat fuq il-konkretezza u r-riżultati tanġibbli b'azzjonijiet li jistgħu jitkejlu u jkunu akkumpanjati minn oqfsa ta' monitoraġġ, miftiehma b'mod konġunt fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti, oqfsa li jħaddnu l-kriterji soċjali, ambjentali u ekonomiċi.

2.1.5. Filwaqt li jappoġġja l-miri ewlenin tal-UE, il-KESE japprova s-sejħa tal-Kummissjoni biex l-Istati Membri jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom stess b'mod volontarju. Huwa jistieden lil dawn tal-aħħar biex ikunu ambizzjużi meta jistabbilixxu l-miri tagħhom sabiex l-Istati Membri kollha, flimkien mal-imsieħba soċjali u ċiviċi tagħhom, jikkontribwixxu għat-tilħiq tal-miri Ewropej, u jisħaq li mingħajr sforz koordinat kbir mhux se jkun possibbli li dawn jintlaħqu. L-istabbiliment tat-tliet prijoritajiet prinċipali tal-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-kwalifiki u l-inklużjoni soċjali se jipprovdi qafas komuni ta' azzjoni inkluż fl-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza.

2.1.6. Il-KESE bi pjaċir jinnota li l-mira tal-impjieg hija kkomplementata minn impenji għall-promozzjoni tal-impjieg inklużiv u t-tnaqqis tad-differenzi fl-impjieg, b'mod partikolari billi jiġi lliberat il-potenzjal tas-suq tax-xogħol, titnaqqas bin-nofs id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg, titnaqqas ir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) u billi jiġi żgurat li gruppi oħra sottorappreżentati jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol sal-massimu tal-kapaċità tagħhom, u l-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkwantifika dawn l-impenji kollha f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-imsieħba soċjali.

2.1.7. Il-KESE jilqa' wkoll l-enfasi li l-Pjan jagħmel fuq l-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, inklużi t-titjib kontinwu tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, bil-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà, tingħata spinta lill-innovazzjoni, tiġi żgurata l-ekwità soċjali u jiġi eliminat id-distakk fil-ħiliet diġitali, u jirrimarka li, kif iddikjara l-Kumitat fil-passat, l-aċċess għal tagħlim kontinwu u tul il-ħajja jeħtieġ ikun dritt individwali għal kulħadd sabiex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-iżviluppi diġitali u tal-IA, jissawwar il-progress u jinżamm l-approċċ "human-in-command" ([5]).

([4]) ĠU C 81, 2.3.2018, p. 145, ĠU C 14, 15.1.2020, p. 1.
([5]) ĠU C 14, 15.1.2020, p. 46, punt 1.4.

2.1.8. Il-KESE jipproponi li, sabiex ir-rieżami ta' nofs it-terminu ppjanat isir aktar effettiv, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom fi djalogu kostruttiv mal-imsieħba soċjali u jikkunsidraw li jenħtieġ jiġu stabbiliti miri intermedji għall-2025, li jippermettu li jiġi vvalutat il-progress fl-ewwel nofs tal-implimentazzjoni tiegħu.

2.2. *Dwar il-ħolqien tal-impjiegi u l-futur tax-xogħol*

2.2.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Pjan jiddikjara li l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-UE huma fost l-aħjar fid-dinja, filwaqt li jirrikonoxxi wkoll li forom ġodda ta' ħidma jġibu magħhom sfidi kif ukoll opportunitajiet. L-imsieħba soċjali, fil-livell Ewropew kif ukoll dak nazzjonali, huma mistiedna jissieħbu fl-isforzi tagħhom għal ħidma biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-futur tax-xogħol, biex tinkiseb konverġenza 'l fuq u biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu protetti u sikuri irrispettivament mis-settur li jaħdmu fih u mill-pajjiż fejn jgħixu. L-imsieħba soċjali, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, huma essenzjali għall-isforzi konġunti f'din id-direzzjoni. Il-Pjan jinnota tajjeb li l-preservazzjoni u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità tajba ġodda huma prijorità għall-UE. Il-kriżi tal-COVID-19 uriet li l-funzjonament tas-soċjetajiet tagħna jiddependi minn ħaddiema essenzjali f'firxa ta' setturi bħat-trasport, is-servizzi, is-saħħa u l-agrikoltura. Jeħtieġ li noħolqu l-impjiegi l-ġodda tal-futur billi nibnu fuq l-impjiegi essenzjali tal-lum.

2.2.2. Il-KESE jaqbel mal-approċċ strateġiku tat-tranżizzjoni gradwali minn miżuri ta' emerġenza għal azzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għat-tilħiq tal-mira tal-impjieg stabbilita fil-Pjan.

2.2.3. Il-KESE jaqbel mat-tħassib muri fil-Pjan dwar il-gruppi l-aktar milquta mill-pandemija, inklużi n-nisa, iż-żgħażagħ, il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u dawk b'pagi baxxi, il-ħaddiema temporanji, dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema migranti.

2.2.4. Il-KESE jemmen li l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE għall-prijoritajiet għandha tiġi mmonitorjata, kemm f'termini tar-riżorsi disponibbli mill-Kummissjoni kif ukoll f'termini ta' riżorsi allokati mill-Istati Membri u l-imsieħba soċjali.

2.2.5. Il-KESE jaqbel mat-talba tal-Kummissjoni lill-Istati Membri biex jużaw il-fondi tal-UE disponibbli biex jippromovu appoġġ attiv u effettiv għall-impjieg.

2.2.6. Il-KESE jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward tal-effetti tat-tranżizzjoni diġitali tax-xogħol. Il-KESE jappoġġja l-Ftehim Qafas Awtonomu dwar id-Diġitalizzazzjoni, u huwa lest li jaħdem mal-imsieħba soċjali dwar kwalunkwe segwitu għalih.

2.2.7. Il-KESE jieħu nota tar-rapport reċenti tal-OECD dwar il-Prospettiva tal-Impjieg fl-2020 bit-titolu "Worker security and the COVID-19 crisis" (Is-sigurtà tal-ħaddiema u l-kriżi tal-COVID-19) ([6]). Il-KESE jirrikonoxxi li l-benesseri tal-ħaddiema fuq il-postijiet tax-xogħol tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-prestazzjoni ġenerali tal-kumpaniji, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet li fejn jaħdmu. Minbarra il-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, il-KESE jistenna li jittieħdu miżuri fil-livell adatt f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità biex jittejjeb il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol sabiex dawn jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, il-kompetizzjoni internazzjonali, u jrawmu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti. L-iżviluppi fis-suq tax-xogħol għandhom jiġu appoġġjati, mhux imxekkla, sabiex ikun żgurat li l-ħaddiema jkunu protetti, sikuri u jikkontribwixxu għall-prestazzjoni ġenerali tal-kumpaniji, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet fejn jaħdmu.

2.2.8. Il-KESE jistenna li jittieħdu miżuri fil-livell adatt li jippromovu konverġenza 'l fuq f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità biex jittejjeb il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol sabiex dawn jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetizzjoni internazzjonali, u jrawmu kundizzjonijiet tax-xogħol u benesseri deċenti.

2.2.9. Il-KESE jenfasizza li l-UE għandha tibqa' leali għalkollox lejn il-prinċipju li ma jistax ikun hemm relazzjonijiet ta' impjieg li ma għandhomx protezzjoni soċjali, tkun xi tkun in-natura tagħhom. Il-KESE jqis li l-forom kollha ta' xogħol mhux iddikjarat mhumiex aċċettabbli, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jaġixxu fil-ġlieda kontrih.

2.2.10. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-diġitalizzazzjoni ma toħloqx prekarjetà u vulnerabbiltajiet u li jiżguraw li jisfruttaw l-opportunitajiet li toffri d-diġitalizzazzjoni.

([6]) Rapport tal-OECD dwar il-Prospettiva tal-Impjieg fl-2020 bit-titolu: "Worker security and the COVID-19 crisis" (Is-sigurtà tal-ħaddiema u l-kriżi tal-COVID-19)].

2.2.11. Il-KESE jixtieq jara rabta aktar b'saħħitha bejn l-għan ambizzjuż għall-ħiliet, l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja u l-mezzi finanzjarji disponibbli biex dan jinkiseb. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li n-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni fl-UE naqset minn 5 % fl-2010 għal 4,7 % fl-2019, u jisħaq li l-miri u l-għanijiet tal-Pilastru Soċjali ma jistgħux jiġu segwiti mingħajr aktar investiment pubbliku fl-edukazzjoni. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' investiment pubbliku u privat biex jappoġġja t-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, u jinkoraġġixxi lil min iħaddem biex iżid l-opportunitajiet għall-impjegati biex isegwu tagħlim u taħriġ imsejsa fuq ix-xogħol.

2.2.12. Il-KESE jirrikonoxxi t-tħassib tal-Kummissjoni dwar it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u demografiċi u l-effetti tagħhom fuq l-impjieg u l-ħiliet. Madankollu, il-Pjan jista' jibbenefika wkoll minn impenji u inizjattivi maqbulin speċifiċi f'dan ir-rigward, u għalhekk għandu jkun hemm aktar dettalji fil-Pjan u fid-dokumenti nazzjonali.

2.2.13. Il-pandemija laqtet ħażin ħafna liż-żgħażagħ. L-istatistika turi li nofs iż-żgħażagħ kollha fl-UE huma impjegati fuq bażi temporanja. Peress li jindirizza r-riskji marbutin mal-impjieg temporanju involontarju, il-Pjan għandu ċertu potenzjal evidenti biex tittejjeb il-kwalità tal-impjieg għaż-żgħażagħ — b'mod partikolari permezz tar-Reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar it-Traineeships, enfasi fuq il-kwalità tal-offerti taħt il-Garanzija għaż-Żgħażagħ, u għadd ta' inizjattivi ppjanati dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, pereżempju, għall-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali.

2.2.14. Filwaqt li l-Pjan fih dispożizzjonijiet ċari għat-tisħiħ tar-rwol tal-imsieħba soċjali (it-trade unions u l-impjegaturi) fl-inizjattivi, ftit li xejn jgħid dwar ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħall-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, li għandhom rwol kruċjali biex jirrappreżentaw liċ-ċittadini tal-UE.

2.3. *Dwar il-ħiliet u l-ugwaljanza*

2.3.1. Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li forza tax-xogħol b'ħiliet hija l-mutur ta' ekonomija ekoloġika u diġitali prospera, li taħdem b'ideat u prodotti innovattivi u bi żviluppi teknoloġiċi. Kif jiddikjara l-Pjan, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jaqdu rwol ewlieni biex jistabbilixxu l-pedamenti għat-tagħlim tul il-ħajja u l-impjegabbiltà, u jistgħu jgħinu biex jingħelbu n-nuqqasijiet ta' ħiliet, dment li jkunu mmirati lejn il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-edukazzjoni u l-ħiliet għandhom ikunu fil-qalba tal-azzjoni politika li tappoġġja l-ħolqien tal-impjiegi.

2.3.2. Il-KESE jappoġġja l-ambizzjoni li tittejjeb l-edukazzjoni tul il-ħajja u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-aċċess għal ħiliet diġitali bażiċi li, bħall-Kummissjoni, iqishom bħala prekundizzjoni għall-inklużjoni u l-parteċipazzjoni f'Ewropa ttrasformata bid-diġitalizzazzjoni.

2.3.3. Il-KESE jinsab diżappuntat li m'hemm l-ebda objettiv dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja u jheġġeġ lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi wieħed. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' approċċ għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki u l-istrateġiji kollha tal-UE.

2.3.4. Il-KESE bħalissa qed iħejji Opinjoni separata dwar id-Direttiva proposta li għandha l-għan li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, u se jressaq Opinjoni dwar it-test.

2.4. *Dwar il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali*

2.4.1. Il-KESE jqis li għandhom jitressqu aktar proposti dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. Huwa tal-istess fehma ddikjarata fil-Pjan li fl-Ewropa jgħixu l-aktar soċjetajiet ekwi fid-dinja, u hemm l-ogħla standards fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u protezzjoni soċjali wiesgħa. Madankollu, il-livelli tal-faqar fl-UE għadhom għoljin b'mod inaċċettabbli u għadhom meħtieġa sforzi konsiderevoli biex jiġu żgurati kundizzjonijiet simili f'kull pajjiż.

2.4.2. It-tfal jgħoddu 20 % ta' dawk li jinsabu fir-riskju tal-faqar fl-UE, li r-Relatur Speċjali tan-NU dwar il-faqar estrem u d-drittijiet tal-bniedem iddeskriva bħala numru għoli b'mod eċċessiv għall-istandards ta' pajjiżi żviluppati ([7]). Il-KESE jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni għal strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal u għal Rakkomandazzjoni għal garanzija għat-tfal, kif ukoll il-mira li sal-2030 jitneħħew ħames miljun tifel u tifla mill-faqar. Huwa jtenni l-appell tiegħu għal "Ftehim ta' Kura

([7]) Stqarrija mill-Professur Olivier De Schutter

għall-Ewropa", li jiżgura l-provvista ta' servizzi ta' kwalità ogħla għal kulħadd matul iċ-ċiklu tal-ħajja" ([8]) u li l-Istati Membri jinvestu fid-disponibbiltà ta' servizzi ta' kura ta' kwalità għolja, affordabbli, aċċessibbli u varjati. Huwa jemmen li meta jinqered il-faqar fost it-tfal dan ikollu effetti pożittivi ħafna biex jitnaqqas il-faqar fost iż-żgħażagħ u l-persuni qiegħda.

2.4.3. Il-KESE jemmen li l-UE għandha tistabbilixxi standards soċjali minimi li jkunu konformi għalkollox mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u dan il-proċess għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni bir-reqqa mal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

2.4.4. Il-KESE jinnota li minflok Proposta għal Direttiva, il-Pjan jinkludi rakkomandazzjoni ([9]), dwar is-sigurtà tad-dħul minimu, li jqis li hija meħtieġa biex jiġu miġġielda l-aktar forom serji ta' faqar.

2.4.5. Il-KESE jemmen li hemm bżonn jittieħdu passi sinifikanti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-koordinazzjoni tagħhom fil-livell tal-UE, jiġi żgurat l-aċċess universali għall-ħaddiema, u jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali.

2.4.6. Il-Kumitat jaqbel mal-Kummissjoni li r-riformi u l-investimenti fis-sistemi tas-saħħa huma meħtieġa sabiex jitjieb, fost oħrajn, l-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità għal kulħadd, u jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali, territorjali u ekonomiċi fis-saħħa. Madankollu, jekk il-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati membri biss permezz ta' informazzjoni bbażata fuq l-evidenza u kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, dan mhux se jkun biżżejjed u għandu jsir ħafna aktar, filwaqt li tiġi rrispettata d-diviżjoni tal-kompetenzi: iridu jiġu fformulati objettivi u miri, jiġi appoġġjat l-investiment fl-infrastruttura, tiġi mħarrġa l-forza tax-xogħol fis-sistema tas-saħħa, jitfasslu standards komuni ta' kwalità, u tiġi ffinanzjata r-riċerka dwar is-saħħa.

2.4.7. Il-KESE jilqa' l-pjan għal Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli biex jistudja l-futur tal-Istat soċjali. Bħala r-rappreżentant tas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea u forum għad-djalogu soċjali u ċiviku, huwa l-korp ideali biex jirrifletti dwar l-isfidi tal-istat soċjali tal-Istati Membri. Il-Kumitat jirrakkomanda b'mod partikolari l-adozzjoni ta' mudelli fiskali — filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-ekonomija nazzjonali u jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli — biex jippermettu li jinżammu benefiċċji soċjali raġonevoli u adegwati, jiġu appoġġjati s-servizzi pubbliċi u soċjali u biex il-piż tat-taxxa jitqassam b'mod ekwu, filwaqt li tiġi promossa l-inklużjoni attiva fis-suq tax-xogħol u t-tranżizzjonijiet diġitali u demografiċi.

2.5. *Rigward l-implimentazzjoni tal-Pjan*

2.5.1. Il-KESE jaqbel mar-rieda li l-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern urew fl-Impenn Soċjali ta' Porto biex ikomplu japprofondixxu l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, b'rispett għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Il-KESE jenfasizza wkoll il-komplementarjetà bejn id-dimensjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-involviment attiv tal-imsieħba soċjali u l-ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna.

2.5.2. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li l-finanzjament tal-politiki nazzjonali jiġi allinjat mal-objettivi u l-azzjonijiet tal-Pjan. Din hija raġuni oħra għaliex ma għandux jerġa' jkun hemm ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Barra minn hekk, kwalunkwe regola riveduta għandha tiffaċilita bis-sħiħ l-implimentazzjoni tal-Pjan.

2.5.3. Il-KESE jistenna li l-prattiki tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli definiti u promossi mill-Kummissjoni Ewropea għandhom jiġu integrati fl-implimentazzjoni tal-Pjan. B'ammont li jlaħħaq aktar minn seba' darbiet l-ekwivalenti tal-QFP u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kkombinati (madwar EUR 2 triljun, jiġifieri 14 % tal-PDG fis-sena), dan joffri potenzjal enormi bħala suq li jagħti inċentivi biex l-impjegati jorganizzaw ruħhom, biex ikun hemm rappreżentanza u jsir negozjar kollettiv, u biex ikun hemm prattiki sostenibbli ta' kwalità tajba fil-qasam ambjentali u tal-impjieg.

2.5.4. Il-KESE jafferma mill-ġdid l-importanza tal-integrazzjoni bejn l-oqsma differenti ta' politika għall-kisba tal-progress soċjali, li jsegwi mill-qrib tal-irkupru ekonomiku u l-prosperità. Għandhom jiġu stabbiliti sinerġiji bejn inizjattivi u strateġiji eżistenti u futuri li jagħmlu parti mill-prinċipji differenti tal-Pilastru Soċjali. L-objettivi tiegħu għandhom jiġu integrati u inklużi fil-qafas strateġiku Ewropew għall-irkupru wara l-2020.

---

([8]) ĠU C 220, 9.6.2021, p. 13.

([9]) Kif ġara tletin sena ilu — Council Recommendation 92/441/EEC of 24 June 1992 on common criteria for sufficient resources and benefits in social protection systems (OJ L 245, 26.8.1992, p. 46) [mhux disponibbli bil-Malti].

2.5.5. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu u jsaħħu d-djalogu soċjali u ċiviku, tripartitiku kif ukoll bipartitiku, kull wieħed bir-rwol speċifiku tiegħu fl-implimentazzjoni tal-Pjan.

2.6. *Dwar ir-relazzjoni bejn il-Pilastru Soċjali u s-Semestru Ewropew*

2.6.1. Il-KESE jqis li s-Semestru Ewropew huwa l-qafas adatt għall-monitoraġġ tal-Pjan — għandha tingħata l-istess attenzjoni lill-objettivi soċjali u ambjentali flimkien mal-istabbiltà makroekonomika u l-produttività. Huwa jilqa' l-affermazzjoni li saret fil-Pjan li l-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jirrappreżentaw opportunità unika biex jiġu ppjanati u ffinanzjati investimenti u riformi li jappoġġjaw irkupru soċjali u ffokat fuq l-impjiegi, filwaqt li jiġu adottati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew. Il-Pjan bir-raġun jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mis-Semestru Ewropew u jaħtfu l-opportunità bla preċedent li toffri l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

2.6.2. Il-KESE jirrakkomanda li, fi ħdan is-Semestru Ewropew, issir valutazzjoni regolari ta' livell għoli tal-progress, inkluż fil-livell nazzjonali meta dan ikun rilevanti, permezz ta' indikaturi mfassla b'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali, fil-kuntest tal-integrazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru u l-SDGs tan-NU.

2.6.3. Il-KESE jemmen li l-Pjan għandu jkun għodda ta' strutturar għall-politiki soċjali fl-UE. Dan għandu jkun parti ċentrali mill-governanza ekonomika u soċjali mġedda, immirata lejn l-irkupru u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, u mgħammar b'indikaturi u proċeduri ta' monitoraġġ li jwasslu għal Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi fil-kwistjonijiet kollha relatati miegħu.

3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li s-sistema statistika Ewropea tiġi adattata skont il-ħtiġijiet ta' monitoraġġ tal-miri u l-indikaturi stabbiliti fil-bord tal-indikaturi soċjali.

3.2. Il-KESE jaqbel mal-punt li sar fil-Pjan li l-integrazzjoni u l-aġġornament tas-sett ta' indikaturi eżistenti għandhom jikkontribwixxu biex jiġi ntraċċat il-progress lejn il-prinċipji tal-Pilastru b'mod aktar komprensiv u jgħinu fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' politika proposti fil-Pjan.

3.3. Il-KESE jaqbel mal-ħtieġa li jiġi rivedut il-kunċett tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri f'dan il-qasam, filwaqt li tikkunsidra kemm l-integrazzjoni tal-politiki dwar it-tixjiħ kif ukoll id-drittijiet rikonoxxuti u protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

3.4. Il-KESE jinnota li l-għan tat-taħriġ vokazzjonali għandu linja ta' referenza li ilha mill-2016, peress li s-sistema statistika Ewropea tipproduċi dan l-indikatur biss kull ħames snin. Il-kejl ta' dan l-indikatur għandu jkun fuq bażi annwali sabiex il-progress ikun jista' jiġi mmonitorjat sew.

3.5. Il-KESE jtenni l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tax-xogħol fuq pjattaforma diġitali u jiddikjara li "l-UE u l-Istati Membri [għandhom] jimxu lejn l-uniformità tal-kunċetti sabiex jinkiseb xogħol ġust fl-ekonomija tal-pjattaformi" ([10]).

3.6. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex, fir-rigward tas-sigurtà soċjali, timplimenta l-prinċipju ddikjarat li t-tassazzjoni għandha tiġi trasferita mix-xogħol għal sorsi oħra aktar favorevoli għall-impjieg u f'konformità mal-objettivi klimatiċi u ambjentali, filwaqt li jiġi salvagwardjat id-dħul għal protezzjoni soċjali adegwata, meta wieħed iżomm f'moħħu li l-isfida essenzjali hija li tiġi żgurata kopertura adegwata għall-ħaddiema kollha f'suq tax-xogħol li qed jinbidel, b'rispett sħiħ għall-prinċipju, imsemmi f'punt 3.2.9 hawn fuq, li l-forom kollha ta' impjieg għandu jkollhom protezzjoni soċjali.

3.7. Il-KESE japprova l-inkoraġġiment tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jikkonkludu negozjati dwar ir-reviżjoni tar-regoli ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali sabiex tittejjeb il-mobbiltà tal-ħaddiema u tiġi pprovduta protezzjoni soċjali adatta fl-UE, mingħajr ma jinħolqu piżijiet eċċessivi għall-impjegati u l-kumpaniji.

([10]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 173 Konklużjoni 1.8.

3.8. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li r-riżultati tal-ħidma mħabbra minn grupp ta' esperti dwar l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ jiġu riflessi fl-adozzjoni ta' miżuri li jsaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari biex jintlaħqu l-miri definiti fil-Pjan.

3.9. Il-KESE jemmen li l-qasam tal-kura huwa waħda mill-isfidi ewlenin madwar l-UE. Il-KESE jappoġġja l-inklużjoni ta' inizjattiva dwar il-kura fit-tul fil-Pjan sabiex tiżgura aċċess aħjar għal servizzi ta' kwalità tajba għall-persuni fil-bżonn.

3.10. Il-KESE, fir-rigward tar-rwol tal-UE bħala mexxejja globali responsabbli, jafferma mill-ġdid ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu li l-Kummissjoni Ewropea, l-OECD u l-ILO jaħdmu flimkien mal-imsieħba soċjali fil-livelli adatti kollha, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili inġenerali, biex jiżviluppaw dispożizzjonijiet adatti dwar kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u l-protezzjoni meħtieġa ([11]), kif ukoll dwar il-promozzjoni ta' politika kummerċjali progressiva, ġusta u sostenibbli ([12]).

3.11. F'dan il-kuntest, il-KESE jittama li l-ħidma konġunta mill-Kummissjoni, l-OECD u l-ILO tista' twassal għal Konvenzjoni possibbli tal-ILO dwar il-pjattaformi ([13]). Bl-istess mod, għandhom isiru sforzi fir-rigward tar-regolazzjoni tat-telexogħol. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjoni tiegħu li "għandu jitnieda proċess konġunt bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-ILO u l-OECD (…) bħala tħejjija għall-abbozzar ta' konvenzjoni tal-ILO dwar it-telexogħol. Il-KESE jqis ukoll li l-kundizzjonijiet deċenti ta' telexogħol għandhom ikunu parti mill-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO u l-programmi nazzjonali korrispondenti" ([14]).

3.12. Il-KESE jemmen ukoll li l-UE għandha tieħu aktar responsabbiltà biex tgħin lid-dinja tindirizza l-pandemija tal-COVID-19. Il-Pjan għandu jirrikonoxxi l-parteċipazzjoni tal-UE fil-COVAX, f'konformità mad-diskors tal-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen u d-dikjarazzjoni tagħha li l-Ewropa għandha taħdem "biex jiġi ggarantit li l-vaċċini siguri ma jkunux disponibbli biss għal dawk li jistgħu jħallsu għalihom — iżda għal kull min ikollu bżonnhom" ([15]).

Brussell, it-8 ta' Lulju 2021.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Christa SCHWENG

([11]) ĠU C 47, 11.2.2020, p. 38, punt 1.4.
([12]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10, punt 3.9.
([13]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 173 Konklużjoni 1.14.
([14]) ĠU C 220, 9.6.2021, p. 1. Konklużjoni 1.14.
([15]) Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, 16 ta' Settembru 2020

*ANNESS*

Il-kontropinjoni li ġejja nċaħdet waqt id-diskussjoni iżda rċeviet tal-inqas kwart tal-voti mixħuta (Artikolu 43(2) tar-Regoli ta' Proċedura):

## 1. ***Konklużjonijiet***

*1.1. Il-KESE jqis li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ("il-Pjan") iservi ta' gwida siewja għall-Istati Membri u l-Unjoni fl-isforzi tagħhom favur il-kompetittività, it-tkabbir, l-impjieg, ir-riformi strutturali, l-investimenti li jiġġeneraw id-dħul, u l-benesseri tal-persuni. Il-KESE jenfasizza wkoll li m'hemm l-ebda dimensjoni soċjali mingħajr bażi ekonomika soda. Il-kompetittività u produttività ogħla bbażati fuq il-ħiliet u l-għarfien huma prekundizzjonijiet għad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni. L-iżviluppi fis-suq tax-xogħol għandhom jiġu appoġġjati, mhux regolati żżejjed jew imxekkla. Jekk l-Ewropa trid tlaħħaq mal-kompetizzjoni globali, id-diġitalizzazzjoni li qed tikber u l-mudelli ta' negozju ġodda, jenħtieġu innovazzjoni u flessibbiltà f'termini ta' impjieg, ħinijiet tax-xogħol u mobbiltà tal-forza tax-xogħol.*

*1.2. Il-KESE jappoġġja l-oqsma ta' prijorità tal-Pjan u jaqbel mal-fehma espressa fil-Pjan li fl-Ewropa hemm l-aktar soċjetajiet ugwali fid-dinja, l-ogħla standards ta' kundizzjonijiet tax-xogħol, u protezzjoni soċjali wiesgħa, b'acquis soċjali b'firxa wiesgħa li diġà huwa stabbilit.*

*1.3. Il-KESE jfakkar li implimentazzjoni tal-Pjan tista' possibbilment isseħħ fil-livell tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu kif dovut il-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. L-involviment attiv tal-imsieħba soċjali jaqdi rwol kruċjali f'dan ir-rigward.*

*1.4. Il-KESE jfakkar fin-natura legalment mhux vinkolanti tal-pilastru soċjali u jenfasizza d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri, fejn il-politika soċjali hija prinċipalment responsabbiltà tal-Istati Membri. F'każ li l-UE tikkunsidra li tilleġiżla fil-qasam tal-politika soċjali, l-inizjattivi kollha għandhom ikunu bbażati fuq evidenza u prova li jissodisfaw l-għan tagħha. L-inizjattivi għandhom ikunu soġġetti wkoll għal verifika immirata rigward il-kompetittività, bħala miżura ta' kontroll biex jiġu evitati proposti li jkunu ta' xkiel għal kompetittività akbar, aktar impjiegi u tkabbir sostenibbli.*

## 2. ***Kummenti ġenerali***

*2.1. L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li s-suq intern għandu jaħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' impjieg u progress soċjali.*

*2.2. L-Artikolu 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi li l-UE tappoġġja u tikkomplementa biss l-attivitajiet tal-Istati Membri f'oqsma definiti tal-politika soċjali. Diġà hemm fis-seħħ acquis soċjali tal-UE li jkopri firxa wiesgħa.*

*2.3. Fis-17 ta' Novembru 2017, f'Gothenburg, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni pproklamaw l-20 prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li ma biddlux il-liġi primarja tal-UE. Il-KESE jinnota b'mod speċjali il-Preambolu tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jiddikjara li "Fil-livell tal-Unjoni, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ma jimplikax l-estensjoni tal-poteri u l-kompiti tal-Unjoni kif mogħtija mit-Trattati. Għandu jkun implimentat fi ħdan il-limiti ta' dawk il-poteri."*

*2.4. Fl-Aġenda Strateġika tiegħu tal-2019-2024, il-Kunsill Ewropew enfasizza li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jiġi "implimentat fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, bl-attenzjoni mistħoqqa għall-kompetenzi rispettivi".*

## 3. ***Implimentazzjoni***

*3.1. Il-KESE jqis li l-Pjan jipprovdi gwida utli, inkluż fl-oqsma tal-impjieg, il-ħiliet, is-saħħa u l-protezzjoni soċjali, iżda jenfasizza d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri, fejn il-politika soċjali hija prinċipalment responsabbiltà tal-Istati Membri.*

*3.2. Il-KESE jistenna li jittieħdu miżuri fil-livell adatt f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità biex jittejbu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-mudelli soċjali sabiex dawn jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività, u d-dimensjoni soċjali.*

*3.3. Dan jirrikjedi rispett għall-ambjenti soċjoekonomiċi differenti u d-diversità tas-sistemi nazzjonali, inkluż ir-rwol u l-awtonomija tal-imsieħba soċjali.*

*3.4. Il-KESE jemmen li s-swieq tax-xogħol fl-Ewropa jenħtieġ ikomplu jiġu riformati, iżda b'modi differenti f'partijiet differenti tal-Unjoni, filwaqt li jibnu fuq il-mudelli differenti tas-suq tax-xogħol tagħhom. F'ċerti Stati Membri, dan jista' jinvolvi azzjonijiet relatati mal-pagi minimi jew il-kisba ta' kostijiet lavorattivi indiretti aktar baxxi. Fi Stati Membri oħrajn, tista' tkun kwistjoni li jiġu introdotti forom aktar flessibbli ta' impjieg jew li jiġu adattati s-sistemi tas-sigurtà soċjali sabiex jitheġġeġ l-impjieg. Dan ifisser li għandha tingħata preferenza lil strumenti mhux vinkolanti.*

*3.5. F'każ li l-UE tikkunsidra li tilleġiżla fil-qasam tal-politika soċjali, l-inizjattivi kollha għandhom ikunu bbażati fuq evidenza u prova li jissodisfaw l-għan tagħha. L-inizjattivi għandhom ikunu soġġetti wkoll għal verifika immirata tal-kompetittività, bħala miżura ta' kontroll biex jiġu evitati proposti li jkunu ta' xkiel għal kompetittività akbar, aktar impjiegi u tkabbir sostenibbli.*

## 4. ***Bażi ekonomika, imsieħba soċjali, impjiegi u ħiliet***

*4.1. Il-KESE jinnota li m'hemm l-ebda dimensjoni soċjali mingħajr bażi ekonomika soda. Il-kompetittività u produttività ogħla bbażati fuq il-ħiliet u l-għarfien huma prekundizzjonijiet għad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni.*

*4.2. Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li tiġi appoġġjata l-kopertura tan-negozjar kollettiv u li tiġi promossa s-sħubija tal-imsieħba soċjali. L-imsieħba soċjali jaqdu rwol importanti biex jinħolqu swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw tajjeb.*

*4.3. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-punt 4 tad-Dikjarazzjoni ta' Porto dwar ir-rwol tal-imsieħba soċjali: "Id-dimensjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-involviment attiv tal-imsieħba soċjali minn dejjem kienu fil-qalba ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna."*

*4.4. Il-KESE huwa tal-fehma li d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv jiġu promossi l-aħjar jekk l-Istat jew l-UE ma jkunux involuti la fl-istabbiliment tal-kriterji għall-ftehimiet ta' negozjar kollettiv u lanqas fl-infurzar tagħhom, u meta l-partijiet ikollhom responsabbiltà sħiħa għat-tnejn li huma.*

*4.5. Il-Pjan huwa opportunità tajba biex jintwera li l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali tiegħu jistgħu joffru rispons tajjeb għall-isfidi li s-swieq tax-xogħol qed jiffaċċjaw wara l-pandemija.*

*4.6. Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Pjan li l-appoġġ għall-impjieg u għall-ħaddiema ma jistax jirnexxi mingħajr appoġġ għall-kumpaniji u l-intraprendituri. Jibqa' minnu li industrija vibranti hija essenzjali għall-prosperità futura tal-Ewropa u hija sors ewlieni ta' impjiegi ġodda. Il-ħolqien tal-impjiegi, madankollu, mhijiex kwistjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida jew obbligi oħrajn li jżidu l-piż fuq l-intrapriżi.*

*4.7. Kif iddikjarat mill-KESE, il-kompetittività u produttività ogħla abbażi tal-ħiliet u l-għarfien jirrappreżentaw riċetta għaż-żamma tal-benesseri tas-soċjetajiet Ewropej.*

*4.8. Il-KESE jilqa' l-enfasi li l-Pjan jagħmel fuq l-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, inkluż it-titjib kontinwu tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, bil-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà, tingħata spinta lill-innovazzjoni, tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali u jiġi eliminat id-distakk fil-ħiliet diġitali.*

## 5. ***Ir-rwol tas-Semestru Ewropew***

*5.1. Il-KESE jemmen li l-monitoraġġ possibbli tal-Pjan u r-riformi nazzjonali rispettivi għandhom iseħħu fil-qafas tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni u tas-Semestru Ewropew. Is-Semestru Ewropew għandu jintuża bħala l-qafas ta' referenza biex jiġu appoġġjati l-isforzi tal-Istati Membri u tal-imsieħba soċjali biex, permezz tar-riformi, itejbu l-prestazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar l-impjieg u dawk soċjali.*

*5.2. Il-KESE jenfasizza li t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali proposta fil-Pjan għandha tikkontribwixxi għas-Semestru Ewropew sabiex tiggwida lill-Istati Membri fir-riformi tagħhom tas-suq tax-xogħol u tal-politika soċjali. Il-monitoraġġ tal-eżiti tas-suq tax-xogħol abbażi ta' indikaturi għandu jikkontribwixxi għal skambji ta' politika kkoordinati fil-livell tal-UE, li jwassal għat-tħejjija ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adatti fil-kuntest tal-proċess tas-Semestru Ewropew.*

*5.3. Il-KESE jemmen li l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni eżistenti tal-Istati Membri kif ukoll tal-Kummissjoni huma l-istrumenti adatti biex jiġi żgurat l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Pilastru, inkluż fir-rigward tar-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu. Il-gwida fl-użu tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni eżistenti għandha tkun prijorità għall-Kummissjoni fir-rigward tal-Istati Membri.*

*5.4. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mis-Semestru Ewropew u jaħtfu l-opportunità bla preċedent li toffri l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiġu stabbiliti pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza li jkunu ambizzjużi. Il-KESE jinnota li l-istrument Next Generation EU huwa għodda ta' emerġenza bbażata fuq l-Artikolu 122 tat-TFUE u se jkompli jiġi ttrattat bħala miżura ta' darba.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

| | |
|---|---|
| Favur: | 93 |
| Kontra: | 149 |
| Astensjonijiet: | 14 |

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030"**

*(COM(2021) 101 final)*

(2021/C 374/09)

Relatur: **Ioannis VARDAKASTANIS**



| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni, 26.3.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 21.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 7.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni | |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | 233/0/2 |



1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, li qieset ħafna mis-suġġerimenti proposti mill-moviment Ewropew għad-diżabilità u mis-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, hija tirrifletti ħafna mill-proposti li saru fl-Opinjoni tal-KESE tal-2019 ([1]), tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) fil-livell tal-UE u hija parti vitali mill-Unjoni ta' Ugwaljanza. Madankollu, il-KESE huwa mħasseb dwar id-dgħajfien tal-miżuri u l-leġiżlazzjoni vinkolanti li jimplimentaw l-Istrateġija, iżda jirrikonoxxi li l-Istrateġija l-ġdida hija pass ċar 'il quddiem fl-ambizzjoni meta mqabbla mal-Istrateġija għall-2010-2020.

1.2. L-impenn għat-twaqqif ta' Pjattaforma għad-Diżabilità huwa promettenti ħafna, iżda għandu wkoll il-potenzjal li jkun ta' diżappunt jekk jiġi implimentat ħażin. Għandu jkun hemm trasparenza fir-rigward tal-membri, l-aġendi tal-laqgħat (bil-possibbiltà ta' kontribut fil-punti tal-aġenda) u l-eżiti. Il-Pjattaforma għandha wkoll tiżgura li l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità jkollhom vuċi qawwija. Aħna nemmnu li l-KESE għandu rwol x'jaqdi u għandu jieħu sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

1.3. Ir-rabta bejn l-Istrateġija tad-Diżabilità u l-investimenti sinifikanti li se jsiru fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha tissaħħaħ. Ir-rabta mal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Pilastru tal-UE tad-Drittijiet Soċjali u b'mod partikolari tal-Prinċipju 17 tal-Pilastru għandha tiġi żgurata u massimizzata wkoll. Il-KESE jixtieq jara aġenda aktar ċara u b'saħħitha mill-Kummissjoni Ewropea (KE) dwar kif għandu jiġi promoss l-użu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza nazzjonali sabiex il-persuni b'diżabilità jingħataw l-għajnuna biex jirkupraw mill-pandemija. Il-KE għandha tindirizza lil dawk l-Istati Membri li ma kinux trasparenti dwar il-pjani tagħhom jew li ma segwewx il-linji gwida tal-KE biex jiżguraw konsultazzjoni sinifikanti tas-soċjetà ċivili. Il-KE għandha wkoll tkun determinata li topponi pjani li jipproponu investimenti li jmorru kontra s-CRPD, bħal investimenti f'ambjenti ta' kura istituzzjonali.

1.4. Il-KESE jinnota bi pjaċir l-proposta għal AccessibleEU, għalkemm f'dan l-istadju ma tissodisfax għalkollox it-talba tal-Kumitat biex jiġi stabbilit Bord Ewropew għall-Aċċess. Il-KE jeħtieġ li tkun ċara u trasparenti dwar kif qed tippjana li tiffinanzja lil din l-aġenzija u tipprovdilha l-persunal, u kif se tiżgura li jiġu rappreżentati l-persuni b'diżabilità, dawn għandhom jiġu rappreżentati internament, bħala impjegati u esperti u mhux biss esternament, bħala atturi konsultati.

1.5. Il-KESE japprova bis-sħiħ l-inizjattiva ewlenija dwar il-Karta tad-Diżabilità tal-UE u jqis li għandha l-potenzjal li trawwem bidla kbira. Madankollu, il-KESE jesprimi dispjaċir għall-fatt li sa issa għad ma hemm l-ebda impenn dwar kif għandu jiġi żgurat li din tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri. Il-Kumitat jishaq fuq il-ħtieġa li l-Karta tad-Diżabilità tiġi implimentata permezz ta' regolament li jagħmilha direttament applikabbli u infurzabbli madwar l-UE kollha.

([1]) ĠU C 97, 24.3.2020, p. 41.

1.6. Il-KESE jappoġġja l-pjan għal gwida dwar prattika elettorali tajba li tindirizza l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fil-proċess elettorali, li hija ppjanata għall-2023. Huwa jappoġġja wkoll il-ħidma ppjanata mal-Istati Membri, man-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet u mal-Parlament Ewropew biex jiġu garantiti d-drittijiet politiċi tal-persuni b'diżabilità fuq l-istess livell ta' oħrajn. Il-KESE jirrakkomanda li dan il-proċess jitmexxa 'l quddiem sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali u lokali jkollhom biżżejjed żmien biex jadottaw prattiki aktar aċċessibbli qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024.

1.7. Hemm nuqqas ta' azzjonijiet speċifiċi li jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-nisa u l-bniet b'diżabilità. Il-KESE jitlob li dan jiġi rimedjat kemm jista' jkun billi jiġi żgurat li d-dimensjoni tal-ġeneru tiġi integrata f'kull waħda mill-azzjonijiet diġà inklużi fl-Istrateġija. Dan għandu jiġi indirizzat b'attenzjoni partikolari fl-azzjonijiet li jittrattaw il-vjolenza. L-enfasi fuq in-nisa għandha tiġi estiża wkoll għall-membri tal-familja li jipprovdu kura fit-tul u informali lill-qraba tagħhom b'diżabilità, peress li n-nisa b'mod partikolari x'aktarx ikollhom rwoli ta' kura. Wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija, il-KESE jixtieq li fit-tieni nofs tal-perjodu tal-Istrateġija tiġi proposta inizjattiva ewlenija speċifika dwar in-nisa b'diżabilità.

1.8. L-azzjonijiet li jittrattaw l-aċċess għall-ġustizzja u l-persuni b'diżabilità bħala vittmi tal-vjolenza huma ta' importanza enormi. Il-KESE jqis li dawn l-azzjonijiet, b'mod partikolari dawk dwar it-taħriġ tal-professjonisti fis-sistema tal-ġustizzja u l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, għandhom ukoll jagħtu gwida dwar kif jista' jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità ma jiġux imċaħħda mill-aċċess għall-ġustizzja minħabba inkapaċità legali jew ikunu soġġetti għal dewmien meta jfittxu l-ġustizzja minħabba kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà, nuqqas ta' appoġġ fit-teħid tad-deċiżjonijiet jew nuqqas ta' disponibbiltà ta' assistenza għall-komunikazzjoni, bħall-interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali.

1.9. Il-linji gwida proposti dwar it-titjib fl-għajxien u l-inklużjoni indipendenti fil-komunità huma punt li l-KE jeħtieġ li tindirizza b'attenzjoni partikolari. Il-linji gwida għandhom ikunu bbażati fuq definizzjonijiet ċari ħafna ta' dak li nifhmu b'kura istituzzjonali, is-servizzi bbażati fil-komunità u l-għajxien indipendenti. Il-KESE jirrakkomanda li l-KE tibbaża d-definizzjonijiet tagħha fuq dawk stabbiliti u miftiehma mill-Grupp Ewropew ta' Esperti dwar it-Tranżizzjoni tal-Assistenza f'Istitut lejn l-Assistenza fil-Komunità, kif ukoll il-Kumment Ġenerali 5 tas-CRPD dwar l-Artikolu 19.

1.10. Il-pakkett propost dwar it-titjib tal-eżiti tal-impjieg, kif ukoll il-wegħda tal-KE li ttejjeb ir-reklutaġġ u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fl-istituzzjonijiet tal-UE, huma tweġiba ċara għas-sejħiet tas-soċjetà ċivili. Ma jistax jiġi enfasizzat biżżejjed kemm huwa kruċjali li ssir enfasi biex l-impjieg ta' kwalità tajba għall-persuni b'diżabilità jingħata spinta fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 ([2]), u f'dan ir-rigward l-Istrateġija setgħet kienet aktar kuraġġuża. Il-KESE jirrakkomanda bis-sħiħ li tinbeda ħidma dwar l-istabbiliment ta' indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, u li jsiru sforzi biex dawn il-miżuri jiġu allinjati ma' dawk għall-protezzjoni ċivili u għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Fir-rigward tal-impjieg fl-Istati Membri, dan jista' jinkiseb parzjalment bil-proposta tal-KE li jiġu inklużi indikaturi dwar id-differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabilità fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali l-ġdida tal-Pilastru Soċjali, u li tiġi inkluża d-diżaggregazzjoni b'rabta mad-diżabilità f'uħud mill-indikaturi l-oħra. Il-KESE jenfasizza li l-għan mhuwiex biss rati ogħla ta' impjieg, iżda wkoll impjieg ta' kwalità tajba li jippermetti lill-persuni b'diżabilità jtejbu l-pożizzjoni soċjali tagħhom permezz tax-xogħol. Għalhekk, aħna nissuġġerixxu li t-tabella ta' valutazzjoni tkun tinkludi indikaturi dwar il-kwalità tal-impjieg tal-persuni b'diżabilità, pereżempju jekk għandhomx kuntratti full-time u fit-tul, u jekk humiex impjegati fis-suq tax-xogħol miftuħ. Il-KE jeħtieġ li tinsisti fuq il-miri li qed jiġu stabbiliti għall-Istati Membri li jistipulaw kemm għandhom inaqqsu d-differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabilità sal-2030. Aħna rridu naraw miri ambizzjużi li jimmiraw li jqarrbu kemm jista' jkun lejn l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe differenza fl-impjieg, b'enfasi fuq l-impjieg fis-suq tax-xogħol miftuħ.

1.11. L-Istrateġija tipproponi għadd ta' azzjonijiet dwar l-edukazzjoni. Il-KESE jisħaq li l-azzjoni dwar it-taħriġ għall-Għalliema għall-Persuni bi Bżonnijiet Speċjali għandha tiffoka wkoll fuq it-taħriġ tal-għalliema f'ambjenti ta' edukazzjoni konvenzjonali biex joffru tagħlim inklużiv fil-klassi. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jallokaw Edukaturi għall-Persuni bi Bżonnijiet Speċjali f'kuntesti inklużivi biex it-tfal b'diżabilità ikunu jistgħu jirċievu l-appoġġ speċjalizzat li jistgħu jeħtieġu, filwaqt li jkunu parti minn skola konvenzjonali li jattendu għaliha l-istudenti mingħajr diżabilità.

---

([2]) Eurofound, Disability and labour market integration: Policy trends and support (Diżabilità u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol: xejriet ta' politika u appoġġ).

1.12. Il-proposta għal aġġornament tas-Sett ta' Għodod dwar l-"Approċċ Ibbażat fuq id-Drittijiet, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE" hija pass pożittiv. Dan għandu jsir b'kontribut minn organizzazzjonijiet nazzjonali u lokali tal-persuni b'diżabilità bbażati fil-pajjiżi fejn qed isiru dawn l-investimenti.

1.13. L-azzjoni dwar l-appoġġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-2000 toħloq kunflitt mas-CRPD fir-rigward ta' kwistjonijiet bħat-trattament furzat u l-koerċizzjoni. Dan jeħtieġ li jiġi indirizzat b'kontribut minn organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità qabel ma l-KE tieħu kwalunkwe azzjoni ulterjuri.

1.14. Il-KESE jinnota bi pjaċir l-impenn tal-KE li tmexxi bl-eżempju. Proposti bħal dawk dwar l-aċċessibbiltà tal-bini tal-KE jeħtieġ li jiġu infurzati b'mod strett u li ma jiddevjawx mill-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni deskritta fl-Istrateġija.

1.15. L-istrateġija proposta għall-ġbir ta' data hija waħda mill-proposti kruċjali. Il-KESE jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat ġbir aktar sistematiku ta' data diżaggregata, possibbilment bl-użu tas-Sensiela Qasira ta' Mistoqsijiet tal-Grupp ta' Washington.

1.16. Qafas għall-monitoraġġ tal-objettivi u l-azzjonijiet tal-Istrateġija huwa mistenni li jkun lest sal-2021. Il-KESE, u b'mod partikolari l-Grupp tal-KESE dwar id-Diżabilità, huwa lest li jgħin lill-KE fit-tfassil tiegħu, flimkien mal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità li għandhom ikunu involuti b'mod sħiħ u sinifikattiv matul il-proċess kollu.

1.17. L-Istrateġija tiddikjara li l-persuni b'diżabilità għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Il-KESE jixtieq li l-KE twettaq dan l-impenn billi tinkludi l-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fl-oqsma kollha tal-Konferenza, mhux biss dawk relatati speċifikament mad-diżabilità.

1.18. Il-KESE jistieden lill-KE tibda tħejji għall-għażla ta' kandidat tal-UE għall-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), u jirrakkomanda li l-kandidat tkun mara Ewropea b'diżabilità.

1.19. Il-Kunsill tal-UE wkoll għandu rwol essenzjali fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija. Il-KESE jistieden lill-Kunsill jingħaqad mal-Pjattaforma għad-Diżabilità, u jaħtar malajr koordinatur għall-persuni b'diżabilità kif previst fl-Istrateġija. Il-koordinatur għall-persuni b'diżabilità fil-Kunsill għandu jservi bħala l-punt fokali tas-CRPD, kif issuġġerit lill-UE fl-Osservazzjonijiet Konklużivi tar-rieżami tas-CRPD fl-2015.

1.20. Barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-moviment għad-diżabilità jkun proattiv u jinsisti li kull azzjoni ta' din l-Istrateġija twettaq dak li twiegħed, u turi solidarjetà billi tiżgura li l-miżuri jkunu ta' benefiċċju wkoll għall-immigranti u r-refuġjati b'diżabilità. It-tnedija tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità hija biss punt tat-tluq. Mhijiex l-Istrateġija nnifisha li se twassal għal bidla reali għall-persuni b'diżabilità, iżda pjuttost is-saħħa ta' kull wieħed mill-komponenti tagħha matul id-deċennju li ġej. L-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jappoġġjaw bis-sħiħ l-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-ġdida.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Il-KESE jinnota bi pjaċir li l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità għall-2021-2030 hija pass ċar 'il quddiem meta mqabbla mal-Istrateġija preċedenti. Barra minn hekk, il-KESE jfaħħar bil-kbir il-proċess ta' konsultazzjoni tal-KE, u l-fatt li ħafna mill-proposti li għamel il-KESE fl-Opinjoni tiegħu [3] kienu preżenti fl-istrateġija finali. Dan jissottolinja wkoll il-kapaċità ċara tal-Kumitat li jsawwar l-eżiti tal-politiki u l-inizjattivi l-ġodda tal-UE.

2.2. Il-KESE jinnota bi pjaċir li l-KE impenjat ruħha għal seba' proposti ewlenin b'objettivi u dati ċari għat-twassil tar-riżultati. Dan il-livell ta' trasparenza se jiffaċilita bil-kbir il-ħidma tal-KESE, is-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali fit-tħejjija tal-kontribut tagħhom għal dawn l-azzjonijiet.

2.3. Fost il-proposti ewlenin, il-KESE jara potenzjal partikolari fiċ-ċentru ta' riżorsi tal-AccessibleEU. Is-suċċess tiegħu se jiġi determinat parzjalment mir-riżorsi li l-KE tattribwixxi lilu, l-għarfien espert tal-persunal li joperah, u l-kapaċità tiegħu li jlaqqa' flimkien esperti li jistgħu jittrasferixxu l-għarfien ta' valur reali lill-Istati Membri.

---

(3) ĠU C 97, 24.3.2020, p. 41.

2.4. Il-KESE jinnota bi pjaċir il-proposta għal Karta tad-Diżabilità għal madwar l-UE kollha. Id-differenza li din il-karta tagħmel għall-ħajja tal-persuni b'diżabilità se tiddependi mid-drittijiet u l-intitolamenti pprovduti mill-karta meta titnieda u jekk jitteħdux passi biex jiġi żgurat li tiġi infurzata fl-Istati Membri kollha.

2.5. Wieħed mill-punti b'saħħithom tal-Istrateġija huwa l-mod kif se jkollha impatt fuq il-ħidma interna tal-KE u l-konnessjoni ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE. Il-KESE jilqa' b'mod partikolari l-impenn għal skambju annwali bejn il-KE u l-KESE. Aħna nqisu wkoll li l-KESE għandu jkollu post fil-Pjattaforma l-ġdida għad-Diżabilità, flimkien ma' organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità.

2.6. F'ċerti aspetti l-Istrateġija tidher li hija pass riluttanti 'l quddiem. L-istrateġija tinkorpora ħafna mill-proposti tal-Opinjoni tal-KESE ([4]), iżda l-impenn għal leġiżlazzjoni ġdida huwa prattikament assenti. Mill-ħames azzjonijiet li jirreferu għal leġiżlazzjoni vinkolanti, erbgħa huma rieżamijiet ta' leġiżlazzjoni eżistenti li diġà qed iseħħu, u waħda hija proposta biex tiġi esplorata l-possibbiltà ta' leġiżlazzjoni "jekk xieraq". L-Istrateġija l-ġdida tiffavorixxi mekkaniżmi bħal linji gwida u settijiet ta' għodod li, għalkemm jistgħu jmexxu 'l quddiem prattiki fl-Istati Membri, hemm riskju ħafna akbar ta' nuqqas ta' konformità mingħajr kwalunkwe rikors għat-tressiq tal-Istati Membri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

2.7. Fl-Istrateġija, il-KE wiegħdet li tindirizza ċerti kwistjonijiet permezz ta' strateġiji u pjani ta' azzjoni oħra tal-UE bħall-Istrateġija dwar Gvern Diġitali tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali. Il-KE mhux dejjem tipprovdi dettalji dwar kif eżattament se jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tad-diżabilità f'dawn l-istrateġiji. Għandhom jiġu pprovduti aktar dettalji dwar kif il-KE tipproponi li tagħmel dan.

2.8. Il-KESE huwa mħasseb dwar l-azzjoni għall-appoġġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-2000, li toħloq kunflitt mas-CRPD dwar kwistjonijiet bħat-trattament furzat u l-koerċizzjoni fil-proċeduri mediċi. Dan jeħtieġ li jiġi indirizzat b'kontribut minn organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità qabel ma l-KE tieħu kwalunkwe azzjoni ulterjuri.

2.9. Il-KESE jqis li l-Istrateġija għandha l-potenzjal li tikseb bidla reali, iżda dan jiddependi għalkollox minn kemm tiġi implimentata tajjeb u kemm ikunu ambizzjużi l-azzjonijiet individwali. Jekk il-KE u l-Istati Membri ma jkunux ambizzjużi fl-insistenza għal azzjonijiet li jisfidaw l-istatus quo, l-Istrateġija tista' tonqos milli tilħaq l-aspettattivi ta' aktar minn 100 miljun persuna b'diżabilità fl-UE.

2.10. Il-KESE jistieden lill-moviment għad-diżabilità biex ikun proattiv huwa u jinsisti biex l-Istrateġija twettaq dak li twiegħed. Mhijiex l-Istrateġija nnifisha li se twassal għal bidla reali għall-persuni b'diżabilità, iżda pjuttost is-saħħa ta' kull wieħed mill-komponenti tagħha matul id-deċennju li ġej.

## 3. **L-aċċessibbiltà u t-tgawdija tad-drittijiet tal-UE**

3.1. Il-Kapitoli tnejn u tlieta tal-Istrateġija jkopru azzjonijiet relatati mal-aċċessibbiltà u t-tgawdija tad-drittijiet tal-UE. L-azzjonijiet prinċipali jinkludu dawn li ġejjin:

3.1.1. Inizjattiva ewlenija għall-istabbiliment ta' ċentru ta' riżorsi msejjaħ AccessibleEU. Huwa se jlaqqa' flimkien l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli tal-aċċessibbiltà u l-esperti u l-professjonisti tal-aċċessibbiltà, li jaqsmu bejniethom prattiki tajba kif ukoll jiżviluppaw għodod u standards biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Dan jirrifletti l-appell tal-KESE għal Bord Ewropew għall-Aċċess. Il-KE jeħtieġ li tiċċara kif dan iċ-ċentru se jiġi ffinanzjat u pprovdut bil-persunal, u kif se jilħaq lill-esperti tal-aċċessibbiltà, il-persuni b'esperjenza fi kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà u l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità.

3.1.2. L-istabbiliment ta' Karta Ewropea tad-Diżabilità sa tmiem l-2023, li għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha. Il-KESE jinnota bi pjaċir li dan jirrispondi direttament għall-appell fl-Opinjoni tiegħu tal-2019 ([5]). Is-suċċess ta' din l-inizjattiva se jiġi ddeterminat mill-kamp ta' applikazzjoni tal-intitolamenti pprovduti mill-karta, u skont jekk l-Istati Membri kollha jaqblux li jimplimentawha b'mod sħiħ. Il-KESE jħeġġeġ lill-KE tkun ambizzjuża bil-Karta tad-Diżabilità, filwaqt li tqis li din se tkun waħda mir-riżultati ewlenin tal-Istrateġija u punt ta' referenza li bih ħafna se jkejlu s-suċċess tal-Istrateġija.

---

([4]) ĠU C 97, 24.3.2020, p. 41.

([5]) ĠU C 97, 24.3.2020, p. 41, ĠU C 56, 16.2.2021, p. 36.

3.1.3. L-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web u l-valutazzjoni ta' jekk id-Direttiva għandhiex tiġi riveduta. Din l-evalwazzjoni hija opportunità biex jiġi analizzat jekk din il-leġiżlazzjoni hijiex adatta għall-iskop tagħha f'settur pubbliku li qed isir dejjem aktar diġitali, b'mod partikolari wara l-COVID-19. Il-KESE jqis li l-KE għandha twaqqaf l-eżenzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva li tapplika għal ċerti siti web (pereżempju skejjel, kindergartens u skejjel preprimarji), peress li dawn l-esklużjonijiet potenzjali seta' kellhom impatt negattiv fuq il-persuni b'diżabilità li jistgħu jaċċessaw dawn is-servizzi pubbliċi permezz ta' għodod diġitali biss. Aħna nixtiequ naraw ukoll spjegazzjoni aktar ċara dwar liema azzjoni se tittieħed fil-każ tal-Istati Membri li jonqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva.

3.1.4. Ir-rieżami ta' għadd ta' atti leġiżlattivi eżistenti, jiġifieri l-qafas leġiżlattiv relatat mar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija inkluż l-impatt tiegħu fuq it-titjib tal-aċċessibbiltà bħala riżultat tar-rekwiżiti ta' rinnovazzjoni; il-qafas regolatorju dwar id-drittijiet tal-passiġġieri; ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6] dwar il-Linji Gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport biex tissaħħaħ l-aċċessibbiltà; u l-Pakkett dwar il-Mobilità Urbana. Filwaqt li l-KESE jesprimi diżappuntat għall-fatt li l-KE ma kinitx aktar ambizzjuża fil-proposta ta' aktar azzjonijiet ibbażati fuq leġiżlazzjoni vinkolanti, huwa jinnota bi pjaċir li s-sejħa tiegħu għal azzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-ambjent mibni u t-trasport sawret l-Istrateġija. Il-KESE jħeġġeġ lill-KE tkun ambizzjuża fl-emendi tagħha u tippromovi miżuri ta' aċċessibbiltà kuraġġużi.

3.1.5. L-istabbiliment ta' gwida dwar prattika elettorali tajba li tindirizza l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fil-proċess elettorali, u li taħdem mal-Istati Membri, in-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet u l-Parlament Ewropew biex tiggarantixxi d-drittijiet politiċi tal-persuni b'diżabilità, inkluż id-dritt li joħorġu għall-elezzjoni u li jirċievu informazzjoni aċċessibbli. Il-KE se tindirizza wkoll il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità fil-kompendju dwar il-votazzjoni elettronika u tappoġġja l-parteċipazzjoni demokratika inklużiva. Se jkun importanti għall-KE li taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew biex tiżgura li l-elezzjonijiet li jmiss tal-UE jkunu aċċessibbli u li l-UE tmexxi bl-eżempju.

## 4. **Kwalità tal-ħajja deċenti u parteċipazzjoni ugwali**

4.1. Il-Kapitoli erbgħa u ħamsa tal-Istrateġija jkopru azzjonijiet relatati mal-kwalità tal-ħajja u l-ugwaljanza. L-azzjonijiet prinċipali jinkludu dawn li ġejjin:

4.1.1. Inizjattiva ewlenija dwar linji gwida għal għajxien indipendenti għall-Istati Membri biex itejbu l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità. Il-KESE jqis li din hija inizjattiva potenzjalment kruċjali. Is-saħħa tagħha se tiddependi minn definizzjoni ċara u stretta ta' x'jikkostitwixxi kura istituzzjonali, għaliex għandha tiġi evitata, u x'inhuwa mifhum b'investiment f'servizzi bbażati fil-komunità u l-għajxien indipendenti. Il-linji gwida għandhom jitfasslu b'kontribut mill-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

4.1.2. Qafas għas-servizzi soċjali biex jittejjeb il-forniment tas-servizzi għall-persuni b'diżabilità u biex l-impjiegi jsiru aktar attraenti f'dan il-qasam. Il-KESE jqis li dan il-qafas għandu jiffoka mhux biss fuq kif is-settur tas-servizzi soċjali jista' jsir aktar attraenti f'termini ta' salarju u kundizzjonijiet tax-xogħol, iżda jiżgura wkoll li l-fornituri tas-servizzi jirċievu taħriġ adegwat dwar kif jipprovdu appoġġ li jkun iggwidat mill-għażliet tal-utenti tas-servizzi u li jieħu approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u ċċentrat fuq il-persuna.

4.1.3. Pakkett ġdid dwar l-eżiti fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabilità. Bħala parti minn dan il-pakkett, il-KE se tfittex li tiżgura l-applikazzjoni rigoruża mill-Istati Membri tad-drittijiet koperti mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi u se tirrapporta dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva fl-2021. Il-KE se tissorvelja wkoll l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali fl-2021, inklużi l-opportunitajiet relatati mal-persuni b'diżabilità u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol miftuħ. Il-persuni b'diżabilità jħabbtu wiċċhom ma' ħafna ostakli biex jaċċessaw l-impjieg. Il-KESE jemmen li l-KE għandha tkun ċara dwar liema ostakli jeżistu u liema għandhom jiġu indirizzati bl-aktar mod urġenti, kif ukoll dwar kif il-COVID-19 aggravat is-sitwazzjoni. Aħna nirrakkomandaw li qabel it-tfassil tal-pakkett ikun hemm riċerka jew stħarriġ li jistaqsu lill-persuni b'diżabilità u lill-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità, xi jridu jaraw li jsir. Il-KESE jemmen ukoll li l-pakkett dwar l-impjieg għandu jiffoka fuq il-kapaċità ta' aċċess għal impjieg ta' kwalità tajba fis-suq tax-xogħol miftuħ, inkluż l-ekonomija soċjali u l-mudelli ta' impjieg D-WISE, jipprevjeni l-esklużjoni ulterjuri tal-persuni b'diżabilità, u b'mod partikolari li jilħaq lin-nisa u liż-żgħażagħ b'diżabilità li jkunu qed ifittxu x-xogħol. L-għan m'għandux ikun biss li jitjiebu r-rati tal-impjieg, iżda wkoll li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jtejbu l-istatus soċjali u l-benessri finanzjarju tagħhom permezz ta' xogħol imħallas.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

4.1.4. Studju tal-2022 dwar il-protezzjoni soċjali u s-servizzi għall-persuni b'diżabilità segwit minn gwida biex jiġu appoġġjati l-Istati Membri bir-riforma tal-protezzjoni soċjali, li jiffoka fuq l-oqfsa tal-valutazzjoni tad-diżabilità. L-istudju għandu jiffoka fuq is-servizzi soċjali bħala l-bażi biex tiġi żgurata ħajja dinjituża għall-persuni b'diżabilità kif ukoll ir-rwol tal-familji u ta' dawk li jieħdu ħsiebhom. Il-gwida għandha għalhekk tissottolinja li s-servizzi għandhom ikunu kapaċi jissodisfaw il-ħtiġijiet individwali tal-persuni b'diżabilità, ibbażati fil-komunità u mhux f'ambjenti iżolati, u jkunu akkumpanjati minn allowances adegwati għad-diżabilità. Huwa kruċjali li l-gwida dwar ir-riformi tal-protezzjoni soċjali tindirizza ż-żieda tal-għoli tal-ħajja għall-persuni b'diżabilità u tħeġġeġ lill-Istati Membri jkunu aktar flessibbli biex jippermettu lin-nies iżommu l-benefiċċji tad-diżabilità irrispettivament mill-introjtu proprju tagħhom, jew dak tal-konjuġi jew tas-sieħeb/sieħba tagħhom. Il-persuni b'diżabilità għandhom ikunu liberi li jfittxu impjieg jew jgħixu mas-sieħeb/sieħba tagħhom mingħajr ma jiġu ppenalizzati finanzjarjament.

4.1.5. Strateġija ta' taħriġ għall-professjonisti fil-ġustizzja, b'enfasi fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-diżabilità, inkluża s-CRPD. Dan se jinkludi studju dwar is-salvagwardji proċedurali għall-adulti vulnerabbli fi proċedimenti kriminali u se jivvaluta l-ħtieġa ta' proposti leġiżlattivi dwar l-appoġġ u l-protezzjoni tal-adulti vulnerabbli f'konformità mal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Vittmi. Il-KE se tipprovdi wkoll lill-Istati Membri bi gwida dwar l-aċċess għall-ġustizzja għall-persuni b'diżabilità fl-UE. Hija se tappoġġja lill-Istati Membri biex jagħtu spinta lill-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità bħala professjonisti fis-sistema tal-ġustizzja. Il-KESE jilqa' dawn il-proposti li jirriflettu r-rakkomandazzjonijiet li għamel fl-Opinjoni tiegħu ([7]). Barra minn hekk, il-KESE jinnota bi pjaċir li l-KE se titlob lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali teżamina s-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità li jgħixu f'istituzzjonijiet f'termini ta' vjolenza, abbuż u tortura. Dawn l-azzjonijiet għandhom jipprovdu wkoll gwida dwar kif jista' jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità ma jiġux imċaħħda mid-dritt tagħhom għall-ġustizzja jew li jkunu soġġetti għal dewmien minħabba kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà, nuqqas ta' kapaċità legali, nuqqas ta' assistenza għat-teħid ta' deċiżjonijiet appoġġjat jew in-nuqqas ta' assistenza fil-komunikazzjoni, bħall-interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali. Għandhom jinġabru prattiki tajba dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet appoġġjat f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tas-CRPD. Jista' jkun ta' benefiċċju wkoll li jiġi esplorat kif l-Istati Membri implimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-KE tas-27 ta' Novembru 2013 dwar is-salvagwardji proċedurali għall-persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali ([8]).

4.1.6. Diversi azzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni. Dawn jinkludu appoġġ għall-Istati Membri biex jiżguraw teknoloġiji ta' assistenza u jipprovdu ambjent u kontenut ta' tagħlim diġitali aċċessibbli skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027. Il-KE tipproponi wkoll sett ta' għodod għall-inklużjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija għat-tfal, li jinkludi kapitolu speċifiku dwar it-tfal b'diżabilità. Fl-aħħar nett, il-KE se tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw aktar is-sistemi tal-edukazzjoni tal-għalliema biex jindirizzaw in-nuqqas ta' għalliema fl-Edukazzjoni għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali u biex il-professjonisti kollha fl-edukazzjoni jkunu jistgħu jimmaniġġaw id-diversità u l-edukazzjoni inklużiva. Il-KESE jinnota bi pjaċir li l-KE tirrikonoxxi r-rwol li jista' jkollha l-UE fit-trawwim tal-edukazzjoni inklużiva, b'mod partikolari t-tagħlim elettroniku peress li l-istudenti b'diżabilità ħabbtu wiċċhom ma' ħafna kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà matul il-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, il-KESE jixtieq jisħaq li l-azzjoni dwar it-taħriġ għall-Għalliema għall-Persuni bi Bżonnijiet Speċjali għandha tiffoka wkoll fuq it-taħriġ tal-għalliema f'ambjenti tal-edukazzjoni konvenzjonali dwar kif jista' jiġi offrut tagħlim inklużiv fil-klassi. Il-KE għandha tippromovi l-edukazzjoni inklużiva u tħeġġeġ lill-Istati Membri jallokaw Edukaturi għall-Persuni bi Bżonnijiet Speċjali f'ambjenti ta' edukazzjoni inklużiva. L-għoti ta' gwida għall-karriera għall-persuni b'diżabilità fis-sistemi edukattivi għandu jiġi investit u mtejjeb ukoll.

4.1.7. Fl-oqsma tal-arti u l-kultura inklużivi, l-isport, id-divertiment u l-attivitajiet rikreattivi inkluż it-turiżmu, l-Istrateġija se ssaħħaħ il-parteċipazzjoni billi taħdem fuq diversi aspetti, jiġifieri billi tikkoopera ma' organizzazzjonijiet sportivi konvenzjonali u speċifiċi għad-diżabilità, filwaqt li tappoġġja l-ħolqien tal-arti minn artisti b'diżabilità u tuża l-fondi tal-UE biex is-siti ta' patrimonju kulturali u l-avvenimenti tal-arti jsiru aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

4.1.8. Il-KESE jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istrateġija hija nieqsa mill-ambizzjoni dwar l-adozzjoni tad-Direttiva Orizzontali dwar in-Nondiskriminazzjoni, imblukkata fil-Kunsill għal dan l-aħħar deċennju. Ma hemm l-ebda pjan reali biex jingħeleb dan l-imblukkar jew biex jiġu proposti alternattivi jekk il-Kunsill jonqos milli jilħaq ftehim.

4.1.9. Il-KESE xtaq ukoll li tingħata aktar attenzjoni lill-kwistjonijiet relatati mas-saħħa. L-Istrateġija tiffoka fuq il-Pjan biex jingħeleb il-kanċer, li nilqgħu, iżda hija vaga ħafna dwar is-saħħa mentali, l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni relatata mas-saħħa u l-provvista tal-kura tas-saħħa lill-persuni b'diżabilità li għadhom jgħixu fl-istituzzjonijiet.

([7]) ĠU C 97, 24.3.2020, p. 41
([8]) ĠU C 378, 24.12.2013, p. 8

5. **Promozzjoni globali tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità**

5.1. Il-Kapitolu sitta tal-Istrateġija jkopri azzjonijiet relatati mal-promozzjoni globali tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. L-azzjonijiet prinċipali jinkludu dawn li ġejjin:

5.1.1. It-tisħiħ tal-ġbir ta' data tal-UE dwar persuni b'diżabilità fl-għajnuna umanitarja ffinanzjata mill-UE, pereżempju billi jiġi promoss l-użu tas-Sensiela Qasira ta' Mistoqsijiet tal-Grupp ta' Washington. Din hija proposta eċċellenti li twieġeb għat-talbiet li saru qabel mill-KESE. Il-Kumitat jixtieq li l-ġbir ta' data diżaggregata jitjieb f'kull aspett, b'mod partikolari fir-rigward tan-nies li jgħixu fl-istituzzjonijiet. L-UE għandha tappoġġja wkoll l-implimentazzjoni tal-UNCRPD u tippromovi r-ratifika globali.

5.1.2. L-aġġornament tas-Sett ta' Għodod dwar l-"Approċċ Ibbażat fuq id-Drittijiet, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE" fl-2021. Dan għandu jsir mhux biss b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tad-diżabilità fl-UE, iżda wkoll mal-organizzazzjonijiet nazzjonali u lokali tad-diżabilità bbażati fil-pajjiżi fejn qed isiru dawn l-investimenti.

5.1.3. L-iżgurar tal-użu sistematiku tal-markatur b'rabta mad-diżabilità tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD biex jiġu ttraċċati investimenti inklużivi fid-diżabilità għal monitoraġġ immirat tal-finanzjament mill-UE. Il-KESE jinnota bi pjaċir kbir li dan is-suġġeriment, li sar fl-Opinjoni tiegħu SOC/616 ([9]), ġie meqjus.

6. **It-twettiq tal-istrateġija u t-tmexxija bl-eżempju**

6.1. Il-Kapitoli sebgħa u tmienja tal-Istrateġija jkopru azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija, u kif il-KE se tbiddel l-istruttura u l-mod ta' ħidma tagħha biex tikseb dan. L-azzjonijiet prinċipali jinkludu dawn li ġejjin:

6.1.1. Skambju ta' fehmiet annwali mal-KESE. Il-KESE jinnota bi pjaċir li l-involviment tiegħu fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija se jiġi formalizzat u huwa ħerqan għal din il-kooperazzjoni strutturata u kontinwa. Barra minn hekk, huwa jinnota bi pjaċir li l-KE se torganizza wkoll laqgħat regolari ta' livell għoli mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill u mas-SEAE, li jinvolvu organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'diżabilità.

6.1.2. It-twaqqif ta' Pjattaforma għad-Diżabilità biex tissostitwixxi l-Grupp ta' Livell Għoli dwar id-Diżabilità. Il-Pjattaforma se tappoġġja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija kif ukoll l-istrateġiji nazzjonali tad-diżabilità. Din se tlaqqa' flimkien punti fokali nazzjonali tas-CRPD, organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità u l-KE. Hija se tipprovdi forum biex jiġu diskussi l-valutazzjonijiet tan-NU dwar l-implimentazzjoni tal-Istati Membri tas-CRPD. Il-KESE għandu fiduċja kbira f'din l-istruttura l-ġdida, li tipprometti li tkun aktar miftuħa u trasparenti mill-Grupp ta' Livell Għoli.

6.1.3. Strateġija mġedda dwar ir-Riżorsi Umani biex tagħti spinta lir-reklutaġġ u lill-perspettivi tal-karriera tal-persunal b'diżabilità, inkluż "Uffiċċju għad-Diversità u l-Inklużjoni" biex jissorvelja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jmexxu 'l quddiem id-diversità u l-inklużjoni madwar il-KE. Il-KESE jqis din bħala waħda mill-aktar azzjonijiet promettenti fl-Istrateġija u jittama li tirriżulta fi tkabbir reali tar-reklutaġġ tal-persuni b'diżabilità fl-istituzzjonijiet tal-UE. Il-KESE jinnota wkoll bi pjaċir li l-KE se taġġorna l-istrateġija ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni mmirata tal-EPSO, u se ssaħħaħ ir-rappurtar mill-maniġers tas-servizzi kollha tal-KE dwar id-diversità u l-akkomodazzjoni raġonevoli għall-persunal b'diżabilità.

6.1.4. It-titjib tal-aċċessibbiltà tas-servizzi kollha tal-komunikazzjonijiet awdjoviżivi u tad-disinn grafiku tal-KE sal-2023. Il-KESE jilqa' din l-azzjoni u jistieden lill-KE taħdem mal-esperti fl-aċċessibbiltà biex tiżgura l-ogħla livell ta' aċċessibbiltà possibbli.

6.1.5. Il-garanzija tal-aċċessibbiltà tal-bini kollu tal-KE li għadu kif ġie okkupat. Il-KE se tiżgura wkoll li l-postijiet għal avvenimenti tal-KE jkunu aċċessibbli u li l-bini kollu tal-KE jilħaq l-istandards ta' aċċessibbiltà Ewropej sal-2030. Il-KESE jħeġġeġ lill-KE ma tonqosx milli twettaq dan.

6.1.6. L-iżvilupp ta' strateġija għall-ġbir ta' data li se tiddeterieġi lill-Istati Membri u tanalizza s-sorsi u l-indikaturi ta' data eżistenti, inkluż għal data amministrattiva. Il-KESE jissottolinja l-ħtieġa li tinġabar data diżaggregata, possibbilment bl-użu tas-Sensiela Qasira ta' Mistoqsijiet tal-Grupp ta' Washington, kif diġà indikat fl-Istrateġija.

([9]) ĠU C 97, 24.3.2020, p. 41

6.1.7. Il-pubblikazzjoni ta' qafas għall-monitoraġġ tal-objettivi u l-azzjonijiet ta' din l-Istrateġija segwita mill-iżvilupp ta' indikaturi ġodda tad-diżabilità u l-ħruġ ta' rapport fl-2024 dwar l-Istrateġija, li jivvaluta s-sitwazzjoni attwali u, jekk meħtieġ, jaġġorna l-objettivi u l-azzjonijiet tagħha. Il-KESE, u b'mod partikolari l-Grupp tal-KESE dwar id-Diżabilità, huwa lest jappoġġja lill-KE fit-tfassil ta' dan il-qafas, flimkien mal-organizzazzjonijiet tad-diżabilità. Il-KESE jinnota bi pjaċir li ġiet stabbilita data għar-rapport ta' implimentazzjoni, skedata b'tali mod li tippermetti lill-KE tikkoreġi kwalunkwe nuqqas matul il-ħajja tal-Istrateġija.

Brussell, 7 ta' Lulju 2021

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill — L-istabbiliment ta' Garanzija Ewropea għat-Tfal**

*(COM(2021) 137 final)*

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal**

*(COM(2021) 142 final)*

(2021/C 374/10)

Relatur: **Kinga JOÓ**

Korelatur: **Maria del Carmen BARRERA CHAMORRO**


| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 31.5.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Deċiżjoni tal-Bureau | 23.3.2021 |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 21.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 7.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni | |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | 231/0/2 |


1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Iċ-ċifra inaċċettabbli ta' tifel jew tifla minn kull erbat itfal madwar l-UE li qed jitrabbew fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali tirrikjedi approċċ Ewropew koordinat ibbażat fuq oqfsa politiċi u legali b'saħħithom sabiex titreġġa' lura din it-tendenza u jinkiser iċ-ċiklu interġenerazzjonali ta' żvantaġġ. Irid ikun hemm mira ambizzjuża li timmira li toħroġ it-tfal kollha mill-faqar sal-2030 u mhux biss ħames miljun tifel u tifla.

1.2. L-integrazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fit-tfassil tal-politika hija essenzjali. Prattikament kull qasam ta' politika jaffettwa lit-tfal, għalhekk hemm bżonn ta' approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha biex jiġi żgurat li l-politiki differenti (relatati mal-familja, mal-edukazzjoni, mal-ekonomija, mad-dinja diġitali, mal-ambjent, mal-akkomodazzjoni) għandhom effetti pożittivi u fit-tul fuq is-saħħa u l-benesseri tat-tfal. Jeħtieġ li jiġu adottati b'mod urġenti approċċ integrat u miżuri orizzontali fil-livell nazzjonali, reġjonali, lokali u tal-UE, sabiex jiġu inklużi l-oqsma importanti kollha li jista' jkollhom impatt fuq il-ħajja tat-tfal, kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur.

1.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-pjani ta' azzjoni nazzjonali għall-Garanzija għat-Tfal jinkludu sett ta' miżuri ta' żewġ u ta' diversi ġenerazzjonijiet biex jiġu żviluppati appoġġi kemm għat-tfal kif ukoll għall-ġenituri tagħhom, billi l-vulnerabbiltajiet tat-tfal ma jistgħux jiġu indirizzati mingħajr l-indirizzar ta' dawk tal-familja tagħhom. Il-ġenituri u l-persuni li jindukraw iridu jingħataw l-appoġġ permezz ta' taħlita ta' azzjonijiet: introjtu adegwat, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, it-teħid ta' liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri mħallas b'mod adegwat, il-liv ta' familjari li jindukraw, arranġamenti tax-xogħol flessibbli u postijiet tax-xogħol li huma favur il-familja.

1.4. Id-drittijiet tal-bniedem u tat-tfal huma vinkolanti għall-Istati Membri kollha kif iddikjarat fl-Artikolu 2 tat-TUE. Huwa meħtieġ qafas ta' politika aktar b'saħħtu madwar l-Ewropa kollha dwar id-drittijiet tat-tfal, li ntalab minn ħafna partijiet ikkonċernati. Is-soċjetà ċivili organizzata, speċjalment is-servizzi soċjali, l-organizzazzjonijiet tat-tfal, l-organizzazzjonijiet tal-familja, u l-fornituri tal-edukazzjoni formali u mhux formali, iridu jiġu kkonsultati u involuti kif xieraq fit-tfassil tal-pjani ta' azzjoni nazzjonali u fil-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tagħhom. Azzjonijiet immirati jistgħu jappoġġjaw bl-aħjar mod l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn iż-żewġ oqfsa tal-UE biex jintemm il-faqar u jiġu promossi s-saħħa u l-benesseri tat-tfal.

1.5. Huma biss 11-il pajjiż li allokaw finanzjament speċifiku tal-FSE+ biex it-tfal jinħarġu mill-faqar, filwaqt li għadd ta' Stati Membri oħra kienu qrib ħafna tal-medja tal-UE bid-data tagħhom dwar ir-riskji tal-faqar fost it-tfal. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri kollha jużaw mill-inqas 5 % tal-fondi tal-FSE+ biex joħorġu lit-tfal mill-faqar. Barra minn hekk, il-ġbir u l-kwalità ta' data diżaggregata għandhom jittejbu sabiex jgħinu fil-monitoraġġ tal-progress lejn l-eradikazzjoni tal-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali.

1.6. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jagħtu aċċess bla ħlas għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni u l-attivitajiet ibbażati fl-iskejjel u l-kura tas-saħħa jew jagħtu dawn is-servizzi mingħajr ħlas. Inkella, dawn jistgħu jiżguraw, permezz ta' benefiċċji adegwati fi flus, li t-tfal jirċievu dawn is-servizzi essenzjali mingħajr ma jikkawżaw piż finanzjarju addizzjonali fuq il-familji.

1.7. Filwaqt li jenfasizza li d-drittijiet tat-tfal japplikaw għal dawk kollha taħt it-18-il sena, il-KESE jirrakkomanda li, meta l-Istati Membri jfasslu l-pjani nazzjonali tagħhom taħt il-Garanzija għat-Tfal, dawn jispeċifikaw, fejn xieraq, il-grupp ta' età fil-mira tal-miżuri. Dan huwa partikolarment importanti biex tiġi żgurata l-komplementarjetà tal-oqfsa bħall-Garanzija għat-Tfal u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ, fl-aħjar interess tal-benefiċjarji.

1.8. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tpoġġi l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tat-Tfal f'livell ta' koordinazzjoni orizzontali ma' strateġiji Ewropej oħra approvati dan l-aħħar, bħall-istrateġiji għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ, għar-Rom, u għad-drittijiet marbuta mad-diżabilità.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1. Id-drittijiet tat-tfal huma d-drittijiet tal-bniedem ta' dawk kollha taħt it-18-il sena. Il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal hija objettiv tal-Unjoni Ewropea kif iddikjarat fl-Artikolu 3(3) tat-TUE u l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-Kunsill tal-Ewropa jippromovi u jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem tat-tfal abbażi tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2016-2021) u standards legali rilevanti oħra. Skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), kull persuna taħt it-8-il sena fid-dinja hija intitolata għall-istess sett ta' drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali – irrispettivament mill-etniċità, il-ġeneru, ir-reliġjon, il-lingwa, il-ħiliet, l-istatus ta' migrazzjoni, l-orjentazzjoni sesswali jew kwalunkwe status ieħor tagħha. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs) japplikaw ukoll f'dan il-każ.

2.2. Fl-4 ta' Ġunju 2007, tnieda Forum annwali dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Din il-pjattaforma tippermetti djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u partijiet ikkonċernati oħra u tissorvelja l-azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal kull sena. Fl-2010, il-KESE adotta Opinjoni dwar Il-faqar fost it-tfal u l-benesseri tagħhom ([1]), u fl-2011 adotta Opinjoni dwar Aġenda tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal ([2]) li tistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw lit-tfal b'kull mod possibbli.

2.3. Fl-20 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjonijiet biex issaħħaħ id-drittijiet tat-tfal, tnaqqas il-faqar fost it-tfal u ttejjeb il-benesseri tat-tfal ([3]). Fl-24 ta' Novembru 2015, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE jintroduċu l-Garanzija għat-Tfal u l-programmi li joffru appoġġ u opportunitajiet għall-ġenituri biex joħorġu mill-esklużjoni soċjali u jissieħbu fis-suq tax-xogħol ([4]). Fit-13 ta' Diċembru 2017, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni pproklamaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) li jiffoka wkoll fuq "Kura tat-tfal u appoġġ għat-tfal" ([5]) (Prinċipju 11). L-EPSR jipproklama wkoll id-dritt għall-protezzjoni mill-faqar u d-dritt għal miżuri speċifiċi biex jittejbu l-opportunitajiet indaqs. Bħala segwitu, f'Lulju 2020 il-Kummissjoni kkummissjonat studju ta' fattibilità ([6]) u f'Awwissu 2020 nediet konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-Garanzija għat-Tfal u dwar it-twassil ta' strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal.

([1]) ĠU C 44, 11.2.2011, p. 34.
([2]) ĠU C 43, 15.2.2012, p. 34.
([3]) ĠU L 59, 2.3.2013, p. 5.
([4]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (2015) dwar "It-tnaqqis tal-inugwaljanzi b'enfasi speċjali fuq il-faqar fost it-tfal", punt 46.
([5]) Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
([6]) Feasibility study for a child guarantee, rapport finali (mhux disponibbli bil-Malti).

2.4. Fl-24 ta' Marzu 2021, bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew ([7]), il-Kummissjoni adottat l-ewwel Strateġija komprensiva tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal għall-2021-2024, kif ukoll proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal.

3. **Kummenti ġenerali dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal**

3.1. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal hija qafas ta' politika bbażat fuq id-drittijiet li jintegra d-drittijiet tat-tfal bħala kwistjoni trażversali fil-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE kollha. Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Garanzija tal-UE għat-Tfal hija legalment vinkolanti b'sett ċar ta' azzjonijiet ta' implimentazzjoni, miri u miżuri li għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib mill-UE. Il-KESE jilqa' ż-żewġ proposti, billi jemmen li l-implimentazzjoni tagħhom se tappoġġja l-isforzi fil-livell Ewropew u nazzjonali biex jiġi promoss il-benesseri tat-tfal u jitnaqqas il-faqar fost it-tfal.

3.2. It-tfal huma l-aktar membri vulnerabbli tas-soċjetà tagħna, u mhumiex f'pożizzjoni li jindirizzaw ir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali waħedhom. Il-vjolenza kontra t-tfal, fil-forom kollha tagħha, hija mifruxa sew. Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal żieda f'ċerti forom ta' vjolenza, kif irrappurtat mill-pulizija u minn servizzi prinċipali oħra bħal-linji għall-għajnuna għat-tfal f'ħafna Stati Membri li qed jiffaċċjaw numru dejjem akbar ta' każijiet ([8]). Skont id-data tal-Eurostat tal-2019, 18-il miljun tifel u tifla jew 22,2 % tat-tfal fl-UE kienu qed jikbru fir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali u din iċ-ċifra x'aktarx li tiżdied minħabba l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija ([9]). Wieħed minn kull erbat itfal fl-UE jikber jew tikber f'familji f'sitwazzjonijiet prekarji li jeħtieġu l-appoġġ biex jitkisser iċ-ċiklu tal-faqar interġenerazzjonali.

3.3. **It-tfal tkellmu dwar id-drittijiet u l-futur li jridu** fl-istħarriġ imsejjaħ L-Ewropa Tagħna. Id-Drittijiet Tagħna. Il-Futur Tagħna ([10]) li kkontribwixxa għat-tiswir kemm tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal kif ukoll tal-Garanzija għat-Tfal. B'mod ġenerali, il-fehmiet ta' aktar minn 10 000 tifel u tifla nġabru minn ħames organizzazzjonijiet tad-drittijiet tat-tfal. Is-sejbiet għamluha ċara li l-fehmiet tat-tfal iridu jgħinu biex jinkwadraw l-oqfsa u l-prijoritajiet ekonomiċi, soċjali, legali u politiċi tal-UE.

3.4. L-**Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal tieħu approċċ olistiku**, u l-għan ġenerali tagħha huwa li tibni ħajja aħjar għat-tfal fl-UE u madwar id-dinja f'sitt oqsma importanti: (i) il-parteċipazzjoni tat-tfal fil-ħajja politika u demokratika tal-UE; (ii) l-inklużjoni soċjoekonomika, l-edukazzjoni u s-saħħa; (iii) il-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza u diskriminazzjoni, u l-protezzjoni minnhom; (iv) il-ġustizzja li tkun qrib il-ħtiġijiet tat-tfal; (v) it-tfal fl-era diġitali; u (vi) id-dimensjoni globali tad-drittijiet tat-tfal. Il-**proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Garanzija Ewropea għat-Tfal** tiffoka fuq l-inklużjoni soċjoekonomika u l-aċċess mit-tfal fil-bżonn għal sett ta' servizzi ewlenin: edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, edukazzjoni u attivitajiet ibbażati fl-iskola, aċċess għall-kura tas-saħħa, aċċess għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata. Hija tikkontribwixxi għall-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal b'enfasi fuq it-tfal li jgħixu fl-UE.

3.5. L-istrateġija tappella għal parteċipazzjoni aktar inklużiva u sistematika tat-tfal fil-livell lokali, nazzjonali u tal-UE. Dan se jinkiseb permezz ta' **Pjattaforma ġdida tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal**, li se tiġi stabbilita fi sħubija mal-Parlament Ewropew u mal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tat-tfal, biex jiġi żgurat li t-tfal ikunu aktar involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

3.6. L-istrateġija titlob li t-**tfal jikbru ħielsa mill-vjolenza u mill-isfruttament**. It-tfal jistgħu jkunu vittmi, xhieda jew awturi tal-vjolenza. Skont rapporti tal-ILO, ħafna tfal huma sfruttati fis-suq tax-xogħol u jintużaw għal xogħol furzat, inkluż sfruttament sesswali u prostituzzjoni. L-istrateġija titlob ukoll għal **ġustizzja li tkun qrib il-ħtiġijiet tat-tfal**, u tindika li

([7]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (2021) dwar "Id-drittijiet tat-tfal fid-dawl tal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal".

([8]) WHO Europe, *The rise and rise of interpersonal violence – an unintended impact of the COVID-19 response on families* (2020) [Iż-żieda drastika fil-vjolenza interpersonali – impatt mhux intenzjonat tar-rispons għall-COVID-19 fuq il-familji (2020) – mhux disponibbli bil-Malti].

([9]) Unicef, *Supporting Families and Children Beyond COVID-19 – Social protection in high-income countries* (2021) [L-appoġġ għall-familji u t-tfal 'il hinn mill-COVID-19 – Protezzjoni soċjali f'pajjiżi bi dħul għoli (2021) mhux disponibbli bil-Malti].

([10]) Unicef, *Children speak up about the rights and the future they want* (2021) [It-tfal isemmgħu leħinhom dwar id-drittijiet u l-futur li jridu (2021) – mhux disponibbli bil-Malti].

l-proċedimenti ġudizzjarji jridu jiġu adattati għall-età u għall-ħtiġijiet tagħhom u jridu jagħtu kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interessi tat-tfal. L-aċċess għall-ġustizzja għat-tfal għandu jiġi żgurat sabiex jikkontribwixxi għar-rikonoxximent sħiħ u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tagħhom, filwaqt li tinżamm l-effiċjenza tal-proċedimenti legali, inkluż permezz ta' taħriġ speċjalizzat ta' uffiċjali ġudizzjarji.

3.7. L-ambjent tal-familja huwa essenzjali biex it-tfal jirnexxu. Fl-**Istrateġija** tagħha **dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri** għall-2020-2025, il-Kummissjoni tindika li l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet tal-indukrar tat-tfal bejn il-ġenituri taqdi rwol ewlieni fl-inklużjoni soċjali tat-tfal. Il-pandemija tal-COVID-19 kellha effett soċjoekonomiku sproporzjonat fuq in-nisa, u l-ġenituri jeħtieġu jaħdmu flimkien aktar minn qatt qabel bħala tim fl-aħjar interessi tat-tfal. L-implimentazzjoni kemm tal-Garanzija għat-Tfal kif ukoll tal-Istrateġija dwar id-drittijiet tat-tfal trid tkun marbuta ma' inizjattivi ewlenin tal-EPSR, bħat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

3.8. Hemm firxa wiesgħa ta' mudelli ta' familji fl-UE, inklużi familji qawsalla b'membru LGBTIQ wieħed jew aktar. F'konformità mal-**Istrateġija** tal-Kummissjoni **dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ** għall-2020-2025, it-tfal ta' familji qawsalla jridu jiġu protetti, speċjalment f'sitwazzjonijiet tranżnazzjonali fejn, minħabba d-differenzi fil-liġi tal-familja bejn l-Istati Membri, ir-rabtiet familjari jistgħu ma jibqgħux jiġu rikonoxxuti meta dawn jaqsmu l-fruntieri interni tal-UE. F'konformità mal-**Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità** għall-2021-2030, it-tfal b'diżabilità jrid ikollhom dritt ugwali li jiġu inklużi fil-komunità b'għażliet ugwali għal dawk ta' oħrajn. Kif previst fil-**Qafas Strateġiku** tal-UE **għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni** għall-2020-2030, irid jiġi indirizzat l-avvanz soċjali tat-tfal Rom. Il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, tal-identità/l-espressjoni tal-ġeneru u tal-karatteristika tas-sess, tad-diżabilità jew tal-oriġini etnika, għandha titrawwem minn età bikrija.

3.9. Il-proposta ta' **Garanzija** tipprovdi gwida u riżorsi għall-Istati Membri biex jappoġġjaw lit-tfal fil-bżonn, minħabba l-**korrelazzjoni qawwija bejn l-esklużjoni soċjali tat-tfal u n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi ewlenin**. It-tfal vulnerabbli jinkludu (i) tfal mingħajr dar jew tfal li qed jesperjenzaw privazzjoni severa ta' akkomodazzjoni; (ii) tfal b'diżabilità; (iii) tfal bi sfond ta' migrazzjoni; (iv) tfal bi sfond ta' razza jew etniċità minoritarja (b'mod partikolari r-Rom); (v) tfal li qegħdin f'kura alternattiva (speċjalment dik istituzzjonali); u (vi) tfal f'sitwazzjonijiet prekarji tal-familja.

3.10. Il-**Garanzija** hija qafas strateġiku li jiggwida l-azzjonijiet tas-27 Stat Membru permezz ta' **pjani ta' azzjoni nazzjonali ffukati fuq l-implimentazzjoni tal-Garanzija u mmirati lejn familji bit-tfal fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali**. Ir-rakkomandazzjoni trid tiġi adottata mill-Kunsill tal-UE, u wara dan l-Istati Membri kollha jkollhom sitt xhur biex iħejju Pjani ta' Azzjoni nazzjonali għall-Garanzija għat-Tfal. Il-proposta ta' Garanzija tisħaq li għalkemm l-iżgurar tal-aċċess għas-servizzi huwa parti importanti mill-indirizzar tal-esklużjoni soċjali tat-tfal, **irid jiġi stabbilit f'approċċ usa' u f'qafas ta' politika soċjali u familjari abilitanti**.

3.11. **L-istrateġija tifformula rakkomandazzjonijiet għal azzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali,** f'politiki u programmi ta' finanzjament differenti li għandhom impatt fuq is-saħħa u l-benesseri tat-tfal, bħall-fondi tal-UE, il-migrazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, l-ekonomija, l-ambjent u t-trasformazzjoni diġitali.

3.12. Il-Kummissjoni se tirrapporta lura dwar il-progress tal-Istrateġija fil-livell tal-UE u dak nazzjonali fil-Forum annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Fl-aħħar tal-2024 se titwettaq evalwazzjoni tal–istrateġija, bil-parteċipazzjoni tat-tfal. Il-Kummissjoni se **timmonitorja l-progress dwar il-Garanzija permezz ta' taħlita ta' għodod, inkluż** is-Semestru Ewropew.

3.13. **Data trasparenti dwar l-użu tal-fondi tal-UE u dawk nazzjonali** għandha tiġi inkluża fil-pjani ta' azzjoni nazzjonali, flimkien ma' skeda ta' żmien għall-attivitajiet. L-Istati Membri jistgħu jużaw il-fondi tal-UE biex jappoġġjaw l-azzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari l-FSE+ u n-Next Generation EU. Il-FSE+ għandu objettiv speċifiku rilevanti għal din il-kwistjoni u jalloka l-fondi għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal. Skont ir-regolament il-ġdid, **l-Istati Membri tal-UE, fejn il-medja tal-faqar fost it-tfal hija ogħla mill-medja tal-UE għall-2017-2019 (23,4 %) se jkollhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi finanzjarji tal-FSE+ tagħhom biex jindirizzaw il-faqar fost it-tfal**.

4. **Kummenti speċifiċi dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal**

4.1. **L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal hija qafas meħtieġ ħafna tal-Unjoni Ewropea biex tipproteġi d-drittijiet tat-tfal u tagħti s-setgħa lit-tfal.** Filwaqt li l-adulti jistgħu jivvutaw u jkollhom aċċess għal rimedju legali u għal proċeduri formali ta' lmenti f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom, it-tfal ħafna drabi huma esklużi minn dawn il-mekkaniżmi. It-tfal għalhekk huma bla vuċi fil-proċess tat-tfassil tal-politika, u l-interessi tagħhom jistgħu jibqgħu inviżibbli għall-gvern mingħajr sforz konxju u sistematiku biex jiġu protetti u promossi.

4.2. Sabiex tkun l-aktar effettiva, il-parteċipazzjoni sinifikattiva tat-tfal tirrikjedi bidliet mifruxa fl-istrutturi politiċi u istituzzjonali, kif ukoll fl-attitudnijiet, fil-valuri u fil-prattiki kulturali, sabiex it-tfal ikunu rikonoxxuti bħala ċittadini u partijiet ikkonċernati. Biex tiġi appoġġjata l-parteċipazzjoni tat-tfal u jingħata widen għal leħinhom u t-talbiet tagħhom, hemm bżonn ta' bini ta' kapaċità kemm għat-tfal kif ukoll għall-adulti, inkluż permezz ta' attivitajiet mhux formali pprovduti minn atturi tas-soċjetà ċivili fil-kuntesti skolastiċi u 'l hinn minnhom. **Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa hija opportunità eċċellenti biex tiġi implimentata l-parteċipazzjoni tat-tfal, u l-KESE se jesplora wkoll modi kif jista' jkun hemm parteċipazzjoni akbar tat-tfal.**

4.3. **It-tfal huma individwi u membri ta' familja u komunità** bi drittijiet u responsabbiltajiet xierqa għall-età u l-istadju ta' żvilupp tagħhom u bid-dritt għall-kwalità tal-ħajja. Il-ġenituri u l-indokraturi huma fundamentali fl-iżvilupp konjittiv, fiżiku u emozzjonali tat-tfal. Relazzjoni mimlija affezzjoni u ta' sostenn bejn il-ġenituri jew in-nanniet u t-tfal hija element essenzjali tal-benesseri u tar-reżiljenza tat-tfal. Ir-relazzjonijiet bejn l-aħwa għandhom wkoll rwol ewlieni fl-iżvilupp tat-tfal. Din ir-relazzjoni ssir saħansitra aktar importanti għat-tfal fil-kura alternattiva, u għalhekk l-aħwa għandhom ikunu jistgħu jibqgħu flimkien, sakemm dan ma jkunx fl-aħjar interess tagħhom. Il-politiki jridu jagħtu prijorità lill-investiment fit-tfal u fil-familji tagħhom u jiżguraw li jiġi pprovdut appoġġ adegwat u ta' kwalità għolja permezz ta' approċċ sistematiku multiġenerazzjonali għall-appoġġ tal-familji fit-trobbija tat-tfal permezz ta' ħiliet pożittivi fit-trobbija tat-tfal.

4.4. L-inizjattiva li tappoġġja l-iżvilupp u r-rinfurzar ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal imressqa mill-istrateġija għandha tkun ikkomplementata b'miżuri għall-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza kontra t-tfal. Il-vjolenza li jkunu sofrew jew raw it-tfal fit-tfulija jista' jkollha konsegwenzi fit-tul fuq l-iżvilupp fiżiku, emozzjonali u psikoloġiku tagħhom. Huwa meħtieġ pjan li jinvolvi kull livell tal-gvern minn dak tal-UE sa dak muniċipali **għall-prevenzjoni u għall-indirizzar tal-vjolenza kontra t-tfal** li jrid jindirizza l-esponiment għall-forom kollha ta' vjolenza, abbuż u negliġenza, inklużi l-vjolenza fiżika u psikoloġika, il-vjolenza sesswali, il-vjolenza online, il-vjolenza domestika, istituzzjonali u fl-iskejjel. Għandhom jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet inkroċjati, bħalma huma r-riskji akbar li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bniet, it-tfal (u b'mod partikolari l-bniet) b'diżabilità, it-tfal li jgħixu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u l-familji li huma suxxettibbli għall-vjolenza. L-indirizzar tal-vjolenza mill-minorenni ma jeħtieġx biss proċeduri ġudizzjarji adatti għat-tfal, iżda hemm bżonn ukoll ta' sfond istituzzjonali adattat għat-tfal biex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni soċjali sħiħa tagħhom. Helplines ta' emerġenza u servizzi oħrajn immexxija mill-NGOs biex jappoġġjaw lit-tfal u l-familji għandhom jirċievu finanzjament strutturali biex jiżguraw is-sostenibbiltà u l-effettività.

4.5. Id-drittijiet tat-tfal iridu jiġu indirizzati wkoll f'oqsma ewlenin ta' influwenza li għandhom impatt fuq il-benesseri tat-tfal u l-familji tagħhom. Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għandhom **jintegraw** b'mod sistematiku d-**drittijiet tat-tfal** biex jivvalutaw l-impatt ta' inizjattiva li tista' taffettwa lit-tfal u d-drittijiet tagħhom. F'dan ir-rigward, meta d-drittijiet tat-tfal ikunu kkonċernati f'relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, huwa importanti li tittieħed azzjoni malajr u b'mod effettiv meta jkun meħtieġ. Dan huwa l-approċċ globali meħud mill-istrateġija u jrid ikun fiċ-ċentru tal-proċess ta' implimentazzjoni u ta' evalwazzjoni. Barra minn hekk, fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija, l-Istati Membri għandhom jiġu megħjuna minn ġabra tal-aħjar prattiki li diġà jeżistu f'pajjiżi oħra u li taw riżultati tajbin.

4.6. It-tfal huma l-inqas responsabbli għat-tibdil fil-klima, iżda jġorru l-akbar piż tal-impatt tiegħu. L-istrateġija tirreferi għall-impatt tal-kriżi ambjentali u klimatika fuq it-tfal, iżda għandha tmur lil hinn, **u tiżgura li l-politiki u l-leġiżlazzjoni ambjentali jieħdu s-saħħa fiżika u mentali tat-tfal bħala punt tat-tluq sabiex jitnaqqas l-esponiment tat-tfal għall-perikli ambjentali**. It-tfal huma aktar sensittivi u vulnerabbli għar-riskji ambjentali mill-adulti.

4.7. Il-ġenerazzjoni li jmiss x'aktarx se tara l-ħajja offline u online tagħha jingħaqdu totalment f'ħaġa waħda. Dan huwa l-approċċ meħud mill-Istrateġija: **l-integrazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fid-dinja diġitali biex dawn jibqgħu validi fil-futur**. Illum, aktar u aktar tfal jużaw apparat diġitali minn età dejjem aktar bikrija. Neħtieġu ambjenti diġitali aċċessibbli

li jaħdmu b'mod awtomatiku għat-tfal kollha, b'regolamentazzjoni b'saħħitha għal Internet aktar sikur appoġġjat mill-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza diġitali. It-tfal għandhom dritt li jaċċessaw informazzjoni online minn firxa ta' sorsi, u ma jkunux soġġetti għal algoritmi ta' awtotagħlim jew mudelli ta' negozju ta' reklamar li jwasslu għal informazzjoni ta' kwalità baxxa.

4.8. It-tfal – minn età bikrija – jistgħu jsiru vittmi ta' bullying ċibernetiku, li jista' jikkawża problemi serji jew saħansitra fatali ta' saħħa mentali. It-tfal jisfaw ukoll vittmi ta' abbuż sesswali online, kif ġara aktar minn qatt qabel matul il-perjodu ta' lockdown, meta l-ammont ta' Materjal ta' Abbuż Sesswali tat-Tfal li ġie kondiviż online ra żieda sinifikanti ([11]). **Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kwalunkwe forma ta' vjolenza online huma ta' importanza kbira għas-sikurezza online tat-tfal.**

4.9. Id-drittijiet tat-tfal, speċjalment dawk ta' tfal iżgħar, għandhom jiġu rispettati mill-mezzi ta' informazzjoni u minn kull min jirreklama, u t-tfal għandhom jiġu **protetti bħala konsumaturi**. Dan huwa speċjalment rilevanti fir-rigward ta' nutrizzjoni tajba għas-saħħa għall-but ta' kulħadd u li tiġi minn sors ambjentalment sostenibbli. L-istrateġija tipproponi li jiġu żviluppati l-aħjar prattiki u kodiċi ta' kondotta volontarju biex jitnaqqas it-tqegħid fis-suq ta' prodotti b'livell għoli ta' zokkor, xaħam u melħ. Huma meħtieġa tfassil koerenti tal-politika, kontrolli leġiżlattivi aktar stretti fuq l-informazzjoni dwar il-prodott u l-informazzjoni dwar is-sikurezza u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ikel, li għandhom l-għan li jillimitaw ir-reklamar għal ikel u xorb mhux tajjeb għas-saħħa.

## 5. **Kummenti speċifiċi dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal**

5.1. **Il-faqar fost it-tfal, il-privazzjoni, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni huma wħud mill-ostakli l-aktar serji għall-infurzar tad-drittijiet tat-tfal;** għalhekk, il-KESE jilqa' l-enfasi fuq dawn l-oqsma fl-ambitu tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, b'rabta mal-mira tal-faqar għall-2030 fl-ambitu tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li timmira li sal-2030 toħroġ mill-inqas 5 miljun tifel u tifla mill-faqar. Dan huwa pass sinifikanti 'l quddiem, iżda l-KESE jħeġġeġ lil kull Stat Membru jippreżenta miri kwalitattivi u kwantitattivi fil-Pjani ta' Azzjoni għall-Garanzija għat-Tfal tiegħu, li jaqbżu l-mira tal-Kummissjoni Ewropea billi jitqies l-impatt tal-COVID-19. Dawn il-pjani ta' azzjoni għandhom ikunu marbuta mad-dokumenti legali u ta' politika eżistenti adottati fil-qafas tal-monitoraġġ tal-UNCRC.

5.2. L-istudju tal-fattibilità dwar il-Garanzija għat-Tfal esplora l-vantaġġi ta' **approċċ fuq żewġ binarji** fejn it-tfal kollha, inklużi dawk l-aktar fil-bżonn, għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ([12]). Fejn ikun meħtieġ, dawk it-tfal li jħabbtu wiċċhom mal-akbar ostakli għall-aċċess għandhom jirċievu appoġġ addizzjonali u mmirat biex jiżguraw li jkollhom aċċess permezz ta' mekkaniżmi awtomatiċi li jipprevjenu kwalunkwe forma ta' stigma. Dan għandu jiġi applikat għall-oqsma kollha ta' servizz enfasizzati fil-Garanzija għat-Tfal permezz ta' approċċ komprensiv u intersezzjonali, sabiex jiġi żgurat li t-tfal kollha jkollhom l-istess opportunitajiet u bidu fil-ħajja, irrispettivament mill-ambjent tal-familja jew l-isfond tagħhom, jew bżonnijiet individwali, u li jkun hemm konformità sħiħa mat-tranżizzjoni lejn servizzi ta' kura ta' kwalità tajba, ibbażati fil-familja u fil-komunità.

5.3. **Fid-dikjarazzjoni konġunta tagħhom tal-2020 dwar il-provvista tal-indukrar tat-tfal fl-UE, l-imsieħba soċjali jenfasizzaw li t-tfal kollha huma intitolati li jkollhom aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) ta' kwalità għolja u inklużiva biex ikollhom bidu tajjeb fil-ħajja, filwaqt li jitqiesu l-objettivi ta' Barċellona u r-reviżjoni li jmiss tagħhom.** Dan ma jfissirx li dan huwa obbligatorju: il-ġenituri għandu jkollhom il-libertà li jsemmgħu leħinhom dwar dak li huma jqisu bħala l-aħjar interess tat-tfal tagħhom qabel l-età ta' edukazzjoni obbligatorja. Madankollu, irid ikun hemm kontinwità bejn il-kura pprovduta mill-familji fl-ewwel xhur/snin tal-ħajja ta' tifel jew tifla u ECEC professjonali li hija mfassla skont il-ħtiġijiet individwali, hekk kif it-tfal jidħlu fis-sistema edukattiva u l-ġenituri jmorru lura għas-suq tax-xogħol jew għat-taħriġ.

5.4. Għat-tfal fi gruppi ta' persuni akbar fl-età (jiġifieri 15-18-il sena), għandha tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-Garanzija għat-Tfal u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ, filwaqt li jiġu rikonoxxuti d-duplikazzjonijiet potenzjali, tiġi żgurata allokazzjoni ċara tal-baġits, u jiġu żviluppati miżuri adatti għall-età u distinti fil-pjani ta' azzjoni nazzjonali biex jiġu appoġġjati t-tfal u l-ġenituri tagħhom ħalli jiġu żgurati tranżizzjonijiet bla xkiel bejn l-edukazzjoni u l-impjieg. Dan jinkludi **informazzjoni mingħajr sterjotipi għat-tfal dwar id-dinja tax-xogħol** biex jippreparahom għar-realtajiet tal-impjieg, u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tat-tfal fi studji tax-xjenza, l-inġinerija u l-matematika (STEM), speċjalment għall-bniet, filwaqt li jħeġġeġ lis-subien jidħlu fil-professjonijiet tal-kura u tat-tagħlim.

---

([11]) ĠU C 10, 11.1.2021, p. 63.

([12]) Feasibility study for a child guarantee, rapport finali (Studju dwar il-fattibbiltà għal garanzija għat-tfal, rapport finali – mhux disponibbli bil-Malti).

5.5. L-inugwaljanza fl-**aċċess għall-kura tas-saħħa** hija moralment u soċjalment inġusta. Din tmur kontra d-dritt fundamentali tal-pazjenti għall-ogħla livell ta' saħħa li jista' jinkiseb, inkluża s-saħħa mentali; barra minn hekk, din ma għandhiex biss prezz uman, hija wkoll għalja mill-perspettiva tas-sostenibbiltà ekonomika tal-infiq pubbliku. Minbarra r-riskji għas-saħħa, **ġie osservat li t-tnaqqis fil-benesseri emozzjonali u mentali tat-tfal** huwa konsegwenza waħda tal-pandemija tal-COVID-19, b'ħafna tfal isofru minn ansjetà minħabba nuqqas ta' informazzjoni u inċertezza dwar is-sitwazzjoni attwali jew qed jesperjenzaw is-solitudni u għandhom ħsibijiet ta' suwiċidju. F'sitwazzjonijiet bħal dawn l-għoti ta' assistenza medika ta' kwalità għolja u appoġġ għas-saħħa mentali huwa essenzjali.

5.6. Bħala medja, 5,4 % tat-tfal tal-età tal-iskola (6-16-il sena) fl-Ewropa jgħixu f'unitajiet domestiċi li ma jistgħux jaffordjaw kompjuter jew konnessjoni tal-Internet. L-indirizzar tal-faqar fost it-tfal u l-familji fl-ambitu tal-Garanzija tat-Tfal ifisser ukoll l-**indirizzar tal-privazzjoni diġitali**. L-indikatur [13] ta' privazzjoni materjali severa tal-UE-SILC għandu jinkludi tal-inqas varjabbli wieħed ta' privazzjoni diġitali. Ewropew minn kull erba' ma jistax idawwal, isaħħan jew ikessaħ id-dar b'mod adegwat – fatt li jikkontribwixxi għal 100 000 mewt kull sena. Skont ir-rapport tan-Network Ewropew tal-Politika Soċjali ppubblikat fil-ħarifa tal-2020, il-faqar enerġetiku jaffettwa mhux biss l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx iżda wkoll proporzjon kbir ta' unitajiet domestiċi bi dħul medju f'għadd sinifikanti ta' Stati Membri. Il-kwalità tal-ħajja u l-għażliet tal-ħajja tat-tfal, kif ukoll il-kundizzjonijiet tas-saħħa tagħhom, huma affettwati mill-aċċess tagħhom għall-enerġija. Għall-ġustizzja soċjali u ambjentali flimkien, il-faqar enerġetiku tat-tfal għandu jiġi indirizzat fi ħdan il-Garanzija għat-Tfal b'rabta mal-azzjonijiet taħt il-prinċipju 20 tal-EPSR.

5.7. Wara l-adozzjoni rapida tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, il-pjani ta' azzjoni nazzjonali għall-Garanzija għat-Tfal għandhom ikunu konformi mal-**approċċ fuq tliet livelli tar-Rakkomandazzjoni 2013/112/UE** [14] **dwar l-investiment fit-tfal** (aċċess għal riżorsi adegwati, aċċess għal servizzi ta' kwalità għall-but ta' kulħadd, u d-dritt tat-tfal li jipparteċipaw), u għandhom jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mat-tfal u l-familji tagħhom u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'tisħiħ tad-djalogu nazzjonali, reġjonali u lokali. L-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi ta' appoġġ, kemm pubbliċi kif ukoll mingħajr skop ta' qligħ, għandhom jiġu inklużi fost il-partijiet ikkonċernati involuti fil-proċess ta' Garanzija għat-Tfal, kif ukoll l-imsieħba soċjali b'rabta mal-oqsma ta' servizz, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u aċċess għal servizzi tal-ogħla kwalità għat-tfal.

5.8. Il-KESE jilqa' l-proposta għal **Koordinaturi Nazzjonali tal-Garanzija għat-Tfal mgħammra b'riżorsi u mandati adatti, li jikkoordinaw u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni**. Sistema effiċjenti se tkun essenzjali biex jiġu stabbiliti **arranġamenti ta' koordinazzjoni intergovernattivi** (fil-livelli nazzjonali u sottonazzjonali) biex jiġi żviluppat, implimentat u mmonitorjat il-benesseri tat-tfal u biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal. Irid jiġi żgurat li l-approċċi integrati fil-livell nazzjonali jissarrfu f'approċċi integrati fil-livell reġjonali u lokali u li arranġamenti effettivi jiżguraw sinerġiji bejniethom. L-indikaturi rilevanti kollha, fejn possibbli, għandhom ikunu diżaggregati fil-livell lokali biex ikun hemm stampa aktar ċara tad-differenzi territorjali u biex l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tiġi ppjanata u mmonitorjata aħjar.

5.9. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-isfidi li kienu jeżistu qabel u l-ħtiġijiet immedjati għal ħafna familji f'sitwazzjonijiet prekarji li x'aktarx ikunu l-aktar milquta mill-konsegwenzi fit-tul tal-pandemija fuq l-ekonomija, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-benesseri. Il-lakuni u n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn is-sistemi ġew amplifikati. Il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali li qed jiddeterjoraw żiedu r-riskju li t-tfal jiġu traskurati. L-għeluq tal-istituzzjonijiet edukattivi wassal għal diffikultajiet serji għal ħafna ġenituri u għal dawk li jieħdu ħsieb it-tfal. L-assenteiżmu żied ir-riskju li t-tfal jitilqu mill-edukazzjoni għal dawk minn gruppi emarġinati u għamilha diffiċli ħafna għat-tfal b'diżabilità, inklużi d-diżabilità fit-tagħlim. Huwa essenzjali li l-**ambjenti tal-iskejjel jipprovdu lit-tfal kollha bl-istess opportunitajiet u appoġġ immirat fejn meħtieġ**.

5.10. Is-servizzi tal-familja jista' jkollhom rwol ewlieni biex jgħinu lill-familji jlaħħqu ma' din is-sitwazzjoni [15]. L-appoġġ għall-familji fir-rwol fundamentali tagħhom jinkludi li jimtlew il-lakuni fl-edukazzjoni, it-taħriġ, l-inklużjoni soċjali, il-ħiliet tal-ġenituri, il-benesseri psikoloġiku, l-aċċess għas-servizzi, l-impjiegi u l-introjtu, filwaqt li tingħata ħarsa wkoll lil hinn mill-politika soċjali. Għalhekk, il-KESE jtenni s-sejħa tiegħu għal "Ftehim ta' Kura għall-Ewropa", **li jiżgura l-provvista ta' servizzi ta' kwalità ogħla għal kulħadd matul iċ-ċiklu tal-ħajja** [16]. Is-saħħa u l-benesseri tat-tfal jiddependu mill-politiki universali tal-familja tas-seklu 21, fejn it-tfal jiġu ttrattati b'mod ugwali irrispettivament mill-arranġamenti tal-familja.

---

(13) Dan l-indikatur qed jiġi sostitwit minn indikatur ta' privazzjoni materjali u soċjali severa (SMSD).

(14) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/112/UE tal-20 ta' Frar 2013 L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ (*ĠU L 59, 2.3.2013, p. 5*).

(15) OECD Looking beyond COVID-19: Strengthening family support services across the OECD (Inħarsu lil hinn mill-COVID-19: It-tisħiħ tas-servizzi ta' appoġġ għall-familja fl-OECD – mhux disponibbli bil-Malti)

(16) ĠU C 220, 9.6.2021, p. 13-25

5.11. Id-djalogu soċjali jaqdi rwol fl-iżvilupp ta' għodod prattiċi biex il-kura tat-tfal issir aktar aċċessibbli u affordabbli billi, pereżempju, jinħolqu fondi konġunti permezz ta' ftehimiet kollettivi biex jiġu appoġġjati proġetti ta' kura tat-tfal li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ġenituri li jaħdmu f'setturi speċifiċi, bħall-kura tat-tfal b'mard u diżabilitajiet u l-kura barra l-ħinijiet tal-ftuħ regolari. Għalhekk, huwa importanti ħafna li titqies id-dikjarazzjoni konġunta tal-imsieħba soċjali, li tgħid li n-**nuqqas ta' indukrar tat-tfal fis-sigħat ta' wara l-iskola u fil-vaganzi fl-Ewropa huwa ostaklu ewlieni għal xogħol full-time bi ħlas għall-ġenituri li għandhom tfal fl-età tal-iskola**. Il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-kura ta' matul il-jum u l-isfera soċjokulturali, bħall-klabbs sportivi, l-iskejjel tal-mużika u l-inizjattivi kulturali, hija essenzjali. L-attività fiżika u l-edukazzjoni kulturali jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iżvilupp fiżiku, soċjali, emozzjonali u kulturali tat-tfal.

Brussell, is-7 ta' Lulju 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta' Azzjoni għas-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża, u spazjali"**

*(COM(2021) 70 final)*

(2021/C 374/11)

Relatur: **Manuel GARCÍA SALGADO**

Korelatur: **Jan PIE**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 26.3.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) |
| Adottata fis-sezzjoni | 17.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 8.7.2021 |
| Sessjoni tal-plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 195/0/7 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jemmen li l-inizjattiva biex jiġu promossi s-sinerġiji bejn l-istrumenti ffinanzjati mill-UE, u li jiġi ffaċilitat ukoll l-arrikkiment reċiproku bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u spazjali, tista' ssaħħaħ l-awtonomija strateġika u s-sovranità teknoloġika Ewropej, ittejjeb is-sigurtà taċ-ċittadini, tkompli tiżviluppa s-suq uniku, u tagħti spinta lill-kompetittività, lit-tkabbir ekonomiku u lill-impjieg. Għalhekk, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni u jappella għal implimentazzjoni rapida, vigoruża u ambizzjuża tal-ħdax-il Azzjoni.

1.2. L-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali ġodda u teknoloġiji emerġenti oħra fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà għandha tkun prijorità ewlenija tal-Pjan ta' Azzjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata din l-adozzjoni, għandu jiġi żgurat li l-inizjattivi ċivili rilevanti jqisu l-ħtiġijiet tad-difiża u s-sigurtà mill-bidu nett. Dan jgħin ukoll biex jiġu ottimizzati l-ambitu u l-effiċjenza tal-istrumenti speċifiċi ta' finanzjament għad-difiża u s-sigurtà.

1.3. Il-KESE huwa tal-fehma li l-Pjan ta' Azzjoni m'għandux jillimita lilu nnifsu għall-identifikazzjoni ta' opportunitajiet eżistenti għas-sinerġiji. Dan għandu wkoll jindika t-triq lejn it-tranżizzjoni minn approċċ ad hoc għal wieħed aktar sistematiku li joħloq sinerġiji sa mill-ħolqien. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi forom ġodda ta' ppjanar integrat fil-programmi rilevanti kollha.

1.4. Fil-fehma tal-KESE, l-approċċ ta' rabta bejn il-ħiliet, it-teknoloġiji u l-ktajjen tal-valur jista' jikseb koerenza akbar u użu aktar strateġiku tal-finanzjament tal-UE. Għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tfassal il-programmi korrispondenti tal-UE kif dovut.

1.5. Il-KESE jemmen li l-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi ppjanat huwa element essenzjali ta' dan l-approċċ. Sabiex jippromovi l-arrikkiment reċiproku bejn is-setturi ċivili, tad-difiża, tas-sigurtà u spazjali, l-Osservatorju għandu b'mod partikolari jiżviluppa tassonomija teknoloġika komuni applikabbli għas-setturi kollha.

1.6. Il-KESE jqis li l-Pjan ta' Azzjoni huwa pilastru tal-Istrateġija Industrijali tal-UE. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li l-pjani direzzjonali tat-teknoloġija jissarfu b'suċċess f'inizjattivi ewlenin industrijali ġenwini. Għalhekk huwa jappella lill-Kummissjoni tiżgura li l-ħidma tal-Osservatorju twassal għal riżultati tanġibbli.

1.7. Fil-fehma tal-KESE, l-involviment sħiħ tal-partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari l-industrija u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, huwa essenzjali sabiex il-Pjan ta' Azzjoni jiġi implimentat b'suċċess. F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi azzjonijiet speċifiċi biex jiġu appoġġjati n-negozji ġodda, l-SMEs u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija biex ixerrdu l-programmi u l-istrumenti tal-UE.

1.8. Daqstant importanti huwa li l-pubbliku jiġi sensibilizzat dwar id-dividendi ekonomiċi u teknoloġiċi tal-finanzjament tal-UE għad-difiża u s-sigurtà għaċ-ċittadini tal-UE. Biex jinkiseb dan, il-Kummissjoni għandha tniedi kampanji ta' informazzjoni konkreti li jinvolvu rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

1.9. Il-KESE jemmen li l-SMEs jaqdu rwol ewlieni fil-proċess ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li jkollhom aċċess għall-miżuri kollha previsti.

1.10. Storikament, l-innovazzjonijiet fid-difiża ġew adottati minn prodotti ċivili. Illum, it-teknoloġiji emerġenti huma xprunati minn investiment enormi mis-setturi kummerċjali, u t-tixrid teknoloġiku qed imur dejjem aktar fid-direzzjoni opposta, minn ċivili għal tad-difiża. F'dan il-kuntest, id-diġitalizzazzjoni hija ta' importanza partikolari. Il-Pjan ta' Azzjoni huwa fundamentali biex titrawwem l-integrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda diġitali u oħrajn emerġenti fl-ekosistema tad-difiża, tas-sigurtà u spazjali.

1.11. Għandha tingħata prijorità lir-reklutaġġ, il-lealtà u l-promozzjoni ta' karrieri speċifiċi tan-nisa fis-setturi tad-difiża u s-sigurtà, kif ukoll jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità u kwalifika għaż-żgħażagħ, sabiex jitrawmu l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'ekosistema li għadha ddominata mill-irġiel.

1.12. Flimkien mad-drittijiet għall-opportunitajiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni, l-impjieg ta' kwalità tajba huwa parti minn kuntratt soċjali ġdid li għandu jiġi stabbilit maċ-ċittadini Ewropej.

1.13. Il-fatturi soċjali jeħtieġ li jiġu inkorporati fl-investimenti. Fi kliem ieħor, ir-redditu fuq l-investiment m'għandux jitqies biss f'termini ekonomiċi, iżda wkoll f'termini ta' aspetti ewlenin bħall-impjieg, u l-ħolqien u l-kwalità tiegħu. Jeħtieġ li l-SMEs ikollhom aċċess għas-settur spazjali, billi jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-fondi ta' reżiljenza, billi jissaħħu s-sinerġiji anke fit-taħriġ u l-kwalifiki tal-ħaddiema tal-SMEs, kif ukoll il-mobilità tagħhom, billi jissaħħu l-ekosistemi tul il-katina tal-valur, ma jiġux idduplikati r-riżorsi u jiġu kondiviżi mal-pajjiżi kollha fiż-żona tal-UE.

1.14. Bl-istess mod, anke fil-każ ta' investimenti ta' valur strateġiku għoli, għandha tiġi inkorporata l-ħtieġa li jitwettqu valutazzjonijiet u monitoraġġ bi standards definiti tar-responsabbiltà soċjali korporattiva.

1.15. Jeħtieġ li dawn il-valuri – flimkien mal-obbligu li jiġu rispettati – jiġu inkorporati fl-investiment fil-livell Ewropew, peress li l-ebda qasam ta' investiment ta' flus pubbliċi m'għandu jiġi eskluż minn dawn id-dispożizzjonijiet.

## 2. **Sfond**

2.1. Flimkien mal-ajrunawtika ċivili, l-ispazju, id-difiża u s-sigurtà jiffurmaw ekosistema ta' teknoloġija avvanzata ta' importanza strateġika għall-Ewropa. Ħafna kumpaniji f'din l-ekosistema jwettqu attivitajiet kemm ta' difiża kif ukoll ċivili u huma parti minn ktajjen tal-provvista transfruntiera kumplessi, li jinkludu diversi kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u SMEs. Din l-ekosistema għandha rekord twil ta' sinerġiji bejn is-setturi tagħha u ma' setturi oħra tal-industrija ċivili ta' teknoloġija avvanzata. It-tfaċċar ta' teknoloġiji ġodda joffri potenzjal kbir għal sinerġiji futuri.

2.2. Storikament, l-innovazzjonijiet fid-difiża ġew adottati minn prodotti ċivili. Illum, it-teknoloġiji emerġenti huma xprunati minn investiment enormi mis-setturi kummerċjali, u t-tixrid teknoloġiku qed imur dejjem aktar fid-direzzjoni opposta, minn ċivili għal tad-difiża. F'dan il-kuntest, id-diġitalizzazzjoni hija ta' importanza partikolari. Il-Pjan ta' Azzjoni huwa fundamentali biex titrawwem l-integrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda diġitali u oħrajn emerġenti fl-ekosistema tad-difiża, tas-sigurtà u spazjali.

2.3. Il-KESE jqis li, sabiex tirkupra mill-kriżi tal-COVID-19 u twassal għas-suċċess tar-rivoluzzjoni teknoloġika kontinwa, l-UE teħtieġ "risettjar" industrijali, abbażi tal-użu ta' teknoloġiji diġitali avvanzati li se jrawmu t-tkabbir ekonomiku u joħolqu mudell ekonomiku aktar reżiljenti.

2.4. L-avvanzi teknoloġiċi huma proċess dinamiku kontinwu; l-iskoperti kruċjali dejjem iseħħu iżda huma diffiċli li jitbassru. Konsegwentement, huwa tal-akbar importanza li tiġi inċentivata l-konverġenza ta' teknoloġiji emerġenti b'użu doppju permezz ta' proġetti Ewropej fuq skala kbira biex tingħata spinta lill-innovazzjoni, lill-kompetittività u lit-tmexxija teknoloġika f'setturi strateġikament importanti.

2.5. F'Ottubru 2020, il-Kunsill Ewropew innota li l-kisba ta' awtonomija strateġika filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa hija objettiv ewlieni tal-Unjoni u talab lill-UE tiżviluppa awtonomija fl-industrija spazjali u bażi industrijali aktar integrata għad-difiża. Dawn l-objettivi huma appoġġjati minn diversi inizjattivi importanti tal-UE, bħall-Fond Ewropew għad-Difiża [1], il-Programm Spazjali [2], Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa, l-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà u l-Istrateġija Industrijali l-ġdida. Il-KESE huwa tal-fehma li l-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Sinerġiji jikkostitwixxi rabta bejn dawn l-istrumenti u l-istrateġiji u jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel l-akbar sforz possibbli fl-implimentazzjoni ambizzjuża u effettiva tal-azzjonijiet proposti.

2.6. Ir-redditu fuq l-investiment m'għandux jitqies biss f'termini ekonomiċi, iżda wkoll f'termini ta' aspetti ewlenin bħall-impjiegi, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kwalità tal-impjiegi. Għalhekk, il-KESE jisħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni u l-ħiliet għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni. Ma jista' jkun hemm l-ebda innovazzjoni u kompetittività mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet għolja, u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda emerġenti se tkun teħtieġ sforzi addizzjonali fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet. Barra minn hekk, l-inizjattivi għat-trawwim ta' sinerġiji teknoloġiċi bejn is-setturi għandhom jiġu akkumpanjati minn miżuri għall-iffaċilitar tal-mobilità transsettorjali tal-impjegati.

2.7. Il-KESE jqis id-diversità bħala motivatur essenzjali għall-innovazzjoni u jistieden ukoll lill-Kummissjoni tuża l-Pjan ta' Azzjoni bħala għodda għat-trawwim tal-inklużjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'ekosistema li għadha ddominata mill-irġiel. Kif turi r-riċerka, id-diversità twassal għal teħid aħjar ta' deċiżjonijiet. Għalhekk, il-preżenza tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet hija vitali u għandha titrawwem permezz ta' politiki ta' reklutaġġ, żamma u avvanz. Barra minn hekk, il-Kumitat jappella għal miżuri biex tiġi miġġielda s-segregazzjoni vertikali u biex tingħata spinta inizjali lit-tfajliet biex isegwu karrieri f'dawn is-setturi, pereżempju billi jiġu attirati lejn is-settur STEM fi stadju bikri fl-aġenda edukattiva.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea jirreferi speċifikament għal "sinerġiji" u jenfasizzahom, li jitqiesu "f'ambjent internazzjonali kumpless, fejn l-UE teħtieġ li żżomm il-vantaġġ teknoloġiku tagħha u tappoġġa l-bażi industrijali tagħha". Fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid, huwa partikolarment importanti li jiġu appoġġjati setturi li jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika u għas-sovranità teknoloġika tal-UE.

3.2. Il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-UE għall-2021-2027 iżid b'mod sinifikanti l-investiment fit-teknoloġiji għas-setturi strateġiċi bħad-difiża, is-sigurtà, il-mobilità, is-saħħa, il-ġestjoni tal-informazzjoni, iċ-ċibersigurtà u l-ispazju. Permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża, il-QFP jinkludi għall-ewwel darba programm tal-UE ddedikat speċifikament għal proġetti kooperattivi ta' difiża. Il-programmi rilevanti tal-QFP ikopru r-riċerka, l-iżvilupp, id-dimostrazzjoni, il-prototipi u l-użu (l-akkwist ta' prodotti u servizzi innovattivi) b'mod komplementari. Għalhekk, hemm potenzjal enormi għal sinerġiji bejn il-programmi tal-UE. L-isfruttar sħiħ ta' dawn is-sinerġiji jżid ferm il-valur miżjud tal-investimenti Ewropej u għalhekk irid ikun prijorità ewlenija għall-Kummissjoni.

3.3. L-infiq pubbliku fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) fl-Ewropa għadu ferm taħt il-livell tal-Istati Uniti u taċ-Ċina. L-isforzi tar-R&I huma deċiżivi għall-kompetittività tal-industrija u għall-awtonomija tal-Ewropa. Għalhekk, is-sinerġiji bejn il-programmi tal-UE jridu jottimizzaw ir-redditu fuq l-investiment, iżda mhux jissostitwixxu l-finanzjament tar-R&I. L-Istati Membri jridu jżidu l-isforzi tagħhom ukoll u ma jużawx l-investiment Ewropew bħala skuża biex inaqqsu l-infiq tagħhom stess fuq setturi strateġiċi. Daqstant importanti hija s-sinkronizzazzjoni bejn il-programmi tal-UE, pereżempju bħala parti mis-Semestru Ewropew, u l-programmi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni, bħala mezz biex jiġi żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi.

---

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149).
(2) Komunikazzjoni dwar il-Politika Spazjali Ewropea (COM(2021) 208, 21.4.2021).

3.4. It-teknoloġiji ġodda diġitali u oħrajn emerġenti huma xprunati minn investiment enormi mis-setturi kummerċjali. Fl-istess ħin, dawn huma wkoll faċilitaturi indispensabbli għall-kapaċitajiet tad-difiża u tas-sigurtà. Għalhekk, l-adozzjoni ta' dawn it-teknoloġiji fid-difiża u fis-sigurtà għandha tkun prijorità tal-Pjan ta' Azzjoni. Dan għandu jiżgura li l-programmi ċivili bħall-Inizjattiva Ewropea tal-Cloud Computing, Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif u l-Inizjattiva għal Proċessur Ewropew iqisu r-rekwiżiti tad-difiża u tas-sigurtà mill-bidu nett.

3.5. Is-sinerġiji teknoloġiċi huma possibbli prinċipalment f'Livelli ta' Tħejjija Teknoloġika (TRLs) aktar baxxi u għall-komponenti u s-sottosistemi. F'oqsma diġitali bħall-intelliġenza artifiċjali, il-computing ta' prestazzjoni għolja u l-blockchain, ħafna mudelli u teoriji sottostanti huma l-istess għal setturi differenti. Il-kondiviżjoni tal-isforzi fir-riċerka f'dawn il-livelli jaċċellera l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet speċifiċi għas-settur u jillibera r-riżorsi għall-użu tagħhom. Approċċ ġdid ta' sħubija għall-governanza bejn l-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi, l-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħra jenħtieġ li jiżgura tranżizzjoni ġusta għall-ekosistemi fit-trasformazzjoni diġitali u "ekoloġika" tagħhom. Ser tingħata prijorità biex jinstabu sinerġiji bejn l-ekosistemi u s-setturi li qed jiffaċċjaw l-aktar sfidi importanti biex jinkisbu l-għanijiet ta' reżiljenza u sostenibbiltà, fit-tliet dimensjonijiet tagħha: ambjentali, soċjali u ta' governanza. Ser tiġi promossa l-inklużjoni tal-SMEs f'raggruppamenti trans-Ewropej, interdixxiplinari u transsettorjali, li jgħaqqdu l-ktajjen ta' valur kritiċi tal-ekosistemi ajruspazjali u tad-difiża, b'mod partikolari mal-mobbiltà, il-vetturi u t-trasport, u s-saħħa; jiġu akkumpanjati biex jiġu indirizzati x-xokkijiet u l-vulnerabbiltajiet jew jiġu diversifikati billi jintrabtu ma' msieħba lokali u transfruntiera ġodda, fi pjani li jaħdmu għall-kompetittività sostenibbli.

3.6. Is-sinerġiji fil-fażi tar-riċerka mhux se jeliminaw id-differenzi bejn l-applikazzjonijiet speċifiċi għas-settur. Minħabba l-ħtiġijiet differenti tal-konsumatur, il-5G għad-difiża mhux se jkun bħall-5G kummerċjali, u cloud ta' kumbattiment se jkun differenti minn cloud kummerċjali, anke jekk il-bricks teknoloġiċi bażiċi jkunu simili. L-industriji tad-difiża, tas-sigurtà u spazjali huma indispensabbli għall-adattament u l-integrazzjoni ta' teknoloġiji emerġenti f'soluzzjonijiet speċifiċi għas-settur.

3.7. Fil-fehma tal-KESE, l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni trid tqis ukoll id-differenzi bejn is-swieq tad-difiża, tas-sigurtà, dawk spazjali u ċivili. Peress li l-mudelli kummerċjali u l-oqfsa regolatorji mhumiex l-istess, irid jinstab bilanċ dwar il-ftuħ tar-riżultati tar-riċerka, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-garanziji għal investimenti ta' riskju għoli, l-assigurazzjoni ta' redditu ekonomiku, eċċ. F'dan ir-rigward, it-teknoloġiji emerġenti se jġibu magħhom ukoll sfidi ġodda, eż. għall-istandardizzazzjoni u l-protezzjoni tad-data.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Il-KESE jemmen li l-Pjan ta' Azzjoni jrid iqis l-inizjattivi rilevanti għas-sigurtà u d-difiża mmaniġġjati mill-Istati Membri. Eżempji jinkludu l-Boxxla Strateġika, ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD), il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u l-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK.

4.2. Il-KESE jqis ukoll importanti li titqies il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO u li tiġi żgurata b'mod partikolari l-interoperabbiltà bejn l-assi tan-NATO u tal-UE, anke għal komunikazzjonijiet kriptati u siguri. Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom ikomplu jaħdmu mill-qrib mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), li l-attivitajiet tagħhom għandhom jippromovu s-sinerġiji u l-arrikkiment reċiproku.

4.3. Il-KESE jilqa' l-importanza li l-Pjan ta' Azzjoni jagħti lil proġetti ewlenin. Filwaqt li jlaqqgħu flimkien kumpaniji ta' kull daqs minn setturi differenti u minn madwar l-UE kollha, dawn l-inizjattivi ewlenin irawmu l-kooperazzjoni transfruntiera u jistgħu jsiru oqfsa effettivi għall-użu konsistenti tal-għodod tal-politika industrijali. Biex l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tkun effettiva fit-tranżizzjoni diġitali u dik klimatika kif ukoll biex jiġi żgurat impatt strutturali u fit-tul fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kompetittività sostenibbli assoċjati maċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew, aħna nirrakkomandaw li l-miżuri proposti jkunu akkumpanjati minn sistema ta' governanza b'diversi partijiet, sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn l-azzjonijiet differenti u biex il-partijiet interessati kollha rilevant jiġu involuti b'mod effettiv.

4.4. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni kemm f'approċċ fit-tul kif ukoll għal terminu qasir: permezz ta' approċċ għal terminu qasir, dan għandu jippromovi l-arrikkiment reċiproku bejn l-inizjattivi eżistenti ffinanzjati mill-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni nnifsu jelenka firxa wiesgħa ta' inizjattivi f'diversi oqsma, mis-sigurtà fl-ispazju għal dik marittima, li jidhru promettenti f'dan ir-rigward.

4.5. Fl-istess ħin, il-KESE huwa tal-fehma li l-Pjan ta' Azzjoni m'għandux jillimita lilu nnifsu għall-identifikazzjoni ta' opportunitajiet eżistenti għas-sinerġiji. Dan għandu wkoll jindika t-triq lejn it-tranżizzjoni minn approċċ ad hoc għal wieħed aktar sistematiku li joħloq sinerġiji sa mill-ħolqien. Il-Pjan ta' Azzjoni fih diversi elementi li jistgħu jikkontribwixxu biex dan iseħħ: is-sorveljanza tat-teknoloġija transsettorjali, l-ippjanar tal-kapaċitajiet, il-koordinazzjoni mill-qrib tal-programmi ta' finanzjament, il-pjani direzzjonali tat-teknoloġija, il-valutazzjoni tal-ktajjen tal-valur, eċċ. Biex ikunu effettivi u jkollhom impatt strutturali fit-tul, nirrakkomandaw li l-azzjonijiet proposti għandhom ikunu akkumpanjati minn strutturi ta' governanza ġodda. Dan jidher neċessarju biex tiġi żgurata l-koerenza bejn l-azzjonijiet differenti u biex il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jiġu involuti b'mod effettiv.

4.6. Il-KESE jqis it-trasparenza bħala daqstant importanti. L-għażla tat-teknoloġiji, tal-pjani direzzjonali u tal-programmi ewlenin li għandhom jiġu appoġġjati għandha tkun komprensibbli u bbażata fuq kriterji oġġettivi. Ir-rapport ta' progress ta' kull sentejn previst għandu jifformula indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex jitkejjel is-suċċess u jinkludi rieżamijiet qabel kull fażi ġdida biex jittejjeb il-proċess u jitwaqqfu l-azzjonijiet jekk ma jkun qed jiġi prodott l-ebda valur. L-aspetti legali u regolatorji għandhom ikunu wkoll parti mill-proċess ta' evalwazzjoni biex jiġi identifikat jekk u fejn il-bażi ġuridika u d-dispożizzjonijiet tal-programmi tal-UE jkollhom jiġu mmodifikati għat-trawwim u l-isfruttar tas-sinerġiji.

4.7. Huwa u jħares lejn kull azzjoni fuq bażi individwali, il-KESE huwa tal-fehma li ġejja:

4.7.1. AZZJONI 1: *Qabel tmiem l-2021, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta biex issaħħaħ l-identifikazzjoni bikrija u li tħares 'il quddiem tal-ħtiġijiet u tas-soluzzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi billi trawwem approċċi xprunati mill-kapaċità fis-setturi tas-sigurtà, fuq il-bażi tal-aħjar prattiki fis-setturi tad-difiża u tal-ispazju.* Mill-perspettiva tal-KESE, din l-azzjoni hija milqugħa ħafna peress li approċċ xprunat mill-kapaċità huwa kruċjali biex tingħeleb il-frammentazzjoni attwali tas-suq Ewropew tas-sigurtà u biex l-utenti finali tas-sigurtà jkunu jinsabu quddiem it-theddid attwali u futur għas-sigurtà. Il-proċess previst għall-ippjanar tal-kapaċitajiet għall-immaniġġjar integrat tal-fruntieri huwa milqugħ tajjeb, iżda l-istabbiliment tiegħu jrid jiġi aċċellerat b'mod konsiderevoli biex ikollu impatt fuq programmi ta' nfiq relatati qabel it-tmiem tal-QFP attwali. Biex wieħed ilaħħaq mad-diversità tal-utenti finali tas-sigurtà u tingħata ċerta stabbiltà lill-proċessi tal-ippjanar, nirrakkomandaw li, fil-livell tal-UE, jiġu determinat missjonijiet tas-sigurtà li jkunu wiesgħa biżżejjed biex jinkludu rekwiżiti tal-kapaċità differenti u dejjem jevolvu. L-approċċ previst għandu jkun strateġiku u fit-tul, iżda wkoll flessibbli biżżejjed biex ikopri l-possibbiltà ta' avvenimenti ta' probabbiltà baxxa iżda ta' impatt kbir (bħal pandemija) u jirreaġixxi għat-tfaċċar f'daqqa ta' theddid mhux mistenni.

4.7.2. AZZJONI 2: *Qabel tmiem l-2021 u bil-ħsieb tal-programmi ta' ħidma tal-2022, il-Kummissjoni se tkompli ttejjeb il-proċess intern tagħha biex tippromwovi sinerġiji bejn l-industrija tal-ispazju, tad-difiża u l-industriji ċivili relatati billi ttejjeb il-koordinazzjoni tal-programmi u l-istrumenti tal-UE u billi tniedi azzjonijiet biex tiffaċilita l-aċċess għal finanzjament.* Il-KESE jqis lil din l-azzjoni bħala waħda mill-elementi ċentrali tal-Pjan ta' Azzjoni. L-UE għandha tisfrutta s-sinerġiji potenzjali b'mod orizzontali bejn il-programmi tar-R&I (eż. il-Fond Ewropew għad-Difiża u Orizzont Ewropa) biex jitrawwem l-arrikkiment reċiproku, iżda wkoll b'mod vertikali bejn programmi tar-R&I u dawk ta' użu (eż. riċerka dwar is-sigurtà u l-Fond għas-Sigurtà Interna) biex titrawwem l-adozzjoni tar-riżultati tar-riċerka mis-suq. Id-differenzi fir-regoli u l-kundizzjonijiet għall-programmi jippreżentaw ir-riskju li jsiru ostakli għas-sinerġiji u se jeħtieġu kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' kwistjonijiet legali u tekniċi bħad-DPI. Se jkun partikolarment importanti li jiġu stabbiliti, fil-Kummissjoni, forom ġodda ta' programmazzjoni u ppjanar integrati biex jiġi żgurat li s-sinerġiji ma jseħħux b'koinċidenza iżda mid-disinn.

4.7.3. AZZJONI 3: *Mit-tieni nofs tal-2021, il-Kummissjoni se tibda tħabbar azzjonijiet immirati għan-negozji ġodda, SMEs u organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija biex tqajjem kuxjenza dwar il-programmi u l-istrumenti tal-UE li joffru opportunitajiet ta' finanzjament, jipprovdu appoġġ tekniku u taħriġ prattiku, jipprovdu servizzi li jaċċelleraw in-negozju, jippreżentaw soluzzjonijiet innovattivi u jiffaċilitaw id-dħul fis-swieq tad-difiża, tas-sigurtà, tal-ispazju jew swieq ċivili rilevanti oħra.* Il-KESE jaqbel li n-negozji ġodda u l-SMEs huma motivaturi kruċjali tal-innovazzjoni u għandhom rwol importanti għas-sinerġiji, peress li dawn spiss joperaw f'setturi differenti u fil-linja diviżorja bejn iċ-ċivil u d-difiża. Fl-istess ħin, dawn normalment ma jkollhomx il-kapaċitajiet li jwettqu proġetti kumplessi u s-saħħa finanzjarja biex joperaw indipendentement fi swieq purament pubbliċi u regolati ħafna bi ħtiġijiet tal-klijenti speċifiċi ħafna. Konsegwentement, dawn jeħtieġu rabtiet b'saħħithom mal-integraturi tas-sistema biex jixprunaw l-innovazzjoni fis-suq. Għalhekk, il-Pjan ta' Azzjoni għandu jappoġġja l-integrazzjoni ta' negozji ġodda u SMEs fil-ktajjen tal-provvista transfruntiera u jrawwem ir-rabta bejn l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u teknoloġija u l-industrija.

4.7.4. AZZJONI 4: *Il-Kummissjoni se tiżviluppa pjanijiet direzzjonali teknoloġiċi biex tagħti spinta lill-innovazzjoni fit-teknoloġiji kritiċi għad-difiża, l-ispazju u s-setturi ċivili relatati kif ukoll tistimula l-kooperazzjoni transfruntiera, bl-użu tal-istrumenti rilevanti kollha tal-UE b'mod sinerġetiku. Dawn il-pjanijiet direzzjonali se jkunu bbażati fuq valutazzjoni li ssir kull sentejn minn Osservatorju għat-Teknoloġiji Kritiċi ġdid fil-Kummissjoni. Il-pjanijiet direzzjonali jistgħu jwasslu biex jiġu varati proġetti ewlenin ġodda.* Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ it-twaqqif ta' osservatorju u l-missjoni tiegħu li jiżviluppa pjani direzzjonali tat-teknoloġija li jgħaqqdu flimkien is-setturi tad-difiża u spazjali u l-industriji ċivili relatati. Jilqa' wkoll l-intenzjoni li jiġu inklużi l-ktajjen tal-valur fil-valutazzjoni, peress li dan iwitti t-triq lejn l-użu koerenti u kkombinat tal-għodod tal-politika industrijali biex jappoġġjaw it-tmexxija teknoloġika f'setturi strateġiċi. Fl-istess ħin, is-suċċess ta' din l-azzjoni jiddependi minn diversi fatturi. L-osservatorju se jkollu

— jiżviluppa rabtiet b'saħħithom ma' proċessi rilevanti ta' ppjanar tal-kapaċitajiet;

— jimmonitorja b'mod attiv it-tendenzi teknoloġiċi madwar id-dinja u jidentifika fl-aktar stadju bikri possibbli l-iskoperti kruċjali u t-tfixkil teknoloġiku;

— jistabbilixxi objettivi, regoli u kriterji għall-valutazzjoni tat-teknoloġiji;

— jiżviluppa tassonomija komuni applikabbli għas-setturi rilevanti kollha sabiex jiġi żgurat li l-ispazju, id-difiża u s-sigurtà jitkellmu l-istess "lingwa teknoloġika".

Fl-aħħar nett, irid jiġi żgurat li l-pjani direzzjonali ġġenerati mill-osservatorju ma jispiċċawx biss biċċa karta, iżda li jiġu tassew implimentati fil-programmi ta' ħidma u fl-inizjattivi ewlenin. Biex jinkiseb dan kollu, il-KESE jirrakkomanda li l-osservatorju jibni wkoll fuq it-tagħlimiet meħuda minn proċessi eżistenti simili, bħat-Task Force Konġunta (EDA-ESA-KE) dwar it-teknoloġiji spazjali kritiċi.

4.7.5. AZZJONI 5: *Qabel tmiem l-2022, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra, se tippreżenta pjan biex tippromwovi l-użu ta' standards ibridi eżistenti ċivili/tad-difiża u l-iżvilupp ta' oħrajn ġodda.* Il-KESE jqis l-istandards bħala għodda b'saħħitha biex jissawru s-swieq. L-użu ta' standards ibridi jagħmel sens meta jkun xieraq, u l-eżempji tal-materjali CBRN (kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari) jew ta' Spazju Ewropew ta' Data ta' Sigurtà huma tabilħaqq promettenti. Madankollu, l-isfida hija l-pass kajman fil-proċess ta' standardizzazzjoni għall-istandards tekniċi, li jidher li qed ikun dejjem aktar diffiċli biex ilaħħaq mal-iżviluppi innovattivi ġodda. Ir-rekwiżiti tal-istandards għandhom ikunu wkoll parti mis-sejħiet ta' Orizzont Ewropa biex jiġi żgurat li l-innovazzjonijiet il-ġodda jkunu tassew utli għall-utenti finali.

4.7.6. AZZJONI 6: *Fl-ewwel nofs tal-2022, il-Kummissjoni se tniedi, f'kooperazzjoni mal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u partijiet ikkonċernati oħra, "inkubatur tal-innovazzjoni" biex tappoġġa teknoloġiji ġodda u ssawwar l-innovazzjoni b'użu doppju. Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll in-networks transfruntieri tal-innovazzjoni fid-difiża li se jittestjaw ir-rilevanza tat-teknoloġiji mis-settur ċivili u se jappoġġaw l-innovazzjoni responsabbli fil-katini ta' valur tad-difiża. Dawn l-azzjonijiet se jindirizzaw ukoll il-frammentazzjoni attwali tax-xenarju tal-innovazzjoni fid-difiża ċivili, l-iskarsezza ta' ħiliet kif ukoll l-għanijiet tal-ugwaljanza u l-inklużjoni.* Il-KESE jqis it-twaqqif ta' inkubatur tal-innovazzjoni b'użu doppju u n-networks tal-innovazzjoni fid-difiża bħala interessanti u ta' min jiġi esplorat. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-obsolexxenza rapida ta' ħafna teknoloġiji kummerċjali, li ħafna drabi hija ostaklu kbir għall-użu tagħhom f'applikazzjonijiet tad-difiża. Inħeġġu wkoll lill-Kummissjoni trawwem b'mod attiv trasferimenti transsettorjali ta' teknoloġiji b'miżuri ta' appoġġ amministrattiv u finanzjarju li jakkumpanjawhom. Peress li din l-azzjoni tiftaħ toroq ġodda, il-KESE jirrakkomanda monitoraġġ attiv u valutazzjoni regolari biex jitkejjel is-suċċess tagħha.

4.7.7. AZZJONI 7: *Minn Ġunju 2021 'il quddiem, il-Kummissjoni se twaqqaf flimkien mal-Istati Membri ċ-Ċentru ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, filwaqt li talloka r-riżorsi meħtieġa mill-programmi u l-istrumenti rilevanti tal-UE. Il-Kummissjoni se tfittex li ssaħħaħ is-sinerġiji, l-ispin-ins u l-ispin-offs bejn il-ħidma taċ-Ċentru, il-Fond Ewropew għad-Difiża u l-programm Spazjali tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża bil-għan li jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet u jinħolqu effiċjenzi.* Il-KESE jemmen li l-attivitajiet koperti fl-Azzjoni 7 huma essenzjali għas-sovranità tal-Ewropa f'oqsma teknoloġiċi ewlenin. Iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża huma għażliet ovvji għal sinerġiji bejn is-sigurtà, id-difiża u l-ispazju u għandhom tabilħaqq jingħataw prijorità għolja. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-settur privat hija partikolarment importanti f'dan ir-rigward.

4.7.8. AZZJONI 8: *B'seħħ mill-ewwel nofs tal-2022, biex tappoġġa t-teknoloġiji fixkiela, il-Kummissjoni se tippreżenta forom innovattivi ta' finanzjament biex tippromwovi l-parteċipazzjoni ta' atturi mhux tradizzjonali, tattira negozji ġodda u tippromwovi l-arrikkiment reċiproku tas-soluzzjonijiet, filwaqt li tibni fuq l-opportunitajiet li joffru l-programmi u l-istrumenti tal-UE inklużi l-Programm Ewropa Diġitali u l-Fond Ewropew għad-Difiża.* Il-KESE jilqa' l-appoġġ ta' teknoloġiji potenzjalment fixkiela bħala l-komplement loġiku għal approċċ aktar tradizzjonali bbażat fuq il-kapaċitajiet u jissuġġerixxi li dan ikun relatat mill-qrib mal-osservatorju teknoloġiku previst. Il-KESE jappoġġja wkoll l-użu tal-Fond Ewropew għad-Difiża u tal-Programm Ewropa Diġitali għal dawn l-attivitajiet u jirrakkomanda l-iżvilupp ulterjuri ta' aġenzija Ewropea sħiħa simili għal DARPA ([3]) fuq perjodu medju.

4.7.9. AZZJONI 9: *Teknoloġiji tad-droni tal-UE.* Id-droni ([4]) jipprovdu bosta illustrazzjonijiet ta' teknoloġiji użati fl-ajrunawtika kummerċjali, u fl-ispazju, fis-sigurtà u fid-difiża. L-arrikkiment reċiproku huwa essenzjali fit-teknoloġija tad-droni, u l-inklużjoni ta' droni ċivili u militari fl-ajruspazju għandha wkoll użu doppju. Għalhekk, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ it-tnedija ta' proġett ewlieni tad-droni bħala għażla ovvja u jirrakkomanda li din tiġi appoġġjata bi pjan direzzjonali teknoloġiku speċifiku li jagħti prijorità lill-elementi kostitwenti teknoloġiċi rilevanti skont ir-rilevanza tagħhom għall-awtonomija strateġika Ewropea u s-sovranità teknoloġika.

4.7.10. AZZJONI 10: *Sistema ta' komunikazzjoni sikura globali tal-UE bbażata fuq l-ispazju.* Il-KESE jqis dan il-proġett ewlieni bħala importanti ħafna, peress li jkopri elementi ewlenin tal-awtonomija u s-sovranità teknoloġika Ewropej. Fl-istess ħin, għadu mhux ċar kif dan il-proġett se joħloq jew jibbenefika minn sinerġiji mas-settur tad-difiża. Il-KESE jemmen li għażla waħda għal sinerġiji addizzjonali tkun li jiġu introdotti tagħbijiet utli addizzjonali f'din il-kostellazzjoni. Dan jista' jinkludi sensuri għas-sorveljanza spazjali, li joħolqu sinerġiji bejn iż-żewġ inizjattivi ewlenin relatati mal-ispazju.

4.7.11. AZZJONI 11: *L-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju.* L-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju huwa kruċjali għas-sigurtà tal-assi u tal-infrastrutturi bbażati fuq l-ispazju li huma dejjem aktar importanti għall-funzjonament tas-soċjetajiet moderni. Għalhekk, il-KESE jappoġġja t-tnedija ta' proġett ewlieni speċifiku għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju. Fl-istess ħin, ninsabu mħassba li din l-inizjattiva hija limitata għal aspetti regolatorji u ta' standardizzazzjoni, li huma importanti iżda mhux biżżejjed. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll il-ħolqien ta' suq għad-data dwar is-sorveljanza spazjali (kif inhu l-objettiv fl-Istati Uniti). Sabiex jiġi żviluppat approċċ kredibbli għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju Ewropew, l-Ewropa għandha wkoll ittejjeb b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet tagħha ta' sorveljanza spazjali (sensuri ġodda, kapaċità ta' analiżi u kalkolu, eċċ.).

Brussell, it-8 ta' Lulju 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

([3]) Id-Defense Advanced Research Projects Agency (DARPA) hija l-aġenzija ta' riċerka u żvilupp tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti responsabbli għall-iżvilupp ta' teknoloġiji emerġenti.
([4]) ĠU C 129, 11.4.2018, p. 51.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva"**

*(COM(2021) 66 final)*

(2021/C 374/12)

Relatur: **Timo VUORI**

Korelatur: **Christophe QUAREZ**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 26.3.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni |
| Adottata fis-sezzjoni | 16.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 8.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 208/2/1 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. **Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' t-tnedija tal-istrateġija l-ġdida tal-politika kummerċjali tal-UE.** Minbarra l-pandemija globali, hemm opportunitajiet u riskji relatati mal-kummerċ dinji u l-ekonomija Ewropea. Dan huwa l-mument xieraq li nikkunsidraw mill-ġdid ir-regoli kummerċjali globali u tal-UE. Biex tfassal l-għodod it-tajba, jeħtieġ li l-UE l-ewwel tanalizza u tikkwantifika t-tibdiliet kummerċjali, billi tagħmel distinzjoni bejn tibdiliet temporanji u dawk relatati mal-COVID-19 u tibdiliet permanenti.

1.2. **Il-KESE jappoġġja l-prinċipju tal-promozzjoni ta' politika kummerċjali "miftuħa, strateġika u assertiva"** bħala mod kif jittejjeb l-aċċess għas-suq u jinkisbu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Fil-prattika, din trid jixpruna t-tkabbir sostenibbli, il-kompetittività, impjiegi deċenti u għażliet aħjar tal-konsumatur fl-Ewropa. L-iżvilupp ekonomiku pożittiv jeħtieġ taħlita soda ta' politiki esterni u interni. Il-politika kummerċjali hija parti waħda biss mis-soluzzjoni ([1]).

1.3. Il-KESE jaqbel li **l-immodernizzar tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) hija l-prijorità ewlenija, minħabba r-rwol ċentrali tagħha fit-twettiq ta' matriċi multilaterali effettiva** għal aġenda kummerċjali moderna li tinkludi kwistjonijiet ambjentali u soċjali. Għalhekk, l-UE għandha tmexxi riformi ambizzjużi tad-WTO u tippromovi aġenda moderna tad-WTO, u li telimina kull tabù (jiġifieri l-aspetti soċjali tal-kummerċ) u tindirizza l-isfidi attwali u futuri b'mod sostenibbli. Biex jagħmel dan, il-KESE jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jidħlu f'kooperazzjoni strateġika ma' msieħba kummerċjali ewlenin dwar kwistjonijiet multilaterali prijoritarji ([2]).

1.4. **Il-KESE jqis li l-UE għandha tippromovi sistemi u standards kummerċjali multilaterali u bilaterali aħjar** relatati mal-isfidi tat-tibdil fil-klima u dak soċjali, l-agrikoltura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, id-diġitalizzazzjoni fil-qasam ekonomiku u dak tat-taxxa, il-ħarsien tal-ambjent, il-bijodiversità, l-ekonomija ċirkolari u s-sigurtà tas-saħħa ([3]).

([1]) ĠU C 364, 28.10.2020, p. 108; ĠU C 47, 11.2.2020, p. 38.
([2]) ĠU C 364, 28.10.2020, p. 53.
([3]) ĠU C 364, 28.10.2020, p. 37.

1.5. **Il-KESE ilu jitlob li s-sostenibbiltà tkun waħda mill-ixprunaturi tal-politika kummerċjali, minħabba r-rwol ewlieni li jista' jkollu l-kummerċ biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU**. Għalhekk jilqa' l-enfasi li tagħmel il-politika kummerċjali tal-UE fuq is-sostenibbiltà u l-fatt li l-Ftehim ta' Pariġi sar element essenzjali ta' ftehimiet futuri dwar il-kummerċ u l-investiment. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu li dan il-karattru essenzjali jiġi estiż għall-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) ([4]).

1.6. **Il-KESE jitlob tisħiħ ambizzjuż tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u l-infurzar effettiv tagħhom fil-ftehimiet bilaterali dwar il-kummerċ u l-investiment tal-UE.** Ir-rieżami li jmiss tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli ([5]) huwa parti integrali mill-istrateġija kummerċjali tal-UE.

1.7. **Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ it-tisħiħ tas-sostenibbiltà fil-ktajjen tal-valur globali** ([6]). Il-politika kummerċjali tal-UE trid tappoġġja l-ħidma internazzjonali dwar il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi fil-ktajjen tal-provvista globali billi jiġu żviluppati strumenti kontra l-korruzzjoni u l-ksur tad-drittijiet ambjentali, tax-xogħol, dawk soċjali u tal-bniedem. Il-KESE jqis li l-UE trid tiżviluppa leġiżlazzjoni ambizzjuża tal-UE, pereżempju, dwar id-diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-provvista u dwar is-sostenibbiltà fl-akkwist pubbliku.

1.8. **Il-KESE jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' referenza għar-rwol kruċjali tas-soċjetà ċivili fil-kummerċ, u jenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta lill-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, mill-fażi tal-abbozzar tal-għodod u l-ftehimiet kummerċjali sa dik tal-monitoraġġ tagħhom.** Huwa jappella għar-riintegrazzjoni tal-grupp ta' esperti dwar il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles li pprovda kontribut profond u regolari, bla paragun u tant meħtieġ dwar kwistjonijiet kummerċjali speċifiċi. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jissaħħu l-gruppi konsultattivi domestiċi, li huma pilastri essenzjali ta' monitoraġġ istituzzjonali tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles moderni.

1.9. **Il-KESE jinnota li l-UE trid tifhem aħjar l-importanza tal-ktajjen tal-valur globali u l-impatt tagħhom fuq il-kumpaniji u n-nies.** Id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista tista' tkun għodda ta' reżiljenza aktar effettiva mir-restrizzjoni tagħhom. It-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ biex tiġi evitata l-konċentrazzjoni ta' sorsi ta' provvista fil-livell tal-kumpaniji u fl-akkwist pubbliku jgħin ukoll.

1.10. **Il-KESE jappoġġja t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur, b'mod partikolari permezz tas-sostenibbiltà tagħhom.** L-ekonomija tal-UE tiddependi mill-ktajjen tal-provvista globali u "l-awtonomija tal-UE" trid tirrifletti din ir-realtà. Il-kriżi tal-COVID-19 uriet il-ħtieġa li tissaħħaħ l-awtonomija tal-UE f'oqsma kritiċi u strateġiċi u huwa importanti li l-UE l-ewwel tevalwa l-vulnerabbiltajiet tagħha. Il-KESE jappoġġja l-ħidma tal-UE dwar diliġenza dovuta obbligatorja fil-ktajjen tal-provvista, bħala mezz biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom, u b'hekk il-kumpaniji jiġu megħjuna jidentifikaw ir-riskji marbuta mal-istandards soċjali u ambjentali. F'dan il-kuntest, il-KESE jappoġġja l-ħidma biex jiġi stabbilit trattat ġdid tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem u konvenzjoni tal-ILO dwar ix-xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista globali ([7]).

1.11. **Il-KESE jenfasizza l-importanza li jittieħed vantaġġ minn firxa wiesgħa ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE li jirriflettu l-valuri tal-UE u l-istandards internazzjonali.** Meta d-WTO ma tkunx tista' taġixxi jew tissodisfa bis-sħiħ l-interessi tal-UE, l-UE għandha sserraħ fuq dawn il-ftehimiet ma' ekonomiji ewlenin u emerġenti fil-kummerċ internazzjonali. Minkejja li għandu network wiesa', aktar minn 60 % tal-kummerċ estern tal-UE għadu jseħħ barra mill-ftehimiet preferenzjali, abbażi tar-regoli ġenerali tad-WTO.

1.12. **Il-KESE jistieden lill-UE tiżgura ftehimiet ta' kummerċ ħieles ambizzjużi tal-UE mal-imsieħba kummerċjali b'mod partikolari fl-Asja u l-Amerka.** Fil-bini ta' sħubijiet strateġiċi mal-pajjiżi ġirien u tat-tkabbir tal-UE, inklużi l-pajjiżi Mediterranji u Afrikani, il-KESE jenfasizza l-importanza strateġika li jiġu approfonditi s-sħubijiet, b'mod partikolari mal-Istati Uniti tal-Amerka. Barra minn hekk, l-UE trid tkompli ttejjeb ir-relazzjonijiet kummerċjali u tikseb kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni mal-Asja u l-Amerka Latina.

1.13. **Il-KESE jinnota li l-UE trid tiżgura proċess aktar faċli bejn in-negozjar u r-ratifika tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment tal-UE għall-fini tar-reputazzjoni tal-UE bħala msieħeb kummerċjali.** Sa mill-bidu tal-mandat u matul in-negozjati ([8]), il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mal-Parlament Ewropew u s-soċjetà ċivili, b'mod partikolari permezz tal-KESE, biex tqis u tindirizza t-tħassib u, b'hekk, tiżgura proċessi ta' ratifika aktar faċli.

([4]) ĠU C 129, 11.4.2018, p. 27.
([5]) F'Settembru 2021 għandha tiġi adottata Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar dan (REX/535).
([6]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 197.
([7]) ĠU C 97, 24.3.2020, p. 9.
([8]) Fil-bidu tal-2022 għandha tiġi adottata Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar dan (REX/536).

1.14. **Il-KESE jilqa' l-azzjonijiet konkreti għall-implimentazzjoni, l-avvanz u l-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles eżistenti tal-UE.** Dawn huma għodda siewja għall-UE biex jiġi appoġġjat il-fluss tal-oġġetti u s-servizzi fil-ktajjen tal-provvista globali u biex tiġi ggarantita reżiljenza aħjar għall-UE. L-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ għandu jagħti spinta lill-konsistenza tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet tal-UE u tad-WTO, inklużi l-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

1.15. **Il-KESE jilqa' l-fatt li l-UE tkun assertiva hija u tiddefendi b'mod unilaterali l-valuri u l-impenji kummerċjali proprji, meta l-għażliet l-oħra jonqsu milli jagħmlu dan.** L-UE għandha tqis ukoll il-konsegwenzi politiċi u ekonomiċi kollha possibbli ta' tali deċiżjonijiet.

1.16. **Il-KESE jappoġġja l-użu kontinwu tal-UE tal-għajnuna għall-kummerċ biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jimplimentaw ftehimiet kummerċjali u jappoġġjaw il-konformità mar-regoli u l-istandards, b'mod partikolari dawk relatati mal-iżvilupp sostenibbli.**

1.17. **Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-settur agrikolu Ewropew.** Il-prodotti agrikoli Ewropej għandu jkollhom aċċess aħjar għas-suq ta' pajjiżi terzi u l-prodotti importati b'mod reċiproku minn pajjiżi terzi jridu jilħqu l-istandards Ewropej dwar is-sostenibbiltà u s-sikurezza tal-ikel. L-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE jridu jirrispettaw id-dispożizzjonijiet sanitarji u fitosanitarji (SPS) tal-UE u jirrispettaw il-prinċipju ta' prekawzjoni ([9]).

1.18. **Il-KESE jilqa' l-enfasi speċjali li titpoġġa fuq l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-politika kummerċjali l-ġdida, fil-livelli kollha** ([10]). Huwa jtenni l-appell tiegħu biex isiru sforzi akbar sabiex jiġi kkomunikat l-impatt tal-kummerċ internazzjonali fuq in-negozji u n-nies.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Il-KESE jilqa' t-talba tal-Kummissjoni għal skambju ta' fehmiet u ideat dwar kif tista' tiġi żgurata politika kummerċjali ġdida tal-UE għan-negozji u n-nies. Huwa jaqbel b'mod partikolari mal-urġenza ta' dan ir-rieżami minħabba r-rwol konkret li l-kummerċ jista' jkollu fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19. Il-kummerċ huwa prijorità għall-KESE u huwa għalhekk li kkontribwixxa b'mod estensiv għall-konsultazzjoni pubblika wiesgħa ([11]).

2.2. Il-kummerċ internazzjonali huwa vitali għall-ekonomija Ewropea u għall-poplu tagħha. Dan jappoġġja aktar minn 35 miljun impjieg fl-UE, li 45 % minnhom jiddependu minn investimenti barranin u l-SMEs jirrappreżentaw aktar minn 85 % tal-esportaturi kollha tal-UE. Il-kummerċ internazzjonali jikkostitwixxi 43 % tal-prodott domestiku gross tal-UE. Is-suq uniku tal-UE b'450 miljun konsumatur u PDG per capita ta' EUR 25 000 jagħmlu lill-UE l-akbar suq tal-konsumatur u wieħed attraenti fil-livell globali. L-UE hija l-mexxejja globali fil-kummerċ agroalimentari u msieħba kummerċjali ewlenija għal aktar minn 80 pajjiż. Kollox ma' kollox, dan jagħmel lill-UE l-akbar kummerċjant internazzjonali. L-ekonomija tal-UE hija integrata fil-fond mal-bqija tad-dinja.

*L-importanza ta' kummerċ internazzjonali miftuħ u inklużiv għall-ekonomija u ċ-ċittadini Ewropej*

2.3. Il-KESE jappoġġja l-fatt li l-UE tkompli bil-missjoni primarja tal-politika kummerċjali tagħha: li tiftaħ is-swieq għall-oġġetti, is-servizzi, l-investiment u l-akkwist pubbliku Ewropej, tnaqqas u telimina l-ostakli kummerċjali mhux ġustifikati f'pajjiżi terzi, u tikseb kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni billi tadotta sistemi kummerċjali internazzjonali u bilaterali. Barra minn hekk, il-KESE jqis li huwa essenzjali li l-politika kummerċjali tippromovi l-valuri tal-UE u l-istandards internazzjonali, tagħti spinta lill-iżvilupp sostenibbli, tiġġieled it-tibdil fil-klima, u ssaħħaħ is-sigurtà.

2.4. Il-KESE huwa sodisfatt li l-istrateġija kummerċjali twieġeb għat-tħassib ta' xi partijiet interessati li tqajjem waqt il-konsultazzjoni pubblika. Madankollu, ma tinkludix riflessjonijiet dwar kif jista' jittejjeb l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-politika kummerċjali ([12]). Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni kontinwa mas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali u tal-UE, lil hinn mir-rieżami tad-Djalogu stabbilit mas-Soċjetà Ċivili, biex jiġi żgurat li l-politika kummerċjali żżid il-valur fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

---

([9]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 66,
([10]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 210.
([11]) EESC Follow-up Committee on International Trade contribution to Trade policy review (Il-kontribut tal-Kumitat ta' Segwitu tal-KESE dwar il-Kummerċ Internazzjonali għar-rieżami tal-politika kummerċjali), Settembru 2020 (mhux disponibbli bil-Malti).
([12]) Fil-bidu tal-2022 għandha tiġi adottata Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar dan (REX/536).

2.5. Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat il-vulnerabbiltajiet fis-sistema kummerċjali globali u tal-ħaddiema fil-ktajjen tal-provvista ([13]) meta ffaċċjati minn kriżi tas-saħħa. It-telf tal-kontroll tal-ktajjen tal-valur u d-dipendenza industrijali tal-UE li ħarġet fid-dieher qajmu mistoqsijiet dwar ir-rabtiet bejn is-saħħa u l-kummerċ.

## 3. **Kummenti speċjali**

*L-użu ta' "awtonomija strateġika miftuħa" b'mod għaqli*

3.1. Il-KESE jappoġġja l-idea tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE. L-UE jrid ikollha approċċ strateġiku biex iżżomm il-ftuħ u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni permezz ta' politiki moderni tal-UE dwar il-kummerċ u l-investiment. Għandha tippromovi kummerċ miftuħ u ġust ibbażat fuq ir-regoli u tipproteġi n-negozji, il-ħaddiema u l-konsumaturi minn kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta.

3.2. It-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sostenibbiltà hija għażla strateġika għall-UE. Il-bilanċ it-tajjeb irid jinstab bejn il-ftuħ u l-awtonomija tal-ekonomija Ewropea. Ir-reżiljenza se tinkiseb biss permezz tas-sostenibbiltà.

*Fehim aħjar tat-titjib tar-reżiljenza u s-sostenibbiltà għall-ktajjen tal-valur*

3.3. Il-politika kummerċjali tal-UE jista' jkollha rwol kruċjali fl-irkupru ta' wara l-COVID-19, minħabba l-integrazzjoni profonda tal-ekonomija tagħna fil-ktajjen tal-valur globali.

3.4. L-UE trid tevalwa bir-reqqa d-dipendenza tagħha mid-dinja u l-ktajjen tal-provvista globali. L-importazzjonijiet jistgħu joffru reżiljenza billi jiddiversifikaw is-sorsi tal-provvista ([14]).

3.5. Hemm bżonn li jittejbu l-koordinazzjoni u r-reżiljenza fil-livell multilaterali, b'mod partikolari fin-Nazzjonijiet Uniti, inklużi l-ILO, id-WTO u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Pereżempju, l-UE trid tagħmel użu aħjar mill-istrumenti internazzjonali bħad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali ([15]) jew l-indikaturi l-ġodda tal-kwalitajiet tal-investimenti diretti barranin tal-OECD dwar l-impatti tal-iżvilupp sostenibbli ([16]). L-UE trid tappoġġja l-espansjoni tal-Ftehim Farmaċewtiku tad-WTO billi tinkludi aktar prodotti u pajjiżi. Barra minn hekk, għandha titkompla l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fit-teknoloġija u l-prodotti tal-kura tas-saħħa.

3.6. L-UE se tibqa' tiddependi mill-importazzjonijiet ta' diversi oġġetti u servizzi, minn materja prima sa teknoloġija avvanzata. Huwa kruċjali li jiġi żgurat li s-suq tal-UE jibqa' miftuħ. Fl-ekonomija diġitali, l-UE trid tappoġġja "sovranità teknoloġika intelliġenti" li fiha l-kummerċ diġitali jippermetti fluss bla xkiel ta' innovazzjonijiet u oġġetti u servizzi ta' teknoloġija avvanzata filwaqt li jiġu protetti l-valuri u l-istandards Ewropej fir-rigward tal-privatezza tad-data u ċ-ċibersigurtà.

3.7. L-UE tista' tappoġġja r-rilokalizzazzjoni tal-produzzjoni fl-Ewropa billi toħloq ambjent kummerċjali aħjar għall-investimenti, l-innovazzjoni u l-produzzjoni. Id-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista tista' tkun pass importanti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza. Għalhekk, l-UE trid tappoġġja lill-kumpaniji fid-deċiżjonijiet kummerċjali tagħhom billi tipprovdi kundizzjonijiet kummerċjali sodi u ġusti permezz ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles bilaterali tal-UE u s-suq uniku tal-UE.

---

([13]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 197.

([14]) Dokument Okkażjonali 06/2020 taċ-Ċentru Ewropew għall-Ekonomija Politika Internazzjonali (ECIPE) Globalization Comes to the Rescue: How Dependency Makes Us More Resilient (Il-globalizzazzjoni ssalva; kif id-dipendenza tagħmilna aktar reżiljenti) (mhux disponibbli bil-Malti); Rapport ta' Kommers Kollegium dwar Improving Economic Resilience Through Trade (Intejbu r-reżiljenza ekonomika permezz tal-kummerċ), 2020 (mhux disponibbli bil-Malti).

([15]) Tripartite Declaration of Principles concerning Multinational Enterprises and Social Policy (MNE Declaration) (2017) (Dikjarazzjoni Tripartitika dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali) (mhux disponibbli bil-Malti).

([16]) https://www.oecd.org/investment/fdi-qualities-indicators.htm

*Il-ħtieġa ta' riforma tad-WTO u regoli globali għal globalizzazzjoni aktar sostenibbli u aktar ġusta*

3.8. Il-KESE jappoġġja r-rwol attiv tal-UE fit-tfassil tar-regoli globali ([17]). L-2021 tista' tkun punt ta' bidla għall-governanza kummerċjali u għaldaqstant il-KESE jappoġġja l-impenji tal-UE għas-sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli b'WTO riformata ([18]). L-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jużaw l-influwenza tagħhom u jinvolvu ruħhom b'mod proattiv, billi jiffurmaw alleanzi strateġiċi ma' msieħba tal-istess fehma, biex jiżguraw li r-rispett għall-istandards internazzjonali tax-xogħol, kif stabbiliti u mmonitorjati mill-ILO, jagħmel parti mid-dibattitu dwar ir-riforma tad-WTO. Bħala eżempju pożittiv u opportunità biex tissaħħaħ din ir-rikonsiderazzjoni ambizzjuża, il-KESE jilqa' l-proposta biex tiġi indirizzata l-problema globali tax-xogħol furzat fuq il-bastimenti tas-sajd li tressqet dan l-aħħar mill-Istati Uniti fin-negozjati li għaddejjin bħalissa tad-WTO dwar is-sussidji tas-sajd ([19]).

*Modi għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika bi ktajjen tal-valur responsabbli u sostenibbli*

3.9. Il-politika kummerċjali tal-UE għandha tkun konformi mal-politika tal-UE dwar il-Patt Ekoloġiku, inklużi rekwiżiti ġodda dwar it-tranżizzjoni diġitali, dik ekoloġika u dik ġusta. Għalhekk, huwa importanti li jsiru tħejjijiet għal strumenti ġodda, bħall-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera, li jridu jkunu kompatibbli mar-regoli tad-WTO, effettivi fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u utli għall-kompetittività tal-industrija tal-UE ([20]). Il-KESE jappoġġja t-tnedija ta' djalogu ma' pajjiżi mhux tal-UE u ma' msieħba kummerċjali ewlenin bħall-Istati Uniti u ċ-Ċina ([21]).

3.10. Il-ktajjen tal-provvista globali huma elementi essenzjali tal-kummerċ internazzjonali u l-ekonomija. Huma kumplessi, diversi u frammentati bl-opportunitajiet u r-riskji kollha assoċjati. Il-KESE jistieden lill-UE tiġbor aktar data dwar l-impatti pożittivi u negattivi tal-ktajjen tal-provvista globali għall-UE ([22]).

*It-teħid ta' vantaġġ mill-impatt regolatorju tal-UE*

3.11. L-UE hija l-akbar attur dinji fil-qasam tal-kummerċ tas-servizzi. Il-politika kummerċjali tal-UE tista' tappoġġja ambjent kummerċjali globali bħal dan li fih il-fornituri ta' servizzi tal-UE jistgħu jikbru, jinnovaw u jikkompetu. Il-kummerċ diġitali huwa importanti fil-livell globali, b'mod partikolari minħabba bidliet ikkawżati mill-COVID-19. L-UE għandha tfittex ftehim rapidu u ambizzjuż tad-WTO dwar il-kummerċ diġitali.

3.12. Il-politika kummerċjali tal-UE għandha tikkomplementa l-azzjonijiet meħuda f'organizzazzjonijiet regolatorji internazzjonali oħra, bħall-ħidma tal-OECD dwar sistemi ekonomiċi u tat-taxxa. Għandha tappoġġja l-istabbiliment ta' sistemi ta' kooperazzjoni effettivi bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji fil-pajjiżi msieħba.

3.13. L-istrateġija tal-UE għandha tottimizza l-kapaċità tal-UE biex tattiva l-istrumenti unilaterali, bilaterali u multilaterali kollha tagħha: in-natura vinkolanti tal-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment, l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ, l-iffiltrar tal-investiment barrani, il-ġlieda kontra l-ostakli kummerċjali, ir-riferiment lill-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO jew il-mekkaniżmi għall-konsultazzjoni u s-soluzzjoni tat-tilwim fi ftehimiet kummerċjali bilaterali.

3.14. L-UE għandha bżonn strumenti effettivi għad-difiża tal-kummerċ: perjodi iqsar għall-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, piż investigattiv eħfef għall-industriji tal-UE u strumenti aktar b'saħħithom għas-sussidji barranin. L-UE tista' tikkunsidra għodda ad hoc, lil hinn mir-Regolament dwar l-Infurzar, li tippermetti l-aġġustament tal-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq, fejn ma jkun hemm l-ebda obbligu reċiproku, jekk il-prattiki jagħmlu ħsara sinifikanti lill-interessi kummerċjali tal-UE.

3.15. Il-pajjiżi msieħba ġodda tal-ftehim ta' kummerċ ħieles tal-UE għandhom juru li huma jikkonformaw bis-sħiħ mal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO bħala prekundizzjoni għall-konklużjoni ta' ftehim kummerċjali. Dawn il-konvenzjonijiet iridu jkunu element essenzjali ta' kwalunkwe ftehim ta' kummerċ ħieles. Jekk pajjiż imsieħeb ma jkunx irratifika jew ma jkunx implimenta b'mod adatt dawn il-konvenzjonijiet, jew ma jkunx wera livell ekwivalenti ta'

([17]) ĠU C 364, 28.10.2020, p. 53.
([18]) ĠU C 159, 10.5.2019, p. 15.
([19]) The Use of Forced Labor on Fishing Vessels, Submission of the United States to the WTO, (Ix-xogħol furzat fuq il-bastimenti tas-sajd. Il-proposta tal-Istati Uniti lid-WTO) (mhux disponibbli bil-Malti), 26 ta' Mejju 2021, https://ustr.gov/sites/default/files/IssueAreas/Trade%20Organizations/WTO/US.Proposal.Forced.Labor.26May2021.final%5B2%5D.pdf
([20]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 122; Opinjoni li jmiss NAT/834 dwar il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri.
([21]) ĠU C 364, 28.10.2020, p. 37.
([22]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 197.

protezzjoni, il-KESE jitlob li jitwaqqa pjan direzzjonali vinkolanti u infurzabbli għar-ratifika bl-assistenza teknika tal-ILO. Il-pjan direzzjonali għandu jkun parti mill-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli biex jiġi żgurat li dawn l-obbligi jiġu ssodisfati fil-ħin.

3.16. Barra minn hekk, kull ftehim ta’ kummerċ ħieles tal-UE jrid ikun ibbażat fuq politika ta’ evalwazzjoni tal-UE aktar effettiva, li ttejjeb il-valutazzjonijiet tal-impatti ekonomiċi u tas-sostenibbiltà u l-evalwazzjoni ex post tal-ftehim wara ħames snin ([23]). Din il-politika trid tipprevedi miżuri kompensatorji biex jittaffew l-effetti negattivi potenzjali. Fl-aħħar nett, l-UE trid issaħħaħ u tuża aħjar l-istrumenti tagħha biex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet għal kompetizzjoni ġusta ma’ pajjiżi mhux tal-UE.

3.17. L-akkwist pubbliku tal-UE għandu jkun miftuħ biss għal kumpaniji minn pajjiżi li jikkonformaw mal-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO u l-Ftehim ta’ Pariġi dwar il-Klima. L-UE fetħet l-akkwist pubbliku tagħha għal pajjiżi mhux tal-UE, u ħafna minnhom għadhom ma rreċiprokawx. Dan jagħmel ħsara lill-kumpaniji Ewropej. Huwa essenzjali li jiġi ffinalizzat ir-regolament dwar strument ta’ akkwist pubbliku internazzjonali biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE. Il-ftehimiet ta’ kummerċ ħieles tal-UE għandhom jippromovu l-aħjar prattiki dwar kif għandhom jiġu inklużi kriterji ambjentali u soċjali fl-akkwist pubbliku ([24]).

3.18. L-UE trid tkompli tuża l-għajnuna għall-kummerċ tagħha biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jimplimentaw ftehimiet kummerċjali u jappoġġjaw il-konformità mar-regoli u l-istandards, b’mod partikolari dawk relatati mal-iżvilupp sostenibbli. Għandha tibni relazzjoni ekonomika ġusta u għanja bejn l-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jitnaqqas il-faqar u jinħolqu impjiegi deċenti. Jeħtieġ li tibni rabta aktar b’saħħitha bejn l-aċċess preferenzjali u l-konformità mal-istandards internazzjonali, bħad-drittijiet tax-xogħol u tal-bniedem.

Brussell, it-8 ta’ Lulju 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

---

([23]) ĠU C 47, 11.2.2020, p. 38.
([24]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 197.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar — Aġenda Ġdida għall-Mediterran)"**

*(JOIN/2021/2 final)*

(2021/C 374/13)

Relatur: **Helena DE FELIPE LEHTONEN**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | 26.3.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 23.3.2021 |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni |
| Adottata fis-sezzjoni | 16.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 7.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 215/1/5 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jfaħħar l-impenn imġedded tal-Komunikazzjoni lejn l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza, id-demokrazija u l-governanza tajba bħala pedament għall-iżvilupp ta' soċjetajiet ekwi, inklużivi u għaldaqstant prosperi, kif ukoll l-enfasi partikolari tagħha fuq iż-żgħażagħ, in-nisa u l-gruppi żvantaġġati. Fl-istess ħin, jilqa' l-għanijiet soċjali l-ġodda tas-Summit ta' Porto, li għandu jkollhom impatt fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta.

1.2. Il-KESE bi pjaċir jinnota l-impenn tal-UE li tippromovi kultura tal-istat tad-dritt billi tinvolvi mill-qrib lis-soċjetà ċivili u lill-komunità tan-negozju. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali jibqgħu msieħba ewlenin fit-tfassil u l-monitoraġġ tal-kooperazzjoni tal-UE. Il-Grupp tal-KESE dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt (FRRL) huwa eżempju tajjeb ta' kif l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qed isiru aktar b'saħħithom fil-pajjiżi tal-UE.

1.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti biex is-settur privat jiġi involut aktar mill-qrib fl-iżvilupp tar-reġjun biex jissupplimenta l-investiment pubbliku meħtieġ, u biex jissaħħaħ id-djalogu bejn il-pubbliku u l-privat bil-għan li tiġi żgurata s-sostenibbiltà soċjali u ekonomika, li se twassal għall-ħolqien ta' impjiegi deċenti. Dan l-approċċ għandu jiġi promoss kemm fil-livell reġjonali tal-Euromed kif ukoll fil-livelli nazzjonali u lokali.

1.4. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-appoġġ deċiżiv għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni f'forums multilaterali, u fosthom in-NU fiċ-ċentru tagħhom, b'mod partikolari dwar il-paċi u s-sigurtà, sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet komuni u jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li jxekklu l-istabbiltà u l-progress, minkejja l-fatt li wara 25 sena tal-Proċess ta' Barċellona, l-istess problemi jkomplu jxekklu r-reġjun f'dak li għandu x'jaqsam mal-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp ekonomiku. Il-Kumitat jappella għal azzjoni bbażata fuq sinerġiji bejn l-istrumenti pprovduti mill-Karta tan-NU u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, u jemmen li hija meħtieġa żieda sinifikanti fl-isforzi tal-UE fir-reġjun.

1.5. Il-KESE jemmen li huwa importanti li tittejjeb il-kooperazzjoni reġjonali, sottoreġjonali u interreġjonali, l-aktar permezz tal-Unjoni għall-Mediterran, il-Lega tal-Istati Għarab, l-Unjoni Afrikana, id-Djalogu fil-Mediterran tal-Punent (Djalogu 5 + 5) jew atturi u organizzazzjonijiet reġjonali oħrajn li jippromovu governanza prammatika f'diversi livelli permezz ta' inizjattivi bbażati fuq ġeometrija u trijangolazzjoni varjabbli, li jgħinu wkoll fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni mal-kontinent Afrikan kollu u r-reġjuni tal-Golf u tal-Baħar l-Aħmar.

1.6. Il-KESE jisħaq li l-enfasi għandha tkun fuq l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni fil-pajjiżi msieħba rispettivi. In-nies għandhom offruti ħajja, impjieg u prospetti deċenti f'pajjiżhom stess, f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), sabiex in-nies ma jemigrawx minħabba n-nuqqas ta' opportunitajiet fil-ħajja. Eżempji ta' dan huma aċċess aħjar għall-edukazzjoni jew miżuri biex jinħolqu impjiegi ta' kwalità.

1.7. Il-KESE jistieden lill-UE tiżgura li t-tranżizzjoni ekoloġika ma tiġix ikkunsidrata bħala mudell impost minn barra. Huwa rrakkomandat li jsir investiment f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni, kif ukoll li s-soċjetà ċivili tiġi involuta f'dan l-isforz.

1.8. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-enfasi li l-Komunikazzjoni tpoġġi fuq ir-rwol essenzjali tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili — kemm formali kif ukoll informali — bħala atturi ewlenin fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi u bħala għassiesa tar-rispett għad-drittijiet taċ-ċittadini u tal-istat tad-dritt. It-trade unions u l-organizzazzjonijiet tan-negozju għandhom rwol importanti f'dan il-kuntest fil-qafas tad-djalogu soċjali. Għalhekk, il-Kumitat iqis li huwa kruċjali li l-UE tappoġġja u tippromovi l-azzjoni tal-istituzzjonijiet u n-networks differenti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fis-sens wiesa' tat-terminu fil-livell Ewro-Mediterranju sabiex ikunu jistgħu jwettqu xogħolhom fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli.

1.9. Il-KESE jqis li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhijiex biss dritt tal-bniedem rikonoxxut b'mod universali iżda hija wkoll kruċjali għall-benesseri, it-tkabbir ekonomiku, il-prosperità, il-governanza tajba, il-paċi u s-sigurtà; għandna nżidu l-isforzi tagħna, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-programmi kollha ta' kooperazzjoni u l-azzjonijiet immirati, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Fid-9 ta' Frar 2021, sabiex iniedi mill-ġdid u jsaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-imsieħba tagħha fil-Viċinat tan-Nofsinhar, ir-Rappreżentant Għoli tal-Kummissjoni Ewropea adotta dikjarazzjoni ġdida ta' politika: il-Komunikazzjoni dwar Sħubija Mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar — Aġenda Ġdida għall-Mediterran.

2.2. Pjan ta' Investiment Ekonomiku dedikat għall-Viċinat tan-Nofsinhar għandu l-għan li jiżgura li l-kwalità tal-ħajja tan-nies fir-reġjun titjieb u li l-irkupru ekonomiku, li jkopri wkoll l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa, it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Faċilità COVAX, u t-tisħiħ tal-infrastruttura pubblika sostenibbli, jara li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt huma parti integrali mill-Komunikazzjoni u huma essenzjali biex tiġi żgurata l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet.

2.3. Skont l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) il-ġdid tal-UE, se jiġu allokati sa EUR 7 biljun għall-implimentazzjoni tiegħu bejn l-2021 u l-2027, li jistgħu jużaw sa EUR 30 biljun f'investiment pubbliku u privat fir-reġjun matul l-għaxar snin li ġejjin. Permezz tal-NDICI, l-UE se tagħti spinta wkoll lill-investiment sostenibbli fl-ambitu tal-EFSD+ billi tuża kapital li jikkomplementa l-għotjiet diretti ta' kooperazzjoni esterna. L-EFSD+ se jkun appoġġjat minn Garanzija għall-Azzjoni Esterna ta' EUR 53 400 miljun, li se tkopri wkoll il-Balkani tal-Punent.

2.4. L-aġenda l-ġdida tiffoka fuq ħames oqsma ta' politika:

— l-iżvilupp tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt;

— ir-reżiljenza, il-prosperità u t-tranżizzjoni diġitali;

— il-paċi u s-sigurtà;

— il-migrazzjoni u l-mobbiltà;

— it-tranżizzjoni ekoloġika.

## 3. **Sfond għall-Isħubija Mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar — Aġenda Ġdida għall-Mediterran**

3.1. Ħamsa u għoxrin sena wara d-Dikjarazzjoni ta' Barċellona, l-Aġenda l-ġdida, ambizzjuża u innovattiva għall-Mediterran tipproponi li terġa' titnieda s-sħubija Ewro-Mediterranja.

— 2004: Tnedija tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV)

— 2008: It-twelid tal-Unjoni għall-Mediterran bħala organizzazzjoni intergovernattiva

— 2015: Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li jistabbilixxi l-istabbilizzazzjoni u s-sigurtà bħala l-objettivi ewlenin tal-politika

— 2020: Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Patt ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

3.2. Id-dokument ta’ ħidma dwar il-Pjan ta’ Investiment għall-Viċinat tan-Nofsinhar fih proposti konkreti għal inizjattivi f’erbgħa mill-ħames oqsma ta’ prijorità. Il-pjan ta’ investiment huwa maħsub b’mod espliċitu biex jiġi żviluppat f’kooperazzjoni mal-Istati Membri, possibbilment permezz ta’ programmazzjoni konġunta. Huwa essenzjali li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali jiġu involuti fil-proċess ta’ programmazzjoni. Bl-istess mod, il-pjan ta’ investiment għandu jkun aċċessibbli għal dawn l-atturi soċjali.

## 4. **L-iżvilupp tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt**

4.1. Il-promozzjoni tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi msieħba hija essenzjali. L-organizzazzjonijiet soċjali, speċjalment it-trade unions, għandhom rwol ċentrali f’dan. Dan jiżgura li d-drittijiet soċjali u tal-ħaddiema jiġu infurzati. Fir-reġjun, għandu għalhekk jiġi promoss it-“tkabbir ekonomiku sostenibbli” ([1]). L-UE jista’ jkollha rwol kruċjali f’termini ta’ titjib tal-ambjent tan-negozju biex tippermetti lill-kumpaniji privati jistabbilixxu ruħhom u jiffjorixxu, u biex tiġi evitata l-burokrazija u jiġi ffaċilitat it-twaqqif ta’ negozji ġodda. F’dan ir-rigward, in-negozji, speċjalment l-SMEs, jistgħu ġenwinament jirnexxu u għandhom joħolqu wkoll impjiegi ta’ kwalità tajba li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-kawżi soċjali tal-migrazzjoni mhux mixtieqa, b’mod partikolari.

4.2. Barra minn hekk, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet soċjali u tax-xogħol, id-djalogu soċjali u l-aċċess ugwali għall-ġustizzja jippromovu l-paċi, il-prosperità inklużiva u l-istabbiltà. Il -KESE jħeġġeġ impenn akbar għall-konsiderazzjoni tar-regoli tal-ILO ([2]) u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom fil-pajjiżi msieħba abbażi tal-Aġenda 2030. It-tnaqqis tal-burokrazija huwa essenzjali biex titjieb il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba.

4.3. Eżempju tajjeb tal-approċċ ta’ governanza tajba fir-reġjun huwa enfasi ċara fuq l-appoġġ tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) bħala forum għall-iskambju u l-kooperazzjoni. F’Settembru 2020, il-KESE ġedded il-Memorandum ta’ Qbil tiegħu, filwaqt li ngħaqdu flimkien bil-għan li jiżdied l-involviment tal-partijiet ikkonċernati ekonomiċi u soċjali mill-pajjiżi tal-UgħM sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-dikjarazzjoni ta’ Pariġi tal-2008 dwar il-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili.

4.4. Il-KESE jħeġġeġ il-kooperazzjoni mal-imsieħba tan-Nofsinhar, biex jiġi promoss it-twaqqif ta’ ambjenti ta’ informazzjoni b’saħħithom u libertà tal-midja bħala miżuri biex jiġu indirizzati d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni. Huwa importanti li tiġi promossa governanza tajba, permezz ta’ amministrazzjoni pubblika effettiva, ġusta u trasparenti, ġlieda aktar deċiżiva kontra l-korruzzjoni u aċċess ugwali għall-ġustizzja.

## 5. **Tisħiħ tar-reżiljenza, bini tal-prosperità u ħtif tat-tranżizzjoni diġitali**

5.1. Il-Komunikazzjoni tipproponi li tgħin lill-imsieħba tan-Nofsinhar “[jieħdu] vantaġġ mit-trasformazzjoni diġitali u [jsiru] kompetitur[i] fl-ekonomija diġitali globali”. Il-ħiliet tal-ħaddiema, ta’ dawk li jaħdmu għal rashom, u tal-imprendituri għandhom jiġu promossi b’mod speċifiku sabiex ikunu adattati għat-trasformazzjoni diġitali fid-dinja tax-xogħol ([3]).

5.2. Il-kummerċ u l-investiment jikkontribwixxu għall-iżvilupp tar-reġjun. L-appoġġ għall-integrazzjoni tal-pajjiżi tal-Afrika ta’ Fuq fiż-Żona ta’ Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana (AfCFTA) huwa milqugħ. Madankollu, jeħtieġ li jiġi promoss ukoll in-networking ekonomiku reġjonali bejn il-pajjiżi msieħba tal-Afrika ta’ Fuq. It-tneħħija tal-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ (ostaklu ewlieni għall-integrazzjoni kummerċjali fir-reġjun) għandha tiġi promossa f’dan is-sens, filwaqt li jitqiesu l-asimmetriji ekonomiċi eżistenti. Pereżempju, in-negozjati tal-UE mat-Tuneżija u l-Marokk — DCFTA — waqfu minħabba li l-asimetriji eżistenti mhumiex meqjusa biżżejjed ([4]).

([1]) L-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli, Għan 8: Xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku.

([2]) Kif stabbilit fil-Konvenzjonijiet ewlenin, u b’mod partikolari d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO tal-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali (Punt 2.2 tal-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar *Id-diliġenza dovuta obbligatorja* (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 136)).

([3]) Punti 2.4.1 u 2.4.4 tar-Rapport ta’ informazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *Id-diġitalizzazzjoni u l-SMEs fir-Reġjun tal-Mediterran* (REX/519).

([4]) Punti 3.2.9 u 4.1.2 tal-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *L-UE u l-Afrika: Nagħmlu s-sħubija għall-iżvilupp ugwali realtà abbażi tas-sostenibbiltà u l-valuri komuni* (ĠU C 429, 11.12.2020, p. 105), u punti 4.1 u 6.1 tal-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *L-għajnuna esterna, l-investiment u l-kummerċ bħala strumenti biex jitnaqqsu r-raġunijiet għall-migrazzjoni ekonomika, b’enfasi speċjali fuq l-Afrika* (ĠU C 97, 24.3.2020, p. 18).

5.3. Qed issir enfasi partikolari fuq l-għoti ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ permezz ta' programmi ta' appoġġ għall-impjiegi u l-edukazzjoni, b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-aċċess għall-finanzi, speċjalment għall-SMEs, bil-bosta l-akbar impjegaturi fir-reġjun, permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji ġodda bħall-kapital ta' riskju. Barra minn hekk, huwa mixtieq li jiġu stabbiliti mekkaniżmi għat-tranżizzjoni mill-ekonomija informali għal dik formali, abbażi tal-impjieg indipendenti u impjiegi ta' kwalità tajba.

5.4. Il-KESE jqis it-taħriġ edukattiv u vokazzjonali, kif ukoll l-iskemi Mediterranji tal-Erasmus+, bħala prijorità għaż-żgħażagħ, opportunità għall-impjieg, li jippromovu t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol. L-infrastruttura diġitali hija prijorità għar-reġjun u l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq ix-xogħol fil-forma ta' telexogħol jagħti lill-ħaddiema aktar awtonomija u bilanċ bejn il-ħajja professjonali u privata tagħhom ([5]).

5.5. L-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u l-użu tat-teknoloġija diġitali fl-infurzar tal-liġi "b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili" huwa ta' tħassib, minħabba n-nuqqas ta' trasparenza fil-passat fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun.

## 6. **Paċi u sigurtà**

6.1. Il-kunflitti interni u t-tilwim reġjonali, li għadhom għaddejjin fir-reġjun, (is-Saħara tal-Punent, il-Libja, l-Iżrael/il-Palestina, is-Sirja) jirrappreżentaw sfida ewlenija. Il-Komunikazzjoni tenfasizza l-importanza li r-relazzjonijiet bejn l-Iżrael u xi Stati Għarab jiġu normalizzati biex jitnedew inizjattivi ġodda. Il-KESE jqis li d-djalogu soċjali bejn kulturi u ċivilizzazzjonijiet differenti u r-rispett reċiproku huma bażi għall-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità kondiviża fir-reġjun.

6.2. Il-ġlieda kontra l-estremiżmu, ir-radikalizzazzjoni, iċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità organizzata għandha tirrispetta l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari. L-istat ta' emerġenza huwa miżura eċċezzjonali, li matulha d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini jridu jkomplu jiġu rrispettati bis-sħiħ.

6.3. Il-Komunikazzjoni twiegħed li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja bejn l-UE u l-pajjiżi tas-sħubija tan-Nofsinhar fl-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u, ukoll billi tinnegozja ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-ġirien individwali tan-Nofsinhar. Minħabba l-istorja twila ta' kooperazzjoni, id-dikjarazzjoni li l-UE se "timpenja ruħha mas-sħab tan-Nofsinhar sabiex tiżgura li s-sistemi tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji tagħhom jissodisfaw standards għoljin ta' protezzjoni tad-data u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem" hija pass 'il quddiem f'termini ta' approċċi konġunti.

## 7. **Il-migrazzjoni u l-mobbiltà**

7.1. Id-dispożizzjonijiet tal-Komunikazzjoni dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni jqajmu l-possibbiltà li l-assistenza finanzjarja tista' tiddependi, tal-anqas parzjalment, fuq il-kooperazzjoni f'dan il-qasam. Il-KESE jappoġġja l-fatt li l-UE se taħdem b'mod attiv biex tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat permezz tar-riżoluzzjoni tal-kunflitti u billi tindirizza l-isfidi soċjoekonomiċi aggravati mill-COVID-19 b'soluzzjonijiet imfassla apposta adattati għall-imsieħba tan-Nofsinhar tal-Mediterran. Il-konformità mad-drittijiet tal-bniedem (il-Konvenzjoni ta' Ġinevra) hija l-bażi ta' kull kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni. Nuqqas ta' rieda għall-kooperazzjoni tista' tiġi indirizzata biss permezz ta' "inċentivi" ([6]).

7.2. Il-Komunikazzjoni tipproponi li jiġu promossi "Sħubijiet ta' Talent", ippreżentati fil-Patt il-Ġdid tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Jidher li l-istrument il-ġdid għandu l-għan li jrawwem il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Dan jista' jkun qasam potenzjali għar-rabta bejn it-taħriġ vokazzjonali, in-networking tan-negozju, il-ktajjen ta' valur interreġjonali u l-migrazzjoni ċirkolari għall-benefiċċju tan-nies u l-ekonomiji fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran. Fi kwalunkwe każ, dawn il-pjani għandhom jiġu rrikonċiljati mal-ħtieġa li jinżammu biżżejjed ħaddiema tas-sengħa fil-pajjiżi msieħba, li hija essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tagħhom.

---

([5]) Punti 1.12 u 2.2.7 tar-Rapport ta' informazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *Id-diġitalizzazzjoni u l-SMEs fir-Reġjun tal-Mediterran* (REX/519).

([6]) Intervista mal-espert tal-migrazzjoni Gerald Knaus: https://www.dw.com/de/knaus-eu-migrationspakt-ist-unrealistisch/a-55058035

8. **It-tranżizzjoni ekoloġika: ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, l-enerġija u l-ambjent**

8.1. Il-Komunikazzjoni tirrikonoxxi l-potenzjal tal-Viċinat tan-Nofsinhar għall-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli, speċjalment l-enerġija mix-xemx u mir-riħ, u l-produzzjoni tal-idroġenu, li hija tqis bħala "prijorità strateġika ġdida". Il-potenzjal huwa marbut b'mod ċar mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-integrazzjoni dejjem tikber tal-prijoritajiet tal-iżvilupp sostenibbli fil-kooperazzjoni globali internazzjonali. F'dan il-kuntest, il-KESE jinnota li, minbarra l-proġetti (internazzjonali) fuq skala kbira, huwa essenzjali li jiġu appoġġjati proġetti b'impatt soċjoekonomiku lokali dirett.

8.2. Is-sejħa għall-Patt Ekoloġiku Ewropew għandha tiġi applikata biex iġġib benefiċċji partikolari għall-agrikoltura, settur essenzjali għall-ekonomiji tal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi barra mill-UE, b'inizjattivi mmirati biex jiskopru mill-ġdid u jipproteġu l-Baħar Mediterran. L-Ekonomija Blu tirrappreżenta għodda b'saħħitha għall-ġestjoni tal-assi komuni tal-Mediterran, u l-KESE jenfasizza l-ħtieġa li titqies id-dikjarazzjoni Ministerjali tal-UgħM dwar ekonomija blu sostenibbli fil-Punent tal-Mediterran.

8.3. Il-KESE jqis partikolarment pertinenti l-konklużjonijiet tal-ewwel rapport evalwat fil-Mediterran mill-MedECC, sponsorjat mill-UgħM, dwar l-impatt fuq it-tibdil fil-klima u fl-ambjent u l-konsegwenzi tiegħu fir-reġjun, li jippromovi oqsma għal kooperazzjoni konġunta bejn iż-żewġt ixtut, li jiffaċċjaw sfidi komuni f'termini ta' reżiljenza sostenibbli u klimatika, biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal ekonomija ekoloġika, blu u ċirkolari fir-reġjun.

9. **L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, il-persuni LGBTIQ+ u l-persuni b'diżabilità fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran**

9.1. Movimenti nazzjonalisti estremi tal-lemin madwar l-Ewropa u movimenti konservattivi u Iżlamiċi fuq ix-xatt tan-Nofsinhar, kemm bl-użu tal-lingwa tradizzjonali kif ukoll dik reliġjuża, dan l-aħħar qed jirreaġixxu dejjem aktar kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

9.2. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-UgħM li tistabbilixxi mekkaniżmi ta' monitoraġġ volontarju għall-impenji li ħadu l-gvernijiet fir-reġjun dwar l-istandards tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-forma ta' indikaturi konkreti.

9.3. Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet tagħmel is-sitwazzjoni agħar. L-ewwel nett, il-gvernijiet illiberali u awtokratiċi ħadu l-opportunità li jkomplu bl-attakki tagħhom fuq id-drittijiet tan-nisa u tal-LGBTIQ+. It-tieni, diversi miżuri governattivi implimentati b'reazzjoni għall-pandemija aggravaw b'mod effettiv il-kundizzjonijiet tal-għajxien tan-nisa, tal-persuni LGBTIQ+ u tal-persuni b'diżabilità, li jagħmilha essenzjali li jiġu promossi inizjattivi għall-ħarsien tad-drittijiet ta' dawn il-gruppi u l-parteċipazzjoni soċjoekonomika, ċivika u politika tagħhom.

9.4. L-Unjoni Ewropea għandha tintensifika l-isforzi u l-kooperazzjoni tagħha fil-prattika biex tiżgura li d-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTIQ+ jiġu rrispettati mingħajr eċċezzjoni, li qatt ma jkunu soġġetti għall-prosekuzzjoni kriminali u li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika [7].

9.5. Għalkemm ħafna pajjiżi msieħba ffirmaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, għad hemm ħtieġa kbira ta' titjib fis-sitwazzjonijiet tal-għajxien tagħhom. Għalhekk, l-Unjoni Ewropea għandha timpenja ruħha b'mod speċjali għall-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità kif stabbilit fil-Konvenzjoni tan-NU.

Brussell, is-7 ta' Lulju 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

---

(7) Punt 1.11 tal-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025* (ĠU C 286, 16.7.2021, p. 128).

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima — L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima"**

*(COM(2021) 82 final)*

(2021/C 374/14)

Relatur: **Dimitris DIMITRIADIS**

Korelatur: **Kęstutis KUPŠYS**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 26.3.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent |
| Adottata fis-sezzjoni | 23.6.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 7.7.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 562 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 229/3/12 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jappoġġja bil-qawwa l-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima bħala pass kruċjali biex tintlaħaq il-mira tal-Patt Ekoloġiku Ewropew għan-newtralità klimatika u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima sal-2050. Madankollu, il-Kumitat xtaq jara l-oqsma ta' azzjoni proposti mhux biss deskritti f'termini ġenerali, iżda wkoll li jiġu ċċarati b'eżempji konkreti. Jeħtieġ li n-nies jingħataw stampa aktar ċara ta' kif jistgħu jkunu l-bidliet.

1.2. Ir-riskju ta' danni ekonomiċi u telf ta' ħajja minħabba ż-żieda fil-frekwenza u l-intensità ta' effetti tat-temp estremi relatati mal-klima se jkompli. Daqstant importanti huwa r-riskju li kemm l-impatti tat-tibdil fil-klima kif ukoll l-isforz ta' adattament għat-tibdil fil-klima jistgħu jaggravaw l-inugwaljanzi eżistenti. L-adattament, b'ekwità fil-qalba tiegħu, huwa għalhekk essenzjali biex jiġu protetti l-ħajja, l-impjieg u l-għajxien taċ-ċittadini Ewropej, speċjalment ta' dawk aktar vulnerabbli, u li tradizzjonalment jintlaqtu aktar mit-tibdil fil-klima.

Fil-qafas ta' tranżizzjoni ġusta, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaqdu rwol ewlieni. B'mod partikolari, l-involviment tal-imsieħba soċjali jrid jiġi żgurat sabiex jiġu implimentati b'suċċess l-adattamenti fid-dinja tax-xogħol u sabiex jinżammu kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti permezz tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv.

1.3. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija, kif ukoll il-Patt Ekoloġiku Ewropew, għandha tkun ibbażata fuq approċċ sistemiku, li jaspira li jindirizza simultanjament diversi objettivi u jippromovi strumenti ta' politika u soluzzjonijiet teknoloġiċi li jistgħu jintużaw fis-setturi varji tal-ekonomija.

1.4. B'mod partikolari, il-Kumitat jitlob "enfasi ugwali" fuq il-finanzjament tal-mitigazzjoni u l-adattament. Huwa kruċjali li l-politiki kollha dwar it-tibdil fil-klima fil-livelli kollha jikkombinaw l-istrateġiji ta' mitigazzjoni u adattament.

1.5. Il-KESE jħoss il-ħtieġa ta' linji gwida, miri u għodod ta' monitoraġġ, punti ta' riferiment u indikaturi speċifiċi għall-adattament sabiex jgħinu biex tiġi pprovduta t-trasparenza fl-allokazzjoni tar-riżorsi, jiġu antiċipati u ġestiti l-impatti tat-tibdil fil-klima u jiġi vvalutat il-progress tal-adattament għat-tibdil fil-klima, filwaqt li tinbena l-kapaċità lokali, nazzjonali u reġjonali għall-użu ta' dawn l-għodod kollha.

1.6. Il-KESE jqis is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, il-bijoekonomija u t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari bħala approċċi essenzjali ta' adattament għall-klima u, fl-istess ħin, bħala opportunità għall-UE biex tirkupra b'mod sostenibbli mil-lat ambjentali u soċjali.

1.7. Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tfittex allinjament aħjar tal-politiki ta' adattament għat-tibdil fil-klima mal-ġustizzja tal-klima fil-ħidma futura fir-rigward tal-politika dwar l-adattament. Il-Kumitat jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima jista' jkollu impatti soċjali, ekonomiċi, tas-saħħa pubblika u impatti negattivi oħra differenti fuq il-komunitajiet u jirrakkomanda li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi eżistenti direttament permezz ta' strateġiji ta' mitigazzjoni u adattament fit-tul, sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

1.8. Sabiex tappoġġja lin-negozji fl-adattament tagħhom stess u fl-isforzi tagħhom biex jipprovdu lis-soċjetà soluzzjonijiet ta' adattament, l-UE jeħtieġ li tkompli tippermetti u tinkoraġġixxi l-kundizzjonijiet għall-innovazzjoni, għall-investiment u għall-kummerċ li jsaħħu l-iżvilupp sostenibbli. L-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ispejjeż marbuta miegħu għandhom ikunu wkoll parti integrali mill-istrateġija industrijali tal-UE.

1.9. Il-KESE jemmen li l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd huma fost l-aktar negozji affettwati direttament. Fl-istess ħin, madankollu, dawn jistgħu jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet ta' adattament, is-sekwestru tal-karbonju u s-sigurtà tal-ikel. Riċerka u innovazzjoni intensivi, kif ukoll premjijiet għall-ħolqien ippruvat ta' bjar tal-karbonju, huma meħtieġa biex jappoġġjaw lil dawn is-setturi.

1.10. It-telf ekonomiku medju annwali minn diżastri relatati mal-klima huwa ta' mijiet ta' biljuni ta' dollari. Ir-rapport tan-NU dwar Human Cost of Disasters (Il-prezz uman tad-diżastri) jagħti stampa allarmanti: fl-aħħar għoxrin sena, ġew irreġistrati 7 348 avveniment ta' diżastru, id-diżastri kkawżaw madwar 1,23 miljun mewta, u affettwaw lil total ta' aktar minn 4 biljun persuna (ħafna minnhom f'aktar minn okkażjoni waħda). Barra minn hekk, id-diżastri ħolqu telf ekonomiku ta' madwar USD 2,97 triljun madwar id-dinja. Hemm diversi sorsi ta' finanzjament tal-UE disponibbli għall-finanzjament tal-adattament: il-baġit tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-QFP u n-NextGenerationEU. Il-KESE jitlob aktar ċarezza dwar l-għażliet differenti, kif ukoll proċeduri faċli għall-utent biex jiġi żgurat aċċess f'waqtu għall-finanzjament f'livell prattiku. Barra minn hekk, l-abolizzjoni tas-sussidji għall-fjuwils fossili u r-riformi fiskali ekoloġiċi jistgħu jirrilaxxaw riżorsi konsiderevoli mill-baġits pubbliċi, jindirizzaw inkonsistenzi sistemiċi, u jiġġeneraw dħul ġdid biex jiffinanzja l-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-KESE jikkritika l-fatt li għad irid jiġi ppreżentat pjan direzzjonali speċifiku għat-tneħħija tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

1.11. Il-KESE jitlob ukoll miżuri li jagħmlu t-twassil tal-investimenti fl-industrija tal-fjuwils fossili l-anqas strateġija favorevoli għall-istituzzjonijiet finanzjarji, u li joħolqu inċentiv għall-allokazzjoni ta' flussi finanzjarji privati għal attivitajiet li jappoġġjaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. Dan huwa importanti għall-investimenti kemm fl-UE kif ukoll barra minnha; sabiex l-Unjoni tkun istituzzjoni globali li tistabbilixxi l-istandards fil-qasam tal-finanzi sostenibbli, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi miri ambizzjużi u ssegwi l-prinċipji bbażati fuq ix-xjenza u n-newtralità teknoloġika, inkluż fit-Tassonomija tal-UE.

1.12. L-Istrateġija tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' finanzjament internazzjonali addizzjonali għall-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż minn sorsi pubbliċi; madankollu, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiċċara kif se tneħħi eżattament l-ostakli relatati mal-aċċess għall-finanzjament għall-pajjiżi, għall-komunitajiet u għas-setturi l-aktar vulnerabbli fuq livell globali u kif se tinkludi proposti għall-integrazzjoni tal-ġeneri u l-indirizzar tal-inugwaljanzi fil-livell reġjonali u lokali.

1.13. Jeħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċjali mill-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali fid-diversi forom tagħha, inklużi s-sħubijiet ta' investiment, kummerċ u innovazzjoni, bil-għan li jissaħħu l-miżuri ta' adattament fuq livell globali u speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

1.14. B'mod ġenerali, il-Kumitat iqis l-Istrateġija bħala bażi għal inizjattiva legalment vinkolanti, li tobbliga lill-Istati Membri jiżviluppaw pjani u strateġiji nazzjonali ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima se tkun strumentali biex jinkisbu politiki vinkolanti relatati mal-klima.

1.15. Il-gvernijiet lokali u reġjonali, bħala l-awtoritajiet ta' implimentazzjoni għall-biċċa l-kbira tal-inizjattivi ta' adattament, għandhom jiġu appoġġjati b'riżorsi suffiċjenti biex tiġi żviluppata l-kapaċità f'dan il-qasam, inkluż fit-tfassil tal-politika ta' adattament.

## 2. **Sfond**

2.1. Il-Kummissjoni Ewropea adottat l-istrateġija l-ġdida tagħha tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fl-24 ta’ Frar 2021 ([1]). L-istrateġija l-ġdida tistabbilixxi kif l-Unjoni Ewropea tista’ tadatta għall-impatti tat-tibdil fil-klima u ssir reżiljenti għall-klima sal-2050.

2.2. L-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima bl-erba’ objettivi tagħha — biex l-adattament tal-Ewropa jsir aktar intelliġenti, aktar rapidu u aktar sistemiku, u biex tissaħħaħ l-azzjoni internazzjonali dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima — qed tintlaqa’ tajjeb mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bħala pass kruċjali fil-proċess importanti tat-tfassil tal-politika.

2.3. Fl-Istrateġija, li l-adattament isir aktar intelliġenti jfisser “it-titjib tal-għarfien u d-disponibbiltà tad-data, filwaqt li tiġi ġestita l-inċertezza inerenti li ġab miegħu t-tibdil fil-klima; l-iżgurar ta’ aktar data u ta’ data aħjar dwar ir-riskji u t-telf relatati mal-klima, u li Climate-ADAPT issir il-pjattaforma Ewropea awtorevoli għall-għarfien dwar l-adattament”. Li l-adattament isir aktar sistemiku tirreferi għall-“appoġġ għall-iżvilupp tal-politika fil-livelli kollha ta’ governanza, is-soċjetà u l-ekonomija u fis-setturi kollha billi jittejbu l-istrateġiji u l-pjani ta’ adattament; l-integrazzjoni tar-reżiljenza għall-klima fil-politika makrofiskali, u l-promozzjoni ta’ soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament”. Li jitħaffef l-adattament fl-oqsma kollha jinvolvi li “jitħaffef l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta’ soluzzjonijiet ta’ adattament; jitnaqqas ir-riskju relatat mal-klima; jitnaqqas id-distakk fil-protezzjoni tal-klima, u tiġi żgurata d-disponibbiltà u s-sostenibbiltà tal-ilma ħelu”.

2.4. It-telf ekonomiku medju annwali minn diżastri relatati mal-klima huwa ta’ mijiet ta’ biljuni ta’ dollari. Ir-rapporti juru ([2]) li jekk it-trajettorji attwali tal-emissjonijiet jippersistu, partijiet mill-Ewropa tan-Nofsinhar huma mistennija li jesperjenzaw avvenimenti estremi ta’ sħana darba kull sentejn u r-rendimenti tal-qamħirrum imsoqqi mix-xita huma mistennija li jonqsu b’50 %. Dawn l-impatti differenzjati jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta’ aktar diverġenza — minflok konverġenza — fl-UE. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li huwa ta’ importanza kbira li tiġi mifhuma u integrata r-rabta bejn l-aġendi ambjentali u tas-saħħa pubblika fit-tfassil tal-politika, filwaqt li jitqies li l-ġlieda kontra t-theddid tal-bijodiversità tista’ tgħin biex jitnaqqas ir-riskju ta’ mard żoonotiku u pandemiji fil-futur, u jiġi rikonoxxut li l-miżuri għall-irkupru mill-pandemija u l-miżuri ta’ adattament għat-tibdil fil-klima għandhom l-istess objettiv ta’ reżiljenza għall-futur ([3]).

2.5. L-Opinjoni tal-KESE dwar l-istrateġija għandha l-għan li tipprovdi perspettiva tas-soċjetà ċivili dwar l-objettiv tal-istrateġija u l-azzjonijiet li jsostnuha.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE jenfasizza li l-implimentazzjoni konġunta tal-SDGs, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Liġi dwar il-Klima, il-Patt Klimatiku, u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjani għall-Irkupru u r-Reżiljenza jeħtieġ li jiġu ffaċilitati kemm permezz tal-istrateġija ta’ mitigazzjoni tal-klima kif ukoll dik tal-adattament għall-klima. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, adottata fl-24 ta’ Frar 2021.

3.2. Il-KESE jenfasizza li, minkejja miżuri intensivi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, hemm ħtieġa urġenti u fit-tul ta’ adattament. Ir-riskju ta’ danni ekonomiċi u telf ta’ ħajja umana minħabba ż-żieda fil-frekwenza u l-intensità ta’ effetti estremi tat-temp relatati mal-klima se jkompli. Daqstant importanti huwa r-riskju li kemm l-impatti klimatiċi kif ukoll l-isforz ta’ adattament għat-tibdil fil-klima jistgħu jaggravaw l-inugwaljanzi eżistenti. L-adattament se jkun vitali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini Ewropej fir-rigward tas-sigurtà, ix-xogħol deċenti u l-għajxien reżiljenti.

3.3. Il-KESE jikkondividi t-tħassib tal-Kummissjoni dwar ir-riskji għas-saħħa li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u l-ħtieġa konsegwenti li dawn jinftiehmu aħjar, permezz tal-Pjattaforma Ewropea għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima Climate-ADAPT. Madankollu, kif enfasizzat kemm l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa kif ukoll ([4]) l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ([5]), hemm evidenza tal-impatt mhux ugwali tat-tniġġis ambjentali u d-degradazzjoni fuq komunitajiet soċjalment imċaħħda u gruppi vulnerabbli. Għalhekk, il-kunċett ta’ inugwaljanza ambjentali għandu jiġi inkorporat fil-politiki tal-Unjoni fid-dawl tad-dimensjoni soċjali tat-tibdil fil-klima.

---

([1]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2021:82:FIN
([2]) https://www.eea.europa.eu//publications/climate-change-impacts-and-vulnerability-2016
([3]) https://covid19commission.org/enhancing-global-cooperation
([4]) WHO Europe, 2019, Environmental Health inequalities resource package, l-Uffiċċju Reġjonali għall-Ewropa, Copenhagen.
([5]) Ir-rapport tal-EEA Nru 21/2019.

3.4. Il-Kumitat jinnota li, jekk jittieħdu l-miżuri t-tajbin, l-adattament se joħloq impatt li minnu jirbaħ kulħadd f'termini ta' evitar tat-telf minħabba t-tibdil fil-klima, il-ħolqien ta' benefiċċju ekonomiku, iż-żieda fil-ġustizzja soċjali, u t-titjib tas-sikurezza ambjentali.

3.5. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, kif ukoll l-EGD, għandhom ikunu parti minn approċċ sistemiku, li jaspira li jiġu indirizzati objettivi multipli u jiġu promossi strumenti ta' politika u soluzzjonijiet teknoloġiċi li jistgħu jintużaw fis-setturi varji tal-ekonomija. Għalhekk jinħtieġu metodu ta' analiżi sistemika komprensiva u l-għodod rilevanti għall-implimentazzjoni tiegħu biex jiġi żgurat li objettivi multipli jiġu indirizzati simultanjament.

3.6. Il-KESE jqis li hemm bżonn ta' linji gwida, miri u għodod ta' monitoraġġ, punti ta' riferiment u indikaturi speċifiċi għall-adattament sabiex jiġu antiċipati u ġestiti l-impatti tat-tibdil fil-klima u jiġi vvalutat il-progress tal-adattament għat-tibdil fil-klima.

3.7. Il-Kumitat jinnota li s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, il-bijoekonomija u t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari huma approċċi essenzjali ta' adattament għat-tibdil fil-klima u jirreferi għall-Opinjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-bijoekonomija [6] u t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari [7]. Barra minn hekk, il-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti, tal-ħamrija u tal-ilma jservu kemm għall-adattament kif ukoll għall-mitigazzjoni, kif ukoll jipprovdu l-bażi għal produzzjoni ta' ikel u bijomassa reżiljenti għat-tibdil fil-klima, newtrali għall-klima u sostenibbli.

3.8. Il-KESE jitlob "enfasi ugwali" fuq il-finanzjament tal-mitigazzjoni u l-adattament. Huwa kruċjali għall-politiki klimatiċi kollha fil-livelli kollha li jikkombinaw l-istrateġiji ta' mitigazzjoni u adattament, u l-KESE jitlob li jittieħdu aktar passi biex jiġi żgurat li dan il-prinċipju jiġi rrispettat, minħabba li l-mitigazzjoni tissalvagwardja kontra l-approfondiment tal-kriżi klimatika għall-ġenerazzjonijiet futuri, filwaqt li l-adattament jissalvagwardja lil ġenerazzjonijiet attwali u futuri mill-avvenimenti tat-temp estremi kkawżati mit-tibdil fil-klima li diġà jeżisti. Il-metodoloġija tal-UE tat-trekkjar tal-azzjoni klimatika tal-baġit tal-UE għandha tiġi mmodifikata biex issir distinzjoni espliċita bejn in-nefqa tal-adattament u tal-mitigazzjoni.

3.9. Pereżempju, l-Istati Membri tal-UE għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet inkarigati biex jeżaminaw mill-ġdid il-Pjani Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima li għandha ssir l-istess enfasi fuq l-istrateġiji ta' adattament u mitigazzjoni, minħabba ż-żieda fl-ambizzjoni klimatika tal-UE u l-impatt tal-COVID-19. Il-bliet u l-muniċipalitajiet għandhom ikunu involuti u appoġġjati wkoll, possibbilment permezz tal-Patt tas-Sindki, biex jintegraw l-adattament fil-pjani ta' mitigazzjoni tagħhom u joħolqu sinerġiji.

3.10. Il-KESE huwa konvint mill-ħtieġa ta' approċċ inklużiv għall-partijiet ikkonċernati fir-rigward tat-tfassil konġunt u l-iżvilupp konġunt tal-perkorsi ta' adattament rilevanti. Dawn il-pjani għandhom jinħolqu fuq bażi konġunta u b'mod integrat mal-perkorsi ta' mitigazzjoni rilevanti, peress li l-mitigazzjoni u l-adattament huma relatati ma' xulxin u jaffettwaw lil xulxin. Il-bini tal-kapaċitajiet u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku biex jiġu appoġġjati l-attivitajiet ta' adattament għandhom jiġu previsti għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi ż-żgħażagħ. Għaż-żgħażagħ, u speċjalment għat-tfal, se jkun kruċjali allinjament aħjar bejn is-sistema tal-edukazzjoni u l-ħtiġijiet ta' impjieg tar-"raba' rivoluzzjoni industrijali" li għaddejja bħalissa.

3.11. Filwaqt li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi u ambjentali, il-mitigazzjoni tal-impatti soċjali negattivi possibbli tal-politiki ta' adattament hija essenzjali biex jiġi żgurat appoġġ wiesa' għall-implimentazzjoni tal-istrateġija. Il-KESE jitlob li jitqiesu azzjonijiet addizzjonali speċifiċi għal gruppi vulnerabbli ta' partijiet ikkonċernati, b'enfasi partikolari fuq il-ġeneru, l-età u l-gruppi ta' minoranza.

3.12. Il-KESE jinnota li l-innovazzjoni fl-adattament u l-implimentazzjoni tiegħu jirrikjedu finanzi paċenzjużi, għal perjodu twil u strateġiċi, u li hemm rwol imprenditorjali sinifikanti għall-Istat biex jiffaċilita din il-paċenzja. L-ispejjeż assoċjati mal-politiki ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE se jkollhom jiġu minimizzati u kondiviżi bejn setturi differenti biex jiġi żgurat li l-gruppi tal-popolazzjoni b'introjtu baxx u l-komunitajiet vulnerabbli ma jġorrux sehem inġust tal-piż finanzjarju. Rapport tan-Network ta' Soluzzjonijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDSN) tan-NU dwar l-Ewropa [8] juri li għandhom jiġu stabbiliti kontromiżuri xierqa biex tiġi evitata kwalunkwe żieda fl-inugwaljanza u biex jiġi żgurat appoġġ usa' għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà.

(6) ĠU C 440, 6.12.2018, p. 45, ĠU C 240, 16.7.2019, p. 37, ĠU C 47, 11.2.2020, p. 58; ĠU C 110, 22.3.2019, p. 9.
(7) ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98; ĠU C 230, 14.7.2015, p. 99; ĠU C 14, 15.1.2020, p. 29; ĠU C 367, 10.10.2018, p. 97; ĠU C 345, 13.10.2017, p. 102.
(8) https://www.unsdsn.org/the-future-europe-wants-a-green-and-digital-job-based-and-inclusive-recovery-from-covid-19-pandemic

3.13. Hemm diversi fondi tal-UE disponibbli għall-finanzjament tal-adattament. Il-KESE jitlob aktar ċarezza dwar l-għażliet differenti, kif ukoll proċeduri faċli għall-utent biex jiġi żgurat aċċess f'waqtu għall-finanzjament f'livell prattiku għall-atturi.

3.14. L-iżvilupp u l-użu ta' għodod finanzjarji għall-politiki ta' adattament (sussidji, swaps ta' kreditu, bonds ta' adattament, tnaqqis ta' emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni/REDD, eċċ.) għandhom jissaħħu aktar. Sabiex tiżdied l-ambizzjoni globali tal-Istrateġija, huwa essenzjali li jiġi diskuss u mħeġġeġ l-użu ta' strumenti potenzjali ġodda bħal swaps ta' dejn għall-klima biex jiġu żgurati flussi finanzjarji għall-pajjiżi li jeħtieġu azzjoni immedjata.

3.15. Il-KESE jisħaq ukoll fuq l-importanza li jiġu integrati r-riskji u l-inċertezzi profondi (meta l-probabbiltajiet tal-avvenimenti ma jkunux magħrufa) relatati mad-diżastri naturali klimatiċi fil-mudelli u l-għodod użati għat-tfassil tal-politiki makrofiskali.

3.16. L-Istrateġija għandha tiġi segwita minn pjan iddettaljat li jispjega l-pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tiegħu fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż kif għandhom jiġu appoġġjati setturi differenti tal-ekonomija u s-soċjetà biex jiġu mifhuma u indirizzati r-riskji klimatiċi, b'attenzjoni speċjali mogħtija lis-setturi u lill-komunitajiet l-aktar vulnerabbli.

3.17. Il-koordinazzjoni tal-miżuri ta' adattament mal-programmi għall-irkupru tal-COVID-19 hija essenzjali fl-istadji tal-pandemija u ta' "wara l-pandemija".

## 4. **Kummenti speċifiċi**

*Il-miżuri fil-livell tal-UE*

4.1. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tfittex allinjament aħjar tal-politiki ta' adattament għat-tibdil fil-klima mal-ġustizzja klimatika. Biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima ħadd ma għandu jitħalla jibqa' lura u l-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli, li ħafna drabi jkunu l-anqas ippreparati u, f'ħafna każijiet, l-anqas responsabbli għall-istat attwali tal-klima, iridu jiġu indirizzati l-ewwel.

4.2. Fl-Ewropa, l-impatti tat-tibdil fil-klima se jolqtu lir-reġjuni ġeografiċi b'mod differenti. Għalhekk, ir-risponsi politiċi u l-isforzi ta' adattament għat-tibdil fil-klima jeħtieġ li jqisu dawn id-differenzi u l-karatteristiċi speċifiċi ta' diversi reġjuni.

4.3. Huwa kruċjali li jiġu stabbiliti l-indiċijiet ta' vulnerabbiltà lokali biex jiġu ggwidati l-istrateġiji ta' adattament, li għandhom jiġu żviluppati fi tliet dimensjonijiet: vulnerabbiltà ġeografika jew reġjonali; vulnerabbiltà settorjali jew ekonomika; u vulnerabbiltà soċjali.

4.4. L-istruttura eżistenti għall-proġetti ta' adattament spiss tagħmel enfasi fuq l-impatti tat-tibdil fil-klima aktar milli fuq il-kawżi ewlenin tal-vulnerabbiltà. Għalhekk, il-KESE jitlob integrazzjoni u mainstreaming profondi tal-ippjanar tal-adattament għat-tibdil fil-klima fil-politiki, fl-istrateġiji u fil-miżuri rilevanti kollha tal-UE.

4.5. Qabelxejn, huwa importanti li jsir investiment fit-tisħiħ tal-kapital uman, jiġifieri l-iffaċilitar tal-ħolqien ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi u soċjali u l-għoti ta' għarfien u l-provvista ta' għodod liċ-ċittadini Ewropej biex jippreparaw ruħhom b'mod adegwat għall-isfidi futuri marbuta mal-klima. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-edukazzjoni u lill-ħiliet ta' persuni li huma sottorappreżentati u marġinalizzati.

4.6. Huwa importanti wkoll li l-intrapriżi jiġu pprovduti għodod u appoġġ għall-valutazzjoni u l-ġestjoni tal-impatti tat-tibdil fil-klima. L-impatti fuq il-klima huma mmirati lejn l-industriji kollha, kemm direttament kif ukoll indirettament. L-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ispejjeż marbuta miegħu għandhom għalhekk ikunu parti integrali mill-poltika industrijali tal-UE u għandhom jitqiesu wkoll fl-għajnuna mill-Istat.

4.7. L-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd huma fost l-aktar negozji affettwati direttament. Fl-istess ħin, madankollu, dawn jistgħu jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet ta' adattament, is-sekwestru tal-karbonju u s-sigurtà tal-ikel. Riċerka u innovazzjoni intensivi, kif ukoll premjijiet għall-ħolqien ippruvat ta' bjar tal-karbonju, huma meħtieġa biex jappoġġjaw lil dawn is-setturi. Barra minn hekk, il-KESE jirrikonoxxi l-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-bidliet xprunati mill-klima fl-oċeani permezz ta' deċiżjonijiet flessibbli, adattivi u rapidi dwar il-ġestjoni tas-sajd bil-għan li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-produzzjoni tal-proteini tal-annimali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-Ewropa.

4.8. Id-diġitalizzazzjoni tipprovdi ħafna opportunitajiet għall-adattament għat-tibdil fil-klima, pereżempju fil-monitoraġġ, fl-immudellar, fil-produzzjoni u fil-komunikazzjoni, u għandha tintuża bis-sħiħ. Huma meħtieġa wkoll miżuri xierqa biex tiġi żgurata r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima tal-infrastruttura kritika madwar l-UE kollha bħall-enerġija, it-trasport u n-networks u s-sistemi diġitali.

4.9. Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura se jgħinu lill-UE sabiex tadatta għar-realtà l-ġdida tal-klima u jimminimizzaw l-impatti potenzjalment devastanti tat-tibdil fil-klima. Dawn jipprovdu mezz għall-UE biex tirkupra b'mod sostenibbli mil-lat ambjentali u soċjali. Il-KESE jitlob li jkun hemm viġilanza biex jiġi żgurat li l-komunitajiet lokali jkunu verament involuti fl-użu u t-tfassil tagħhom.

4.10. L-iżvestiment mill-fjuwils fossili u l-investiment fil-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima għandhom jimxu id f'id. Għalhekk, il-Kumitat iqis it-Tassonomija tal-UE għal finanzjament sostenibbli bħala għodda importanti li tippermetti lill-UE ssir aktar ambizzjuża fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, l-adattament tat-tassazzjoni ambjentali u t-trasferiment tat-taxxi mix-xogħol għall-użu tar-riżorsi naturali jistgħu jindirizzaw kemm inkonsistenzi sistemiċi u jiġġeneraw dħul ġdid għall-iffinanzjar tal-adattament, kif ukoll iħaffu l-iżvestiment minn attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

4.11. Il-KESE jieħu nota tal-ewwel sett ta' kriterji tekniċi għad-determinazzjoni tal-attivitajiet li jagħtu kontribut sostanzjali għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima ([9]). Huwa jitlob għal kriterji tat-tassonomija bbażati fuq ix-xjenza u teknoloġikament newtrali li se jagħmlu t-twassil tal-investimenti fl-industrija tal-fjuwils fossili l-anqas strateġija favorevoli għall-istituzzjonijiet finanzjarji u joħolqu inċentiv għall-allokazzjoni ta' flussi finanzjarji privati għal attivitajiet li jappoġġjaw il-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

4.12. B'mod ġenerali, il-Kumitat iqis l-Istrateġija bħala bażi għal inizjattiva legalment vinkolanti, li tobbliga lill-Istati Membri jiżviluppaw pjani u strateġiji nazzjonali ta' adattament għat-tibdil fil-klima.

*Miżuri fil-livell nazzjonali u subnazzjonali*

4.13. L-ewwel u qabel kollox, l-inerzja fil-livell nazzjonali għandha tingħeleb bl-għajnuna ta' tmexxija u responsabbiltà politika b'saħħitha, u l-involviment attiv tas-soċjetà ċivili. Sabiex dan iseħħ, l-Istati Membri għandhom jingħataw inċentivi biex b'mod ġenerali jagħtu prijorità għolja lill-Patt Ekoloġiku Ewropew, u b'mod partikolari, lill-kwistjonijiet tal-adattament għat-tibdil fil-klima meta jistabbilixxu l-objettivi politiċi tagħhom fuq perjodu ta' żmien twil — sal-2050 u lil hinn. Barra minn hekk, huma meħtieġa miri espliċiti marbuta mal-infiq għall-adattament u trasparenza biex jiġi evitat li l-adattament jiġi emarġinat. Il-metodoloġiji tat-trekkjar tal-azzjoni klimatika tal-baġit tal-Istati Membri għandhom jiġu mmodifikati biex issir distinzjoni espliċita bejn in-nefqa ta' adattament u ta' mitigazzjoni.

4.14. Il-Kumitat jemmen li huwa kruċjali għal kull membru tas-soċjetà li jara u jħoss kif il-miżuri ta' adattament jgħinuh itejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien partikolari tiegħu u jiffaċċja riskji futuri. Għalhekk, l-istrateġiji nazzjonali ta' adattament iridu jinkludu ż-żamma ta' appoġġ b'saħħtu għas-sigurtà soċjali bil-għan li tiġi ġestita t-tranżizzjoni imminenti.

4.15. Enfasi qawwija fuq l-implimentazzjoni ta' politiki moderni dwar l-innovazzjoni u l-intrapriżi orjentati lejn sistemi ta' produzzjoni aktar ekoloġiċi u aktar reżiljenti, u politiki attivi tas-suq tax-xogħol iffukati fuq il-ħolqien tal-impjiegi, il-ħiliet ġodda, it-taħriġ mill-ġdid u t-taħriġ għall-ħaddiema, huma meħtieġa biex jittejjeb l-adattament xieraq fil-livell nazzjonali. L-approċċ għandu jinvolvi b'mod attiv lill-ħaddiema fit-tfassil konġunt ta' programmi ta' bini tal-kapaċità.

4.16. Hemm bżonn ta' investiment ġdid fis-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura biex jiġu żgurati sistemi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u dawk diġitali reżiljenti għall-klima. L-ippjanar xieraq tal-użu tal-art huwa kruċjali wkoll minħabba li dan iservi bħala l-pedament għat-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tal-bini għall-estremitajiet tat-temp.

4.17. Għandhom jittieħdu kunsiderazzjonijiet relatati mal-ekwità għat-tassazzjoni ambjentali u mekkaniżmi ekonomiċi oħra għall-ġestjoni tal-ambjent, li jappoġġjaw inċentivi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jipprovdu dħul biex jappoġġjaw l-isforzi ta' adattament u jtaffu l-effetti regressivi ta' dawn il-politiki fuq gruppi ta' partijiet ikkonċernati affettwati b'mod sproporzjonat. L-istess jgħodd għas-sussidji għall-fjuwils fossili, li l-abolizzjoni tagħhom — li ġiet

([9]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=COM:2021:188:FIN

imwiegħda f'bosta okkażjonijiet — se tillibera riżorsi konsiderevoli mill-baġits pubbliċi, li min-naħa tagħhom jistgħu jintużaw għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-KESE jikkritika l-fatt li għad trid tiġi ppreżentata skeda ta' żmien għat-tneħħija tas-sussidji dannużi, minkejja li ilha tiġi diskussa għal aktar minn 30 sena.

*Il-kooperazzjoni internazzjonali u rwol globali tal-UE aktar b'saħħtu*

4.18. Il-KESE japprova l-ħtieġa li "insaħħu l-azzjoni internazzjonali għar-reżiljenza għall-klima", kif tgħid il-Kummissjoni, hekk kif naqblu mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li "l-ambizzjoni tagħna għall-adattament għat-tibdil fil-klima trid taqbel mat-tmexxija globali tagħna fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima".

4.19. Il-KESE jisħaq li, barra mill-UE, il-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw huma l-aktar milquta mill-impatti tat-tibdil fil-klima, kif ukoll huma aktar vulnerabbli għal xokkijiet ekonomiċi, inugwaljanzi u l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19.

4.20. F'konformità mal-Istrateġija ta' Sħubija UE-Afrika, il-KESE jirrakkomanda li jkun hemm ħidma mal-pajjiżi l-aktar mhedda fl-Afrika. Programmi, bħall-Patt tas-Sindki għall-Afrika sub-Saħarjana, li jippermettu lill-atturi lokali u nazzjonali jikkollaboraw dwar il-pjani ta' mitigazzjoni u adattament għandhom ikomplu jiġu appoġġjati. Kif tinnota l-Kummissjoni, il-Bank Dinji, elenka li fl-Afrika Sub-Saħarjana biss, it-tibdil fil-klima jista' jwassal biex sa 70 miljun persuna jemigraw sal-2050, b'implikazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali sinifikanti. Il-format tas-Sħubija tal-Lvant jipprovdi pjattaforma oħra għal azzjoni konġunta.

4.21. L-Istrateġija tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' finanzjament internazzjonali addizzjonali għall-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż minn sorsi pubbliċi, u se jkollha l-għan li żżid il-finanzjament għall-adattament permezz tal-istrumenti tal-UE għal azzjoni esterna. Madankollu, il-KESE jheġġeġ lill-Kummissjoni tiċċara kif eżattament se tneħħi l-ostakli għall-aċċess għall-finanzjament mill-pajjiżi, mill-komunitajiet u mis-setturi l-aktar vulnerabbli madwar id-dinja u kif se tinkludi proposti għall-integrazzjoni tal-ġeneri u l-indirizzar tal-inugwaljanzi. F'dan ir-rigward, il-finanzjament ibbażat fuq l-għotjiet għall-adattament għandu jkun essenzjali hawn.

4.22. Huwa importanti li jsiru disponibbli r-riżorsi meħtieġa għar-riċerka u biex ir-riżultati tar-riċerka jiġu implimentati. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi tan-"Nofsinhar Globali", li qed iwettqu ħafna proġetti promettenti biex jiġġieldu l-effetti tat-tibdil fil-klima. Huwa importanti li jiġi żgurat l-appoġġ finanzjarju u loġistiku meħtieġ għal dawn il-proġetti.

4.23. Sabiex il-finanzjament privat jaħdem għall-klima, għandha ssir enfasi partikolari fuq id-diżinċentivazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji privati mill-finanzjament ta' attivitajiet li jagħmlu ħsara lil hinn mill-fruntieri tal-UE, u l-orjentazzjoni mill-ġdid ta' dawk ir-riżorsi finanzjarji għal attivitajiet ta' adattament. L-UE jeħtiġilha tipparteċipa b'mod attiv fil-kooperazzjoni internazzjonali biex tiżviluppa tassonomija komuni u ttejjeb ir-rwol tagħha bħala istituzzjoni emerġenti li tistabbilixxi l-istandards għall-ambizzjoni ta' finanzi sostenibbli.

4.24. Il-KESE jemmen li sabiex jiġi appoġġjat it-tisħiħ tar-reżiljenza b'rispons għall-kriżijiet globali, l-UE għandha tavvanza pożizzjonijiet b'saħħithom dwar il-finanzjament ta' adattament matul in-negozjati. L-UE għandha tappoġġja l-kisba ta' bilanċ ta' 50 % fil-finanzjament tal-mitigazzjoni u l-adattament. Dan għandu jsir filwaqt li tinżamm ukoll enfasi fuq il-COP 26 ta' din is-sena.

4.25. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Adattament fil-Pjan Direzzjonali l-ġdid tal-Bank Klimatiku tal-Grupp tal-BEI irid jagħti attenzjoni speċjali biex jitheġġeġ l-investiment fl-adattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, mingħajr ma jkomplu jiżdiedu l-vulnerabbiltajiet tad-dejn.

4.26. L-adattament għat-tibdil fil-klima huwa wkoll kwistjoni ta' kummerċ u investiment dirett barrani. It-tibdil fil-klima jaffettwa pereżempju l-ktajjen tal-provvista globali, l-aċċess għall-materja prima barranija, u l-loġistika. Minkejja r-riskji, it-tibdil fil-klima jipprovdi opportunitajiet għall-intrapriżi tal-UE biex jipprovdu soluzzjonijiet ta' adattament għas-swieq globali. L-immaniġġjar tar-riskji u l-isfruttar tal-opportunitajiet jeħtieġ li jitqiesu u jiġu ffaċilitati mill-politika kummerċjali tal-UE. Il-kummerċ għandu jkun ukoll parti minn sħubijiet ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jittejbu l-possibbiltajiet ta' adattament tagħhom.

4.27. Il-Kumitat jinnota li l-momentum politiku globali attwali huwa mingħajr preċedent. Ir-rwol ta' tmexxija tal-Ewropa mhuwiex ikkontestat: il-Patt Ekoloġiku Ewropew kien l-ewwel impenn politiku mħabbar bil-livell it-tajjeb ta' ambizzjoni u direzzjoni. Is-Summit tal-President Joe Biden dwar it-tibdil fil-klima ([10]) f'April 2021 kien suċċess notevoli, u jirrappreżenta punt ta' bidla sinifikanti. L-akbar ekonomiji tad-dinja — l-Istati Uniti, iċ-Ċina, l-Unjoni Ewropea, il-Ġappun, ir-Renju Unit, l-Indja, il-Kanada, il-Korea, il-Brażil — fl-aħħar qed jallinjaw madwar l-għan tad-dekarbonizzazzjoni profonda. Il-KESE jirrikonoxxi li l-UE għandha tibni fuq dan il-momentum u ttejjeb l-isforzi globali biex tkompli l-ambizzjoni tal-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima allinjata ma' Pariġi.

*Ir-rwol tal-atturi tas-soċjetà ċivili*

4.28. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-adattament hija impossibbli mingħajr l-appoġġ attiv tal-atturi tas-soċjetà ċivili.

4.29. Għalhekk, il-perkorsi ta' adattament għandhom jiġu żviluppati b'mod konġunt mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha: dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-impjegaturi u l-ħaddiema, l-NGOs, is-settur finanzjarju, ix-xjenzati u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija. Is-soċjetà ċivili, fil-livell nazzjonali, reġjonali u, l-aktar importanti — minħabba n-natura lokali tal-politiki ta' adattament — fil-livell lokali, għandha tkun involuta fl-istadji kollha tal-ippjanar u tal-implimentazzjoni.

4.30. L-Istrateġija għandha tippromovi u tissorvelja wkoll l-involviment tal-imsieħba soċjali f'setturi differenti fil-livell Ewropew u fl-Istati Membri kollha, u tiżgura djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku b'saħħtu, kif ukoll tinkoraġġixxi n-negozjar kollettiv fejn ikun xieraq.

4.31. Għandhom jiġu żviluppati, stabbiliti u użati għodod għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati, inklużi dawk iffaċilitati mix-xjenza taċ-ċittadini.

4.32. Il-KESE jinnota li hemm bżonn li jiġu allokati riżorsi finanzjarji sinifikanti bil-għan li dawn l-għodod isiru operattivi, u dan jitlob tfassil xjentifiku tal-għodod u investiment fil-bini tal-kapaċitajiet.

4.33. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ukoll rwol importanti fis-sensibilizzazzjoni tas-soċjetà, inkluż dwar suġġetti relatati mad-drawwiet tal-konsum, l-użu tal-enerġija u t-trasport, u l-konservazzjoni tan-natura. Huma għandhom rwol importanti fil-mobilizzazzjoni tas-soċjetà, iwasslu messaġġi dwar il-protezzjoni tal-klima lin-nies u jipprovdu lill-pubbliku informazzjoni sabiex jappoġġjaw deċiżjonijiet dwar x'jista' jsir fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fl-adattament għalih.

4.34. L-aktar importanti, l-atturi tas-soċjetà ċivili huma dawk li jimplimentaw il-miżuri ta' adattament fil-prattika. Pereżempju, ħafna miżuri ta' adattament diġà jitwettqu minn negozji li għandhom bżonn jantiċipaw il-bidliet, pereżempju fid-domanda għall-prodotti, il-kundizzjonijiet tal-investiment u l-produzzjoni, u l-eliġibbiltà tal-assigurazzjoni. L-intrapriżi jiżviluppaw u jipprovdu wkoll lis-soċjetà soluzzjonijiet ta' adattament. Dan irid jiġi appoġġjat billi jiġu ffaċilitati u mħeġġa l-kundizzjonijiet għall-innovazzjoni, l-investiment u l-kummerċ.

4.35. L-impjegaturi u l-ħaddiema jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw l-isfidi u r-riskji li l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima joħolqu għall-postijiet tax-xogħol tagħhom, bħall-esponiment għal temperaturi għoljin, ir-radjazzjoni ultravjola naturali, u perikli oħra għas-saħħa u s-sikurezza kkawżati mit-tibdil fil-klima. Dawn għandhom ikunu involuti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' adattament fil-livelli kollha, b'enfasi speċjali fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

4.36. Il-konsum ta' materjali, prodotti u servizzi għandu impatt dirett fuq il-firxa tal-estrazzjoni tar-riżorsi naturali u l-livelli tal-emissjonijiet, b'implikazzjonijiet importanti għal limiti planetarji oħra. L-imġiba tal-konsumatur tista' tinfluwenza l-emissjonijiet u l-użu tar-riżorsi kemm direttament kif ukoll indirettament, u b'hekk ukoll il-firxa tat-tibdil fil-klima.

4.37. Madankollu, il-KESE jinnota li l-involviment attiv tal-konsumaturi mhuwiex soluzzjoni ta' "bakketta maġika", u lanqas ma huwa l-involviment ta' kwalunkwe msieħeb wieħed. Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih jirrikjedu sensibilizzazzjoni u impenn minn kulħadd fis-soċjetà, iffaċilitati mill-gvernijiet u minn oħrajn li jfasslu l-politika. L-azzjonijiet politiċi kuraġġużi u tranżizzjoni ekoloġika rapida se jkunu, qabelxejn, motivaturi ewlenin għall-iżvilupp sostenibbli u, b'mod partikolari, għas-suċċess tal-azzjoni ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima.

Brussell, is-7 ta' Lulju 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

([10]) Il-President tal-Istati Uniti tal-Amerka, Joe Biden u r-rappreżentant għall-klima, John Kerry, laqqgħu flimkien lil mexxejja dinjija li jirrappreżentaw 82 % tal-emissjonijiet tal-karbonju fid-dinja, 73 % tal-popolazzjoni dinjija u 86 % tal-output ekonomiku dinji biex jimpenjaw ruħhom għal azzjoni klimatika qawwija. Sors: https://ourworldindata.org/co2-emissions

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT